# Insiru Nafu lil Jesmond Grech:

# Studju ta' Awtur għad-Disa' Sena fl-Iskola Sekondarja

Francesca Marie Sacco

Teżi mressqa lill-Fakultà tal-Edukazzjoni
bi twettiq parzjali għall-grad
ta' Masters in Teaching and Learning
bi speċjalizzazzjoni fil-Malti
fl-Università ta' Malta

Ġunju 2023

L-Università ta' Malta

**University of Malta Library – Electronic Thesis & Dissertations (ETD) Repository**

The copyright of this thesis/dissertation belongs to the author. The author's rights in respect of this work are as defined by the Copyright Act (Chapter 415) of the Laws of Malta or as modified by any successive legislation.

Users may access this full-text thesis/dissertation and can make use of the information contained in accordance with the Copyright Act provided that the author must be properly acknowledged. Further distribution or reproduction in any format is prohibited without the prior permission of the copyright holder.

L-Università ta' Malta

**FAKULTÀ/ISTITUT/ĊENTRU/SKOLA** Il-Fakultà tal-Edukazzjoni

## DIKJARAZZJONI TA' STUDENTI POSTGRADWATI

### (a) L-Awtentiċità tad-Dissertazzjoni

Niddikjara li jien l-awtur/l-awtriċi leġittimu/a ta' din id-Dissertazzjoni u li hija x-xogħol oriġinali tiegħi.

Il-kodiċi tal-formula tal-Etika fir-Riċerka u l-Ħarsien tad-Data EDUC-2022-00121.

L-ebda parti minn dan ix-xogħol ma tressqet bħala sostenn ta' xi applikazzjoni għal grad jew kwalifika oħra f'din l-università jew kwalunkwe università jew istituzzjoni tal-edukazzjoni ogħla oħra.

Inżomm lill-Università ta' Malta mingħajr ħtija f'każ ta' talbiet minn terzi persuni b'rabta mal-ksur taddritt tal-awtur, ksur tal-kunfidenzjalità, malafama jew kull ksur ieħor tad-drittijiet tat-terzi persuni.

### (b) Il-Proċeduri tal-Kodiċi ta' Prattika għar-Riċerka u tal-Verifika tal-Etika fir-Riċerka

Niddikjara li mxejt mal-Proċeduri tal-Kodiċi ta' Prattika għar-Riċerka u tal-Verifika tal-Etika fir-Riċerka tal-Università.

Bħala student/a tal-Master, skont ir-Regolament 77 tar-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad , naqbel li jekk id-dissertazzjoni tiegħi tikseb il-Grad A, tkun aċċessibbli pubblikament fir-Repożitorju Istituzzjonali tal-Università ta' Malta.

# Is-Sinteżi

Insiru Nafu lil Jesmond Grech: Studju ta’ Awtur għad-Disa’ Sena fl-Iskola Sekondarja

Francesca Marie Sacco

Din id-dissertazzjoni tippreżenta studju ta’ awtur fuq Jesmond Grech, kittieb ta’ ġeneri letterarji varji b’temi qrib il-ħajja taż-żgħażagħ u b’valuri li jgħinuhom aktar ma jikbru. Fil-bidu tingħata ħarsa lejn xi prinċipji relevanti għall-istrutturar ta’ studju ta’ awtur, bil-kwalitajiet, il-benefiċċji u xi limitazzjonijiet tiegħu, fl-isfond ta’ eżempji lokali u internazzjonali. Huma mistħarrġa wkoll aspetti kardinali fit-tħejjija tal-istudju ta’ awtur dwar Grech, ewlenin fosthom: l-għażla tal-awtur u t-testi letterarji; il-ħoloq kurrikulari differenti; l-għanijiet u s-sekwenza tat-tnax-il lezzjoni mfassla b’reqqa. Il-kitbiet ta’ Grech mgħallma b’mod li jkun hemm bilanċ bejn stħarriġ kritiku strutturali u l-għoti tar-respons tal-istudenti. Barra minn hekk, il-lezzjonijiet jippreżentaw firxa ta’ attivitajiet u riżorsi, xi suġġerimenti għad-differenzjar, daqskemm jagħtu attenzjoni lill-assessjar formattiv u l-evalwar summattiv. Id-dissertazzjoni tagħlaq b’riflessjoni kritika tar-riċerkatriċi fuq il-proċess tat-tfassil tal-istudju ta’ awtur fuq Grech. Fl-aħħar, jingħataw għadd ta’ pariri ta’ fejda kieku dan il-proġett kellu jitwettaq fil-prattika u possibilment jiġi valutat ukoll. Bil-qari ta’ għażliet tax-xogħlijiet letterarji ta’ Grech, l-istudenti jiskopru kittieb validu ġdid u jkomplu jwessgħu l-esperjenza letterarja tagħhom.


Is-Superviżur: Dr Terence Portelli, B.Ed. (bl-Unuri), M.A., Ph.D (Birm.)　　Ġunju 2023


*Il-kliem ewlieni*: It-tagħlim tal-Malti; it-tagħlim tal-Letteratura Maltija fl-Iskola Sekondarja; Studju ta’ Awtur; Jesmond Grech; Analiżi Kritika Letterarja.

*Lill-ġenituri tiegħi,*

*Sonia u Stefan,*

*li b'paċenzja u bi mħabba kbira*

*dejjem kienu ta' spalla għalija*

# Ir-Radd ta' Ħajr

Nixtieq nibda billi nirringrazzja lis-superviżur tiegħi, Dr Terence Portelli, tal-paċenzja kollha tiegħu u ta' kemm dejjem kien ta' għajnuna għalija tul il-ħidma ta' din id-dissertazzjoni f'għamla ta' proposta pedagoġika b'rabta mat-tagħlim tal-Letteratura Maltija. Nirringrazzjah tas-suġġerimenti siewja u l-lehmiet oriġinali li tani għat-titjib ta' dan ix-xogħol. Nixtieq nuri l-apprezzament tiegħi għall-ħin li dejjem sab biex niddiskutu xi ideat u diffikultajiet, u għall-inkoraġġiment kontinwu tiegħu.

B'mod partikolari nixtieq inrodd ħajr lill-ġenituri tiegħi, Sonia u Stefan, u lil ħija Nathan, tal-inkoraġġiment li wrewni f'dak kollu li xtaqt nagħmel u għall-interess u għall-għajnuna li dejjem urew fl-edukazzjoni tiegħi. Ringrazzjament ieħor imur għan-nanniet tiegħi, Angela, Reno u Joseph, li emmnu fija matul l-istudji tiegħi sa mill-bidu nett. Minn qalbi, niżżi ħajr lill-għarus tiegħi Manuel, li dejjem kien għajn ta' kuraġġ, speċjalment fil-mumenti ta' prova u ta' qtigħ il-qalb. Nixtieq nirringrazzja lil sħabi tal-kors, partikolarment lil Shana u lil Kyleen, ta' kemm kienu lesti li jisimgħuni u ta' kemm nissluli tbissima fuq wiċċi.

Inrodd ħajr lil Erica Vella li qrat il-provi ta' dan ix-xogħol. Grazzi wkoll lill-għalliema kollha tiegħi, b'mod partikolari lill-għalliema tal-Malti, li sa minn ċkuniti servew ta' ispirazzjoni għalija u wittew it-triq għall-professjoni tiegħi.

Fl-aħħar, imma mhux l-inqas, nixtieq nirringrazzja lill-kittieb Jesmond Grech li, bix-xogħlijiet letterarji tiegħu kompla jsaħħaħ fija l-passjoni għall-qari u għal-Letteratura Maltija.

# Il-Werrej

Id-Dikjarazzjoni ta' Awtentiċità ..... ii

Is-Sinteżi ..... iii

Id-Dedika ..... iv

Ir-Radd ta' Ħajr ..... v

Il-Werrej ..... vii

Il-Lista ta' Tabelli ..... x

In-Nota ..... xii

Id-Daħla ..... 1

1. It-Tagħlim tal-Esperjenza Letterarja u l-Possibiltà ta' Studju ta' Awtur ..... 4

  1.1. Għaliex tiġi mgħallma l-letteratura fil-klassi? ..... 4

  1.2. Ir-respons, id-djalogu u d-diskussjoni ..... 5

  1.3. Erba' possibiltajiet varji ta' kif jista' jiġi organizzat is-sillabu tal-letteratura ..... 7

  1.4. Xi prinċipji ta' studju ta' awtur ..... 9

    1.4.1. Min hu l-awtur? ..... 9

    1.4.2. X'inhu studju ta' awtur u xi għanijiet ta' dan il-programm ta' studju ..... 10

    1.4.3. Struttura għal-lezzjoni ta' studju ta' awtur ..... 12

    1.4.4. L-għażla tal-awtur Jesmond Grech ..... 15

  1.5. L-għeluq ..... 18

2. Fil-Qalba ta’ Studju ta’ Awtur ........................................................................ 19

2.1. Xi prinċipji relevanti għat-tfassil ta’ studju ta’ awtur .......................................... 19

2.1.1. L-għażla tal-awtur........................................................................... 19

2.1.2. Aċċess għall-kotba tal-awtur ....................................................... 21

2.1.3. Aċċess għas-sit elettroniku tal-awtur .......................................... 22

2.1.4. L-għażla tat-testi letterarji għall-klassi.......................................... 23

2.1.5. It-tip ta’ tqassim ta’ studju ta’ awtur............................................ 25

2.1.6. Il-laqgħa tal-istudenti mal-kittieb ................................................ 26

2.1.7. L-assessjar matul studju ta’ awtur............................................... 27

2.1.8. L-evalwar wara dan il-programm ta’ tagħlim .............................. 29

2.2. Xi benefiċċji u limitazzjonijiet ta’ studju ta’ awtur .............................................. 30

2.2.1. Xi benefiċċji ta’ studju ta’ awtur.................................................... 30

2.2.2. Xi limitazzjonijiet ta’ studju ta’ awtur.......................................... 32

2.3. Eżempji ta’ studju ta’ awtur mix-xena internazzjonali ....................................... 32

2.4. Ħarsa kritika lejn xi teżijiet lokali dwar studju ta’ awtur..................................... 35

2.5. L-għeluq ........................................................................................... 37

3. It-Tħejjija għall-Istudju ta’ Awtur: ‘Insiru Nafu lil Jesmond Grech’............................ 39

3.1. L-ewwel ħsibijiet għat-tfassil tal-istudju ta’ awtur dwar Jesmond Grech ............ 39

3.2. Il-pjan ta' ħidma tal-istudju ta' awtur dwar Grech ........................................... 39

3.3. L-importanza tal-istudju ta' awtur u r-relevanza tiegħu fil-klassi Maltija ........... 41

3.3.1. Ir-rabta bejn *Il-Kurrikulu Nazzjonali* (2012) u studju ta' awtur ..................... 41

3.3.2. Il-qrubija bejn *L-Iskaluni għat-Tagħlim tal-Malti fis-Sekondarja* (2001) u studju ta' awtur ........................................................................................................ 43

3.3.3. Ir-rabta bejn *Is-Sillabu tal-Malti ĊES 22* (2021) u studju ta' awtur................ 44

3.3.4. Il-qrubija bejn *Il-Kisbiet mit-Tagħlim* (2021) u studju ta' awtur .................... 45

3.4. L-għanijiet tal-istudju ta' awtur dwar Jesmond Grech....................................... 47

3.5. Xi kriterji għall-għażla tat-testi letterarji mix-xogħlijiet ta' Grech ....................... 48

3.6. It-temi fil-kitbiet ta' Jesmond Grech ................................................................. 51

3.7. L-għeluq ........................................................................................................ 53

4. Diskussjoni dwar l-Istudju ta' Awtur: 'Insiru Nafu lil Jesmond Grech'....................... 54

4.1. Daħla għall-proġett ......................................................................................... 54

4.2. Il-pjan tal-lezzjonijiet........................................................................................ 54

4.3. It-tip ta' attivitajiet u taħriġiet........................................................................... 58

4.4. L-użu ta' riżorsi varji ........................................................................................ 61

4.5. Il-forom tal-assessjar u l-evalwar ..................................................................... 64

4.6. L-għeluq ........................................................................................................ 66

5. L-Evalwazzjoni u l-Mumenti fl-Għarbiel.................................................................. 68

5.1. Riflessjoni fuq l-istudju ta’ awtur bħala l-proġett ta’ din id-dissertazzjoni .......... 68

5.2. Evalwazzjoni fuq l-elementi ewlenin tal-proġett ............................................. 68

5.2.1. L-għanijiet tal-istudju ta’ awtur ................................................................. 69

5.2.2. Il-metodi tat-tagħlim użati tul l-istudju ta’ awtur ......................................... 69

5.2.3. Il-pjan tal-lezzjonijiet għall-istudju ta’ awtur ............................................... 70

5.2.4. Ir-riżorsi msawra għall-istudju ta’ awtur ..................................................... 70

5.2.5. L-assessjar u l-evalwar tal-istudenti mħaddma fl-istudju ta’ awtur ............. 71

5.3. Pariri lill-għalliema kieku kellu jitwettaq il-proġett ............................................ 72

5.4. Suġġerimenti li kieku kellu jiġi vvalutat il-proġett ............................................. 72

5.5. Xi suġġerimenti tal-proposta ta’ studju ta’ awtur ............................................... 74

5.6. Xi limitazzjonijiet fil-proċess tat-tħejjija tal-proġett ........................................... 75

5.7. Skop għal aktar riċerka ....................................................................................... 76

5.8. Mit-taħriġ għal fuq l-għatba tal-professjoni: X’tgħallimt minn din l-esperjenza . 77

Il-Lista ta’ Referenzi ................................................................................................. 79

Appendiċi A: Il-Lista ta’ Kotba ta’ Jesmond Grech ..................................................... 99

Appendiċi B: Il-Proġett ............................................................................................ 101

# Il-Lista ta’ Tabelli


Tabella 1.1: Xi għanijiet ta’ studju ta’ awtur ................................................................ 12

Tabella 1.2: Struttura għal-lezzjoni ta’ studju ta’ awtur ................................................. 13

Tabella 2.1: Tmien prinċipji relevanti għall-istrutturar ta’ studju ta’ awtur ................... 19

Tabella 2.2: Il-benefiċċji ta’ studju ta’ awtur ................................................................ 31

Tabella 2.3: Xi limitazzjonijiet ta’ studju ta’ awtur ......................................................... 32

Tabella 3.1: Is-sekwenza tal-lezzjonijiet fl-istudju ta’ awtur dwar Grech ........................ 40

Tabella 3.2: Il-ħoloq kurrikulari fis-sistema edukattiva Maltija u studju ta’ awtur .......... 41

Tabella 3.3: Ir-rabta bejn il-*Kurrikulu Nazzjonali* (2012) u studju ta’ awtur .................... 43

Tabella 3.4: L-*Iskaluni* (2001) marbuta mal-kunċett ta’ studju ta’ awtur ........................ 44

Tabella 3.5: Il-qrubija bejn il-*Kisbiet mit-Tagħlim* (2021) u studju ta’ awtur .................. 46

Tabella 3.6: L-għanijiet tal-istudju ta’ awtur dwar Jesmond Grech ................................ 47

Tabella 3.7: Il-ġeneri tal-qari fl-istudju ta’ awtur dwar Grech ........................................ 49

Tabella 3.8: It-temi u l-valuri tas-siltiet tal-qari fl-istudju ta’ awtur dwar Grech ............. 51

Tabella 4.1: Għażla ta’ attivitajiet u taħriġiet fl-istudju ta’ awtur dwar Grech ................ 58

Tabella 4.2: Għażla ta’ riżorsi użati fl-istudju ta’ awtur dwar Grech ............................... 61

# In-Nota

L-ismijiet tal-kotba ta' Jesmond Grech kif ukoll is-siltiet meħuda mill-kotba tiegħu bħala parti mill-proġett ta' din id-dissertazzjoni ġew aġġornati bl-iktar regoli riċenti tal-ortografija tal-Malti: *Deċiżjonijiet 1* (2008) u *Deċiżjonijiet 2* (2018).

# Id-Daħla

Sa minn ċkuniti kont dejjem tarani għaddejja bi ktieb f'idejja; bejn għax kont nieħu gost naqra, u bejn għax minn dejjem kont naspira li nsir għalliema, li ta' spiss jiġru bil-kotba u l-fajls tat-tagħlim tagħhom.

Meta kont immur f'xi librerija jew f'xi ħanut tal-kotba, għajnejja kienu dejjem jaqgħu fuq kotba tal-Ingliż, mhux tal-Malti. Kien hemm żmien li fih bdejt inbati fis-suġġett tal-Malti tal-iskola u għalhekk indunajt kemm il-qari bil-Malti huwa daqstant importanti daqs dak bl-Ingliż. Kienet ommi li bdiet tinkoraġġini naqra bil-Malti. Niftakarha tixtrili kotba bħal dawk ta' *Mid-Dinja ta' Fra Mudest* (Casha, 1997) u *Il-Praspar ta' Mastru Gerfex* (Cauchi, 2004), nintefgħu jien u hi fuq is-sufan: jien naqra biċċa u hi taqra biċċa. Aktar kemm beda jgħaddi żmien, aktar bdejt nissellef kotba bil-Malti mil-librerija tal-iskola u ta' spiss kont ninsab mitlufa f'xi ktieb jew nogħxa bid-daħq b'xi wieħed bħal *Darbtejn Insiru Tfal* (Casha, 2012) fuq it-taraġ li jagħti għal fuq.

Fi żmien l-iskola sekondarja, mhux talli għaraft l-imħabba li għandi għal-lingwi iżda kibret ukoll fjamma għal-letteratura meta bdejna nistudjaw il-poeżiji u n-novelli fl-antoloġija *Bejn Ħaltejn* (MATSEC, 2011). Il-passjoni għal-lingwi li kompliet tikber fil-postsekondarja wasslitni biex nagħżel il-kors tal-Baċellerat tal-Arti fil-Malti u l-Ingliż l-Università ta' Malta, li mbagħad fit-tieni sena bdejt nispeċjalizza fil-Malti. Tul il-kors faqqgħet il-pandemija tal-Covid-19. Għalkemm kulħadd kellu jqatta' ħafna ħin ġewwa 'l bogħod mill-klassi u minn kollox – tant li ħalliet impatt negattiv fuq il-livelli ta' qari u litteriżmu (Kuhfeld et al., 2020, p. 552) – dan għalija serva ta' ġid għax kelli aktar ħin

għall-qari. Meta ġejt biex nagħżel fuqiex se nagħmel it-teżi tal-Baċellerat, bla dubju għażilt il-letteratura, b'mod partikolari l-poeżija.

Minn ċkuniti xtaqt insir għalliema. Minħabba l-imħabba li kelli għall-Malti ddeċidejt li naqbad it-triq għal għalliema tal-Malti. Il-letteratura baqgħet għal qalbi u għal din ir-raġuni għażilt li din id-dissertazzjoni tiffoka fuq l-esperjenza letterarja fl-iskola sekondarja. Minn dak li ġarrabt bħala studenta u issa anki bħala studenta-għalliema, nemmen li hemm xi materjal fis-sillabu li ma jolqotx l-interessi tal-istudenti għax mhux la kemm jirrelataw miegħu. L-istudenti minn dejjem kienu jiġu esposti għall-istess awturi 'kbar', b'tali mod li oħrajn, anqas magħrufa, ma jinqraw qatt jew minn ftit.

Huwa proprju għalhekk li għal din id-dissertazzjoni ddeċidejt li nfassal studju ta' awtur li jiffoka fuq il-kontribut tal-kittieb Jesmond Grech. Għalkemm personalment xtaqt li ġejt introdotta għall-kitbiet ta' Grech fiż-żmien adolexxenti tiegħi, issa bħala studenta-għalliema nemmen li l-kotba tiegħu kapaċi jappellaw għall-interessi tal-istudenti, partikolarment dawk tad-disa' sena tas-sekondarja. Fil-fatt, l-istudju ta' Mifsud (2005, ara Appendiċi 9 u 14) juri li studenti Maltin tad-disa' sena diġà qegħdin jaqraw kotba ta' Grech bħal *Ġenerazzjoni Paceville* (1999b) u l-istess ktieb huwa rrakkomandat minnhom ukoll.

Id-dissertazzjoni se tieħu forma ta' proġett, li se jikkonsisti minn tnax-il pjan ta' lezzjoni li se jkopru għadd ta' ġeneri differenti li kiteb Jesmond Grech fosthom, il-poeżija, il-poema, ir-rumanz u l-mit. Ma' dawn se jitfasslu wkoll għadd ta' riżorsi li se jagħmlu l-lezzjonijiet aktar interattivi u interessanti. Għal kull lezzjoni se tintgħażel silta

letterarja jew poeżija li jenfasizzaw aspett letterarju partikolari bħat-tema, il-karattri, l-ambjent, l-esperjenzi tal-ħajja, l-emozzjonijiet, u l-forma. Madankollu, minnbarra l-proġett, se tingħata wkoll ħarsa kritika lejn studju ta' awtur u kif dan jista' jkun metodu ta' kif tiġi mgħallma l-letteratura lokalment fl-iskola sekondarja.

L-Ewwel Kapitlu

# It-Tagħlim tal-Esperjenza Letterarja

# u l-Possibiltà ta' Studju ta' Awtur

## 1.1. Għaliex tiġi mgħallma l-letteratura fil-klassi?

Għalkemm hemm għadd ta' studenti li jintilfu fil-qari u japprezzaw is-sbuħija tal-letteratura, għad hemm xi wħud li jaħsbu li l-letteratura hija inutli f'ħajjithom (Karakaya & Kahraman, 2013, p. 155). Iżda fil-verità, hemm bosta raġunijiet għaliex il-letteratura tiġi mgħallma fil-klassi.

Collie u Slater (1987, pp. 5-6) jispjegaw kif it-testi letterarji jistgħu jesponu problemi umani li wieħed jiltaqa' magħhom tul ħajtu. Il-qarrejja xorta jiltaqgħu ma' esperjenzi umani fid-dinja immaġinarja tal-kotba li twassalhom biex jirrelataw dak li hemm fit-test letterarju mal-ħajja reali (Cunningham, 2010, p. 116). Il-letteratura tgħin lill-individwu fl-iżvilupp tal-karattru u tal-identità morali tiegħu (Schwarz, 2008, p. 38; Cunningham, 2010, p. 115). Din għandha relevanza kulturali, u permezz tagħha l-qarrejja jistgħu jitgħallmu dwar il-ħsibijiet u l-valuri tal-kittieba u l-mod ta' kif kienu jħarsu lejn il-ħajja (Chambers & Gregory, 2006, p. 19; Schwarz, 2008, p. 38).

Skont Huemer (2007, p. 238), test letterarju jixpruna lill-qarrejja jaħsbu fuq il-modi differenti ta' kif tista' titħaddem il-lingwa. L-istudenti jistgħu jitgħallmu wkoll xi vokabularju ġdid: kemm letterarju u anki tal-ħajja ta' kuljum (Vanisree & Charyulu, 2015, p. 41; Dole et al., 1995, p. 460). Vischer Bruns (2011, p. 11) tispjega kif permezz

tal-letteratura, l-istudenti jitgħallmu għadd ta' ħiliet bħal, kif jinterpretaw, kif isolvu problema, kif jikkomunikaw bil-kitba u bil-fomm, jesprimu argument b'evidenza u jiżviluppaw il-ħsieb kritiku li jagħmlu parti mill-iżvilupp sħiħ tal-bniedem. Hu għalhekk li Freire (1983, p. 5) jemmen li l-qari qiegħed hemm biex iwessa' l-għarfien u l-esperjenzi tal-ħajja tal-bnedmin.

Fl-aħħar mill-aħħar, il-letteratura tista' tinqara għall-gost (Huemer, 2007, p. 234) u d-dinja tal-kotba tista' sservi ta' ħarba mir-realtà, bħala aljenazzjoni mill-problemi tal-ħajja (Cunningham, 2010, p. 116).

**1.2. Ir-respons, id-djalogu u d-diskussjoni**

L-għalliema jridu jkunu konxji ta' għadd ta' kunċetti u elementi importanti fil-letteratura biex iħejju u jwettqu studju ta' awtur fil-klassi. Dawn jgħinuhom jorganizzaw xogħolhom b'mod li jolqot aktar il-bżonnijiet tal-istudenti.

Tajjeb li l-istudenti jitgħallmu aktar mill-esperjenza milli mill-għalliema u l-kotba (Dewey, 1938/1997, p. 19). Huwa għalhekk li wara li jkun sar il-qari tat-test fil-lezzjonijiet tal-Esperjenza Letterarja, l-istudenti għandhom jitħallew jagħġnu impressjonijiet u jinterpretaw ix-xogħol waħedhom. Rosenblatt (1938, p. 8) sostniet li dejjem se jkun hemm respons waqt u wara l-qari għax it-test letterarju hu xi ħaġa estetika. Madankollu, Eco (1989, p. 229) jgħid li dan isir dment li l-interpretazzjoni tiġi vvalidata minn dak li hemm miktub. Permezz tal-eżempji ta' interpretazzjonijiet ta' poeżiji li tagħti Rosenblatt (1978, pp. 6-12), hija turi li l-istess test jista' jiġi interpretat b'modi differenti minn qarrejja differenti. Fl-istess xogħol hija targumenta li hemm

tranżazzjoni bejn il-qarrejja u t-test li meta jiltaqgħu flimkien se joħolqu esperjenza unika (Rosenblatt, 1978, p. 38). Skont Iser (1974, p. 275), huwa minħabba l-fatt li test għandu xi implikazzjonijiet li mhumiex miktuba jew 'lakuni' li l-qarrejja jistgħu jkunu attivi u kreattivi waqt li jippruvaw jifhmu t-test u għalhekk joħolqu l-esperjenza letterarja.

Meta r-respons personali jinqasam mal-bqija tal-istudenti, ma jibqax biss ta' individwu imma jsir ta' klassi sħiħa u għalhekk tinħoloq dik li Fish (1980, p. 109) isejħilha "komunità ta' interpreti". Huma dawn il-komunitajiet ta' interpreti li jipproduċu tifsiriet għax it-tifsir tat-test letterarju lanqas biss jinsab fit-test innifsu (Fish, 1980, p. 109). Meta l-istudenti jingħataw il-ħin għar-respons personali hemm tendenza li jimmotivaw iktar lilhom infushom. Madankollu, meta l-istudenti jisimgħu r-responsi ta' xulxin, jitgħallmu jaħsbu b'mod kritiku u jirfinaw ir-respons personali tagħhom (Lehman & Scharer, 1996, pp. 26-35).

Permezz tal-qsim tar-respons mal-klassi, jinħoloq djalogu li huwa parti kruċjali ta' lezzjoni tal-Esperjenza Letterarja. L-istudju ta' Mercer (2008, pp. 96-98) juri kif meta l-istudenti jaħdmu flimkien fi grupp, dawn jiksbu aktar suċċess f'dak li jagħmlu milli kieku kellhom jiġu ggwidati mill-għalliema. Fi djalogu ma' ħaddieħor, l-istudenti jiżviluppaw ħiliet b'rabta mal-għarfien relevanti, jisfidaw l-ideat ta' xulxin, jevalwaw l-evidenza, jikkunsidraw għażliet differenti u jippruvaw jilħqu ftehim (Mercer, 2008, p. 95). Morana (2004, p. 25) tispjega kif respons letterarju huwa l-mod kif l-interpretazzjonijiet personali tal-istudenti u dawk tal-għalliema jintisġu flimkien biex joħolqu diskussjoni aktar interessanti. Id-diskussjonijiet jgħinu lill-istudenti jikkultivaw l-

emozzjonijiet u jsiru aktar sensittivi kif ukoll jifhmu aktar it-tema mistħarrġa (Mart, 2019, p. 80). Il-parteċipazzjoni attiva tal-istudenti fi djalogi mal-oħrajn hija essenzjali għall-iżvilupp tal-kompetenza letterarja tagħhom (Culler, 1981, pp. 24-41). Permezz tad-djalogi, l-istudenti jħossu li huma mismugħa u b'hekk jipparteċipaw aktar ta' spiss (Worthy et al., 2012, pp. 308-310).

Il-mistoqsijiet huma mezz ta' kif l-għalliema jistimulaw il-ħsieb kritiku tal-istudenti waqt diskussjoni (Beck et al., 1996, p. 395; Nappi, 2017, pp. 30-31). Tajjeb li l-istudenti ma jiġux mistoqsija biss domandi magħluqa li jitolbu tweġiba fattwali, iżda jiġu mistoqsija wkoll mistoqsijiet miftuħa li jitolbu aktar ħsieb u tweġiba elaborata. It-tassonomija ta' Bloom (1956) tista' sservi ta' gwida għat-tip ta' mistoqsijiet differenti li jistgħu jistaqsu l-għalliema (Nappi, 2017, pp. 31-36). L-istudenti nfushom għandhom jiġu mħeġġa jistaqsu għax il-mistoqsijiet huma riflessjoni ta' x'qed jitgħallmu (Beck et al., 1996, p. 395).

**1.3. Erba' possibiltajiet varji ta' kif jista' jiġi organizzat is-sillabu tal-letteratura**

Fit-tħejjija tal-lezzjonijiet tal-Esperjenza Letterarja, tajjeb li wieħed isir konxju tal-fatt li hemm aktar minn mod wieħed ta' kif il-letteratura tista' tiġi mgħallma fil-klassi.

Skont Wildberger (1993, pp. 2-3), fil-lezzjonijiet tal-letteratura l-għalliema normalment jiffukaw fuq il-kittieb, it-tema jew il-ġeneru tat-test letterarju. Beach et al. (2011, p. 54) jagħtu wkoll għadd ta' modi fuqiex l-għalliema jistgħu jiffukaw il-lezzjonijiet tagħhom, inkluż: it-tema, il-ġeneru, l-arketipi, il-perjodu storiku jew

letterarju, u l-forma tat-test letterarju. Huma jisħqu li meta wieħed jiġi biex jorganizza unità didattika, tajjeb li jagħżel li jiffoka fuq wieħed minn dawn il-modi. F'kuntest lokali, Portelli (2001, p. 107) isemmi erba' kategoriji prinċipali li għandhom parti kruċjali fit-tagħlim tal-letteratura: it-tema, il-kittieb, il-ġeneru u l-perjodi ewlenin tal-letteratura Maltija.

F'Malta, l-istudenti u l-qarrejja jistgħu jsibu għadd ta' antoloġiji li huma mqassma skont temi partikolari, bħall-kotba tal-iskola *Qawsalla* (Cassola et al., 1993) u *Ħodon Qronfol* (Friggieri, 1999). L-antoloġija *Il-Poeżija Maltija* (Friggieri, 1996) tintuża fil-postsekondarja u hi ppreżentata b'għażla ta' poeżiji skont awturi differenti. Eżempju ta' antoloġija li tiffoka fuq ġeneru partikolari hija *Bil-Ħajku Nsellimlek* (Portelli, 2011), li tiġbor fiha għadd ta' ħajku. Filwaqt li l-antoloġiji huma msejsa minn firxa wiesgħa ta' testi letterarji li jduru madwar tema, ġeneru jew awtur fost l-oħrajn f'ebda ordni partikolari, studju ta' awtur hu aktar speċjalizzat minn hekk għax jinkludi l-aktar testi letterarji relevanti ta' awtur biex jiġu diskussi fil-klassi u li jistgħu jħallu impatt fuq l-istudenti. B'kuntrast ma' dawn l-antoloġiji, studju ta' awtur huwa msejjes ukoll minn għadd ta' attivitajiet u riżorsi li jistgħu jsiru qabel u wara l-qari tax-xogħlijiet tal-awtur. F'dawn l-aħħar snin bdew jiżdiedu d-dissertazzjonijiet ta' studenti-għalliema fuq kif l-għalliema jistgħu jimplimentaw studju ta' awtur, bħal dawk ta' Muscat (2011), Spiteri (2013), Agius (2014), u Fenech (2017).

Għaldaqstant, huwa diffiċli li t-tema, l-awtur, il-ġeneru, il-perjodi storiċi u oħrajn jiġu ppreżentati kollha f'lezzjoni waħda minħabba, fost l-oħrajn, il-limitazzjoni tal-ħin. B'referenza għat-tagħlim letterarju Malti, dawn huma marbuta ma' livell partikolari tal-

iskola sekondarja lokali u fihom jiġbru għadd ta' skaluni li għandhom iservu ta' gwida għall-għalliema fil-preparamenti għal-lezzjonijiet tal-Esperjenza Letterarja. Portelli (2001, p. 107) jisħaq li l-għan ta' dawn l-iskaluni huwa li l-istudenti jiżviluppaw il-kompetenza letterarja b'mod gradwali u jkunu kisbu l-kategoriji kollha sal-aħħar tal-edukazzjoni sekondarja.

## 1.4. Xi prinċipji ta' studju ta' awtur

Mid-diversi modi ta' kif wieħed jista' jfassal programm tat-tagħlim, il-qofol ta' studju ta' awtur huwa primarjament il-kittieb u għalhekk huwa essenzjali li wieħed jistaqsi dwar min hu l-awtur qabel it-tħejjija u l-implimentazzjoni ta' dan il-programm ta' studju.

### *1.4.1. Min hu l-awtur?*

Woodmansee (1994, p. 35) tiddefinixxi awtur bħala dik il-persuna responsabbli għal xogħol oriġinali u uniku. Il-kittieb jista' jinfluwenza l-opinjonijiet tal-oħrajn permezz tal-kitba tiegħu (Bennett, 2005, p. 7) u huwa dak li jista' juri d-distinzjoni bejn test letterarju u wieħed li mhux, permezz tal-istil ta' kitba tiegħu (Foucault, 1998, p. 211). Barthes (1977, pp. 142-148) jispjega kif l-awtur jitbiegħed mit-test b'tali mod li hija l-kitba li tirrappreżentah u dan joħloq spazju għal aktar interpretazzjonijiet tal-qarrejja: "the birth of the reader must be at the cost of the death of the Author" (p. 148). Għalkemm ix-xogħol ta' awtur huwa primarjament tiegħu, skont Barthes (1977, pp. 142-147), dan ma jibqax tiegħu meta jiġi ppubblikat għax jinqara mill-udjenza u jagħmluh tagħhom b'modi differenti, jittiħdulu referenzi u kwotazzjonijiet, u jintuża minn awturi oħra għat-tfassil tax-xogħlijiet tagħhom.

L-isem proprju tal-awtur ma jrendix tifsira waħda biss għax ma' ismu jiġi assoċjat ukoll dak li hu magħruf għalih u meta l-qarrejja jisimgħu ismu, jiftakru f'xi dettalji personali u fil-kitbiet tiegħu li joħolqu immaġni tiegħu bħala persuna (Foucault, 1998, pp. 210-211). Hija għal din ir-raġuni li Foucault (1998, p. 215) – għall-kuntrarju ta' Barthes (1977) – jemmen li test letterarju dejjem se jinkludi għadd ta' sinjali li jirreferu għall-awtur b'mod espliċitu jew le, bħal xi aspetti bijografiċi u ż-żmien u l-post tal-kitba tiegħu. Fil-fatt, il-kitba ta' Jesmond Grech fir-rumanz tiegħu *Ġenerazzjoni Paceville* (1999b), turi li hija ambjentata Malta u li d-djalogar bejn iż-żgħażagħ fil-ktieb juri li kien jagħmilha maż-żgħażagħ ta' kuljum, primarjament għax huwa għalliem. Għaldaqstant, test letterarju xorta se jibqa' oriġinali għax permezz tal-immaġinazzjoni tal-qarrejja, dawn ikunu qegħdin jiffurmaw idea tax-xogħol.

B'hekk, meta l-istudenti jitgħallmu dwar awtur partikolari u jaqraw xogħlijietu fil-klassi, ikunu jistgħu jagħmlu rabta tat-test mal-kittieb tiegħu permezz ta' xi sinjali bijografiċi li jkunu qabblu mal-ħajja tal-awtur. Fl-istess ħin, permezz tal-qari ta' xogħlijiet ta' awtur wieħed, l-istudenti jistgħu jqabblu l-perspettivi tiegħu kif jixirfu mit-testi, mal-opinjonijiet u l-ħsibijiet tagħhom fuq is-suġġett diskuss. L-istudju ta' xogħlijiet letterarji tal-istess awtur jesponi wkoll it-tekniki u l-istil ta' kitba li ta' spiss juża awtur f'kitbietu, li jagħtu identità lill-kittieb u jiddistingwuh minn kittieba oħra.

### *1.4.2. X'inhu studju ta' awtur u xi għanijiet ta' dan il-programm ta' studju*

Mod wieħed ta' kif tista' tiġi organizzata unità didattika tal-letteratura hija meta ssir enfasi fuq il-kittieb u dan jista' jseħħ permezz ta' studju ta' awtur. Studju ta' awtur huwa programm ta' studju tal-letteratura li jinkludi għadd ta' lezzjonijiet li jagħtu

opportunità lill-istudenti jitgħallmu dwar il-ħajja personali u x-xogħlijiet ta' kittieb partikolari ("The Author Study Toolkit", 2021, p. 1).

Jenkins (1999, pp. 27-42) tispjega kif hemm tliet tipi ta' studju ta' awtur. L-ewwel tip jiffoka fuq il-bijografija letterarja ta' kittieb, li fih l-istudenti jibnu relazzjoni mal-ħajja u x-xogħlijiet tal-awtur. Studju ta' awtur jista' jkun imsejjes ukoll fuq ir-respons kritiku għall-kotba tal-kittieb b'enfasi fuq it-temi, il-karattri u l-istil ta' kitba tal-awtur mingħajr ma tingħata attenzjoni lejn il-ħajja privata tiegħu. L-aħħar tip ta' studju ta' awtur idur aktar mar-respons personali tal-qarrejja mill-kotba li jixprunawhom jirriflettu fuq l-esperjenzi personali tagħhom (Jenkins, 1999, p. 30). Fl-aħħar, Jenkins (1999, p. 42) tissuġġerixxi li l-għalliema għandhom ifasslu studju ta' awtur li jinkludi aspetti minn dawn it-tliet tipi partikolari sabiex isawru wieħed li hu mogħni b'responsi kotrana. B'dan, hija trid tfisser li filwaqt li l-istudenti jkunu qegħdin jistudjaw il-kotba tal-awtur bħala testi letterarji, huma jkollhom ċans ukoll jispekulaw u jinfurmaw ruħhom fuq il-ħajja personali tal-awtur. B'hekk, l-istudenti jistgħu wkoll jagħmlu rabtiet bejn it-testi u l-awtur u jirriflettu fuq il-ħsibijiet tagħhom fuq il-kotba li qraw.

Studju ta' awtur jista' jkollu bosta għanijiet, uħud li jintlaħqu immedjatament fi ħdan l-istudju ta' awtur u b'hekk jissejħu 'għanijiet istruttivi', u oħrajn li jinkisbu tul il-proċess tat-tagħlim u għalhekk huma magħrufa bħala 'għanijiet edukattivi'. Għalkemm l-għanijiet edukattivi huma relevanti għal kull lezzjoni tal-Esperjenza Letterarja, huma l-għanijiet istruttivi ta' studju ta' awtur li jiffurmaw il-pedament għal dan il-programm ta' studju. Tabella 1.1 turi lista ta' xi għanijiet stabbiliti minn Kotch u Zackman (1995, pp. 6-7), Bainbridge u Pantaleo (1999, p. 221), u Muscat (2011, pp. 7-9).

| Għanijiet istruttivi fi studju ta' awtur | Għanijiet edukattivi fi ħdan il-lezzjonijiet tal-Esperjenza Letterarja |
|---|---|
| • L-istudenti jidentifikaw xi fatti bijografiċi dwar l-awtur.<br>• L-istudenti jaqraw għadd ta' xogħlijiet tal-istess awtur, li jistgħu jkunu ta' ġeneri differenti.<br>• L-istudenti janalizzaw it-testi letterarji tal-awtur.<br>• L-istudenti jqabblu xi testi letterarji tal-istess awtur ma' xulxin.<br>• L-istudenti jiddiskutu l-perspettiva tal-awtur dwar temi partikolari kif jixirfu mit-testi letterarji tiegħu.<br>• L-istudenti jiddeterminaw xi tekniki ta' kitba li juża l-awtur f'kitbietu.<br>• L-istudenti jesprimu r-respons personali tagħhom għax-xogħlijiet tal-awtur.<br>• L-istudenti jqabblu t-testi letterarji tal-awtur mal-ħajja personali tiegħu.<br>• L-istudenti joħolqu relazzjoni mal-awtur. | • L-istudenti jersqu aktar lejn id-dinja tal-kittieba u tal-kotba.<br>• L-istudenti jsaħħu s-sens ta' tiftix.<br>• L-istudenti jiżviluppaw aktar strateġiji tal-qari letterarju iżjed effettivi.<br>• L-istudenti jsiru aktar konxji tal-preferenzi tal-qari tagħhom.<br>• L-istudenti jitgħallmu janalizzaw aktar b'mod kritiku.<br>• L-istudenti joħolqu komunità ta' qarrejja. |

Tabella 1.1: Xi għanijiet ta' studju ta' awtur

### *1.4.3. Struttura għal-lezzjoni ta' studju ta' awtur*

Matul iż-żmien kien hemm għadd ta' pedagoġisti u riċerkaturi li pproponew idea ta' kif tista' titqassam lezzjoni tal-Esperjenza Letterarja. Benton (1988, p. 205) stabbilixxa struttura għal-lezzjoni tal-poeżija iżda li tista' tintuża għal kull test letterarju. Din tinkludi dawn l-istadji: (a) ix-xogħol preliminarju, (b) il-qari tat-test, (ċ) l-ewwel respons għat-test, (d) riflessjoni fuq ir-respons, (e) il-qsim tar-respons, (f) l-attivitajiet, u (ġ) il-kitba tar-respons finali. Proposta oħra saret minn Benton u Fox (1985, p. 110) li ħolqu struttura ta' lezzjoni li tinkludi erba' passi: (a) ix-xogħol preliminarju, (b) il-qari tat-test letterarju, (ċ) ir-respons individwali, u (d) l-attivitajiet li jseħħu wara l-qari. Fil-

mudelli li pproponew Kotch u Zachman (1995, pp. 10-12) u anki Portelli u Camilleri Grima (2002, pp. 175-176), b'mod ġenerali jidhru tliet partijiet ewlenin: dak li jseħħ *qabel* il-qari, *waqt* il-qari, u *wara* l-qari. L-istrutturi varji għal-lezzjoni tal-letteratura li pproponew il-pedagoġisti tul iż-żmien jistgħu jingħaqdu fi struttura waħda li tista' taħdem tul il-lezzjonijiet fi studju ta' awtur bħal dik ippreżentata f'Tabella 1.2.




Tabella 1.2: Struttura għal-lezzjoni ta' studju ta' awtur

Fil-bidu tal-lezzjoni, l-għalliema jistgħu jiffukaw fuq punt jew ieħor iżda li jkun kapaċi jiġġenera diskussjoni miftuħa, bħal: xi kelma, it-titlu tat-test letterarju, il-forma tat-test, fost l-oħrajn. Skont Portelli u Camilleri Grima (2002, p. 175) l-aħjar introduzzjoni għat-test hija frott ta' kemm l-għalliema jirnexxilhom iqarrbu l-esperjenza fit-test mal-esperjenzi tal-istudenti.

Fit-tieni stadju tal-lezzjoni, tajjeb li jsir il-qari tat-test letterarju, li bħalma juru Fleming u Stevens (2010, p. 80) dan jista' jseħħ b'modi differenti bħal, mill-istudenti fil-kwiet, f'pari, fi gruppi żgħar, bħala klassi sħiħa b'xi studenti jaqraw biċċa kull wieħed u mill-għalliema lill-klassi kollha. Għal-lezzjoni dwar is-silta mill-poema *Nikola: Bniedem*

*t'Alla* (1991), il-qari jista' jsir permezz ta' reċtar mill-istudenti ta' silta partikolari (ara Appendiċi B9).

Fl-istadju li jmiss, l-istudenti jistgħu jingħataw iċ-ċans jirriflettu fuq dak li għadu kif inqara u jistabbilixxu r-respons individwali tagħhom. Skont Benton u Fox (1985, p. 110) dan jista' jseħħ b'mod individwali, fi grupp jew bħala klassi sħiħa. Pereżempju, f'lezzjoni tal-poeżija, l-għalliema jistgħu jallokaw ftit ħin wara l-qari tal-poeżija sabiex l-istudenti jimmarkaw u jiktbu xi affarijiet li laqtuhom jew li forsi ma fehmux.

Permezz tal-qsim tar-respons tal-istudenti, tinħoloq diskussjoni li tista' tiżvolġi fl-istħarriġ ta' aspett letterarju. F'din il-parti tal-lezzjoni jistgħu jiġu diskussi u jsir xi taħriġ fuq punti letterarji bħall-plott, il-karattri, l-ambjent, it-tema, l-istil ta' kitba tal-awtur u l-forma tat-test letterarju. Din il-parti tista' tiġi spjegata aħjar permezz ta' mit mill-ktieb *Ħrejjef mill-Greċja* (1997) billi l-istudenti flimkien mal-għalliema jiddiskutu l-karatteristiċi ta' mit (ara Appendiċi B7).

Fl-aħħar parti tal-lezzjoni, l-istudenti jistgħu jingħataw opportunità jesprimu dak li tgħallmu mit-test mal-bqija tal-klassi permezz ta' xi attivitajiet. Idea għal din il-parti tal-lezzjoni tista' tkun li fi tmiem l-ewwel lezzjoni tal-istudju ta' awtur, l-istudenti jistgħu joħolqu powster b'dak kollu li tgħallmu dwar l-awtur biex jippromwovuh lil studenti oħra (Wiesolek Kuta, 1997, pp. 62-63).

Għalkemm din l-istruttura ta' lezzjoni għandha potenzjal li tirnexxi fi studju ta' awtur, l-għalliema m'għandhomx iħossuhom obbligati li jimxu kronoloġikament ma' din l-istruttura dment li l-elementi kardinali tal-lezzjoni msemmija jagħmlu parti mil-

lezzjoni. Huwa għalhekk li fil-proġett tiegħi għal din id-dissertazzjoni se nuża l-elementi kollha diskussi iżda mhux bilfors se jkunu mqiegħda fl-ordni kronoloġika kif murija f'Tabella 1.2.

### *1.4.4. L-għażla tal-awtur Jesmond Grech*

Sabiex jitwettaq dan l-istudju ta' awtur intgħażel il-kittieb Malti, Jesmond Grech. Il-fatt li ilu jgħallem is-suġġett tal-Istorja lit-tfal u liż-żgħażagħ għal għadd ta' snin u hu wkoll Kap tad-Dipartiment tal-Istorja fi skola sekondarja, ifisser li huwa jaf sew lill-udjenza tiegħu. Grech studja l-kitba kreattiva fil-kulleġġ ta' Frostburg fl-Istati Uniti tal-Amerka kif ukoll segwa kors tal-kitba tan-novelli fl-Iskola tal-Ġurnaliżmu ta' Londra (Schiavone, 2009, p. 952). Dan juri kemm Grech huwa mħarreġ fil-kitba u kemm il-kitba tiegħu tista' sservi ta' eżempju tajjeb fuqiex l-istudenti jistgħu jimxu.

Jesmond Grech huwa awtur versatili; jindirizza firxa ta' qarrejja u jesperimenta b'ġeneri differenti. L-ewwel kitbiet ta' Grech kienu poeżiji miġbura fl-antoloġija *L-Għaxra tal-Ħamsa* (1983), li ppubblika flimkien ma' ħames kittieba żgħażagħ. Wara, huwa kiteb u ppubblika waħdu għadd ta' poeżiji f'*Demm fil-Korsija* (1984). Grech ippubblika wkoll xi kotba għat-tfal bħal *Mid-Dinja ta' Ġorġ* (1996) u *Ħrejjef mill-Greċja* (1997). Ktieb għat-tfal li wkoll kiseb suċċess lokali u internazzjonali huwa *Bongi Wongi u l-Avventuri Tiegħu* (2000a), li ntgħażel mill-ambaxxata Maltija fi Franza biex jirrappreżenta lil Malta f'wirja ta' kotba tal-istampi minn madwar l-Unjoni Ewropea ("Jesmond Grech", jesmondgrech.com, 2022).

Minbarra kotba għat-tfal, Grech huwa magħruf ukoll għall-ktieb tal-adolexxenti *Ġenerazzjoni Paceville* (1999b). Huwa kiteb u ppubblika waħdu serje ta' rumanzi magħrufa bħala *Kotba tal-Qalb*. Minbarra storja ta' mħabba – li normalment tieħu forma ta' trijangolu ta' mħabba – dawn il-kotba jippreżentaw sitwazzjonijiet u problemi reali oħra bħall-gideb u l-vizzji. Il-kotba *Gideb u Mħabba* (2001a) u *Imħabba mill-Ġdid* (2003) inqallbu f'serje televiżivi. Il-firxa ta' temi u dilemmi fil-kotba ta' Grech hija fattur ieħor li jikkontribwixxi għall-għażla tal-awtur.

Bħala għalliem tal-Istorja, Grech għandu għal qalbu s-suġġett li jgħallem. Kien għalhekk li ħareġ kotba tal-Istorja: *British Heritage in Malta* (1999a) u *Malta Taħt l-Ingliżi* (2001ċ). L-imħabba għall-post fejn jgħix ispiratu jikteb poema dwar l-istorja tal-patrun tas-Siġġiewi, San Nikola bit-titlu *Nikola: Bniedem t'Alla* (1991). Din il-poema hija turija tal-fidi u l-imħabba għar-reliġjon kif saħaq li għandu Grech f'intervista riċenti (Isma, 2022). Ktieb li jixhed dan l-aspett reliġjuż huwa l-bijografija ta' Eugenio Borg, bl-isem *Nar ġo Qalbna: Il-Ġrajja ta' Eugenio Borg* (2002b), li ġie tradott u ppubblikat bl-Ispanjol ukoll. Ir-rabta mal-ħajja tal-awtur hija evidenti fil-kotba ta' Grech, li tilħaq wieħed mill-għanijiet ta' studju ta' awtur.

Fil-kitba tiegħu, Grech iżewwaq l-istejjer tar-rumanzi tiegħu b'għadd ta' qwiel u idjomi Maltin. Dawn huma preżenti l-aktar fid-deskrizzjonijiet mirquma tal-karattri, tal-emozzjonijiet tagħhom kif ukoll tal-postijiet fejn ikunu jinsabu. Interessanti wkoll kif Grech juża s-sensi biex jiddeskrivi u ma jagħtix biss dettalji ta' x'qed jaraw il-karattri. Xhieda ta' dan hija s-silta li ġejja:

> Grace kienet waħidha, fuq il-vapur fi triqitha lejn iċ-Ċirkewwa tiċċassa lejn ir-ragħwa bajdanija mormija mill-iskrejjen. It-tħaxwix tar-ragħwa flimkien maċ-ċafċif tal-mewġ maġenb il-vapur kien balzmu għaliha. Lanqas biss ma kienet qiegħda tagħti kas tal-istorbju u l-għors li kien qiegħed jagħmel grupp żgħir ta' żgħażagħ ftit passi 'l bogħod minnha. (Grech, 2001a, p. 29)

Tul il-kitba deskrittiva ta' Grech, il-qarrejja jistgħu jinnutaw ukoll l-użu ta' xi figuri tat-taħdit bħall-metafora u s-similitudni. L-użu tal-figuri tat-taħdit tinsab ukoll fil-poeżiji tiegħu, li l-maġġoranza jieħdu xejra ta' poeżiji moderni, bi strofi irregolari, versi ħielsa, bla rima jew rima mħallta.

Jesmond Grech għadu jikteb sal-lum. Riċentament ippubblika l-ewwel rumanz bl-Ingliż dwar storja ta' kriminalità ambjentata f'Malta bit-titlu *A Simple Affair* (2021). Ktieb ieħor bi plott ta' omiċidju u misteru għandu jiġi ppubblikat dalwaqt ("Jesmond Grech", jesmondgrech.com, 2022). Il-fatt li Grech għadu ħaj u għadu jikteb sal-lum, laqgħa miegħu tista' faċilment tiġi organizzata bħala tmiem ta' studju ta' awtur.

Kważi l-kotba kollha li kiteb Grech inkitbu f'dawn l-aħħar tletin sena. B'hekk l-istudenti jkunu jistgħu jirrelataw aħjar magħhom. Minħabba li hu kittieb li forsi mhux daqshekk magħruf, l-istudenti se jkollhom l-opportunità jiskopru u jitgħallmu dwar awtur Malti ġdid. Huwa għalhekk li Grech jistħoqqlu aktar rikonoxximent u nemmen li kapaċi jiġbed l-istudenti lejh permezz ta' kitbietu.

### 1.5. L-għeluq

Dan il-kapitlu ġie introdott b'mistoqsija essenzjali għal din id-dissertazzjoni: għaliex tiġi mgħallma l-letteratura. Issemmew ukoll xi kunċetti kruċjali tat-tagħlim tal-letteratura li jistgħu jiggwidaw lill-għalliema biex isawru lezzjonijiet li jiffukaw fuq l-istudenti. Dawn jinkludu r-respons personali li jsir wieħed ta' klassi jew ta' komunità permezz tad-djalogu u tad-diskussjoni u l-mistoqsijiet li jagħmlu kemm l-għalliema kif ukoll l-istudenti. Ingħataw ukoll possibiltajiet differenti ta' kif tista' tiġi organizzata l-letteratura f'sillabu pedagoġiku, fosthom b'enfasi fuq il-kittieb permezz ta' studju ta' awtur fil-klassi. Il-bqija tal-kapitlu ġie ddedikat għad-definizzjoni ta' min hu l-awtur u x'jinkludi studju ta' awtur. Il-kapitlu ta wkoll ħjiel ta' kif tista' titqassam lezzjoni fi studju ta' awtur u ntemm b'dawl fuq Jesmond Grech bħala l-għażla tal-awtur għall-istudju ta' awtur li se jitfassal għall-proġett tad-dissertazzjoni.

It-Tieni Kapitlu

# Fil-Qalba ta’ Studju ta’ Awtur

## 2.1. Xi prinċipji relevanti għat-tfassil ta’ studju ta’ awtur

Hemm għadd ta’ fatturi li l-għalliema għandhom jikkunsidraw waqt l-ippjanar ta’ studju ta’ awtur. Tabella 2.1 tiġbor flimkien għadd ta’ prinċipji relevanti għat-tiswir ta’ studju ta’ awtur li se jiġu diskussi f’dan il-kapitlu.




Tabella 2.1: Tmien prinċipji relevanti għat-tiswir ta’ studju ta’ awtur

### *2.1.1. L-għażla tal-awtur*

Waħda mill-għażliet ewlenin li jsiru fil-bidu ta’ studju ta’ awtur hija l-għażla tal-kittieb/a. Din l-għażla tiddependi fuq bosta fatturi. Qabelxejn, wieħed għandu jagħraf il-

bżonnijiet tal-istudenti b'rabta mal-ħiliet tal-qari u tal-kitba, kif ukoll il-kompetenza letterarja tagħhom. Tajjeb ukoll li jiġu kkunsidrati l-interessi tal-istudenti u l-għalliema (Kotch & Zackman, 1995, pp. 16 u 21). L-għalliema għandhom jagħżlu ġeneri ta' kitba li jippreferu l-istudenti jew li għandhom bżonn jesploraw u jagħżlu kittieb li jkun kiteb għadd ta' ġeneri biex l-istudenti jitgħallmu kemm jistgħu ("Author Studies Series", 2021; "The Author Study Toolkit", 2021, p. 5). Jaf ukoll jintgħażel awtur li jikteb kotba ta' livelli differenti ta' qari peress li llum klassi jkollha abbiltajiet differenti ("Author Studies Series", 2021).

Jenkins (1999, pp. 113-114) tagħti aktar prijorità lejn x'tip ta' kotba jikteb awtur. Hija ssejjes l-għażla, fuq kemm dawn il-kotba huma adattati għall-età tal-istudenti u kemm kapaċi jħallu impatt emozzjonali u konjittiv. Xi testi jintgħażlu skont kemm il-kotba huma qrib l-esperjenzi tal-istudenti u kemm kapaċi jqajmu respons estetiku (Jenkins, 1999, pp. 113-114). Idealment, il-kotba tal-awtur magħżul għandu jkollhom lingwa memorabbli, karattri kemm jista' jkun reali, plott tajjeb u elementi kritiċi oħra li meta tgħaqqadhom flimkien joħolqu opra b'temi universali. Għaldaqstant, Kotch u Zackman (1995, p. 24) jistqarru li awtur jista' jintgħażel ukoll skont kemm il-kotba tiegħu jinstabu b'mod faċli fuq l-ixkaffi tal-ħwienet jew il-libreriji. Tajjeb ukoll li jkun hemm aċċess għall-fatti bijografiċi dwar l-awtur magħżul.

F'kuntest internazzjonali, hemm ukoll min jissuġġerixxi li l-kittieb jista' jintgħażel skont il-grad tal-awtentiċità tiegħu, skont kemm ikollu stil ta' kitba uniku ("Author Studies Series", 2021). Awturi li jkollhom kotba li saru films huma għażla interessanti għal studju ta' awtur minħabba l-fatt li l-istudenti jistgħu jingħataw l-opportunità

jqabblu dak li jaraw fuq l-iscreen ma' dak li hemm fit-test oriġinali ("The Author Study Toolkit", 2021, p. 6). Fl-aħħar, skont Buzzeo u Kurtz (1999, p. 3), jekk studju ta' awtur huwa intenzjonat li jagħlaq biż-żjara mill-awtur, l-għażla tal-kittieb se tiddependi jekk dan għadux magħna u jekk ikunx lest li jiltaqa' mal-istudenti.

Idealment, sabiex issir għażla għaqlija ta' kittieb għal studju ta' awtur, tajjeb li wieħed jagħmel lista tagħhom jew jieħu s-suġġerimenti mil-librara tal-iskola jew tal-libreriji pubbliċi u fl-istess ħin jaħseb fuq l-għanijiet li jixtieq li jintlaħqu mal-istudenti, bħal kif isir f'kuntest internazzjonali. Iżda, f'Malta, hemm it-tendenza li l-għalliema jibqgħu jagħżlu kittieba li huma diġà magħrufa. B'dan il-mod l-istudenti qatt mhuma jingħataw iċ-ċans jesploraw kotba ta' kittieba inqas famużi. Li wieħed jinkludi lill-istudenti fil-proċess tal-għażla tal-awtur huwa mod tajjeb ta' kif jista' jersaq lejn orjentament ta' tagħlim li jdur madwar l-istudenti (student-centred). L-għażla tal-awtur fi skejjel lokali indipendenti u tal-knisja lokali hija prerogattiva tal-għalliema u tal-iskola u allura l-istudenti ma jingħatawx l-opportunità li jagħżlu.

### *2.1.2. Aċċess għall-kotba tal-awtur*

Fost l-aktar riżorsi importanti għal studju ta' awtur huma l-kotba. Għalhekk tajjeb li l-istudenti jkollhom aċċess faċli għall-kotba tal-kittieb magħżul. F'kuntest internazzjonali bħall-Amerka, l-Ingilterra u l-Awstralja, Kotch u Zackman (1995, pp. 28-29) jissuġġerixxu li wieħed dejjem għandu jiċċekkja jekk il-librerija tal-iskola stess tistax issellef kopji tal-kotba lill-istudenti. Tista' tintalab ukoll l-għajnuna tal-ġenituri biex jikkontribwixxu xi kopji tal-kotba li jaf għandhom jew jgħinu fil-ġbir ta' fondi biex jinxtraw aktar kopji. Wieħed dejjem jista' jappella lil xi ħwienet lokali jew pubblikaturi

biex jagħtu xi kopji bħala donazzjoni ("The Author Study Toolkit", 2021, p. 6). F'Malta, xi skejjel iżommu ħażna ta' kotba li jissellfu lill-istudenti minn sena għal oħra u oħrajn jitolbu lill-istudenti biex jixtru l-kotba li jkunu se jintużaw. Madankollu, xi drabi, l-iskola tipprovdi roħs fil-prezz ta' xi kotba li ma jkollhiex iżda li jkollhom bżonn jixtru l-istudenti biex ikopru s-sillabu.

Ħafna pedagoġisti jissuġġerixxu li f'xi parti tal-klassi, l-istudenti u l-għalliema għandhom jibnu flimkien librerija ċkejkna (Calkins, 2001; Elkins, 1976; Greenwood, 1994). Din tista' tinħoloq għal skop ta' studju ta' awtur billi tinkludi t-testi letterarji tal-kittieb u xi kotba dwar il-ħajja personali tiegħu. Permezz t'hekk, l-istudenti jiġbru numru ta' kotba li jkunu jistgħu jsellfu lil xulxin. Din hija idea tajba għal skejjel primarji, medji u sekondarji li fihom il-klassijiet jintużaw il-ħin kollu mill-istess studenti.

Madankollu, jaf ikun hemm xi drabi meta l-kotba ma jkunux jistgħu jiġu aċċessati faċilment, bħal xi wħud mill-kotba ta' Jesmond Grech stess. Soluzzjoni għal din id-diffikultà tista' tkun li jsiru xi fotokopji tal-kotba jew tas-siltiet li se jintużaw mal-istudenti. Iżda Muscat (2011, p. 25) tfakkar li l-liġi tal-copyright tista' tillimita din il-possibiltà. Għalhekk, soluzzjoni oħra tista' tkun li s-siltiet li se jintużaw u se jingħataw lill-istudenti jiġu ttajpjati mill-għalliema u tniżżel ir-referenza minn fejn ittieħdu.

### *2.1.3. Aċċess għas-sit elettroniku tal-awtur*

Fil-proċess tat-tħejjija ta' studju ta' awtur, wieħed għandu jara jekk l-informazzjoni dwar il-kittieb tinstabx b'mod faċli. Illum, permezz tal-avvanzi fit-teknoloġija, wieħed jista' jsib xi informazzjoni fuq l-awtur u l-kotba tiegħu fuq is-sit

elettroniku tiegħu stess (Jenkins, 1999, p. 115). Dan is-sit jista' jintuża għal bosta affarijiet, fosthom għall-kisba ta' informazzjoni bijografika dwar l-awtur, il-kotba tal-kittieb, kif ukoll l-ispirazzjoni għall-kitba tagħhom (Fox, 2006, p. 252). Illum, wieħed jista' anki jsib siti elettroniċi ta' kittieba Maltin, bħal ta' John P. Portelli, Immanuel Mifsud u Leanne Ellul.

Biż-żieda tal-pjattaformi tal-midja soċjali, illum żdiedu l-paġni ddedikati għall-awtur u xogħlijietu, bħalma fuq Facebook wieħed jista' jsib paġna ddedikata għas-sensiela tal-*Kotba tal-Qalb* (2001-2009) ta' Jesmond Grech. Permezz ta' dawn, wieħed ikun jista' jara r-responsi differenti tan-nies u kif il-kotba qegħdin jintlaqgħu minn udjenzi differenti. Permezz tal-midja soċjali wieħed jista' jaġġorna ruħu meta joħroġ xi ktieb ġdid tal-awtur u jsir jaf b'xi modi ta' kif jista' jiġi kkuntattjat l-awtur. Dawn iservu ta' għajnuna għall-għalliema li jixtiequ jippjanaw laqgħa mal-awtur fi tmiem il-programm ta' tagħlim.

Is-siti elettroniċi u l-midja soċjali jgħinu biex l-istudenti jibnu relazzjoni aktar intima mal-awtur u jkunu jistgħu jqabblu aktar dak li hemm fil-kotba ma' ħajjet il-kittieb/a.

### *2.1.4. L-għażla tat-testi letterarji għall-klassi*

Studju ta' awtur huwa mogħni b'interpretazzjoni u l-istudju tax-xogħlijiet letterarji tiegħu jew tagħha. L-għażla tat-testi letterarji li jsiru fil-klassi tiddependi minn kemm l-għalliema biħsiebhom iqattgħu ħin u żmien fuq studju ta' awtur; ovvjament aktar kemm jallokaw lezzjonijiet, aktar se jkun hemm bżonn ta' kotba u siltiet li jinqraw

u jiġu analizzati fil-klassi. Hiebert u Colt (1989, pp. 15-18) jiddeskrivu tliet modi ta' kif jistgħu jintgħażlu t-testi u s-siltiet letterarji li jsiru fi klassi: (a) mill-għalliema, (b) mill-għalliema u l-istudenti f'daqqa, jew (ċ) mill-istudenti weħidhom.

Skont Boyd u Devennie (2009, p. 149), l-għażla tas-siltiet letterarji mill-għalliema għandha ssir skont l-interessi tal-istudenti u l-kompetenza letterarja tagħhom, u li taqbel mal-livelli ta' żvilupp konjittiv u emottiv tagħhom. Għalkemm normalment huma l-għalliema li jagħżlu x'jinqara fil-klassi, Dionisio (1991, p. 41) temmen li l-istudenti għandhom jagħżlu l-qari u jirrispondu għalih b'mod individwali. Meta l-istudenti jagħżlu s-siltiet letterarji, huma jkunu aktar li ħerqana jaqraw u jistudjaw fil-klassi u ma jibżgħux li se jiżbaljaw f'dak li jgħidu. Boyd u Devennie (2009, p. 149) iżidu li meta l-istudenti jagħżlu l-qari, huma jrabbu sens ta' awtonomija, li jifforma parti mill-proċess li jsiru qarrejja indipendenti. Ikun hemm ukoll tendenza ikbar li l-istudenti jiżviluppaw relazzjoni tajba mal-letteratura.

Bħala kompromess, Boyd u Devennie (2009, pp. 149-151) jipproponu proċess tal-għażla tat-testi li se jinqraw fil-klassi li jinkludi ħames fażijiet: (a) l-għalliema tissuġġerixxi xi kotba, (b) l-għalliema tilqa' s-suġġerimenti tal-istudenti, (ċ) jintgħażlu s-suġġerimenti finali, (d) l-għalliema tirrevedi s-suġġerimenti tal-istudenti, u fl-aħħar (e) l-għalliema tgħid lill-istudenti l-għażla li għamlet u għaliex. B'hekk, għalkemm l-istudenti jipparteċipaw fl-għażla tat-testi u s-siltiet, hija l-għalliema li tagħmel l-aħħar deċiżjoni. Portelli (2001, p. 107) ukoll jemmen li l-għalliema għandhom jagħżlu l-kotba li jixtiequ u skont l-istudenti għax l-għażla hija parti mill-kompetenza professjonali tagħhom; b'hekk

"nistgħu niżguraw l-edukazzjoni letterarja liberali, ħielsa minn kull preġudizzju u li tkun fl-istess ħin ċelebrazzjoni tad-diversità" (p. 107).

### *2.1.5. It-tip ta' tqassim ta' studju ta' awtur*

Fi studju ta' awtur l-istudenti jistgħu jingħataw qari ta' siltiet letterarji u kotba sħaħ li għandhom jaqraw waħedhom u jintalbu jaħdmu xogħol relatat mal-qari individwalment. Meta wieħed jaqra u jaħdem għal rasu jkun qiegħed jesplora l-interpretazzjonijiet u l-ħsibijiet tiegħu personali fuq test partikolari lil hinn minn impressjonijiet u influwenzi min-nies tal-madwar. Dan ir-respons huwa l-qofol tal-kritika b'orjentament lejn il-qarrejja li esponiet Rosenblatt, fil-kotba tagħha *Literature as Exploration* (1938) u *The Reader, The Text, The Poem* (1978).

Iżda skont il-perspettiva soċjokulturali ta' Vygotsky (1978), l-istudenti jitgħallmu l-aktar minn ta' madwarhom; sew adulti, bħall-ġenituri u l-għalliema, kif ukoll minn sħabhom tal-klassi stess. Għalhekk hija idea tajba li studju ta' awtur jinkludi wkoll ħidma fi gruppi. Il-gruppi jistgħu jvarjaw minn sempliċement pari sa klassi sħiħa. Skont Kotch u Zackman (1995, p. 34), l-istudenti jieħdu gost jiddiskutu l-kotba bejniethom u jaqsmu l-kitbiet tagħhom ma' xulxin. B'dan il-mod, l-istudenti jistgħu jitgħallmu minn xulxin u fl-istess waqt jibnu relazzjonijiet fil-qrib mal-kotba. Brabham u Villaume (2000, p. 278) jispjegaw kif f'dawn il-gruppi huma l-ħsibijiet u l-ideat tal-istudenti li jmexxu d-diskussjoni u mhux il-mistoqsijiet tal-għalliema. Fuq kollox, il-gruppi se jgħinu lill-istudenti f'dak kollu li għandu x'jaqsam ma' qari, kitba, diskussjoni u ħsieb.

Daniels (2002, p. 35) jargumenta li fi grupp, l-istudenti jitgħallmu kif għandhom jaqraw għal rashom b'għajnuna minima mill-għalliema. B'hekk, jitrawmu fihom il-ħiliet essenzjali ta' kif wieħed għandu jaħdem id f'id. Il-gruppi huma importanti għax l-istudenti jesprimu r-respons personali tagħhom ma' xulxin u jibnu komunità ta' interpreti (Fish, 1980, p. 109).

### *2.1.6. Il-laqgħa tal-istudenti mal-kittieb*

Tkun idea tajba li fi tmiem dan il-programm ta' tagħlim, l-awtur jiġi mistieden biex iżur lill-istudenti (Buzzeo & Kurtz, 1999, p. 3; Melton, 1986, p. 67). Il-laqgħa tal-istudenti mal-awtur hija utli mhux biss għal studju ta' awtur iżda anki għax tista' tibqa' mistura fil-memorja tal-istudenti.

McElmeel (2001, pp. 5-6) issemmi xi vantaġġi li l-laqgħa mal-kittieb/a jista' jkollha, fosthom li l-laqgħa timmotiva l-qari u l-kitba u aktar responsi mill-qari. L-istudenti jkunu jistgħu jirrelataw aktar ix-xogħlijiet ta' kitba mal-awtur tagħhom u jrawmu sens ta' rispett lejn il-kittieb u xogħlijietu. Dan huwa meħtieġ għax l-istudenti għandhom jagħrfu li l-kitba tieħu ħafna ħin u preċiżjoni u mhux kulħadd għandu l-ħila li jikteb. Il-laqgħa mal-kittieb/a toħloq sens ta' sodisfazzjon u ksib ta' tagħlim meta l-istudenti jirnexxilhom jagħmlu rabta bejn l-awtur u xogħlijietu, u meta jidentifikaw affarijiet bħat-temi rikorrenti u l-istil imħaddem. F'kuntesti internazzjonali, fejn l-għalliema jagħżlu l-kotba li jiġu mgħallma fil-klassi, laqgħa bħal din tista' tgħin sabiex jiżdiedu aktar kotba fis-sillabu. Foster James (2003, pp. 2-3) tisħaq ukoll li l-awturi jgħinu fi programmi tal-kitba għax dawn juru kif il-kitba hija proċess, speċjalment meta juru lill-istudenti xi abbozzi tal-kitba tagħhom u jqabbluhom mal-prodotti finali.

Permezz taż-żjara tal-awtur, hemm tendenza ikbar li l-istudenti jibqgħu jiftakru l-awtur u l-kotba tiegħu u jibqgħu interessati fil-kotba li joħroġ.

Foster James (2003, pp. 25-47) turi kif hemm għadd ta' kunsiderazzjonijiet waqt it-tħejjija għal-laqgħa tal-istudenti mal-awtur, fosthom: kif wieħed isib l-awtur u kif għandha tinkiteb l-istedina tal-awtur, l-udjenza li se jkollu u l-mistoqsijiet li se jiġi mistoqsi. Hija ssemmi wkoll kif l-istudenti jistgħu jiġu ppreparati minn qabel għal-laqgħa mal-kittieb magħżul permezz ta' studju dwaru. Wieħed għandu jqis xi spejjeż b'rabta ma' din iż-żjara mill-awtur kif ukoll il-post fejn se ssir l-attività (McElmeel, 2001, pp. 8-12). F'attività bħal din tista' faċilment tinkludi lill-ġenituri, biex tagħtihom l-opportunità jipparteċipaw fl-edukazzjoni ta' wliedhom (Kotch & Zackman, 1995, p. 138).

Madankollu, jekk l-awtur ikun diġà ħalliena u l-laqgħa miegħu ma tkunx possibbli, xi student jista' jagħmilha tal-awtur waqt li l-istudenti l-oħra jagħmlulu intervista mistħajla. Muscat (2011, p. 24) f'dan il-każ, tissuġġerixxi li jistgħu jiġu mistiedna l-qraba tal-awtur u b'dan il-mod l-istudenti xorta jistgħu jersqu qrib tal-awtur. Possibiltà oħra tista' tkun li l-istudenti jaraw intervisti tal-awtur fuq xi programmi televiżivi jew tar-radju, bħalma wieħed jista' jsib diġà fuq Jesmond Grech (Isma, 2022).

### *2.1.7. L-assessjar matul studju ta' awtur*

L-assessjar huwa aspett ieħor li għandu jiġi kkunsidrat għal studju ta' awtur, tant li dan għandu jseħħ matul l-istudju kollu. Popham (2008, p. 6) jistqarr li l-assessjar formattiv huwa proċess ippjanat, li fih l-għalliema u l-istudenti jistgħu jużaw l-evidenza

ta' dak li tgħallmu l-istudenti biex ibiddlu jew jikkalibraw aħjar il-metodi tat-tagħlim. Fleming u Stevens (2010, p. 135) jispjegaw kif l-assessjar formattiv huwa msejjes fuq riċerka li tissuġġerixxi prova ta' kif dan jgħolli l-livell tal-edukazzjoni meta jintuża biex iżid aktar l-istima tal-istudenti. Tul studju ta' awtur, l-għalliema jsibu bosta opportunitajiet biex jassessjaw l-iżvilupp tal-kompetenza letterarja tal-istudenti.

Black et al. (2004, pp. 12-15) isemmu għadd ta' modi differenti ta' kif jista' jiġi implimentat l-assessjar formattiv fil-klassi, fosthom: mistoqsijiet lill-istudenti; jingħata feedback minflok marka fuq xi xogħol; l-istudenti jaqsmu r-responsi personali tagħhom; u l-istudenti jistgħu jassessjaw lil xulxin jew lilhom infushom (peer and self-assessment). Collie u Slater (1987, p. 247) jissuġġerixxu li l-istudenti jikkoreġu l-kitbiet ta' xulxin qabel ma jingħataw lill-għalliema għax din tista' ġġibhom aktar konxji tal-affarijiet it-tajbin u tan-nuqqasijiet tagħhom. Dawn kollha jistgħu jseħħu tul studju ta' awtur.

Trauth-Nare u Buck (2011, p. 36) jipproponu bosta attivitajiet fi programmi ta' tagħlim bħal studju ta' awtur li jistgħu jservu ta' assessjar formattiv. Dawn jinkludu l-istrateġija tat-'think-pair-share'; meta l-istudenti jaħsbu individwalment, jaqsmu ħsibijiethom ma' xi ħaddieħor u jippreżentaw dak li ddiskutew quddiem kulħadd, kif ukoll kitba fi djarju bħala rendikont ta' x'tgħallem l-istudent minn lezzjoni. Hargreaves, Earl u Schmidt (2002, p. 91) isemmu l-idea tal-portfolio bħala riflessjoni ta' ħidmet l-istudenti f'attivitajiet varji.

Permezz tal-assessjar formattiv, l-istudenti jiġu assessjati b'mod sħiħ, jiġifieri konjittivament, soċjalment u emozzjonalment, għax wara kollox "formative assessment is assessment *for* learning, not assessment *of* learning" (Trauth-Nare & Buck, 2011, p. 36).

### *2.1.8. L-evalwar wara dan il-programm ta' tagħlim*

L-evalwar summattiv għandu l-funzjoni ta' evalwazzjoni aħħarija ta' programm sħiħ (Glas, Scheerens & Thomas, 2003, p. 29). Wara li jitlesta studju ta' awtur, din l-evalwazzjoni hija ferm utli għax permezz tagħha l-għalliema, kif ukoll l-istudenti nfushom, isiru jafu x'tgħallmu tul il-lezzjonijiet.

Normalment l-evalwar summattiv jieħu forma ta' xi eżami jew taħriġ fl-aħħar ta' programm ta' studju (Knight & York, 2003, pp. 211-214). Iżda fil-każ ta' evalwar summattiv fi studju ta' awtur hemm modi differenti ta' kif dan jista' jsir. Regier (2012, p. 14) jipproponi li l-istudenti jistgħu jiġbru elementi tal-istil u t-tekniki tal-awtur fuq xi ċart jew anki jistgħu jtellgħu xi preżentazzjoni dwar dak li tgħallmu mill-istudju ta' awtur. L-istudenti jistgħu wkoll jistaqsu lil xulxin mistoqsijiet dwar dak li qraw fl-aħħar tal-programm tat-tagħlim. Jekk awtur ma jkollux sit elettroniku uffiċjali għax-xogħlijiet, l-istudenti jistgħu joħolqu wieħed b'dak li tgħallmu matul l-istudju ta' awtur (Regier, 2012, p. 17).

Għalkemm dawn huma kollha eżempji li jistgħu faċilment jiġu adattati fil-klassi, l-assessjar formattiv jibqa' dejjem l-aħjar metodu ta' kif għandu jsir l-assessjar għax

huwa dan li jinkoraġixxi l-parteċipazzjoni assoluta tal-istudenti u l-iżvilupp ta' ħiliet varji tul studju ta' awtur.

## 2.2. Xi benefiċċji u limitazzjonijiet ta' studju ta' awtur

Barra mill-fatturi li jagħmlu studju ta' awtur, l-għalliema għandhom jikkunsidraw kif l-istudenti se jibbenefikaw minn studju ta' awtur u jekk hemmx xi limitazzjonijiet li jistgħu jsibu l-għalliema waqt l-ippjanar u t-tfassil ta' studju ta' awtur.

### *2.2.1. Xi benefiċċji ta' studju ta' awtur*

Studju ta' awtur jista' jkollu bosta vantaġġi għall-iżvilupp ta' esperjenza letterarja għall-istudenti. Xi benefiċċji huma relatati mar-relazzjoni li l-istudenti jibnu mal-awtur, mal-iżvilupp tal-ħiliet tal-qari u l-kitba, mal-iżvilupp tal-ħiliet konjittivi u tal-ħsieb kritiku, kif ukoll mar-respons individwali u kollettiv tal-istudenti. Tabella 2.2 tiġbor flimkien uħud mill-benefiċċji ta' studju ta' awtur kif misjuba fi studji differenti: Wildberger (1993, pp. 2-3), Kotch u Zackman (1995, pp. 12-14), Fox (2006, pp. 251-256), Cooper Hansen (2006, pp. 267-279) u "The Author Study Toolkit" (2021, pp. 3-4).

| | | |
|---|---|---|
| **Ir-Relazzjoni mal-Awtur** | L-istudenti jistgħu jsiru jafu aktar dwar awtur partikolari; kemm il-bijografija tiegħu kif ukoll ix-xogħlijiet tiegħu. |
| | L-istudenti jsiru konxji tal-istil ta' kitba ta' awtur u jekk jużax xi tekniki partikolari. |
| | Studju ta' awtur jgħin biex jifforma relazzjoni bejn l-istudenti u l-awturi. |
| **L-Iżvilupp tal-Ħiliet tal-Qari u l-Kitba** | L-istudenti jkollhom ħafna opportunitajiet biex jiktbu u jaqraw. |
| | L-istudenti jistgħu jiġu esposti għal ġeneri letterarji differenti. |
| | Il-kitba tal-awturi tista' tispira lill-istudenti jibdew jiktbu u jitgħallmu jiktbu aħjar permezz ta' eżempju minn awturi oħra. |
| | Għażla mix-xogħlijiet tal-awturi tgħin lill-istudenti jidentifikaw aħjar il-kwalitajiet li jagħmlu kitba tajba. |
| | Meta l-istudenti jorbtu qalbhom ma' xi kittieb/a partikolari, dawn jistgħu jkomplu jaqraw ix-xogħlijiet tiegħu/tagħha d-dar. |
| **L-Iżvilupp Konjittiv u tal-Ħsieb Kritiku** | Studju ta' awtur jgħin lill-istudenti għall-iżvilupp konjittiv tagħhom waqt l-analiżi tat-testi letterarji, meta jqabbluhom ma' xulxin u jirrelatawhom mal-esperjenzi personali tagħhom. |
| | Il-qarrejja jitgħallmu jiffurmulaw mistoqsijiet kritiċi tul l-analiżi tat-test letterarju. |
| **Ir-Respons Individwali u Kollettiv** | Studju ta' awtur jitfa' l-attenzjoni fuq l-istudenti u mhux fuq l-għalliema. |
| | L-istudenti jingħataw l-opportunità jespandu dak li jaqraw fi ħsibijiet u opinjonijiet personali. |
| | Studju ta' awtur joħloq komunità ta' qarrejja. |

Tabella 2.2: Il-benefiċċji ta' studju ta' awtur

Fl-aħħar, nistgħu ngħidu li studju ta' awtur jista' jservi ta' element ta' gost fil-klassi tal-Esperjenza Letterarja u huwa mod tajjeb ta' kif l-għalliema jistgħu jqajmu l-interess tal-istudenti fil-qari ("The Author Study Toolkit", 2021, p. 3). Kotch u Zackman (1995, p. 14) juru kif studju ta' awtur jipprovdi ż-żmien adattat għal assessjar. Waqt li l-għalliema jisimgħu r-responsi u l-ideat tal-istudenti, dawn isiru konxji ta' x'inhuma jitgħallmu l-istudenti u kemm qegħdin jikbru bħala qarrejja u kittieba.

### *2.2.2. Xi limitazzjonijiet ta' studju ta' awtur*

Wieħed jista' jsib għadd ta' diffikultajiet waqt it-tfassil ta' studju ta' awtur. Tabella 2.3 turi xi limitazzjonijiet ta' studju ta' awtur li jsemmu Melton (1986, p. 20), Foster James (2003, pp. 25-26), Muscat (2011, pp. 25-26), Spiteri (2013, p. 10) u Fenech (2017, p. 4).

| | **Xi limitazzjonijiet ta' studju ta' awtur** |
|---|---|
| a. | Meta x-xogħlijiet tal-kittieb/a ma jkunux jintgħoġbu mill-istudenti, dawn se jitilfu l-interess. |
| b. | It-temi li jittrattaw ix-xogħlijiet ta' kittieb/a mhux dejjem jappellaw għall-interess tal-istudenti u jaf tintilef il-motivazzjoni għal aktar qari. |
| ċ. | Jekk l-awtur ikun ħalliena jew f'qagħda vulnerabbli, il-laqgħa miegħu ma tkunx possibbli. |
| d. | Il-kotba u t-testi letterarji mhux dejjem se jkunu aċċessibbli. |
| e. | L-istudenti se jkunu esposti biss għal għażla limitata ta' testi letterarji għax mhux se jkun hemm varjetà ta' awturi. |
| f. | Jista' jkun hemm nuqqas ta' provista ta' kotba tal-kittieb/a u nuqqas ta' riżorsi marbuta magħhom. |
| ġ. | L-awtur jista' jħossu skomdu minħabba li l-istudju jtellef il-privatezza tiegħu. |
| g. | Waqt laqgħa mal-kittieb/a, l-awtur jista' jsib diffikultà jlaħħaq mal-attivitajiet f'ħin limitat. |
| għ. | Mhux kull awtur jaf ikollu ċans iżur l-iskola minħabba l-ħajja professjonali tiegħu. |

Tabella 2.3: Xi limitazzjonijiet ta' studju ta' awtur

### 2.3. Eżempji ta' studju ta' awtur mix-xena internazzjonali

Bħalma ssostni Muscat (2011, p. 6), il-kunċett ta' studju ta' awtur barra minn Malta ilu stabbilit fis-sistema edukattiva, li jista' jkun minħabba l-libertà iktar wiesgħa tal-għalliema f'għadd ta' pedagoġiji barra minn xtutna. Ħafna nies, speċjalment għalliema jew li għandhom interess u sehem fil-qasam edukattiv, ħassew il-ħtieġa li jiffukaw l-istudju tagħhom fuq awtur partikolari.

Fost l-istudji ta’ awtur li saru fix-xena internazzjonali huma dawk dwar il-kittieba David McKee (Elding, 2003), Edith Nesbit (Bromley, 2003) u Michael Morpurgo (Wilkinson, 2003) li jagħmlu parti minn sensiela ta’ kotba tal-attivitajiet għal studju ta’ awtur, li jistgħu jservu ta’ gwida għall-għalliema meta jiġu biex jgħallmu x-xogħlijiet ta’ awtur. Dawn l-istudji ta’ awtur jinkludu informazzjoni bijografika dwar l-awtur jew l-awtriċi, kif ukoll għadd ta’ attivitajiet dwar l-istruttura tan-narrattiva tal-kotba u l-plott u t-tqabbil ta’ xi xogħlijiet. L-istudji ta’ awtur huma mogħnija wkoll minn attivitajiet dwar il-karattri u l-emozzjonijiet tagħhom u l-ambjenti tal-kitbiet ta’ dawn it-tliet awturi. Spunt interessanti mix-xogħol ta’ Elding (2003, pp. 14-19) huwa li ffukat xi attivitajiet fuq il-karattru ta’ Elmer, il-protagonist ta’ ħafna mill-kotba ta’ McKee u li permezz tagħhom l-istudenti jistgħu jersqu aktar fil-qrib ta’ dan il-karattru. Dawn jinkludu wkoll pjan ta’ ħidma ta’ bejn ġimagħtejn u tliet ġimgħat għat-tagħlim tax-xogħlijiet tal-kittieba fil-klassi. Fihom wieħed jista’ jsib ukoll tqabbil tat-test oriġinali mal-preżentazzjoni viżwali, li hija attività siewja għall-istudenti (“The Author Study Toolkit”, 2021, p. 6).

Awtriċi oħra li isimha mhux ġdid, u li nkitbu bosta kotba u artikli dwarha hija J.K. Rowling. Fl-istudju ta’ awtur fuq Rowling, Nel (2001) jesplora t-temi ewlenin fis-serje tar-rumanzi ta’ *Harry Potter* u jagħti informazzjoni mifruxa sew fuqhom. Mad-diskussjoni dwar il-kotba u l-istejjer ta’ Harry Potter ma jonqosx xi fatti bijografiċi dwar l-awtriċi stess. Ix-xogħol ta’ Nel (2001) jinkludi wkoll xi ispirazzjonijiet għad-deskrizzjonijiet tal-karattri u tal-postijiet li kellha Rowling biex toħloq id-dinja ta’ Harry Potter. Studju ta’ awtur bħal dan dwar Rowling mhux talli se jinkoraġixxi lill-qarrejja jkomplu jaqraw il-kotba fis-serje ta’ Harry Potter iżda anki jiġbdu l-għajn ta’ min hu dilettant tal-films ta’ Harry Potter.

L-istudju ta' awtur li fasslet Crane (2001) dwar l-awtriċi Amerikana Verna Aardema huwa interessanti għax għall-bidu ssemmi għadd ta' attivitajiet li jistgħu jintużaw b'mod ġenerali għal kull studju ta' awtur, bħal ċarts tat-tqabbil tat-testi differenti tal-awtur iżda aktar 'il quddiem hija tiftaħ aktar fuq il-kotba ta' Aardema u l-attivitajiet speċifiċi li jistgħu jsiru mal-istudenti. Bħalma jisħaq Spiteri (2013, p. 11), l-attivitajiet li tipproponi Crane (2001) juru l-interess qawwi li kellha Aardema f'kulturi barranin, partikolarment il-kultura Afrikana. Huwa għalhekk li Crane għażlet li tiffoka wkoll fuq xi leġġendi umoristiċi Afrikani, b'relevanza għal dak li kitbet dwaru Aardena.

Silverman et al. (b.d.) fasslu studju ta' awtur fuq Jacqueline Woodson, awtriċi Amerikana tal-kotba tat-tfal u taż-żgħażagħ. Il-punt tat-tluq ta' dan l-istudju ta' awtur hija kwotazzjoni ta' Woodson u xi fatti bijografiċi dwarha. Silverman et al. (b.d.) jinkludu wkoll gwida għall-għalliema b'attivitajiet u b'punti saljenti li jistgħu jsemmu u jwettqu fil-klassi waqt diskussjoni dwar il-kotba ta' Woodson, minn dawk li huma mmirati għal udjenza bikrija sa dawk li huma għaż-żgħażagħ. Għal kull ktieb magħżul minnhom, huma jiffukaw fuq aspetti differenti, bħat-tema, il-punto di vista, il-metafori, xi tekniki letterarji, l-ambjent, is-simboliżmu u l-allużjoni. Dawn huma kollha aspetti li jistgħu jiġu diskussi waqt studju ta' awtur, li jwasslu għal stampa aktar ċara dwar it-tip ta' xogħlijiet li jikteb l-awtur u l-istil li juża.

Għalkemm studju ta' awtur hu magħruf sew fit-tagħlim tal-Esperjenza Letterarja lil studenti tal-primarja, wieħed xorta jista' joħloq studji ta' awtur bl-istess struttura u għamla għal livell aktar għoli u fuq awturi li jiktbu għal udjenza ikbar fl-età mmirata

għal studenti tal-iskola medja u sekondarja, bħalma sar f'għadd ta' teżijiet u dissertazzjonijiet lokali.

### 2.4. Ħarsa kritika lejn xi teżijiet lokali dwar studju ta' awtur

Matul dawn l-aħħar snin saru għadd ta' studji ta' awtur dwar xogħlijiet ta' kittieba Maltin differenti, fosthom ta' wħud li għadhom jiktbu sal-lum.

Spiteri (2013) fassal studju pedagoġiku fuq Joe Friggieri u kitbietu mmirat għall-għaxar sena. Huwa inkluda lezzjonijiet dwar poeżiji, kanzunetti, drammi u anki novelli, li permezz tagħhom wera kemm hu kittieb versatili. Dan l-istudju beda b'lezzjoni introduttorja dwar il-bijografija tal-awtur, ġiet segwita b'għadd ta' lezzjonijiet dwar ix-xogħlijiet tal-kittieb u fl-aħħar lezzjoni, tħejjiet laqgħa tal-istudenti mal-kittieb. L-istudju twettaq fil-klassi kif ukoll inġabar xi feedback mill-istudenti u mill-għalliema.

Studju simili sar minn Fenech (2017) dwar ix-xogħlijiet ta' Pawlu Mifsud, immirat għat-tmien sena. Hija ħejjiet għaxar pjan ta' lezzjonijiet fuq poeżiji tradizzjonali, stejjer ta' avventura, bi tmiem miftuħ u episodiċi, innu, kif ukoll xi praspar. Huwa interessanti wkoll il-fatt li f'kull lezzjoni ppjanata, hija inkludiet it-tagħlim ta' termini letterarji, skont il-livell tal-istudenti.

Farrugia (2004) ippjanat disa' lezzjonijiet fuq Mary Meilak u disgħa oħra fuq Victor Fenech. Xogħolha ffoka fuq il-bijografija letterarja u postha fil-lezzjoni tal-Esperjenza Letterarja. Hija ħolqot ukoll struttura ta' kif jistgħu jsiru l-istudji ta' awtur u tat deskrizzjoni tal-lezzjonijiet (mifruxa fuq sitt ġimgħat) li ppjanat għall-kittieba

magħżula. Tajjeb li wieħed josserva li l-lezzjonijiet ippjanati kważi kollha jittrattaw ġeneru differenti.

Muscat (2011) ukoll ħejjiet xi pjan tal-lezzjonijiet dwar ix-xogħlijiet ta' Carmel G. Cauchi u Charles Casha. L-istudji ta' awtur li fasslet Muscat (2011) huma mmirati għat-tmien sena tal-iskola medja jew għad-disa' sena tal-iskola sekondarja u jinkludu lezzjonijiet dwar kotba, stejjer umoristiċi sa didattiċi, kif ukoll xi poeżiji u drammi jew reċti. Xi ħaġa interessanti fl-istudju ta' awtur dwar Charles Casha hija li l-lezzjonijiet kollha kienu ppjanati bit-tir li joħorġu l-metafora tal-ħajja bħala vjaġġ, li jibda mit-tfulija u jispiċċa fix-xjuħija. Għal kull lezzjoni li ħejjiet, hija ttrattat siltiet dwar stadji differenti tal-ħajja.

Xogħol uniku li sar ukoll f'dawn l-aħħar snin kien dak ta' Agius (2014) li ħejjiet studju ta' awtur dwar tliet kittieba Lombardi, b'referenza għal Emilio, Elio u Ġino Lombardi, immirat għall-għaxar sena. Dan huwa studju ta' awtur b'differenza għax fl-għaxar lezzjonijiet Agius (2014) ġabret elementi mill-kotba tat-tliet kittieba tal-istess familja. Dan l-istudju ta' awtur jiffoka biss fuq in-narrattiva u għalhekk tul il-lezzjonijiet ġew diskussi elementi bħal-plott, l-ambjent, il-karattri u d-djalogi bejn il-karattri. L-istudju ta' awtur ġie introdott b'lezzjoni dwar il-bijografija tal-awturi Lombardi u magħluq b'laqgħa mal-iżgħar kittieb, Ġino Lombardi.

Ta' min wieħed jinnota li l-kittieba lokali li ntgħażlu s'issa għal studji ta' awtur huma kollha kbar fl-età u kemxejn inqas magħrufa minn oħrajn. Dan għaliex normalment, kittieba li huma diġà kbar fl-età jkunu ħarġu firxa wiesgħa ta' kotba u

jkunu aktar stabbiliti. L-istudenti għandhom isiru jafu b'aktar kittieba li jiffurmaw il-letteratura Maltija, u ma jistudjawx biss dawk li aħna mdorrija nisimgħu bihom.

Il-kunċett ta' dan il-programm ta' studju qed isir aktar komuni f'Malta, tant li llum wieħed jista' jsib għażla ta' disa' poeżiji ta' Dun Karm Psaila fil-ktieb *Hemm Art fil-Folja* (MATSEC, 2020) li beda jintuża għas-sillabu l-ġdid tal-Malti taċ-ĊES fl-iskejjel sekondarji. Dawn faċilment jintisġu fi studju ta' awtur li mhux talli jesponi l-istil li hu magħruf li jikteb bih Dun Karm iżda anki t-temi li jittratta fil-poetika tiegħu bħal: il-ġmiel tan-natura, il-patrijottiżmu u l-imħabba lejn ommu u lejn Alla. Minħabba li Dun Karm huwa l-poeta nazzjonali ta' Malta, inħasset il-ħtieġa li jintgħażlu l-poeżiji tiegħu sabiex waqt li l-istudenti jwessgħu l-kompetenza letterarja tagħhom, ikabbru wkoll l-għarfien kulturali ta' pajjiżhom. L-opportunità li bi ftit ħsieb u immaġinazzjoni jkun hemm studju ta' awtur jidher li sfumat hekk kif bir-reviżjonijiet proposti l-għadd ta' poeżija ta' Dun Karm tnaqqas għal tlieta *(Is-Sillabu tal-Malti ĊES 22*, MATSEC, 2021, aġġor.).

L-istudju ta' awtur fuq Jesmond Grech se jkun eqreb tax-xogħlijiet ta' Spiteri (2013) u Fenech (2017) minħabba li jiffukaw fuq awtur wieħed. Minkejja xi limitazzjonijiet li ġabet magħha l-pandemija Covid-19, din id-dissertazzjoni bħala proġett mhux se tinkludi l-fażi tal-implimentazzjoni tal-istudju ta' awtur fil-klassi.

**2.5. L-għeluq**

F'dan il-kapitlu ngħatat ħarsa aktar fil-fond lejn il-kunċett ta' studju ta' awtur. Ġew identifikati xi prinċipji relevanti għat-tiswir tiegħu. Inġabru wkoll għadd ta' benefiċċji u xi limitazzjonijiet ta' studju ta' awtur li wieħed għandu jikkunsidra meta

jkun se jħejji dan it-tip ta’ tqassim kurrikulari. Fl-aħħar nett, issemmew għadd ta’ eżempji internazzjonali kif ukoll lokali, li juru l-prinċipji fil-prattika.

It-Tielet Kapitlu

# It-Tħejjija għall-Istudju ta' Awtur

# 'Insiru Nafu lil Jesmond Grech'

### 3.1. L-ewwel ħsibijiet għat-tfassil tal-istudju ta' awtur dwar Jesmond Grech

Kull studju ta' awtur jitlob il-ħsieb qabel it-twettiq u jekk wieħed jaqbad jippjana l-lezzjonijiet mingħajr sekwenza jew loġika, jirriskja li jitlef il-punt ta' studju ta' awtur. Għalhekk, għal studju ta' awtur, tajjeb li l-għalliema qabelxejn jieħdu xi deċiżjonijiet, bħall-għażla tal-awtur u xogħlijietu u t-temi li jixtiequ jinfilsaw, u wara jfasslu pjan ta' ħidma b'għadd ta' għanijiet b'rabta mal-lezzjonijiet li jiffurmaw l-istudju ta' awtur. Bl-għajnuna ta' dokumenti kurrikulari fis-sistema edukattiva Maltija, bħall-kurrikulu, il-qafas tal-kisbiet u s-sillabu tal-Malti fost l-oħrajn, l-għalliema jaħsbu wkoll fuq xi jridu jiksbu permezz tal-istudju ta' awtur u għalxiex jixtiequ li dan iwassal.

### 3.2. Il-pjan ta' ħidma tal-istudju ta' awtur dwar Grech

L-istudju ta' awtur dwar Jesmond Grech se jinfirex fuq tnax-il lezzjoni, kif muri f'Tabella 3.1. L-għadd tal-lezzjonijiet ġie stabbilit skont dak li sar fi studji ta' awturi oħra tal-istess għamla (ara Farrugia, 2004; Muscat, 2011; Spiteri, 2013; Agius, 2014; Fenech, 2017), kif ukoll kampjuni ta' unitajiet didattiċi minn artikli f'ġurnali bħal ta' Fox (2006) li jissuġġerixxu madwar għaxar lezzjonijiet.

F'dan il-programm ta' studju, mill-ewwel lezzjoni sal-għaxar lezzjoni, l-istudenti u l-għalliema se jaqraw u janalizzaw xi siltiet letterarji mix-xogħlijiet ta' Jesmond Grech

u flimkien se jiddiskutu: it-tema, il-plott, il-karattri, il-forma, u l-istil ta' kitba fost l-oħrajn. Fil-ħdax-il lezzjoni se titħejja l-laqgħa tal-istudenti mal-kittieb, li matulha l-istudenti jintervistawh u jorbtu dak li tgħallmu mill-kotba ma' ħajtu. L-aħħar lezzjoni se tieħu forma ta' test biex l-istudenti u l-għalliema jsiru konxji ta' x'tgħallmu.

Il-lezzjonijiet f'dan l-istudju ta' awtur huma mpoġġija fl-ordni ppreżentata f'Tabella 3.1 għal raġuni partikolari. L-ewwel sitt lezzjonijiet kollha jittrattaw xi esperjenzi diffiċli li l-bniedem jista' jgħaddi minnhom, bħalma huma: il-gideb; il-ftuħ tal-għajnejn għal sitwazzjoni kerha; l-emozzjonijiet ta' dubju u ta' niket; l-effetti tal-użu tad-droga; l-istress; il-gwerra, fost l-oħrajn. Iżda t-tagħlima tal-mit fis-seba' lezzjoni għandha tqawwi l-qlub u turi lill-istudenti li għalkemm il-bnedmin jgħixu fost dawn il-problemi, xorta għandhom jittamaw għal ħajja aħjar. B'hekk, it-tmien, id-disa' u l-għaxar lezzjonijiet huma dwar il-perseveranza li għandu jkollu l-bniedem.

| Il-lezzjoni | It-titlu tal-lezzjoni |
|---|---|
| 1 | Aħjar ħabib fis-suq minn mitt skud fis-senduq! |
| 2 | X'kobba ta' emozzjonijiet! |
| 3 | X'jiġri meta tinqabad fin-nassa tad-droga? |
| 4 | Ġenerazzjoni Paceville |
| 5 | Stress biss... Stress spiss |
| 6 | Dmija u qerda... għalxejn! |
| 7 | Pandora u l-Kaxxa Maġika |
| 8 | Stennewh |
| 9 | Viva San Nikola! |
| 10 | "Fejn m'hemmx umiltà m'hemmx qdusija." |
| 11 | Niltaqgħu ma' Jesmond Grech |
| 12 | L-evalwazzjoni ta' x'tgħallmu l-istudenti tul l-istudju ta' awtur |

Tabella 3.1: Is-sekwenza tal-lezzjonijiet fl-istudju ta' awtur dwar Grech

### 3.3. L-importanza tal-istudju ta' awtur u r-relevanza tiegħu fil-klassi Maltija

Il-kunċett ta' studju ta' awtur huwa relevanti fil-kuntest tal-klassi Maltija tas-sekondarja tal-Esperjenza Letterarja u prova ta' dan huwa l-qbil ma' xi aspetti ta' dokumenti prinċipali fis-sistema edukattiva Maltija kif muri f'Tabella 3.2.




Tabella 3.2: Il-ħoloq kurrikulari fis-sistema edukattiva Maltija u studju ta' awtur

#### *3.3.1. Ir-rabta bejn il-Kurrikulu Nazzjonali (2012) u studju ta' awtur*

Il-*Qafas tal-Kurrikulu Nazzjonali għal Kulħadd* (Il-Ministeru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol, 2012, pp. 58-60) jistabbilixxi għadd ta' għanijiet tal-edukazzjoni sekondarja li jmorru id f'id mal-idea ta' studju ta' awtur. Wieħed mill-għanijiet huwa li l-istudenti għandhom jiżviluppaw il-potenzjal kollu tagħhom billi jibqgħu jitgħallmu tul ħajjithom u fost l-oħrajn, dan jitlob l-iżvilupp ta' ħiliet personali u soċjali, żvilupp morali u spiritwali, żvilupp ta' ħsieb kritiku u innovattiv kif ukoll l-apprezzament estetiku u espressjoni kreattiva.

Xi attivitajiet li jsiru tul studju ta' awtur, jistgħu jitwettqu fi gruppi u għalhekk l-istudenti jkollhom l-opportunità jiżviluppaw il-ħiliet soċjali. Minħabba l-fatt li l-istudenti

jintalbu jagħtu r-respons tagħhom għall-qari, huma jitgħallmu aktar kif għandhom jesprimu lilhom infushom quddiem udjenza. Tul studju ta' awtur jista' wkoll iseħħ żvilupp morali u spiritwali permezz ta' testi letterarji li jesprimu tagħlimiet morali u valuri li jistgħu jitgħallmu minnhom l-istudenti. Studju ta' awtur jgħin ukoll fl-iżvilupp ta' ħsieb kritiku u innovattiv, partikolarment tul l-analiżi tat-testi letterarji u l-irbit tagħhom mal-ħajja personali tal-awtur kif ukoll tul ir-respons mill-qari. Fuq kollox, studju ta' awtur iwassal lill-istudenti għall-apprezzament estetiku tat-testi letterarji u l-apprezzament għall-espressjoni kreattiva tal-awtur li juża stil, tekniki, temi, karattri u ambjenti differenti minn kittieba oħra.

B'mod aktar dirett, il-*Qafas tal-Kurrikulu Nazzjonali għal Kulħadd* (Il-Ministeru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol, 2012, pp. 60-61) jirreferi wkoll għal-lingwi, partikolarment għat-tagħlim tal-lingwa nattiva. Dan jisħaq li t-tagħlim tal-Malti fil-livell sekondarju jsaħħaħ is-sens ta' identità. Studju ta' awtur jista' wkoll jgħin fit-tisħiħ tas-sens ta' identità għax jekk jintgħażel awtur lokali, l-istudenti se jkollhom l-opportunità jiffamiljarizzaw ruħhom ma' awturi lokali u x-xogħlijiet tagħhom, li ta' xi wħud ikunu wkoll ambjentati lokalment. B'hekk l-istudenti jkunu jistgħu jsaħħu l-għarfien tagħhom dwar il-letteratura li tagħmel parti mill-kultura ta' pajjiżhom. Dan kollu jmur id f'id ma' għan ieħor tal-*Qafas tal-Kurrikulu*, li l-istudenti għandhom "jirrispettaw u jippromwovu l-kultura u l-wirt Malti" (p. 60). Għal dan il-proġett, intgħażel Jesmond Grech li huwa kittieb Malti u li l-parti l-kbira ta' xogħlijietu huma ambjentati f'kuntest lokali.

L-idea ta' studju ta' awtur fil-lezzjoni tal-Esperjenza Letterarja tista' twettaq għadd ta' prinċipji stabbiliti fil-*Qafas tal-Kurrikulu Nazzjonali għal Kulħadd* (Il-Ministeru

tal-Edukazzjoni u x-Xogħol, 2012). Tabella 3.3 tressaq qrib xulxin xi prinċipji mill-*Qafas tal-Kurrikulu* (Il-Ministeru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol, 2012, p. 32) mal-ideat ewlenin ta' studju ta' awtur.

| **Xi prinċipji tal-*Qafas tal-Kurrikulu Nazzjonali għal Kulħadd* (2012)** | **Xi ideat ewlenin ta' studju ta' awtur** |
|---|---|
| *Prinċipju 1*:<br>Id-Dritt għat-Tagħlim | Tul studju ta' awtur, l-istudenti kollha huma mħeġġa jipparteċipaw fl-attivitajiet, li jgħinu jiżviluppaw il-ħsieb analitiku, kritiku u kreattiv. L-istudenti jitgħallmu janalizzaw test b'mod kritiku billi jorbtu xi fatti bijografiċi dwar l-awtur mal-kotba tiegħu. |
| *Prinċipju 2*:<br>Id-Diversità | Il-ħsibijiet u l-opinjonijiet differenti mogħtija mill-istudenti bħala respons mill-qari huma kollha rrispettati tul l-istudju ta' awtur. L-istudenti jitgħallmu wkoll jaċċettaw il-perspettiva tal-awtur dwar suġġett partikolari kif jixref mit-test, anki jekk ma jaqblux. |
| *Prinċipju 3*:<br>It-Tagħlim Iffukat fuq l-Istudenti | Studju ta' awtur jinkludi l-parteċipazzjoni attiva tal-istudenti, speċjalment fl-għoti tar-respons mill-qari. Meta l-istudenti jorbtu t-test letterarju mal-esperjenzi personali tagħhom, il-letteratura tagħmel aktar sens f'ħajjithom. |
| *Prinċipju 6*:<br>L-Appoġġ Professjonali tal-Għalliema | Il-pjan tal-lezzjonijiet fi studju ta' awtur iservu ta' gwida għall-għalliema biex jgħallmu dwar l-awtur u xogħlijietu. L-attivitajiet u r-riżorsi fi studju ta' awtur jgħinu lill-istudenti jifhmu t-testi letterarji u jorbtu dak li qed jaqraw mal-ħajja tal-awtur. |

Tabella 3.3: Ir-rabta bejn il-*Kurrikulu Nazzjonali* (2012) u studju ta' awtur

### *3.3.2. Il-qrubija bejn l-Iskaluni għat-Tagħlim tal-Malti fis-Sekondarja (2001) u studju ta' awtur*

L-idea ta' studju ta' awtur tintrabat ukoll ma' xi aspetti tal-iskaluni tal-Esperjenza Letterarja (Portelli, 2001, pp. 106-128). It-tieni livell tal-Iskaluni b'mod partikolari jagħti importanza lir-relazzjoni bejn il-kittieb/a u t-testi tagħhom kif ukoll bejn l-awturi u l-qarrejja. Wieħed jista' jsib għadd ta' skaluni li jiffukaw fuq xi prinċipji li

jħaddan studju ta' awtur bħar-respons li għandu jingħata mill-qarrejja b'mod varjat, u mhux bil-kitba biss. Tabella 3.4 tippreżenta lista ta' skaluni li huma relatati ma' studju ta' awtur.

| **L-*Iskaluni* (2001) marbuta ma' studju ta' awtur** | |
|---|---|
| 7.2.2 | Jaraw rabta bejn ħajjet il-kittieba u l-produzzjoni letterarja tagħhom. |
| 7.2.3 | Jorbtu l-esperjenza tagħhom mal-esperjenza tal-kittieba kif tixref mit-test. |
| 7.2.4 | Jagħmlu distinzjoni bejn il-kittieb bħala persuna bijoloġika u l-perspettiva jew il-persona li jieħu l-kittieb fit-test. |
| 7.2.6 | Jirriflettu fuq il-viżjoni tal-ħajja kif interpretata mill-kittieb/a partikolari. |
| 7.2.9 | Jippjanaw u jippreżentaw xi programm tal-qari tat-testi letterarji ta' kittieb/a magħżul/a quddiem udjenza. |

Tabella 3.4: L-*Iskaluni* (2001) marbuta mal-kunċett ta' studju ta' awtur

Fit-tieni livell tal-Iskaluni, wieħed jista' jsib numru ta' skaluni oħra li għalkemm mhumiex jirreferu direttament għall-kittieba, xorta jgħinu fi studju ta' awtur, fosthom: li l-istudenti "jużaw it-terminoloġija bażika u adattata meta jiġu biex jesprimu ruħhom dwar it-testi letterarji" (7.2.7) kif ukoll "jifformulaw xi notamenti marbuta mat-test letterarju magħżul" (7.2.8) (Portelli, 2001, p. 117).

Fl-istudju ta' awtur fuq Jesmond Grech se jiġu kkunsidrati kemm l-iskaluni li huma marbuta direttament mal-kunċett ta' studju ta' awtur, kif ukoll dawk li huma relevanti għal-lezzjoni fil-programm ta' tagħlim.

### ***3.3.3. Ir-rabta bejn is-Sillabu tal-Malti ĊES 22 (2021) u studju ta' awtur***

Is-sillabu tal-Esperjenza Letterarja li beda jiġi implimentat minn din is-sena stess jiffoka fuq antoloġija ġdida bl-isem *Hemm Art fil-Folja* (MATSEC, 2020), li għandu jsir fil-

lezzjonijiet tal-Esperjenza Letterarja tul id-disa', l-għaxar u l-ħdax-il sena tal-iskola sekondarja. Huwa interessanti kif din l-antoloġija ma tinkludix biss ġabra ta' poeżiji u novelli bħal dik ta' qabilha f'*Bejn Ħaltejn* (MATSEC, 2011) iżda hija mogħnija b'siltiet ta' rumanzi minflok ir-rumanzett *Il-Ħarsa ta' Rużann* (Ebejer, 1985), kif ukoll ġabra ta' disa' poeżiji ta' Dun Karm Psaila.

L-istudju tal-ġabra ta' poeżiji ta' Dun Karm huwa simili ħafna għal studju ta' awtur. Għalkemm ħafna studji ta' awtur, inkluż dak li se jsir dwar Jesmond Grech, jinkludu firxa ta' ġeneri ta' xogħlijiet fosthom poeżija, proża u drama, din il-ġabra ta' poeżiji ta' Dun Karm tista' xorta tiġi meqjusa bħala 'studju ta' awtur' għax xorta se jkun hemm l-att ta' studju ta' xogħlijiet ta' awtur, avolja poeżiji biss. Studji simili diġà twettqu barra minn xtutna, fosthom dak ta' Owen (2003) li fassal studju ta' awtur partikolarment fuq il-poeżiji ta' Ted Hughes.

Studji ta' awtur bħal dawk li ġew proposti f'dissertazzjonijiet ta' qabel u bħalma qed jiġi ppjanat f'din id-dissertazzjoni fuq Jesmond Grech, għandu jkollhom post fis-sillabu sabiex l-istudenti jkunu jistgħu jitħarrġu fuq awtur wieħed u mhux jippruvaw jorbtu ħafna testi differenti mal-awturi differenti tagħhom.

### *3.3.4. Il-qrubija bejn Il-Kisbiet mit-Tagħlim (2021) u studju ta' awtur*

*Is-Sillabu tal-Malti ĊES 22* (MATSEC, 2021) jidentifika ħmistax-il kisba mit-tagħlim li jkopru l-ħiliet u l-oqsma kollha tal-Malti. Hemm erba' kisbiet mit-tagħlim dwar l-esperjenza letterarja li jistgħu b'xi mod jiġu infilsati fi studju ta' awtur (ara Tabella 3.5).

| ***Il-Kisbiet mit-Tagħlim*** **(MATSEC, 2021, pp. 19-23)** | **Elementi ta' studju ta' awtur** |
|---|---|
| *Kisba 11*:<br>Nidentifika ġeneri differenti letterarji. | Studju ta' awtur jista' jinkludi ġeneri differenti letterarji fost l-oħrajn: poeżiji, proża, dramm, kanzunetti. Għalhekk l-istudenti jistgħu jidentifikaw dawk il-ġeneri li l-aktar juża awtur partikolari. |
| *Kisba 12*:<br>Napprezza l-funzjoni tat-tema/i f'testi letterarji. | Tul studju ta' awtur, l-istudenti jistgħu jesploraw ukoll it-temi differenti li juża awtur u jekk hemmx xi tema partikolari li jħobb jenfasizza tul ix-xogħlijiet tiegħu. |
| *Kisba 13*:<br>Nikkummenta b'mod kritiku fuq testi letterarji. | Il-ħiliet kritiċi tal-istudenti huma żviluppati waqt li dawn jippruvaw janalizzaw it-testi letterarji ta' awtur partikolari. |
| *Kisba 14*:<br>Nanalizza l-elementi stilistiċi li jsawru testi letterarji. | Wara l-qari ta' għadd ta' xogħlijiet tal-istess awtur, l-istudenti jistgħu jagħrfu l-elementi stilistiċi li juża dak l-awtur partikolari b'mod rikorrenti. |

Tabella 3.5: Il-qrubija bejn *Il-Kisbiet mit-Tagħlim* (2021) u studju ta' awtur

Il-kisbiet mit-tagħlim inħolqu sabiex iservu ta' gwida għall-għalliema dwar x'tagħlim għandu jsir fil-klassi u x'għandhom ikunu tgħallmu l-istudenti sal-aħħar tal-lezzjoni. Madankollu, kisba waħda tista' tintlaħaq fuq firxa ta' lezzjonijiet.

L-erba' kisbiet mit-tagħlim ippreżentati f'Tabella 3.5 se jiġu kkunsidrati kollha biex jintlaħqu fl-istudju ta' awtur dwar Jesmond Grech. Tkun idea għaqlija kieku min ifassal studju ta' awtur, joħloq miegħu kisba mit-tagħlim speċifika. Għaldaqstant, bħala kampjun, kisba mit-tagħlim għal dan l-istudju ta' awtur tista' tkun xi ħaġa hekk: "Napprezza t-testi letterarji tal-kittieb Jesmond Grech".

### 3.4. L-għanijiet tal-istudju ta' awtur dwar Jesmond Grech

L-istudju ta' awtur dwar Jesmond Grech se jkollu għadd ta' għanijiet li l-għalliema u l-istudenti għandhom jaslu għalihom sal-aħħar ta' dan il-programm ta' tagħlim (ara Tabella 3.6).

| L-għanijiet tal-istudju ta' awtur dwar Jesmond Grech | |
|---|---|
| 1. | L-istudenti se jidentifikaw xi fatti bijografiċi dwar Jesmond Grech. |
| 2. | L-istudenti se jaqraw għadd ta' siltiet ta' ġeneri differenti minn xogħlijiet ta' Jesmond Grech. |
| 3. | L-istudenti se janalizzaw is-siltiet letterarji ta' Jesmond Grech b'referenza għal spunti letterarji bħalma huma l-plott, it-temi, il-karattri, il-forma u l-istil ta' kitba. |
| 4. | L-istudenti se jqabblu xi testi letterarji ta' Jesmond Grech flimkien. |
| 5. | L-istudenti se jiddiskutu l-perspettiva ta' Jesmond Grech dwar temi partikolari tat-testi letterarji. |
| 6. | L-istudenti se jiddeterminaw xi tekniki ta' kitba li Jesmond Grech juża b'mod regolari f'kitbietu. |
| 7. | L-istudenti se jesprimu r-respons personali tagħhom għax-xogħlijiet ta' Jesmond Grech. |
| 8. | L-istudenti se jirrelataw l-esperjenzi personali tagħhom mal-esperjenzi u s-sitwazzjonijiet ippreżentati fil-kotba ta' Jesmond Grech. |
| 9. | L-istudenti se jqabblu t-testi letterarji ta' Jesmond Grech mal-ħajja personali tiegħu. |

Tabella 3.6: L-għanijiet tal-istudju ta' awtur dwar Jesmond Grech

Wara r-riċerka li saret dwar studju ta' awtur (ara t-Tieni Kapitlu), ġew stabbiliti dawn id-disa' għanijiet, li wħud minnhom jiffukaw fuq il-kittieb innifsu, bħalma huma l-ewwel u l-ħames, filwaqt li hemm oħrajn speċifiċi fuq il-kitba tal-awtur, pereżempju, għanijiet numru tlieta u sitta. Għanijiet bħal numru sebgħa u tmienja jiffukaw aktar fuq l-esperjenza tal-istudenti tul studju ta' awtur u r-relazzjoni li jibnu mal-awtur permezz ta' xogħlijietu.

Madankollu, kull lezzjoni se jkollha l-għanijiet speċifiċi tagħha li jridu jintlaħqu sal-aħħar ta' dik il-lezzjoni partikolari, kif se jintwera fil-pjan tal-lezzjonijiet bħala parti mill-proġett għad-dissertazzjoni (ara Appendiċi B1-B12).

### 3.5. Xi kriterji għall-għażla tat-testi letterarji mix-xogħlijiet ta' Grech

Jesmond Grech kiteb kemm xogħlijiet għat-tfal, għaż-żgħażagħ, kif ukoll għall-adulti. Għaldaqstant, l-ewwel deċiżjoni li riedet issir fit-tħejjija għal dan l-istudju ta' awtur kienet li jinġabru l-kotba kollha ta' Grech, u ssir distinzjoni bejniethom. Minħabba l-fatt li dan l-istudju ta' awtur huwa mmirat għal studenti tal-iskola sekondarja, intgħażlu dawk il-kotba ta' Grech li huma miktuba għaż-żgħażagħ jew li ż-żgħażagħ jistgħu jirrelataw magħhom mingħajr diffikultà.

It-testi letterarji li jiffurmaw l-istudju ta' awtur intgħażlu skont għadd ta' kriterji. L-għażla tat-testi letterarji għal dan il-programm ta' tagħlim jixraq li tkun limitata għall-età u l-abbiltà tal-istudenti (Sheridan, 2001, p. 130). Għażla preliminari li saret fit-tħejjija għall-istudju ta' awtur kienet l-età tal-udjenza, li fil-każ tax-xogħlijiet ta' Grech rajt li għandhom ikunu adattati għal studenti tad-disa' sena tas-sekondarja. It-testi letterarji magħżula għal dan l-istudju ta' awtur għandhom jolqtu studenti b'abbiltajiet differenti iżda huwa rakkomandat u jista' jsir differenzjar fl-attivitajiet u r-riżorsi ppjanati għal tul il-lezzjonijiet (ara Appendiċi B1-B12).

Il-fatt li l-parti l-kbira tal-iskejjel sekondarji lokali jiffunzjonaw b'sistema ta' koedukazzjoni, ġie kkunsidrat sabiex jintlaqtu l-interessi tas-sessi kollha. Għalhekk, is-siltiet magħżula kif ukoll l-attivitajiet u r-riżorsi għandhom jolqtu lill-istudenti kollha.

Bħalma jsostni Berardo (2006, p. 63), fattur essenzjali għall-għażla ta' testi letterarji għall-istudenti huwa jekk it-testi jinteressawhomx u jekk humiex relevanti għal ħajjithom. Fil-każ ta' dan l-istudju ta' awtur, intgħażlu siltiet letterarji li jistgħu jappellaw għall-ħajja żagħżugħa u għalhekk jittrattaw suġġetti bħall-ħbiberija, l-emozzjonijiet, l-espożizzjoni għall-vizzji bħax-xorb alkoħoliku u d-drogi, fost l-oħrajn (Rossitto, 2023).

Deċiżjoni oħra fl-għażla tat-testi letterarji kienet dik tal-varjetà ta' ġeneri sabiex l-istudenti jwessgħu l-kompetenza letterarja tagħhom u fl-istess waqt jieħdu gost. Il-ġeneri ta' kotba li ntgħażlu għal dan l-istudju ta' awtur huma ppreżentati f'Tabella 3.7.

| Il-lezzjoni | Il-ktieb | Il-ġeneru |
|---|---|---|
| 1. Aħjar ħabib fis-suq minn mitt skud fis-senduq! | *Gideb u Mħabba* | Rumanz ta' mħabba |
| 2. X'kobba ta' emozzjonijiet! | *Imħabba mill-Ġdid* | Rumanz ta' mħabba |
| 3. X'jiġri meta tinqabad fin-nassa tad-droga? | *Imħabba bla Tmiem* | Rumanz ta' mħabba |
| 4. Ġenerazzjoni Paceville | *Ġenerazzjoni Paceville* | Ktieb għaż-żgħażagħ |
| 5. Stress biss... Stress spiss | *Ġenerazzjoni Paceville* | Ktieb għaż-żgħażagħ |
| 6. Dmija u qerda... għalxejn! | *L-Għaxra tal-Ħamsa* | Poeżija moderna |
| 7. Pandora u l-Kaxxa Maġika | *Ħrejjef mill-Greċja* | Mit |
| 8. Stennewh | *Demm fil-Korsija* | Poeżija moderna |
| 9. Viva San Nikola! | *Nikola: Bniedem t'Alla* | Poema |
| 10. "Fejn m'hemmx umiltà m'hemmx qdusija." | *Nar Ġo Qalbna: Il-Ġrajja ta' Eugenio Borg* | Rumanz bijografiku |

Tabella 3.7: Il-ġeneri tal-qari fl-istudju ta' awtur dwar Grech

Mir-rumanzi jew kotba għaż-żgħażagħ ta' Grech intgħażlu siltiet ta' tulijiet differenti. Tul il-proċess tal-għażla tas-siltiet mir-rumanzi ta' Grech, ġie kkunsidrat il-kuntest fil-ktieb li s-silta hija meħuda minnu. Għalkemm dawn is-siltiet huma mislutin minn rumanz sħiħ b'nisġa tal-plott tul għadd ta' kapitli, is-silta ntgħażlet b'tali mod li ssemmi (anki jekk fi ftit kliem) il-problema ċentrali tal-ktieb. B'dan il-mod, l-istudenti

xorta jkunu jafu x'inhu jiġri tul ir-rumanz mingħajr ma jkollhom għaliex jaqraw x'jiġri qabel is-silta li tintuża fil-klassi.

Ħafna mis-siltiet magħżulin ma jinkludux firxa wiesgħa ta' karattri differenti biex l-istudenti ma jitgerfxux tul il-qari. Għalkemm is-siltiet juru lill-qarrejja dak li jkun qiegħed iseħħ fil-ġrajja, dawn xorta għandhom iħallu għadd ta' mistoqsijiet f'moħħ l-istudenti; dwar kif tkompli l-istorja u anki kif tispiċċa. Mhux il-lezzjonijiet kollha se jiffukaw fuq silta letterarja waħda biss. Xi lezzjonijiet se jinkludu għadd ta' siltiet qosra mill-istess ktieb sabiex permezz tagħhom ilkoll, joħorġu u jisħqu spunt letterarju partikolari. Fil-proċess tal-għażla tal-qari tqiesu wkoll l-attivitajiet u r-riżorsi li jistgħu jsiru relatati mas-silta letterarja magħżula (Collie & Slater, 1987, p. 12).

Il-ħin ta' lezzjoni tipika tal-Malti, li hu madwar erbgħin minuta, ġie kkunsidrat ukoll fl-għażla tas-siltiet letterarji. Dan għaliex silta ma tistax tkun twila żżejjed, li ma tinqarax f'lezzjoni, jew li ma tħallix biżżejjed ħin għal attivitajiet relatati mal-qari u l-istħarriġ ta' spunti letterarji.

Fl-għażla tat-testi letterarji għall-istudju ta' awtur dwar Grech tqies ukoll l-assessjar u l-evalwar li jista' jsir. Intgħażlu siltiet li jistgħu jsiru attivitajiet u taħriġiet dwarhom li jservu bħala mod ta' kif l-għalliema jistgħu jassessjaw kif sejrin l-istudenti u jagħtu feedback biex jintlaħqu l-għanijiet ta' dan il-programm ta' studju. Is-siltiet magħżulin jistgħu jsiru mistoqsijiet fuq il-kontenut tagħhom u fuq kif l-istudenti jirrelataw magħhom fl-aħħar biex jiġi evalwat dak li tgħallmu l-istudenti mill-esperjenza tagħhom fl-istudju ta' awtur.

Is-siltiet letterarji magħżulin jirrappreżentaw temi differenti li jqajmu diskussjonijiet fuq kwistjonijiet varji. Dawn għandhom jappellaw għall-interessi tal-istudenti bħala żgħażagħ għax il-lezzjonijiet jittrattaw sitwazzjonijiet umani li kulħadd jgħaddi minnhom, b'mod partikolari tul iż-żgħożija.

### 3.6. It-temi fil-kitbiet ta' Jesmond Grech

Skont Wolk (2016, p. 47), studenti ta' skejjel medji u sekondarji għandhom jingħataw l-opportunità jiddiskutu temi importanti u kontroversjali fil-ħajja ta' kuljum għax b'hekk jintwerew ukoll ċertu rispett. Jesmond Grech jesponi għadd ta' problemi u temi differenti li l-istudenti faċli jirrelataw magħhom u li għadhom relevanti sal-lum (ara Tabella 3.8).

| Il-Lezzjoni | It-Tema | Il-Valur |
|---|---|---|
| 1. Aħjar ħabib fis-suq minn mitt skud fis-senduq! | Il-ħbiberija | Għandna naċċettaw il-verità, anki jekk din tweġġa' |
| 2. X'kobba ta' emozzjonijiet! | L-imħabba | L-emozzjonijiet li tikkawża l-imħabba |
| 3. X'jiġri meta tinqabad fin-nassa tad-droga? | Id-droga | Il-bidla fil-ħajja sforz il-vizzji |
| 4. Ġenerazzjoni Paceville | Iż-żgħożija | It-tentazzjoni tal-vizzji u l-pressjoni mill-ħbieb |
| 5. Stress biss... Stress spiss | L-edukazzjoni | Nikkontrollaw l-istress fil-ħajja edukattiva |
| 6. Dmija u qerda... għalxejn! | Il-gwerra | Il-frugħa tal-gwerra u l-għeja li tikkawża |
| 7. Pandora u l-Kaxxa Maġika | It-tama | Naspiraw għal ħajja aħjar fost il-ħażen fid-dinja |
| 8. Stennewh | Il-perseveranza | Ma naqtgħux qalbna |
| 9. Viva San Nikola! | Il-fidi | Inkunu ta' eżempju tajjeb għal ta' madwarna |
| 10. "Fejn m'hemmx umiltà m'hemmx qdusija." | Il-fidi | Inwettqu azzjonijiet ta' solidarjetà tul ħajjitna |

Tabella 3.8: It-temi u l-valuri tas-siltiet tal-qari fl-istudju ta' awtur dwar Grech

Mir-riċerka li għamlet Stewart (2011, p. 17) jidher li biex l-istudenti jsiru bnedmin aktar sħaħ, għandhom jitgħallmu kif ikunu ħbieb veri u għalhekk tisħaq fuq l-importanza li l-għalliema jagħżlu testi letterarji li joħolqu diskussjonijiet fuq hekk. Vygotsky (2004, p. 20) jispjega kif il-kotba tat-tfal huma sors ta' kif jistgħu jesploraw u jitgħallmu dwar l-emozzjonijiet (ara Appendiċi B2). Meta l-istudenti jħossu għall-karattri jew iħossu bħalhom ikunu qegħdin jiżviluppaw ċerta kompetenza emozzjonali (Riquelme & Montero, 2013, p. 231).

Permezz ta' diskussjoni fuq tema bħal tal-vizzji (ara Appendiċi B3 u B4), l-istudenti jitgħallmu jempatizzaw aktar mas-sitwazzjoni, jitkellmu fuqha u jsolvuha (Tancred et al., 2018, p. 2). Midford et al. (2012, p. 2) jargumentaw kif meta l-istudenti jiġu wiċċ imb wiċċ mas-sitwazzjoni u l-konsegwenzi tagħha (bħal tal-vizzji), se jkunu aktar inklinati li jġibu ruħhom bil-maqlub. Il-letteratura li tirrifletti problemi reali tat-tfal u ż-żgħażagħ hija importanti ħafna għall-iżvilupp ta' ħiliet soċjali. Għalhekk intgħażlu siltiet li jiffukaw fuq żmien iż-żgħożija u l-istress li ġġib magħha l-ħajja edukattiva (Cartledge & Kiarie, 2001, p. 42) (ara Appendiċi B4 u B5).

Skont Freire (1974, p. 93) fil-proċess tat-tagħlim, l-unika persuna li titgħallem hija dik li tipprova tirrelata u tifhem sitwazzjonijiet u tapplikahom għal sitwazzjoni konkreta li qed tgħix fiha. Permezz tal-poeżiji b'tema tal-gwerra (ara Appendiċi B6) l-istudenti għandhom jifhmu aktar minn xiex inhuma għaddejjin bħalissa xi pajjiżi madwar id-dinja. Lezzjoni bħal din twassal lill-istudenti jsiru aktar konxji tal-paċi u l-għaqda li hemm bżonn fid-dinja llum (Powers, 2007, p. 182).

L-istudju ta' awtur jibda jieħu xejra aktar ottimista permezz tal-mit li hemm fis-seba' lezzjoni. Dan jipprova jikkonvinċi lill-qarrejja jibqgħu jittamaw għal ħajja aħjar fost il-ħażen tad-dinja. Għalhekk l-għalliema u l-istudenti jistgħu jużaw il-letteratura bħala mezz kif jikkunsidraw ħajja ottimista bħala respons għall-vjolenza, il-kunflitti u t-tbatija (Lear, 2006, p. 133; Massey et al., 2021, p. 576). Is-siltiet dwar il-personaġġi reliġjużi (ara Appendiċi B9 u B10) jesebixxu t-tema tal-fidi u huma relevanti għax, skont Cunningham (2002, p. 4), karattri bħal dawn jixprunaw lill-qarrejja jgħixu ħajja aħjar.

It-temi tas-siltiet letterarji magħżula, jesponu l-interessi ta' Jesmond Grech u jservu ta' introspezzjoni fuq ħajtu minn għajnejh. B'hekk, l-istudenti jistgħu jsiru jafu aktar dwar l-awtur u jirrelataw episodji minn ħajjithom mas-sitwazzjonijiet li huma deskritti f'kitbietu.

**3.7. L-għeluq**

Fl-ewwel parti ta' dan il-kapitlu ġie stabbilit pjan ta' ħidma għall-istudju ta' awtur dwar Jesmond Grech. Tfasslu wkoll għadd ta' għanijiet għall-istudju ta' awtur iżda kull lezzjoni se jkollha għadd speċifiku tagħhom. Intwerew ukoll xi deċiżjonijiet ewlenin li kellhom jittieħdu waqt it-tħejjija għall-istudju ta' awtur, fosthom l-għażla tas-siltiet letterarji u t-temi f'dawn is-siltiet. F'dan il-kapitlu, l-istudju ta' awtur dwar Grech intrabat mad-dokumenti kurrikulari fis-sistema edukattiva Maltija sabiex tintwera r-relevanza tiegħu fil-klassi tal-Esperjenza Letterarja lokali. Dan kollu għandu jservi ta' sisien fuqiex jista' jinbena l-istudju ta' awtur dwar Grech b'mod sod, razzjonali u effettiv.

Ir-Raba' Kapitlu

# Diskussjoni dwar l-Istudju ta' Awtur

# 'Insiru Nafu lil Jesmond Grech'

## 4.1. Daħla għall-proġett

L-istudju ta' awtur dwar Jesmond Grech u xogħlijietu huwa magħmul minn pjan tal-lezzjonijiet, li jinsġu flimkien firxa ta' elementi li jgħinu biex l-eżekuzzjoni tal-lezzjoni tkun effettiva. Ir-riżorsi varji li jakkumpanjaw il-pjan tal-lezzjonijiet jistgħu jkunu affarijiet tanġibbli, ippreżentati fuq karta jew teknoloġiċi. Dawn jifdu l-attivitajiet li jagħmlu dan l-istudju ta' awtur aktar interessanti u interattiv. Sabiex jiġi assessjat it-tagħlim tal-istudenti, l-istudju ta' awtur jinkludi wkoll xi istanzi ta' assessjar formattiv u jagħlaq b'evalwar summattiv. Dan kollu se jiġi diskuss f'dan il-kapitlu b'kunsiderazzjoni teoretika u eżempji konkreti mill-proġett (ara Appendiċi B).

## 4.2. Il-pjan tal-lezzjonijiet

Tuchman Glass (2005, p. 4) tissuġġerixxi li l-pjan tal-lezzjonijiet huma parti essenzjali minn disinn ta' programm ta' tagħlim, inkluż studju ta' awtur. Il-pjan tal-lezzjonijiet jgħinu lill-għalliema jżommu amment ta' x'għandu jsir tul il-lezzjoni u jipprovdu struttura lil-lezzjoni (Richards, 1998, p. 10). Dawn jagħtu opportunità lill-għalliema jaħsbu aktar dwar: l-għanijiet tal-lezzjonijiet; l-attivitajiet li jixtiequ jfasslu biex jilħqu l-għanijiet; is-sekwenza tal-attivitajiet; ir-riżorsi meħtieġa; il-ħin ta' kull attività u t-tip ta' assessjar u evalwar imħaddma (Ashcraft, 2014, p. 1). Permezz tal-pjan tal-lezzjonijiet l-għalliema jħossuhom aktar kunfidenti li l-lezzjoni timxi ħarir u jistgħu

jantiċipaw xi problemi qabel ma jiġru (Farrell, 2002, p. 31). Il-pjan tal-lezzjoni jgħin lill-għalliema jżommu aktar kontroll tal-klassi.

Kull pjan tal-lezzjoni jibda b'titlu, bħal "Lezzjoni 8: Stennewh" (ara Appendiċi B8). F'kull lezzjoni tinqara silta jew jinqraw għadd ta' siltiet mill-kotba ta' Grech imniżżla wara t-titlu, pereżempju "Il-mit ta' 'Pandora u l-Kaxxa Maġika' minn *Ħrejjef mill-Greċja* (pp. 10-14)" (ara Appendiċi B7).

Il-pjan tal-lezzjonijiet f'dan il-proġett jidentifikaw ukoll rabta tal-lezzjoni ma' xi ħoloq kurrikulari. Dan għaliex, bħalma tissuġġerixxi Walker (2008, p. 51), huwa importanti li l-għalliema jkunu konxji ta' x'għandhom jgħallmu lill-istudenti permezz tal-ħoloq kurrikulari. Dan sabiex iħejju pjan ta' lezzjonijiet u biex l-istudenti jitgħallmu dak li huwa stabbilit. Il-pjan tal-lezzjonijiet f'dan il-proġett jinkludu skaluna u kisba mit-tagħlim f'kull lezzjoni, b'rabta mal-Esperjenza Letterarja.

Huma l-għanijiet tal-lezzjoni fost l-elementi preliminari tal-pjan tal-lezzjoni. Dawn jistabbilixxu dak li l-għalliema jixtiequ li l-istudenti jitgħallmu, jgħinu fl-għażla ta' attivitajiet adattati għal-lezzjoni, u jagħtu sens ta' direzzjoni għall-għalliema (Farrell, 2002, p. 32). L-għanijiet huma mod ta' kif l-għalliema jistgħu jassessjaw u jevalwaw x'tgħallmu l-istudenti sa tmiem il-lezzjoni. Fil-kuntest lokali, bħala gwida għall-għalliema, Portelli (2020, pp. 96-98) jissuġġerixxi li l-għanijiet istruttivi għandhom jibdew: "Sa tmiem din il-lezzjoni, l-istudenti se..." u l-għalliema għandhom ikomplu l-għanijiet billi jagħmlu lista ta' azzjonijiet mixtieqa mill-istudenti tul lezzjoni. Fuq ix-xogħol ta' Bloom (1956), li aktar tard ġie rrevedut minn Anderson u Krathwohl (2001,

pp. 67-68), ġew imsejsa xi eżempji ta' verbi speċifiċi li jistgħu jintużaw biex jinkitbu għanijiet tajbin. Fil-pjan tal-lezzjonijiet ta' dan l-istudju ta' awtur, l-għanijiet huma mfassla fuq il-mudell ta' Portelli (2020, p. 96) u kull lezzjoni tinkludi sa mhux aktar minn tliet għanijiet. L-għanijiet tal-lezzjoni jistgħu jintlaħqu permezz ta' għadd ta' riżorsi li l-għalliema jistgħu jużaw u li se ssir referenza għalihom fil-proġett tad-dissertazzjoni wkoll, bħal: stampi, filmati, rekordings, il-bord interattiv, karti tat-taħriġ, preżentazzjonijiet, leħħiet, u oħrajn.

Ħafna pedagoġisti jsostnu li l-iżvilupp tal-lezzjoni tkun maqsuma fi tliet partijiet ewlenin: il-bidu, il-qofol, u l-għeluq tal-lezzjoni. Skont Fautley u Savage (2014, p. 8) waħda mill-iktar partijiet kruċjali tal-lezzjoni hija l-ftuħ. Huma jistqarru li d-daħla għandha tkun interattiva. L-introduzzjoni tista' taffettwa kif tiżvolġi l-bqija tal-lezzjoni. Il-qofol tal-lezzjoni f'dan l-istudju ta' awtur hu maqsum f'passi differenti sabiex jindikaw b'mod aktar ċar l-ordni tal-attivitajiet u jservu ta' gwida għall-għalliema. Wara l-passi tal-iżvilupp, jinkiteb l-għeluq li fih jinġabar dak li jkun sar tul il-lezzjoni. Haynes (2010, p. 97) jissuġġerixxi li għandu jkun hemm ċerta flessibiltà fil-ħin allokat għal kull attività u għalhekk minflok jinkitbu '5 minuti' għal attività, jinkitbu 'bejn 5 u 6 minuti', bħalma jidher fil-pjan tal-lezzjonijiet ta' dan il-proġett.

Għall-parti l-kbira tal-lezzjonijiet f'dan l-istudju ta' awtur, hu ppjanat xi xogħol għad-dar, li wkoll għandu jitniżżel fil-pjan tal-lezzjonijiet (Walker, 2008, p. 59). Rosario et al. (2015, p. 11) jissuġġerixxu li x-xogħol għad-dar jista' jaqdi funzjonijiet differenti: biex iservi ta' prattika ta' dak li sar fil-lezzjoni, jista' jkun ta' preparazzjoni għal-lezzjoni ta' wara jew estensjoni ta' dak li jkun sar fil-lezzjoni. Ix-xogħol għad-dar li jingħata tul l-

istudju ta' awtur fil-maġġor parti tiegħu jservi ta' estensjoni ta' dak li jsir fil-lezzjonijiet u għalhekk jieħu forma ta' kitba, riċerka jew riflessjoni fuq l-esperjenzi tal-istudenti. Ir-raġuni hija li permezz ta' dan l-istudju ta' awtur, l-istudenti se jaħsbu aktar u jaħdmu b'mod awtonomu li jwassalhom biex jiżviluppaw aktar ħiliet bħall-ħsieb kritiku.

Għalkemm is-siltiet letterarji li ntgħażlu għall-istudju ta' awtur ta' din id-dissertazzjoni jistgħu jinqraw minn studenti ta' kull livell u abbiltà tad-disa' sena fis-sekondarja, f'ħafna mill-attivitajiet u mir-riżorsi jista' jsir xi forma ta' differenzjar. Haynes (2010, p. 139-140) jiddefinixxi d-differenzjar bħala l-proċess tal-adattament ta' attivitajiet akkademiċi biex jaqdu l-bżonnijiet tal-istudenti kollha. L-istudenti ma jitgħallmux kollha bl-istess mod u bl-istess pass u għalhekk b'modi differenti, l-istudenti kollha jingħataw l-opportunità li jitgħallmu. Kull pjan tal-lezzjoni fl-istudju ta' awtur dwar Grech jispiċċa b'xi punti dwar xi bidliet bejn studenti b'abbiltajiet differenti li jiffukaw fuq kif jista' jiġi adattat il-kontenut, il-metodi tat-tagħlim, ir-riżorsi jew l-assessjar u l-evalwar.

Fi tmiem il-pjan tal-lezzjonijiet fl-istudju ta' awtur dwar Grech, hemm referenza għall-assessjar jew l-evalwar li se jkun sar waqt il-lezzjonijiet. L-assessjar formattiv huwa l-mument li fih l-għalliema jistgħu jassessjaw dak li tgħallmu l-istudenti u jekk intlaħqux l-għanijiet tal-lezzjoni (Butt, 2008, pp. 67-68). Dan jista' jservi ta' indikazzjoni tal-aħjar metodu tat-tagħlim (Paris & Ayres, 1994, p. 167; Popham, 2008, p. 6). F'għadd ta' lezzjonijiet dwar ix-xogħlijiet ta' Grech isir xi tip ta' assessjar formattiv (ara Appendiċi B3, B4, B7, B8, B9, B10). L-evalwar summattiv se jsir fl-aħħar lezzjoni tal-istudju ta' awtur għax bħalma jtennu Bhat u Bhat (2019, p. 776) dan jintuża biex

jevalwa x'tgħallmu l-istudenti, x'ħiliet żviluppaw, u x'kisbiet akkademiċi kisbu fi tmiem perjodu definit ta' xi programm tat-tagħlim. L-evalwar se jieħu forma ta' test, li fih l-istudenti se jkollhom mistoqsijiet dwar il-lezzjonijiet kollha ta' qabel fl-istudju ta' awtur (ara Appendiċi B12).

### 4.3. It-tip ta' attivitajiet u taħriġiet

Hemm modi differenti ta' kif jista' jsir il-qari u hemm għadd ta' attivitajiet u taħriġiet li jikkumplimentaw il-qari u l-istudju ta' awtur. Tabella 4.1 tiġbor għażla ta' attivitajiet u taħriġiet għal kull lezzjoni. L-importanza ta' dawn l-attivitajiet fil-klassi hija analizzata minn għadd ta' studjużi, bħal dawk indikati fil-kolonna tar-referenzi.

| Il-Lezzjoni | L-Attivitajiet u t-Taħriġiet | Ir-Referenzi Teoretiċi għall-Attivitajiet |
|---|---|---|
| 1. | • jidentifikaw fatti bijografiċi dwar l-awtur<br>• mistoqsijiet dwar il-fehma tal-awtur<br>• kuntrast bejn il-ktieb u s-serje televiżiva<br>• kitba ta' riċetta ta' ħbiberija | Dugan (1997)<br>Beck et al. (1996)<br>Roth (2002), Silver (2010)<br>Knoeller (2003) |
| 2. | • qari mill-istudenti<br>• mistoqsijiet dwar il-kontenut<br>• mima ta' emozzjonijiet differenti<br>• graff ta' emozzjonijiet<br>• tisliba<br>• boardgame<br>• kitba ta' rakkont<br>• mindmap | Benton & Fox (1985)<br>Cotton (1988)<br>Blatt & Rosen (1984)<br>Goodnough & Woods (2002), Weinstein (2014) |
| 3. | • tqegħid ta' leħħiet bil-qari f'ordni kronoloġika<br>• ipoteżi ta' tmiem alternattiv ta' storja<br>• tqabbil ta' tliet *Kotba tal-Qalb* | Dugan (1997)<br>Kotch & Zackman (1995) |
| 4. | • logħba tombla dwar it-tema<br>• rekording tal-qari<br>• mistoqsijiet dwar l-istil tal-kitba tal-awtur<br>• taħriġ ta' 'imla l-vojt' (in-nota)<br>• kitba ta' silta ta' djarju | Beck at al. (1996)<br>Hiew (2010) |

| | | |
|---|---|---|
| 5. | • mistoqsijiet dwar il-kontenut u r-respons<br>• mistoqsijiet dwar l-istil tal-kitba tal-awtur | Cotton (1988)<br>Beck et al. (1996) |
| 6. | • jaqtgħu t-tema minn filmat<br>• Venn diagram għat-tqabbil ta’ poeżiji<br>• tiftix fuq l-internet | Dugan (1997)<br>Kotch & Zackman (1995) |
| 7. | • mistoqsijiet dwar il-kontenut u r-respons<br>• applikazzjoni tal-karatteristiċi tal-ġeneru għall-qari | Cotton (1988)<br>Hyon (1996) |
| 8. | • ipoteżi ta’ xi jseħħ fil-poeżija<br>• qari mill-istudenti u l-għalliema<br>• taħriġ ta’ tkomplija tas-sentenza<br>• identifikar ta’ termini letterarji | Dugan (1997), Lazar (1993)<br>Benton & Fox (1985)<br>Lazar (1993)<br>Lazar (1993) |
| 9. | • qari f’forma ta’ reċta<br>• tqabbil ta’ poema ma’ poeżija<br>• taħriġ ta’ ‘imla l-vojt’<br>• kitba ta’ poeżija akrostika | Beach et al. (2011)<br>Silver (2010)<br>Lazar (1993)<br>Collie & Slater (1987),<br>Sedgwick (2003) |
| 10. | • kwiżż<br>• diskussjoni<br>• tħejjija ta’ ċart<br>• applikazzjoni tal-karatteristiċi tal-ġeneru għall-qari | Mercer (2008)<br><br>Hyon (1996) |
| 11. | • laqgħa mal-awtur<br>• mistoqsijiet li jsiru lill-awtur | McElmeel (2001)<br>Foster James (2003) |
| 12. | • test<br>• mistoqsijiet dwar l-esperjenza tal-istudenti fl-istudju ta’ awtur | Cotton (1988) |

Tabella 4.1: Għażla ta’ attivitajiet u taħriġiet fl-istudju ta’ awtur dwar Grech

Benton u Fox (1985, pp. 111-114) jispjegaw li hemm modi differenti ta’ kif jista’ jsir il-qari fil-klassi, fosthom: mill-istudenti; mill-għalliema; jew mit-tnejn li huma f’daqqa. Beach et al. (2011, p. 182) jispjegaw kif permezz tal-qari rreċtat, l-istudenti jkunu jistgħu jpinġu quddiem għajnejhom is-sitwazzjoni. Għalhekk, ikunu jistgħu jifhmu aktar it-test letterarju u jorbtu dak li jseħħ fih ma’ ħajjithom. Wara l-qari ddrammatizzat tista’ ssir diskussjoni aħjar dwar il-viżjoni tal-awtur u riflessjoni fuq l-istruttura tat-test.

L-attivitajiet li fihom l-istudenti jippruvaw jaqtgħu jew jipotizzaw, jgħinu lill-istudenti jiżviluppaw il-ħila li jaħsbu b'mod kritiku u fl-istess ħin iħeġġu lill-istudenti biex jaqraw aktar (Dugan, 1997, p. 88). Il-mistoqsijiet dwar il-kontenut tal-qari jwittu t-triq għall-istudenti biex jevalwaw kemm fehmu mit-test u jiftakru dak li jseħħ fih (Cotton, 1988, p. 1). Dawn jiġġeneraw diskussjonijiet dwar il-ħsieb tal-awtur fuq it-temi preżenti fil-kotba tiegħu u fuq l-istil u t-teknika li juża wkoll (Beck et al., 1996, pp. 389-390).

Lazar (1993, p. 104) turi kif meta l-istudenti jiġu ppreżentati b'materjal ġdid, in-noti għandhom jieħdu forma ta' taħriġ bħal 'imla l-vojt' sabiex l-istudenti jitgħallmu aktar minnhom, iżda fl-istess ħin ma jkunux diffiċli wisq għalihom. L-applikazzjoni tal-karatteristiċi ta' ġeneru għat-test letterarju jgħin lill-istudenti jitgħallmu dwar ġeneru ġdid (Hyon, 1996, p. 701). Skont Kotch u Zackman (1995, p. 40) it-tqabbil ta' kotba tal-istess awtur huwa taħriġ tajjeb li jwassal lill-istudenti jagħrfu l-istil tal-kitba tal-awtur. Meta l-istudenti jikkuntrastaw aspetti, jiftakru aktar il-kontenut u jiżviluppaw aktar ħiliet ta' ħsieb kritiku (Silver, 2010, p. 7).

Il-mindmap tista' tintuża biex l-istudenti jieħdu n-noti fil-klassi u jorganizzaw l-ideat tagħhom (Weinstein, 2014, pp. 45-50). Mill-istudju li ħejjew Goodnough u Woods (2002, pp. 8-9) ħareġ li l-istudenti jieħdu gost jużaw il-mindmap għax hija attività kollaborattiva u fl-istess ħin tagħti l-impressjoni li qegħdin ipinġu l-informazzjoni minflok jiktbuha.

Il-kitba tgħin lill-istudenti jipprattikaw il-ħila tal-kitba u fl-istess ħin jirriflettu fuq l-esperjenzi personali tagħhom (Knoeller, 2003, p. 44; Hiew, 2010, p. 28). Permezz tal-

kitba, l-istudenti jkollhom jiflu sew it-test letterarju u għalhekk jifhmuh aktar (Blatt & Rosen, 1984, p. 9). Il-kitba ta' strofa jew poeżija twassal lill-istudenti biex jirrevedu l-istruttura tal-poeżija u sservi ta' respons personali wkoll (Collie & Slater, 1987, pp. 240-241; Sedgwick, 2003).

It-teorija tal-intelliġenzi multipli ta' Gardner (2011, pp. 77-251) tenfasizza kemm kull persuna hija differenti u mhux kulħadd jitgħallem bl-istess mod. Għalhekk, huwa essenzjali li studju ta' awtur bħal dan dwar Grech jinkludi tipi differenti ta' taħriġiet u attivitajiet.

### 4.4. L-użu ta' riżorsi varji

F'dan l-istudju ta' awtur se jintużaw għadd ta' riżorsi differenti, li tħejjew b'mezzi varji. Tabella 4.2 tiġbor għażla ta' riżorsi għal kull lezzjoni u l-importanza tagħhom tixref minn studji varji, bħal dawk imniżżla taħt il-kolonna tar-referenzi.

| Il-Lezzjoni | Ir-Riżorsi | Ir-Referenzi Teoretiċi għar-Riżorsi |
|---|---|---|
| 1. | • il-leħħiet<br>• il-komiks<br>• il-karta tat-taħriġ | Wissman, Rawson, & Psy (2012)<br>Arafik et al. (2021), Dallacqua (2020)<br>Yang & Withiam (2011) |
| 2. | • il-mindmap b'MindMeister<br>• il-boardgame<br>• il-karta bil-qari<br>• il-karta tat-taħriġ | Sehrawat (2021), Hursen (2021)<br><br><br>Christiana & Anwar (2021) |
| 3. | • il-PowerPoint<br>• il-leħħiet<br>• il-karta tat-taħriġ | Apperson, Laws, & Scepansky (2006)<br>Wissman, Rawson, & Psy (2012)<br>Fitria (2022) |
| 4. | • il-karta tat-tombla<br>• rekording bil-qari<br>• il-karta tat-taħriġ | <br><br>Yang & Withiam (2011) |
| 5. | • il-karta bil-qari<br>• rekording minn YouTube | <br>Oktaviani et al. (2020) |

| | | |
|---|---|---|
| | • il-karta tat-taħriġ | Christiana & Anwar (2021) |
| 6. | • il-PowerPoint<br>• xi artikli tal-aħbarijiet<br>• il-Padlet<br><br>• filmat minn YouTube | Apperson, Laws, & Scepansky (2006)<br>Abu Al Shar (2009)<br>Frison & Tino (2019), Shuker & Burton (2021)<br>Fyfield (2022) |
| 7. | • kaxxa tanġibbli<br>• il-PowerPoint<br>• il-karta tat-taħriġ | Apperson, Laws, & Scepansky (2006)<br>Fitria (2022) |
| 8. | • il-leħħiet<br>• il-komiks<br>• il-karta tat-taħriġ | Wissman, Rawson, & Psy (2012)<br>Arafik et al. (2021), Dallacqua (2020)<br>Yang & Withiam (2011) |
| 9. | • il-Prezi<br>• filmat maħluq bil-Powtoon<br>• il-karta tat-taħriġ | Strasser (2014)<br>Oktaviani et al. (2020), Fyfield (2022)<br>Christiana & Anwar (2021) |
| 10. | • il-kwiżż bil-Wordwall.net<br>• iċ-ċart<br>• l-istampi<br>• il-Google Sites<br>• filmat minn YouTube | Swari (2023)<br><br>Yunus, Salehi, & John (2013)<br>Lin & Jou (2013), Karkoulia (2016)<br>Oktaviani et al. (2020), Fyfield (2022) |
| 11. | • il-kotba tal-awtur<br>• il-leħħiet | Wissman, Rawson, & Psy (2012) |
| 12. | • il-karta tat-test<br>• il-karta tat-taħriġ | Yang & Withiam (2011), Fitria (2022), Christiana & Anwar (2021) |

Tabella 4.2: Għażla ta' riżorsi użati fl-istudju ta' awtur dwar Grech

Fil-parti l-kbira ta' dan l-istudju ta' awtur jintużaw il-karti bil-qari u l-karti tat-taħriġ. Ħafna studenti jemmnu li l-karti tat-taħriġ għandhom jgħinuhom jorganizzaw il-ħsibijiet tal-lezzjoni b'mod tajjeb u jinkludu dak kollu li jkun intqal fil-lezzjoni (Yang & Withiam, 2011, p. 7). Il-karti bil-qari għandhom sfond isfar sabiex il-qari jkun aktar ċar għal studenti bid-dislessija u għandhom ukoll ikona ħdejn it-titlu biex jindikaw l-azzjoni marbuta magħhom. Id-disinn attraenti tal-karti bil-Canva jagħmel il-proċess tat-tagħlim inqas monotonu (Fitria, 2022, p. 58); għax meta l-materjal ippreżentat lill-istudenti jkun

motivanti, huma se jrawmu attitudni aktar pożittiva lejn it-tagħlim (Christiana & Anwar, 2021, p. 63).

Studju li sar minn Wissman, Rawson, u Pyc (2012, p. 571) juri li l-leħħiet jgħinu lill-istudenti jiżolaw, jorganizzaw u jaqsmu l-informazzjoni, u jgħinuhom jitgħallmu kliem ġdid. L-użu tal-istampi fit-tagħlim tal-letteratura huwa importanti għax jgħin lill-istudenti jifhmu dak li jaqraw u jkunu jistgħu jorbtu l-qari mal-ħajja tagħhom (Yunus, Salehi & John, 2013, p. 115). Skont Arafik et al. (2021, p. 280), il-komiks iwasslu t-tifsir ta' storja b'mod ċar u fi ftit kliem, kif ukoll jiġbdu l-attenzjoni tal-istudenti malajr. B'hekk l-istudenti jifhmu aktar dak li qed jiġri fl-istorja u jiftakru dak li jkunu għadhom kif qraw. Il-komiks jgħinu wkoll lill-istudenti li għandhom diffikultajiet fil-qari (Dallacqua, 2020, p. 170).

Tul l-istudju ta' awtur jintużaw għadd ta' applikazzjonijiet li minbarra li huma attraenti, joffru spazju għall-ġbir u tqassim tal-ideat, opportunitajiet ta' ħidma kollaborattiva u post għar-respons personali. Dawn jinkludu: il-MindMeister għall-ħolqien tal-mindmaps (Sehrawat, 2021, p. 163; Hursen, 2021, p. 526); il-Padlet (Frison & Tino, 2019, p. 228; Shuker & Burton, 2021, p. 123-124); u l-Google Sites (Lin & Jou, 2013, p. 158). Permezz tal-użu ta' dawn l-applikazzjonijiet, l-istudenti jakkwistaw xi ħiliet teknoloġiċi wkoll (Karkoulia, 2016, p. 60).

Apperson, Laws u Scepansky (2006, p. 117) jistqarru li permezz tal-PowerPoint l-istudenti jitgħallmu aktar u tgħinhom jiftakru l-kontenut. Permezz tal-preżentazzjonijiet, l-istudenti jħossu li l-lezzjonijiet huma strutturati aħjar u

jimmotivawhom biex jitgħallmu l-kontenut (Apperson, Laws & Scepansky, 2006, p. 118). L-użu tal-artikli tal-aħbarijiet fil-klassi jtejbu l-ħiliet tal-qari u tal-ħsieb kritiku tal-istudenti (Abu Al Shar, 2009, p. 88). Swari (2023, pp. 24-25) jispjega li s-sit ta' Wordwall għall-ħolqien tal-kwiżż tgħin lill-istudenti jiftakru aktar dak li jkunu għamlu fil-klassi. Il-filmati meħuda minn YouTube u mfassla permezz tas-sit tal-Powtoon huma effettivi għax l-istudenti jħossu li jifhmu aktar il-kontenut ippreżentat fuqhom (Fyfield, 2022, p. 189; Oktaviani, Mandasari & Reynita, 2020, p. 24).

Għalkemm dawn ir-riżorsi jagħmlu lezzjoni aktar interessanti, huwa importanti li jintużaw b'qies għax meta l-istess tip ta' riżorsi jintużaw għal ħafna drabi, hemm riskju li l-istudenti mhux se jibqgħu mmotivati għal-lezzjoni.

**4.5. Il-forom tal-assessjar u l-evalwar**

Ħafna mil-lezzjonijiet f'dan l-istudju ta' awtur dwar Grech jinkludu xi forma ta' assessjar formattiv, li hu indikat fil-pjan tal-lezzjoni. Pereżempju, għall-korrezzjoni tal-aħħar taħriġ f'Appendiċi B3, l-istudenti jintalbu biex ipartu l-karti ma' sħabhom sabiex jikkoreġu x-xogħol ta' xulxin. Dan l-eżempju ta' peer assessment jagħmel parti mill-assessjar formattiv u xi kultant huwa relatat mas-self-assessment (Black et al., 2004, pp. 12-15). Eżerċizzju ieħor għall-assessjar formattiv huwa dak f'Appendiċi B4, li fih l-istudenti jqabblu l-qari mal-ħajja personali tagħhom. Dan mhux talli juri kemm l-istudenti fehmu t-test letterarju, iżda anki kemm huma kapaċi jmorru lil hinn mill-qari u jużawh biex janalizzaw ħajjithom stess.

L-istudenti jintalbu wkoll sabiex japplikaw il-karatteristiċi tal-ġeneru għat-test li jaqraw fil-klassi (ara Appendiċi B7 u B9). Taħriġ simili, iżda kemxejn aktar interattiv li jista' jiġi assessjat u mogħti l-feedback fuqu, huwa dak f'Appendiċi B8, li fih l-istudenti għandhom jidentifikaw eżempji ta' anafora u epiżewski minn għadd ta' strofi varji. Hawnhekk, l-istudenti wkoll qegħdin japplikaw dak li tgħallmu u mhumiex sempliċement ifakkru dak li qraw dwaru. Eżempju ieħor ta' assessjar formattiv f'dan l-istudju ta' awtur huwa t-tiswir ta' ċart f'forma ta' paġna ta' Instagram dwar Eugenio Borg (ara Appendiċi B10) u oħra li tiġbor it-tagħrif ġdid li tgħallmu l-istudenti mil-laqgħa mal-awtur (ara Appendiċi B11). Dan huwa mod aktar kreattiv sabiex l-istudenti jaraw x'ħadu mil-lezzjoni u biex l-għalliema tassessja kemm l-istudenti huma kapaċi jifhmu t-test u permezz tiegħu joħolqu xi ħaġa relevanti għalihom.

Bloom (1956) juri l-importanza li l-għalliema ma jippreparawx biss mistoqsijiet u taħriġiet li jiffukaw fuq l-iktar livell baxx tat-tassonomija (jiġifieri li jitolbu lill-istudenti jiftakru) iżda għandhom iħejju attivitajiet li fihom l-istudenti jistgħu japplikaw u janalizzaw dak li tgħallmu u joħolqu affarijiet minnu, bħalma jsir f'dan l-istudju ta' awtur (Fautley & Savage, 2008, pp. 40-41). Skont Baxter (1997, p. 7) l-assessjar isir għal diversi raġunijiet, fosthom biex jiġi identifikat jekk l-istudenti laħqux l-istandard, jgħin fit-tagħlim tal-istudenti kif ukoll jiġi vverifikat jekk il-programm tat-tagħlim hux jaħdem jew le.

Fl-aħħar, hu ppjanat li jsir test għall-istudenti fuq dak kollu li sar tul l-istudju ta' awtur. Skont Baxter (1997, p. 32), dan huwa evalwar li jservi ta' sommarju ta' dak li l-istudenti tgħallmu tul programm żgħir ta' tagħlim. Fuq l-ewwel paġna tal-karta huma

speċifikati xi dettalji b'relevanza mal-istudju ta' awtur, il-post fejn l-istudenti jiktbu d-dettalji personali tagħhom u xi istruzzjonijiet għall-istudenti u għall-għalliema, bħalma jissuġġerixxi li għandu jsir Portelli (2020, p. 200). Il-karta tat-test tinkludi erba' taħriġiet, kull eżerċizzju mqassam fuq paġna differenti. Fl-ewwel taħriġ, l-istudenti jridu jkomplu s-sentenza billi jagħmlu linja taħt it-tweġiba t-tajba filwaqt li fit-tieni taħriġ l-istudenti għandhom iwieġbu għadd ta' mistoqsijiet. It-tielet taħriġ jitlob lill-istudenti jwieġbu l-mistoqsijiet fit-tul u fl-aħħar taħriġ l-istudenti jintalbu jiktbu dwar l-aktar test letterarju li laqathom. Filwaqt li l-ewwel żewġ taħriġiet huma magħmula minn mistoqsijiet li jitolbu l-użu tal-memorja, l-aħħar żewġ taħriġiet jistrieħu aktar fuq ir-respons personali tagħhom għall-istudju ta' awtur. Mal-karta tat-test wieħed għandu wkoll isib karta bit-tweġibiet (ara Appendiċi B12).

Wara t-test, għandhom jiġu ddedikati ftit minuti sabiex l-istudenti jirriflettu fuq l-istudju ta' awtur u jiktbu ħsibijiethom fuq il-karta "L-Esperjenza Tiegħi Nsir Naf lil Jesmond Grech" (ara Appendiċi B12). It-tweġibiet tal-istudenti għat-tliet mistoqsijiet ippreżentati fuq din il-karta għandhom jagħtu ħjiel lill-għalliema dwar x'kien ta' suċċess u x'għandu bżonn jittejjeb fi tħejjija ta' studju ta' awtur ieħor. Tul dan il-ħin l-istudenti jidentifikaw x'laqathom mill-istudju ta' awtur u l-esperjenzi li se jibqgħu jġorru magħhom u fl-istess ħin jirrealizzaw b'xi waqtiet li ma kinux interessati (jekk ikun hemm).

### 4.6. L-għeluq

Dan il-kapitlu ħares fid-dettall lejn il-proġett ta' din id-dissertazzjoni. Għal kull lezzjoni fl-istudju ta' awtur dwar Grech, wieħed għandu jsib pjan tal-lezzjoni, li għandu

jservi ta' gwida għall-għalliema u jinkludi elementi ewlenin bħalma huma l-għanijiet, l-iżvilupp tal-lezzjoni u xi rqaqat oħra. Saret referenza wkoll għat-tip ta' attivitajiet u taħriġiet li wieħed għandu jsib f'dan l-istudju ta' awtur u kif dawn jgħinu fl-iżvilupp tal-ħiliet tal-istudenti. Ġew diskussi wkoll ir-riżorsi differenti li jinkludi l-proġett u għaliex dawn għandhom iħallu impatt pożittiv fuq l-istudenti. L-aħħar taqsima f'dan il-kapitlu ffukat fuq l-assessjar formattiv u l-evalwar summattiv li huma parti mill-istudju ta' awtur f'fażijiet differenti u bi skopijiet varji. Permezz ta' dawn, l-għalliema jistgħu janalizzaw jekk studju ta' awtur kienx effettiv u ta' suċċess u jservi ta' gwida ta' x'jista' jitjieb għal studji ta' awturi oħra.

Il-Ħames Kapitlu

# L-Evalwazzjoni u l-Mumenti fl-Għarbiel

## 5.1. Riflessjoni fuq l-istudju ta' awtur bħala l-proġett ta' din id-dissertazzjoni

Wara li jitħejja proġett bħal studju ta' awtur, ikun għaqli kieku dan jiġi implimentat fi klassi u ssir evalwazzjoni tiegħu għax din isservi ta' mod kif wieħed isir konxju ta' kif marru l-istudenti individwalment (Smith & Ragan, 2005, p. 104). Għalkemm dan il-proġett ma twettaqx fi klassi, xorta waħda wieħed jista' jaħseb dwar kif jista' jiġi evalwat. Wara spunti b'risq l-evalwazzjoni, se jingħataw xi pariri lill-għalliema li kieku kellhom iwettqu l-istudju ta' awtur u jgħadduh mill-għarbiel. Xi suġġerimenti se jiġu proposti dwar it-tibdil fis-sillabu u fil-metodi tat-tagħlim biex l-istudju ta' awtur isib post fis-Sillabu tal-Malti. Fl-aħħar, tniżżlu wkoll xi limitazzjonijiet fit-tħejjija ta' dan il-proġett u xi suġġerimenti għal aktar riċerka.

## 5.2. Evalwazzjoni fuq l-elementi ewlenin tal-proġett

L-evalwazzjoni hija kunċett universali importanti fil-qasam tat-tagħlim u hija waħda mill-komponenti ewlenin ta' kurrikulu għax tiddetermina x'jitgħallmu l-istudenti (Agrawal, 2004, p. 361). Din tista' wkoll twitti t-triq għal deċiżjonijiet fuq il-kontenut li għandhom jgħallmu l-għalliema u kif għandhom jgħallmuh. Gosling et al. (2003, p. 5) jisħqu li dan il-proċess huwa essenzjali biex l-istudenti jkomplu jitgħallmu mill-esperjenza fil-klassi. L-evalwazzjoni ta' studju ta' awtur bħal dan, tgħin lir-riċerkaturi jaslu għal xi konklużjonijiet biex għalliema oħra jkunu jistgħu japplikaw dawk l-aspetti li rnexxew u jirranġaw aspetti oħra biex jitjieb il-livell ta' studji ta' awtur li jsiru fil-klassi.

### *5.2.1. L-għanijiet tal-istudju ta' awtur*

Li kieku l-istudju ta' awtur dwar Jesmond Grech kellu jitwettaq fil-klassi, nemmen li l-kunċett ġenerali u l-għanijiet speċifiċi tiegħu għandhom jiġu milqugħa mill-istudenti. Minħabba l-fatt li studju ta' awtur imur lil hinn mil-lezzjonijiet tradizzjonali tal-letteratura li l-istudenti mdorrija bihom, jafu jieħdu aktar interess u jipparteċipaw b'mod sħiħ fihom. L-għanijiet tal-istudju ta' awtur stabbiliti fit-tħejjija tiegħu (ara t-Tielet Kapitlu) għandhom jintlaħqu kollha permezz tal-lezzjonijiet imħejjija. Permezz tal-għanijiet tal-istudju ta' awtur, l-istudenti mhux biss għandhom jibnu relazzjoni eqreb mal-awtur billi jiskopru xi fatti bijografiċi u jorbtu ħajtu ma' xogħlijietu, iżda se jkollhom opportunitajiet li fihom jistgħu jesprimu r-respons personali tagħhom. B'hekk l-istudenti jirrelataw dak li jaqraw ma' ħajjithom stess. Fl-istess ħin huma wkoll jitgħallmu għadd ta' tekniki u termini letterarji li jistgħu jintużaw lil hinn minn studju ta' awtur u għalhekk ikunu qegħdin iwessgħu r-repertorju letterarju tagħhom. Wara kollox, dawn l-għanijiet jistgħu jintużaw ukoll għat-tħejjija ta' studji ta' awturi oħra.

### *5.2.2. Il-metodi tat-tagħlim użati tul l-istudju ta' awtur*

Permezz tal-metodi tat-tagħlim varji, l-istudenti se jkollhom gwida biex jilħqu l-għanijiet tal-lezzjoni b'mod kemm jista' jkun interessanti u adattat għal-livell tagħhom. L-istudju ta' awtur dwar Grech għandu firxa ta' metodi tat-tagħlim interattivi li għandhom jolqtu lill-istudenti. Ix-xogħol kollaborattiv li hu enfasizzat tul l-istudju ta' awtur dwar Grech għandu jgħin lill-istudenti jitgħallmu jaħdmu ma' studenti oħra, speċjalment dawk li mhumiex sħabhom. Fi grupp, l-istudenti jitgħallmu jisimgħu u jirrispettaw il-ħsibijiet tal-oħrajn u fl-istess ħin jitgħallmu mill-ideat ta' xulxin. Kif jisħqu Pashler et al. (2008, p. 106) mhux kulħadd jitgħallem bl-istess mod u għalhekk studju

ta’ awtur bħal dan hu essenzjali li jkun magħmul minn aktar minn metodu wieħed ta’ tagħlim.

### *5.2.3. Il-pjan tal-lezzjonijiet għall-istudju ta’ awtur*

Nemmen li kieku kellu jiġi implimentat dan il-proġett, il-pjan tal-lezzjonijiet għandhom jiġu milqugħa b’mod tajjeb mill-għalliema minħabba l-fatt li huma organizzati b’tali mod li tagħmilha eħfef għalihom biex isegwu x’għandu jsir tul il-lezzjoni, pass wara pass. Il-fatt li jinkludu wkoll dettalji ta’ fejda, bħat-tip ta’ assessjar li hu ppjanat kif ukoll suġġerimenti ta’ kif jista’ jsir id-differenzjar, għandhom jgħinu wkoll lill-għalliema. Ir-rabta tal-lezzjoni mal-ħoloq kurrikulari bħall-iskaluni u l-kisbiet mit-tagħlim għandhom jiggwidaw lill-għalliema li dak li jsir fil-lezzjoni huwa marbut mal-livell li l-istudenti għandhom jilħqu.

### *5.2.4. Ir-riżorsi msawra għall-istudju ta’ awtur*

Ir-riżorsi mħejjija jimmiraw biex l-istudenti japprezzaw il-varjetà ta’ riżorsi u attivitajiet ippreżentati bit-tir li jħeġġuhom jipparteċipaw aktar fil-lezzjoni. Bħalma jgħidu “l-ewwel ma tiekol, l-għajn” u għalhekk ir-riżorsi attraenti tħejjew bl-għan li jimmotivaw lill-istudenti u jkunu memorabbli. Il-fatt li jintużaw riżorsi teknoloġiċi qrib ir-realtà tal-lum, dawn jafu jolqtu aktar l-interessi tal-istudenti. Ir-riżorsi huma magħmula minn għadd ta’ taħriġiet varji u konċiżi biex l-istudenti ma jiddejqux wisq jaħdmuhom tul il-lezzjoni. Ix-xogħol għad-dar ġie ppjanat bil-għan li ma jkunx monotonu għall-istudenti għax jiffoka aktar fuq ir-respons tagħhom u fuq tiftix mill-internet, li ta’ spiss jiffrekwentaw iż-żgħażagħ tal-lum. Min-naħa l-oħra, jekk l-għalliema jiġu biex

jimplimentaw dan l-istudju ta' awtur, għandhom ir-riżorsi lesti u minnhom jistgħu jieħdu ideat għal studji ta' awturi prospettivi oħra.

### *5.2.5. L-assessjar u l-evalwar tal-istudenti mħaddma fl-istudju ta' awtur*

Nemmen li hija xi ħaġa pożittiva li l-assessjar ippjanat jieħu forma ta' taħriġ biex l-istudenti ma jħossuhomx skomdi li qegħdin jiġu assessjati. Minħabba l-fatt li xi assessjar se jsir fi gruppi, dan jaf ikun daqsxejn problematiku għall-assessjar ta' individwu partikolari. Iżda permezz tal-assessjar, l-għalliema se jkunu jistgħu jieħdu idea aktar preċiża tal-progress tal-istudenti tul l-istudju ta' awtur. Permezz ta' dawn l-eżerċizzji u l-feedback mill-għalliema, l-istudenti stess se jkollhom amment ta' x'qed jitgħallmu u ta' kif qed iwessgħu l-esperjenza letterarja tagħhom.

L-evalwar summattiv fl-aħħar tal-istudju ta' awtur tħejja b'tali mod li ma jiffukax biss fuq it-tiġdid tal-memorja, iżda anki fuq l-esperjenza tal-istudenti. Dan iwassal biex l-istudenti jitgħallmu japprezzaw aktar ix-xogħlijiet tal-awtur minflok jiffukaw fuq it-tagħlim ta' bl-amment għat-test fl-aħħar lezzjoni (ara Appendiċi B12). Il-fatt li wara t-test hu ppjanat li l-istudenti jirriflettu fuq l-istudju ta' awtur, inħoss li dan il-programm ta' studju jagħlaq fuq nota aktar pożittiva u ta' inqas stress milli kieku kellu jintemm bit-test. F'din il-parti tal-lezzjoni, l-istudenti se jkollhom opportunità jaħsbu fuq dak li tgħallmu u dak li se jibqgħu jġorru magħhom wara din l-esperjenza. Minn dan it-taħriġ l-għalliema se jkollhom idea ta' xi ntgħoġob mill-istudenti u dak li ma laqathomx sabiex permezz tal-feedback ikunu jistgħu jitfasslu studji ta' awtur aħjar.

## 5.3. Pariri lill-għalliema kieku kellu jitwettaq il-proġett

Li kieku kellu jitfassal dan l-istudju ta' awtur, nagħti għadd ta' pariri sabiex l-eżekuzzjoni tkun aħjar u jirnexxi. Kemm jista' jkun, il-lezzjonijiet għandhom jitfasslu kif inhu ppjanat f'dan l-istudju ta' awtur minħabba li hemm loġika fl-ordni li mqegħdin fiha. L-għalliema għandhom jadattaw il-kontenut u r-riżorsi mħejjija skont il-klassi li fiha qiegħed jitwettaq l-istudju ta' awtur għax mhux l-istudenti kollha għandhom l-istess abbiltajiet. Nissuġġerixxi li l-istudenti jżommu fajl iddedikat għal dan l-istudju ta' awtur biss biex ikollhom kollox miġbur bħalma hu ppreżentat f'dan il-proġett. Idealment, l-għalliema jakkwistaw u jaqraw ukoll il-kotba kollha tal-awtur sabiex iħejju lilhom infushom għall-istudju ta' awtur u jkunu jistgħu jgħinu lill-istudenti tagħhom jibnu relazzjoni aħjar mal-awtur.

## 5.4. Suġġerimenti li kieku kellu jiġi vvalutat il-proġett

It-tfassil ta' proġett bħall-istudju ta' awtur dwar Grech mhux it-tmiem – trid issir riflessjoni fuqu. L-ivvalutar tal-proġett jista' jsir b'mod metodiku. Rumsey (2007, pp. 32-33) isemmi żewġ metodi ta' kif tista' tinġabar l-informazzjoni għall-ivvalutar: ir-riċerka kwantitattiva u dik kwalitattiva.

Jista' jintuża wkoll il-metodu tat-trijangulazzjoni li jinkludi metodi differenti tal-ġabra u l-analiżi tal-informazzjoni biex tiġi kkonfermata aktar id-data li tinġabar (McMurray et al., 2004, p. 263). Fi studju ta' awtur dan jista' jsir permezz tal-ġbir ta' informazzjoni minn tliet persuni differenti: ir-riċerkatur permezz tal-awtoriflessjoni; xi kwestjonarju għall-istudenti; intervisti lill-għalliema.

Skont Goertzen (2017, p. 12), ir-riċerka kwantitattiva tikkonċerna l-ġbir tal-informazzjoni organizzata b'mod numeriku. Għalhekk tinġabar informazzjoni li hija dejqa u li tista' titkejjel, li tintuża normalment għal xi statistika. Fi studju ta' awtur, dan jista' jsir permezz ta' kwestjonarju għall-istudenti jew għall-għalliema dwar kemm sabuh interessanti u utli. Xi eżempji ta' mistoqsijiet li jistgħu jiġu mistoqsija kieku jingħata kwestjonarju lill-istudenti wara l-istudju ta' awtur dwar Grech huma:

- Għoġbuk il-lezzjonijiet dwar Jesmond Grech? Iva / Le / Ma tantx
- Laqtuk is-siltiet li nqraw fil-klassi? Iva / Le / Ma tantx
- Ħassejt li stajt tirrelata dak li qrajt dwaru ma' ħajtek? Iva / Le / Ma tantx

Min-naħa l-oħra, ir-riċerka kwalitattiva tħares lejn l-esperjenzi ta' nies permezz ta' intervisti, focus groups, osservazzjonijiet, fost l-oħrajn (Hennink et al., 2020, p. 10). F'din it-tip ta' riċerka l-mistoqsijiet ikunu aktar miftuħa (Merriam & Tisdell, 2015, p. 17). Studju ta' awtur jista' jiġi vvalutat permezz ta' intervisti jew focus groups ma' għalliema li jimplimentawh, għalliema-kollegi, studenti stess jew anki ma' xi ħadd indipendenti. Kampjun ta' mistoqsijiet li jistgħu jsiru lill-għalliema jew xi nies indipendenti waqt intervista dwar l-istudju ta' awtur dwar Grech huma:

- Kemm taħseb li l-għalliema huma konxji bil-kunċett ta' studju ta' awtur?
- X'effett jista' jħalli dan l-istudju ta' awtur fuq l-istudenti?
- Kieku kellek tbiddel xi affarijiet minn dan l-istudju ta' awtur, xi tbiddel u għaliex?

B’mod informali, bħalma juri Appendiċi B12, l-istudju jagħlaq b’karta mogħtija lill-istudenti sabiex iwieġbu mistoqsijiet dwar x’għoġobhom u x’ma laqathomx mill-istudju ta’ awtur u kif jistgħu jirrelataw dan ma’ ħajjithom. Minn dan it-taħriġ wieħed jista’ wkoll jiġbor l-informazzjoni biex jivvaluta studju ta’ awtur.

Bħala parti mir-riċerka kwalitattiva, ir-riċerkatur jista’ jħejji wkoll awtoriflessjoni fuq xogħlu stess. Hemm modi differenti ta’ kif din tista’ ssir biex jiġi vvalutat studju ta’ awtur ngħidu aħna permezz tal-kitba fi djarju li fih jinżammu xi riflessjonijiet dwar l-aspetti pożittivi u negattivi li joħorġu mill-implimentazzjoni tal-proġett (Spiteri, 2013, p. 100).

Personalment, nemmen li l-istudju ta’ awtur dwar Grech għandu jiġi vvalutat l-aktar permezz ta’ riċerka kwalitattiva li tista’ tindika aktar il-preferenzi u l-feedback tal-istudenti, għalliema u nies oħra bir-reqqa. Tul ir-riċerka, il-parteċipanti jkunu jistgħu jelaboraw fuq it-tweġibiet tagħhom li bihom il-programm ta’ studju jkun jista’ jittejjeb b’mod effettiv.

## 5.5. Xi suġġerimenti tal-proposta ta’ studju ta’ awtur

Wara r-riċerka li saret u t-tħejjija tal-istudju ta’ awtur dwar Grech sirt aktar konxja ta’ xi diffikultajiet li jistgħu jinqalgħu, kemm waqt it-tħejjija, forsi wkoll b’mod estiż. Għal din ir-raġuni, qed nipproponi xi suġġerimenti li jekk jittieħdu b’kunsiderazzjoni jistgħu jgħinu studju ta’ awtur jitwettaq aħjar b’tali mod li din il-proposta tintlaqa’ aħjar mill-għalliema u mill-istudenti u n-nies li jfasslu s-sillabu.

Bħalma tirrifletti Fenech (2017, p. 113), huwa importanti li l-għalliema jesperimentaw b'sillabi u b'pedagoġiji inqas komuni fit-tagħlim tal-Esperjenza Letterarja, bħalma hi dik ta' studju ta' awtur. L-għalliema m'għandhomx jibżgħu jippruvaw metodi ġodda ta' tagħlim bix-xewqa li l-istudenti jitgħallmu aktar b'modi li jolqtu aktar il-bżonnijiet tagħhom. L-għalliema jistgħu jorganizzaw aktar żjarat mingħand kittieba differenti fl-iskejjel sabiex l-istudenti jersqu eqreb tal-awturi li jiktbu x-xogħlijiet li qed jaqraw huma stess (Portelli, 2020, p. 169).

Nissuġġerixxi wkoll li n-nies li jfasslu s-sillabu għandhom jikkunsidraw strutturi organizzattivi bħal dik ta' studju ta' medda wiesgħa ta' xogħlijiet tal-istess awtur. Nemmen li tkun għażla għaqlija kieku jintgħażel awtur li jesperimenta b'firxa ta' ġeneri, bħal Jesmond Grech.

Suġġeriment tiegħi lill-pubblikaturi huwa li għandhom jirrevedu x-xogħol u jerġgħu jippubblikaw ix-xogħlijiet ta' kittieba li forsi mhumiex daqstant magħrufa biex dawn isiru aktar aċċessibbli. Xogħlijiet li kienu ppubblikati mill-awturi stess, bħall-parti l-kbira tal-kotba ta' Grech, tajjeb li jiġu kkunsidrati minn djar ta' pubblikazzjoni. Tkun idea tajba wkoll kieku l-pubblikaturi jiġbru x-xogħlijiet tal-istess awturi sabiex iħaffu l-proċess tat-tfittix tal-kotba ta' kittieba inqas popolari.

**5.6. Xi limitazzjonijiet fil-proċess tat-tħejjija tal-proġett**

Waqt l-ippjanar tal-proġett, kien hemm għadd ta' diffikultajiet li tfaċċaw bla ħsieb. Il-kotba ta' Jesmond Grech mhux dejjem kienu aċċessibbli malajr. Huma waħdiet il-kotba li għadhom jistgħu jinxtraw faċilment.

Sfortunatament, instab li hemm nuqqas ta' kotba ta' Grech fil-libreriji pubbliċi wkoll. Fil-fatt, xi kotba qegħdin fil-biblijoteka nazzjonali biss, li minnha wieħed ma jistax jissellef u jeħodhom miegħu d-dar u għalhekk mhix wisq konvenjenti. Limitazzjoni oħra waqt it-tħejjija ta' dan l-istudju ta' awtur kienet l-aċċessibilità għas-serje televiżiva *Gideb u Mħabba*, li kienet diffiċli biex tinstab minħabba li s-serje kienet ilha żmien li ġiet maħluqa u murija fuq it-televixin; tajjeb li forsi din tkun aċċessibbli b'xi għamla elettronika u/jew fuq xi pjattaforma diġitali.

Barra minn hekk, in-nuqqas ta' qari sostnut mill-għalliema hu ta' dettriment għall-istudenti wkoll. L-istudju ta' Spiteri (2013, p. 110) ħareġ li għad hemm xi għalliema li juru reżistenza għall-implimentazzjoni ta' studju ta' awtur fil-klassi. Għalhekk, il-mentalità tal-għalliema għandha tinbidel u dan jista' jkun possibbli biss jekk jiġi implimentat studju ta' awtur fis-sillabu tal-Malti.

**5.7. Skop għal aktar riċerka**

Għalkemm tul dawn l-aħħar snin qegħdin jitħejjew aktar studji ta' awtur, il-kunċett għadu xorta wieħed ġdid għas-sistema edukattiva Maltija. Għaldaqstant, tajjeb li jsiru aktar studji ta' awtur fuq għadd ta' kittieba oħra, speċjalment dwar dawk l-awturi li forsi mhumiex daqshekk magħrufa mal-istudenti. Ix-xogħlijiet li saru s'issa, kienu jiffukaw ħafna drabi fuq is-snin tal-iskola medja u sekondarja, u għalhekk tajjeb li jitfasslu wkoll studji ta' awtur għas-snin tal-primarja wkoll.

Minkejja li l-istudju ta' awtur dwar Jesmond Grech jinkludi suġġerimenti ta' kif jista' jsir id-differenzjar, tkun idea tajba kieku wieħed jadatta dan biex jolqot studenti

b'abbiltajiet differenti. Tkun xi ħaġa sabiħa wkoll kieku xi siltiet u attivitajiet minn studji ta' awtur differenti li saru s'issa dwar kittieba Maltin jingħaqdu fi ktieb jew jinġabru b'mod elettroniku li jista' jkun aċċessat faċilment minn għalliema li jixtiequ jimplimentaw studju ta' awtur fil-klassi.

### 5.8. Mit-taħriġ għal fuq l-għatba tal-professjoni: X'tgħallimt minn din l-esperjenza

Sa mill-bidu tat-tħejjija għad-dissertazzjoni kelli l-intenzjoni li nipproponi studju ta' awtur. Filwaqt li Jesmond Grech jikteb dwar affarijiet li jinteressaw lili bħala persuna, bħall-istejjer tal-imħabba u mitoloġiċi, hu jikteb ukoll stejjer li jwasslu valuri u fl-istess ħin għadhom relevanti għal-lum, u għalhekk huma adattati wkoll għal studenti żgħażagħ li għadhom qegħdin jiżviluppaw.

Bħal Janus, nista' nħares lejn din l-esperjenza permezz ta' żewġt uċuh: wieħed li jħares lejn ix-xogħol fl-istudju ta' awtur dwar Grech li ħejjejt u l-wiċċ l-ieħor li jħares lejn il-ġejjieni tiegħi bħala għalliema prospettiva tal-Malti. Permezz tar-riċerka dwar studju ta' awtur u t-tħejjija ta' din il-proposta pedagoġika, bħala studenta-għalliema għaraft li hemm aktar minn metodu pedagoġiku wieħed li bih tista' tiġi mgħallma l-Esperjenza Letterarja fl-iskola sekondarja. Din l-esperjenza għallmitni wkoll li għad hawn bosta kittieba Maltin li mhumiex rikonoxxuti biżżejjed għax-xogħol tagħhom, li fuq kollox jista' mhux biss jinqara għall-gost iżda jintuża għal skopijiet pedagoġiċi bħal fi studju ta' awtur jew li siltiet minnhom jiddaħħlu fil-klassi, ngħidu aħna f'xi reviżjoni jew tfassil ta' antoloġija letterarja. Inħoss li aħna l-istudenti-għalliema li għadna fil-bidu tal-vjaġġ tagħna f'din il-professjoni m'għandniex nibżgħu nesperimentaw b'ideat ġodda u li forsi mhumiex daqshekk komuni bħal studju ta' awtur, għax huwa b'dan il-mod biss li

nistgħu niżviluppaw f'għalliema aktar sħaħ u mmexxu 'l quddiem is-suġġett u naġġornaw il-metodi ta' tagħlim tiegħu mal-aħħar lehmiet miksuba mill-pedagoġija.

L-istudju ta' awtur laqqgħani ma' kittieb ġdid u wassalni biex nemmen, kif tistqarr J.K. Rowling (2003), kittieba oħra għall-qalbi, li "anything's possible if you've got enough nerve" (p. 720). Dan l-istudju ta' awtur kebbes aktar fija l-fjamma ta' *mħabba mill-ġdid* għall-qari permezz tax-xogħlijiet ta' Jesmond Grech. Fakkarni wkoll li l-kuntentizza tista' tinstab anki fl-iktar żminijiet imdallma, jekk biss wieħed jiftakar jixgħel id-dawl... u jintilef fid-dinja tal-ktieb!

# Il-Lista ta' Referenzi


Abu Al Shar, A. (2009). Effect of Reading On-Line Local Newspapers Headlines on Developing University Students' Reading Skills in English. *The Journal of Asia TEFL, 6*(4), 87-108.

Agius, K. (2014). *Studju ta' Awtur b'Differenza: Tliet Kittieba Lombardi għall-Istudenti fir-Raba' Sena tas-Sekondarja* [Teżi mhix ippubblikata tal-B.Ed. (bl-Unuri)]. L-Università ta' Malta.

Agrawal, M. (2004). Curricular Reform in Schools: The Importance of Evaluation. *Journal of Curriculum Studies, 36*(6), 361-379.

Anderson, L. W., & Krathwohl, D. R. (Ed.). (2001). *A Taxonomy for Learning, Teaching, and Assessing: A Revision of Bloom's Taxonomy of Educational Objectives*. Longman.

Apperson, J. M., Laws, E. C., & Scepansky, J. A. (2006). The Impact of Presentation Graphics on Students' Experience in the Classroom. *Computers & Education, 47*, 116-126.

Arafik, M., Putra, A., Putro, A., Nisa, A., & Wiarsih, N. (2021, September 18-19). *Development of Digital Comic Technology Applications Design to Increase Children's Literature Reading Interest in Elementary School* [Preżentazzjoni ta' ktiba]. 7th International Conference on Education and Technology (ICET), Malang, Indonesia.

Ashcraft, N. (2014). *Lesson Planning*. TESOL Press.

*Author Studies Series [Part 1: Choosing an Author]*. (2021, Ottubru). The Classroom Nook. Moqri nhar is-6 ta' Frar 2022, misjub mis-sit elettroniku: https://www.classroomnook.com/blog/choosing-an-author-for-your-author-study

Bainbridge, J., & Pantaleo, S. (1999). *Learning with Literature in the Canadian Elementary Classroom.* The University of Alberta Press.

Barthes, R. (1977). The Death of the Author. F'R. Barthes (Ed.), *Image, Music, Text* (S. Heath, Trad.)(pp. 142-148). Fontana Press.

Baxter, A. (1997). *Evaluating Your Students*. Richmond Publishing.

Beach, R., Appleman, D., Hynds, S., & Wilhelm, J. (2011). *Teaching Literature to Adolescents* (it-2ni ed.). Routledge.

Beck, I. L., McKeown, M. G., Sandora, C., Kucan, L., & Worthy, J. (1996). Questioning the Author: A Yearlong Classroom Implementation to Engage Students with Text. *The Elementary School Journal*, *96*(4), 385-414.

Bennett, A. (2005). *The Author*. Routledge.

Benton, M. (1988). Conclusions. F'M. Benton, J. Teasey, R. Bell & K. Hurst (Ed.), *Young Readers Responding to Poems* (pp. 202-239). Routledge.

Benton, M., & Fox, G. (1985). *Teaching Literature: Nine to Fourteen*. Oxford University Press.

Berardo, S. A. (2006). The Use of Authentic Materials in the Teaching of Reading. *The Reading Matrix, 6*(2), 60-69.

Bhat, B. A., & Bhat, G. J. (2019). Formative and Summative Evaluation Techniques for Improvement of Learning Process. *European Journal of Business & Social Sciences, 7*(5), 776-785.

Black, P., Harrison, C., Lee, C., Marshall, B., & William, D. (2004). Working Inside the Black Box: Assessment for Learning in the Classroom. *Phi Delta Kappan, 86*(1), 8-21.

Blatt, G. T., & Rosen, L. M. (1984). The Writing Response to Literature. *Journal of Reading, 28*(1), 8-12.

Bloom, B. S. (1956). *Taxonomy of Educational Objectives: The Classification of Educational Goals*. Longman.

Boyd, M. P., & Devennie, M. K. (2009). Student Voices and Teacher Choices: Selecting Chapter Book Read-Alouds. *Childhood Education*, *85*(3), 148-153.

Brabham, E. G., & Villaume, S. K. (2000). Continuing Conversations About Literature Circles. *The Reading Teacher, 54*(3), 278-280.

Bromley, H. (2003). *E. Nesbit: Author Study Activities for Key Stage 2*. David Fulton Publishers.

Butt, G. (2008). *Lesson Planning* (it-3$^{et}$ ed.). Continuum.

Buzzeo, T., & Kurtz, J. (1999). *Terrific Connections with Authors, Illustrators, and Storytellers: Real Space and Virtual Links*. Division Teacher Ideas Press.

Calkins, L. M. (2001). *The Art of Teaching Reading*. Longman.

Cartledge, G., & Kiarie, M. W. (2001). Through Literature for Children and Adolescents. *Teaching Exceptional Children, 34*(2), 40-47.

Casha, C. (1997). *Mid-Dinja ta' Fra Mudest*. Merlin Publishers.

Casha, C. (2012). *Darbtejn Insiru Tfal*. Klabb Kotba Maltin.

Cassar, M., Chircop, Ġ., Florian, S., Sammut, M., & Grech, J. (1983). *L-Għaxra tal-Ħamsa*. L-awturi.

Cassola, A., Degabriele, G., Mifsud, M., Pace, P., & Sammut, A. (Ed.). (1993). *Qawsalla: Antoloġija tal-Letteratura Maltija għall-Eżami għaċ-Ċertifikat tal-Edukazzjoni Sekondarja*. Malta University Publishers.

Cauchi, C. G. (2004). *Il-Praspar ta' Mastru Gerfex*. Merlin Publishers.

Chambers, E., & Gregory, M. (2006). *Teaching & Learning English Literature*. Sage Publications.

Christiana, E., & Anwar, K. (2021). The Perception of Using Technology Canva Application as a Media for English Teacher Creating Media Virtual Teaching and English Learning in Loei Thailand. *Journal of English Teaching, Literature and Applied Linguistics, 5*(1), 62-69.

Collie, J., & Slater, S. (1987). *Literature in the Language Classroom*. Cambridge University Press.

Cooper Hansen, C. (2006). The Art of Author Study: Leo Lionni in the Primary Classroom. *The Reading Teacher, 60(3)*, 276-279.

Cotton, K. (1988). Classroom Questioning. *School Improvement Research Series, 5*, 1-22.

Crane, K. (2001). *Author Studies*. Moqri nhar id-29 ta' Novembru 2021, misjub mis-sit elettroniku: http://www.missmaggie.org/mission4_parts/eng/teaching/pdfs/author_guide.pdf

Culler, J. (1981). Literary Competence. F'D. C. Freeman (Ed.), *Essays in Modern Stylistics* (pp. 24-41). Methuen & Co.

Cunningham, A. (2010). Engaging and Enchanting the Heart: Developing Moral Identity Through Young Adult Fantasy Literature. F'J. Alsup (Ed.), *Young Adult Literature and Adolescent Identity Across Cultures and Classrooms* (pp. 111-132). Routledge.

Cunningham, D. S. (2002). *Reading is Believing: The Christian Faith through Literature and Film*. Bezos Press.

Dallacqua, A. K. (2020). Reading Comics Collaboratively and Challenging Literacy Norms. *Literacy Research and Instruction, 59*(2), 169-190.

Daniels, H. (2002). *Literature Circles: Voice and Choice in Book Clubs and Reading Groups*. Stenhouse Publishers.

Dewey, J. (1938/1997). *Experience and Education*. Simon & Schuster.

Dionisio, M. (1991). Responding to Literary Elements Through Mini-Lessons and Dialogue Journals. *The English Journal*, *80*(1), 40-44.

Dole, J. A., Sloan, C., & Trathen, W. (1995). Teaching Vocabulary within the Context of Literature. *Journal of Reading*, *38*(6), 452-461.

Dugan, J. (1997). Transactional Literature Discussions: Engaging Students in the Appreciation and Understanding of Literature. *The Reading Teacher, 51*(2), 86-96.

Ebejer, F. (1985). *Il-Ħarsa ta' Rużann*. Klabb Kotba Maltin.

Eco, U. (1989). *The Open Work* (A. Cocogni, Trad.). Harvard University Press.

Elding, S. (2003). *David McKee: Author Study Activities for Key Stage 1*. David Fulton Publishers.

Elkins, D. (1976). *Teaching Literature: Designs for Cognitive Development*. Charles E. Merrill.

Farrell, T. S. C. (2002). Lesson Planning. F'J. C. Richards & W. A. Renandya (Ed.), *Methodology in Language Teaching: An Anthology of Current Practice* (pp. 30-40). Cambridge University Press.

Farrugia, B. (2004). *Il-Bijografija fil-Klassi tal-Letteratura: Il-Fehma tal-Għalliema u Proposta Pedagoġika* [Teżi mhix ippubblikata tal-B.Ed. (bl-Unuri)]. L-Università ta' Malta.

Fautley, M., & Savage, J. (2008). *Assessment for Learning and Teaching in Secondary Schools*. Learning Matters.

Fautley, M., & Savage, J. (2014). *Lesson Planning for Effective Learning*. McGraw-Hill Education.

Fenech, M. (2017). *"Ngħixu Hienja Tul il-Jiem..." Studju ta' Awtur fuq Pawlu Mifsud għall-Istudenti fit-Tieni Sena tal-Iskola Medja* [Teżi mhix ippubblikata tal-B.Ed. (bl-Unuri)]. L-Università ta' Malta.

Fish, S. (1980). *Is There a Text in this Class? The Authority of Interpretive Communities*. Harvard University Press.

Fitria, T. (2022). Using Canva as Media for English Language Teaching (ELT) in Developing Creativity for Informatics Students. *ELT Echo: The Journal of English Language Teaching in Foreign Language Context, 7*(1), 58-68.

Fleming, M., & Stevens, D. (2010). *English Teaching in the Secondary School: Linking Theory and Practice* (it-3et ed.). Routledge.

Foster James, H. (2003). *Author Day Adventures: Bringing Literacy to Life with an Author Visit*. The Scarecrow Press.

Foucault, M. (1998). What Is an Author?. F'J. D. Faubion (Ed.), *Aesthetics, Methods and Epistemology* (R. Hurley et al., Trad.), (it-2ni vol. pp. 205-222). The New Press.

Fox, K. R. (2006). Using Author Studies in Children's Literature to Explore Social Justice Issues. *The Social Studies*, *97*(6), 251-256.

Freire, P. (1974). *Education for Critical Consciousness.* Sheed & Ward.

Freire, P. (1983). The Importance of the Act of Reading (L. Slover, Trad.). *Journal of Education*, *165*(1), 5-11.

Friggieri, O. (Ed.). (1996). *Il-Poeżija Maltija*. Malta University Publishers.

Friggieri, O. (Ed.). (1999). *Ħodon Qronfol: Antoloġija ta' Poeżija Maltija*. Mireva Publications.

Frison, D., & Tino, C. (2019). Fostering Knowledge Sharing via Technology: A Case Study of Collaborative Learning Using Padlet. F'M. Fedeli & L. Bierema (Ed.), *Connecting Adult Learning and Knowledge Management* (pp. 227-236). Springer Nature Switzerland.

Fyfield, M. (2022). YouTube in the Secondary Classroom: How Teachers Use Instructional Videos in Mainstream Classrooms. *Technology, Pedagogy and Education, 31*(2), 185-197.

Gardner, H. (2011). *Frames of Mind: The Theory of Multiple Intelligences* (it-3et ed.). Basic Books.

Glas, C., Scheerens, J., & Thomas, S. M. (2003). *Educational Evaluation and Monitoring: A Systematic Approach*. CRC Press LLC.

Goertzen, M. J. (2017). Introduction to Quantitative Research and Data. *Library Technology Reports*, *53*(4), 12-18.

Goodnough, K., & Woods, R. (2002, April 1-5). *Student and Teacher Perceptions of Mind Mapping: A Middle School Case Study* [Preżentazzjoni ta' ktiba]. Annual Meeting of the American Educational Research Association, New Orleans, Los Angeles, United States of America.

Gosling, L., Edwards, M., & Save the Children Fund. (2003). *Toolkits: A Practical Guide to Planning, Monitoring, Evaluation and Impact Assessment* (it-2ni ed.). Save the Children.

Grech, J. (1984). *Demm fil-Korsija*. L-awtur.

Grech, J. (1991). *Nikola: Bniedem t'Alla*. Siġġiewi Festival Brass Band.

Grech, J. (1996). *Mid-Dinja ta' Ġorġ*. Klabb Kotba Maltin.

Grech, J. (1997). *Ħrejjef mill-Greċja*. L-awtur.

Grech, J. (1999a). *British Heritage in Malta*. Miller Publishers.

Grech, J. (1999b). *Ġenerazzjoni Paceville*. Klabb Kotba Maltin.

Grech, J. (2000a). *Bongi Wongi u l-Avventuri Tiegħu*. Klabb Kotba Maltin.

Grech, J. (2000b). *Bongi Wongi u Versi Oħra għat-Tfal*. Klabb Kotba Maltin.

Grech, J. (2001a). *Gideb u Mħabba*. L-awtur.

Grech, J. (2001b). *Il-Gadawdu*. Klabb Kotba Maltin.

Grech, J. (2001ċ). *Malta Taħt l-Ingliżi*. Klabb Kotba Maltin.

Grech, J. (2002a). *Imħabba Stranġiera*. L-awtur.

Grech, J. (2002b). *Nar ġo Qalbna: Il-Ġrajja ta' Eugenio Borg*. Librerija Preca.

Grech, J. (2003). *Imħabba mill-Ġdid*. L-awtur.

Grech, J. (2004). *Miġnuna l-Imħabba*. L-awtur.

Grech, J. (2009). *Imħabba bla Tmiem*. L-awtur.

Grech, J. (2021). *A Simple Affair*. Amazon Digital Services LLC.

Greenwood, J. (1994). *Class Readers*. Oxford University Press.

Hargreaves, A., Earl, L., & Schmidt, M. (2002). Perspectives on Alternative Assessment Reform. *American Educational Research Journal*, *39*(1), 69-95.

Haynes, A. (2010). *The Complete Guide to Lesson Planning and Preperation*. Continuum.

Hennink, M., Hutter, I., & Bailey, A. (2020). *Qualitative Research Methods*. Sage.

Hiebert, E. H., & Colt, J. (1989). Patterns of Literature-Based Reading Instruction. *The Reading Teacher, 43*(1), 14-20.

Hiew, W. (2010). The Effectiveness of Using Literature Response Journal to Improve Students' Writing Fluency. *Researchers World, 1*(1), 27-39.

Huemer, W. (2007). Why Read Literature?: The Cognitive Function of Form. F'T. Gibson, W. Huemer & L. Pocci (Ed.), *A Sense of the World: Essays on Fiction, Narrative and Knowledge* (pp. 233-245). Routledge.

Hursen, C. (2021). The Effect of Problem-Based Learning Method Supported by Web 2.0 Tools on Academic Achievement and Critical Thinking Skills in Teacher Education. *Technology, Knowledge and Learning, 26*(3), 515-533.

Hyon, S. (1996). Genre in Three Traditions: Implications for ESL. *TESOL Quarterly, 30*(4), 693-722.

Il-Ministeru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol. (2012). *Il-Qafas tal-Kurrikulu Nazzjonali għal Kulħadd*. Il-Ministeru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol.

Iser, W. (1974). *The Implied Reader: Patterns of Communication in Prose Fiction from Bunyan to Beckett*. The Johns Hopkins University Press.

Isma, A. (2022, Jannar). *Author Jesmond Grech speaks with Ardain Isma* [Filmat]. YouTube. https://www.youtube.com/watch?v=lXN2ob3R41s.

Jenkins, C. (1999). *The Allure of Authors: Author Studies in the Elementary Classroom*. Heinemann.

*Jesmond Grech*. (2022, Lulju). Jesmondgrech.com. Moqri nhar id-29 ta' Lulju 2022, misjub mis-sit elettroniku: http://www.jesmondgrech.com/.

Karakaya, E., & Kahraman, A. (2013). Students' Attitudes Towards Literature Use and its Effects on Vocabulary Learning. *International Journal of Applied Linguistics & English Literature*, *2*(5), 155-166.

Karkoulia, K. C. (2016). Teachers' Attitudes Towards the Integration of Web 2.0 Tools in EFL Teaching. *Research Papers in Language Teaching and Learning, 7*(1), 46-74.

Knight, P. T., & Yorke, M. (2003). *The Undergraduate Curriculum and Employability*. Learning and Teaching Support Network.

Knoeller, C. (2003). Imaginative Response: Teaching Literature Through Creative Writing. *The English Journal, 92*(5), 42-48.

Kotch, L., & Zackman, L. (1995). *The Author Studies Handbook: Helping Students Build Powerful Connections to Literature*. Scholastic Professional Books.

Kuhfeld, M., Soland, J., Tarasawa, B., Johnson, A., Ruzek, E., & Liu, J. (2020). Projecting the Potential Impact of COVID-19 School Closures on Academic Achievement. *Educational Researcher*, *49*(8), 549-565.

Lazar, G. (1993). *Literature and Language Teaching: A Guide for Teachers and Trainers*. Cambridge University Press.

Lear, J. (2006). *Radical Hope: Ethics in the Face of Cultural Devastation*. Harvard University Press.

Lehman, B. A., & Scharer, P. L. (1996). Reading Alone, Talking Together: The Role of Discussion in Developing Literary Awareness. *The Reading Teacher*, *50*(1), 26-35.

Lin, Y., & Jou, M. (2013). Integrating Popular Web Applications in Classroom Learning Environments and its Effects on Teaching Student Learning Motivation and

Performance. *The Turkish Online Journal of Educational Technology, 12*(2), 157-165.

Mart, C. T. (2019). Reader-Response Theory and Literature Discussions: A Springboard for Exploring Literary Texts. *The New Educational Review, 56*(2), 78-87.

Massey, D. D., Vaughn, M., & Hiebert, E. (2021). Fostering Hope with Children's Literature. *The Reading Teacher, 75*(5), 575-582.

MATSEC. (2011). *Bejn Ħaltejn: Antoloġija għal-Letteratura fil-Livell taċ-Ċertifikat għall-Edukazzjoni Sekondarja (ĊES)*. Malta University Publishing.

MATSEC. (2020). *Hemm Art fil-Folja: Antoloġija tal-Letteratura Maltija fil-Livell taċ-Ċertifikat għall-Edukazzjoni Sekondarja (ĊES)*. Malta University Publishing.

MATSEC. (2021). *Is-Sillabu taċ-ĊES (22) 2025: Il-Malti* (aġġornat Mejju 2023). MATSEC.

MATSEC. (2021). *Is-Sillabu taċ-ĊES (22) 2025: Il-Malti*. MATSEC.

McElmeel, S. L. (2001). *ABCs of an Author/Illustrator Visit*. Linworth Publishing.

McMurray, A., Scott, D., & Pace, R. W. (2004). *Research: A Commonsense Approach*. Social Science Press.

Melton, D. (1986). *How to Capture Live Authors and Bring Them to Your Schools*. LandMark.

Mercer, N. (2008). Talk and the Development of Reasoning and Understanding. *Human Development, 51*, 90-100.

Merriam, S. B., & Tisdell, E. J. (2015). *Qualitative Research: A Guide to Design and Implementation*. John Wiley & Sons.

Midford, R., Cahil, H., Foxcroft, D., Lester, L., Venning, L., Ramsden, R., & Pose, M. (2012). Drug Education in Victorian Schools (DEVS): The Study Protocol for a Harm Reduction Focused School Drug Education Trial. *BMC Public Health, 12*(1), 1-7.

Mifsud, D. (2005). *Il-Preferenzi tal-Qari ta' Studenti tat-Tielet Sena Sekondarja* [Teżi mhix ippubblikata tal-B.Ed. (bl-Unuri)]. L-Università ta' Malta.

Morana, A. J. (2004). *Ir-Respons Letterarju u l-Intelliġenzi Multipli fit-Tagħlim tal-Letteratura Maltija*. [Teżi mhix ippubblikata tal-B.Ed. (bl-Unuri)]. L-Università ta' Malta.

Muscat, C. (2011). *Żewġ Studji ta' Awtur: Carmel G. Cauchi u Charles Casha* [Teżi mhix ippubblikata tal-B.Ed. (bl-Unuri)]. L-Università ta' Malta.

Nappi, J. S. (2017). The Importance of Questioning in Developing Critical Thinking Skills. *Delta Kappa Gamma Bulletin*, *84*(1), 30-41.

Nel, P. (2001). *J.K. Rowling's Harry Potter Novels: A Reader's Guide*. The Continuum International Publishing Group.

Oktaviani, L., Mandasari, B., & Reynita, A. M. (2020). Implementing Powtoon to Improve Students' International Culture Understanding in English Class. *Journal of Research on Language Education, 1*(1), 19-24.

Owen, J. (2003). *The Poetry of Ted Hughes: Author Study Activities for Key Stage 2/3*. David Fulton Publishers.

Paris, S. G., & Ayres, L. R. (1994). *Becoming Reflective Students and Teachers with Portfolios and Authentic Assessment*. American Psychological Association.

Pashler, H., McDaniel, M., Rohrer, D., & Bjork, R. (2008). Learning Styles: Concepts and Evidence. *Psychological Science in the Public Interest*, *9*(3), 105-119.

Popham, W. J. (2008). *Transformative Assessment*. Association for Supervision and Curriculum Development.

Portelli, T. (2001). L-Esperjenza Letterarja. F'A. Camilleri Grima (Ed.), *Skaluni għat-Tagħlim tal-Malti fis-Sekondarja* (pp. 105-128). L-Istitut tal-Lingwistika u l-Għaqda tal-Għalliema tal-Malti.

Portelli, T. (2020). *L-Esperjenza tat-Tagħlim: Tħejjija, Twettiq, Tgħarbil*. Horizons.

Portelli, T. (Ed.). (2011). *Bil-Ħajku Nsellimlek: Mill-Ġappun għal Malta u lura*. L-awtur.

Portelli, T., & Camilleri Grima, A. (2002). *Stedina għat-Tagħlim fis-Sekondarja*. Dyad Publications.

Powers, J. M. (2007). Teaching War Literature, Teaching Pace. *Journal of Peace Education, 4*(2), 181-191.

Regier, N. (2012). *Summative Assessment: 50 Ways to Gather Evidence of Student Learning*. Moqri nhar il-5 ta' Lulju 2022, misjub mis-sit elettroniku: https://portal.gssd.ca/public/mr3xg4k4nrxxq5dvfz4hq5lomq/Lists/SharedDocu

ments/Assessment/Summative%20Assessment%20Ideas%20Natalie%20Regier.pdf

Richards, J. C. (1998). What’s the Use of Lesson Plans? F’J. C. Richards (Ed.), *Beyond Teaching* (pp. 103-121). Cambridge University Press.

Riquelme, E., & Montero, J. (2013). Improving Emotional Competence through Mediated Reading: Short Term Effects of a Children’s Literary Program. *Mind, Culture, and Activity, 20*(3), 226-239.

Rosário, P., Núñez, J. C., Vallejo, G., Cunha, J., Nunes, T., Mourão, R., & Pinto, R. (2015). Does Homework Design Matter? The Role of Homework's Purpose in Student Mathematics Achievement. *Contemporary Educational Psychology, 43*, 10-24.

Rosenblatt, L. M. (1938). *Literature as Exploration*. D. Appleton Century.

Rosenblatt, L. M. (1978). *The Reader, The Text, The Poem*. Southern Illinois University Press.

Rossitto, A. (2023, April 1). 4 Żgħażagħ Ippremjati talli qed Jegħlbu d-Droga. *TVM News*. https://tvmnews.mt/news/4-zghazagh-ippremjati-talli-qed-jeghlbu-d-droga/.

Roth, S. (2002). *Get the Real Scoop: Comparing Books to Movies*. National Council of Teachers of English.

Rowling, J.K. (2003). *Harry Potter and the Order of the Phoenix*. Bloomsbury.

Rumsey, D. J. (2007). *Intermediate Statistics for Dummies*. John Wiley & Sons.

Schiavone, M. J. (Ed.). (2009). *Dictionary of Maltese Biographies* (it-2ni vol.). Pubblikazzjonijiet Indipendenza.

Schwarz, D. R. (2008). *In Defense of Reading: Teaching Literature in the Twenty-First Century*. Blackwell Publishing.

Sedgwick, F. (2003). *Teaching Poetry*. Continuum.

Sehrawat, R. (2021, Ġunju 1). *Exploring Mindmeister as an Effective Mind Mapping Tool for Online Classes to Enhance Critical Thinking Skills in Learners at K-12 Level* [Preżentazzjoni ta' ktiba]. 4th International Conference on Education, Pattani, Thailand.

Sheridan, D. (2001). *Teaching Secondary English: Readings and Applications* (it-2ni ed.). Lawrence Erlbaum Associates.

Shuker, M., & Burton, R. (2021). Educational Technology Review: Bringing People and Ideas Together with 'Padlet'. *Journal of Applied Learning & Teaching, 4*(2), 121-124.

Silver, H. F. (2010). *Compare & Contrast: Teaching Comparative Thinking to Strengthen Student Learning*. ASCD.

Silverman, E. R., Kennedy, S., & Rheault, S. (b.d.). *A Guide to the Works of Jacqueline Woodson*. Moqri nhar it-8 ta' Diċembru 2021, misjub mis-sit elettroniku: https://msjordanreads.com/amazing-author-studies/

Smith, P. L., & Ragan, T. (2005). *Instructional Design* (it-3et ed.). John Wiley.

Spiteri, C. (2013). *Niltaqgħu ma' Joe Friggieri: Studju t'Awtur għar-Raba' Sena fi Skola Sekondarja* [Teżi mhix ippubblikata tal-B.Ed. (bl-Unuri)]. L-Università ta' Malta.

Stewart, M. C. (2011). Learning Life Lessons through Literature. *Delta Kappa Gamma Bulletin, 77*(2), 17-20.

Strasser, N. (2014). Using Prezi in Higher Education. *Journal of College Teaching & Learning, 11*(2), 95-98.

Swari, N. K. T. A. (2023). Wordwall as a Learning Media to Increase Students' Reading Interest. *Jurnal Pendidikan Bahasa Inggris Indonesia, 11*(1), 21-29.

Tancred, T., Paparini, S., Melendez-Torres, G. J., Fletcher, A., Thomas, J., Campbell, R., & Bonell, C. (2018). Interventions Integrating Health and Academic Interventions to Prevent Substance Use and Violence: A Systematic Review and Synthesis of Process Evaluations. *Systematic Reviews, 7*(1), 1-16.

*The Author Study Toolkit*. (2021). Reading Rockets. Moqri nhar it-8 ta' Diċembru 2021, misjub mis-sit elettroniku: https://www.readingrockets.org/content/pdfs/authortoolkit_rr.pdf

Trauth-Nare, A., & Buck, G. (2011). Assessment for Learning: Using Formative Assessment in Problem- and Project-Based Learning. *The Science Teacher*, *78*(1), 34-39.

Tuchman Glass, K. (2005). *Curriculum Design for Writing Instruction: Creating Standards-Based Lesson Plans and Rubrics*. Corwin Press.

Vansiree, M., & Charyulu, M. (2015). Teaching Vocabulary in Language Classroom through Literature. *English Studies International Research Journal*, *3*(2), 39-41.

Vischer Bruns, C. (2011). *Why Literature?: The Value of Literary Reading and What It Means for Teaching*. The Continuum Publishing Group.

Vygotsky, L. S. (1978). *Mind in Society: The Development of Higher Psychological Processes*. (M. Cole, V. John-Steiner, S. Scribner, & E. Souberman, Ed. u Trad.). Harvard University Press.

Vygotsky, L. S. (2004). Imagination and Creativity in Childhood. *Journal of Russian and East European Psychology, 42*, 7-97.

Walker, L. (2008). *The Essential Guide to Lesson Plannin*g. Pearson Education.

Weinstein, D. (2014). Teaching Idea. Mind Maps: A Lesson in Creativity. *The Utah Journal of Literacy, 17*(1), 44-51.

Wiesolek Kuta, K. (1997). *What a Novel Idea! Projects and Activities for Young Adult Literature*. Greenwood Publishing Group.

Wildberger, M. E. (1993). *Approaches to Literature Through Authors*. Oryx Press.

Wilkinson, S. (2003). *Michael Morpurgo: Author Study Activities for Key Stage 2.* David Fulton Publishers.

Wissman, K. T., Rawson, K. A., & Pyc, M. A. (2012). How and When do Students use Flashcards? *Memory, 20*(6), 568-579.

Wolk, S. (2016). Designing Curriculum that Matters: Awakening Middle School Minds. *Voices from the Middle, 24*(2), 46-49.

Woodmansee, M. (1994). *The Author, Art, and the Market: Rereading the History of Aesthetics*. Columbia University Press.

Worthy, J., Chamberlain, K., Peterson, K., Sharp, C., & Shih, P. (2012). The Importance of Read-Aloud and Dialogue in an Era of Narrowed Curriculum: An Examination of Literature Discussions in a Second-Grade Classroom. *Literacy Research and Instruction*, *51*(4), 308-322.

Yang, E., & Withiam, B. W. (2011, Ġunju 26-29). *Enhanced Statics Lectures via In-Class Worksheets* [Preżentazzjoni ta' ktiba]. ASEE Annual Conference & Exposition, Vancouver, British Columbia, Canada.

Yunus, M. M., Salehi, H., & John, D. S. A. (2013, Jannar). *Using Visual Aids as a Motivational Tool in Enhancing Students Interest in Reading Literary Texts* [Preżentazzjoni ta' ktiba]. 4th International Conference on Education and Educational Technologies (EET), Cambridge, Massachusetts, United States of America.

Appendiċi A

---

# Il-Lista ta’ Kotba ta’ Jesmond Grech

| Is-sena | Il-ktieb | Il-pubblikatur | Il-ġeneru | Il-kopertina | L-illustratur |
|---|---|---|---|---|---|
| **1983** | *L-Għaxra tal-Ħamsa* (ko-awtur) | L-awturi | Poeżiji għall-kbar | Stephen Florian, Ritratt ta' wara: Manwel Schembri | Stephen Florian |
| **1984** | *Demm fil-Korsija* | L-awtur | Poeżiji għall-kbar | Victor Falzon | |
| **1991** | *Nikola: Bniedem t'Alla* | Siġġiewi Festival Brass Band | Poema | Anon. | |
| **1996** | *Mid-Dinja ta' Ġorġ* | Klabb Kotba Maltin | Ktieb għat-tfal | Victor Falzon | Victor Falzon |
| **1997** | *Ħrejjef mill-Greċja* | L-awtur | Ktieb għat-tfal | Victor Falzon | Victor Falzon |
| **1999a** | *British Heritage in Malta* | Miller Publishers | Ktieb ta' informazzjoni storika | Ritratti: Anon. | |
| **1999b 2002** | *Ġenerazzjoni Paceville* | Klabb Kotba Maltin | Rumanz għall-adolexxenti | Anon. | |
| **2000a** | *Bongi Wongi u l-Avventuri Tiegħu* | Klabb Kotba Maltin | Poeżiji għat-tfal | Marisa Attard | Marisa Attard |
| **2000b** | *Bongi Wongi u Versi Oħra għat-Tfal* | Klabb Kotba Maltin | Poeżiji għat-tfal | Marisa Attard | Marisa Attard |
| **2001a** | *Gideb u Mħabba* | L-awtur | Rumanz ta' mħabba għall-kbar | Ritratt: Anon. | |
| **2001b** | *Il-Gadawdu* | Klabb Kotba Maltin | Ktieb għat-tfal | Henrietta C. Mallia | Henrietta C. Mallia |
| **2001ċ** | *Malta Taħt l-Ingliżi* | Klabb Kotba Maltin | Ktieb ta' informazzjoni storika | Ritratti: Anon. | |
| **2002a** | *Imħabba Stranġiera* | L-awtur | Rumanz ta' mħabba għall-kbar | Ritratt: Anon. | |
| **2002b** | *Nar ġo Qalbna: Il-Ġrajja ta' Eugenio Borg* | Librerija Preca | Rumanz bijografiku | Winston Attard | Joseph L. Mallia |
| **2003** | *Imħabba mill-Ġdid* | L-awtur | Rumanz ta' mħabba għall-kbar | Ritratt: Anon. | |
| **2004** | *Miġnuna l-Imħabba* | L-awtur | Rumanz ta' mħabba għall-kbar | Ritratt: Anon. | |
| **2009** | *Imħabba bla Tmiem* | L-awtur | Rumanz ta' mħabba għall-kbar | Ritratt: Anon. | |
| **2021** | *A Simple Affair* | Amazon Digital Services LLC | Rumanz ta' kriminalità għall-kbar | Ritratt: Henriette Mallia | Priscilla Madiona |

Appendiċi B

# Il-Proġett



# INSIRU NAFU LIL JESMOND GRECH

STUDJU TA' AWTUR GĦAD-DISA' SENA FL-ISKOLA SEKONDARJA




FRANCESCA MARIE SACCO

## Insiru Nafu lil Jesmond Grech:
## Studju ta' Awtur għad-Disa' Sena fl-Iskola Sekondarja

| | |
|---|---|
| L-Għalliem/a | Għalliema tal-Malti tas-Sekondarja. |
| Il-Klassijiet | Id-disa' sena sekondarja. |
| L-Isem tal-Unità Didattika | Insiru Nafu lil Jesmond Grech |
| L-Età u l-Kompetenza tal-Istudenti | Bejn 13 u 14-il sena ta' kompetenzi varji. |
| Il-Medda taż-Żmien | 12-il lezzjoni li jistgħu jsiru f'kull żmien tas-sena u li idealment jitwettqu wara xulxin mhux mifruxin. |
| L-Għadd ta' Lezzjonijiet | 1. Aħjar ħabib fis-suq minn mitt skud fis-senduq!<br>2. X'kobba ta' emozzjonijiet!<br>3. X'jiġri meta tinqabad fin-nassa tad-droga?<br>4. Ġenerazzjoni Paceville<br>5. Stress biss... Stress spiss<br>6. Dmija u qerda... għalxejn!<br>7. Pandora u l-Kaxxa Maġika<br>8. Stennewh<br>9. Viva San Nikola!<br>10. "Fejn m'hemmx umiltà m'hemmx qdusija!"<br>11. Niltaqgħu ma' Jesmond Grech<br>12. L-evalwazzjoni ta' x'tgħallmu l-istudenti tul l-istudju ta' awtur |
| Ir-Rilevanza u l-Ġustifikazzjoni | L-istudju ta' awtur jagħti opportunità lill-istudenti jiskopru awtur ġdid u jesploraw il-kitbiet tiegħu, u jibnu relazzjoni mal-kittieb u xogħlijietu. |
| Il-Ħoloq Kurrikulari | *L-Iskaluni*: It-tieni livell tal-Iskaluni tal-esperjenza letterarja jagħti importanza lill-awtur u r-relazzjoni tiegħu mat-test u mal-qarrejja (Portelli, 2001).<br>*Is-Sillabu taċ-ĊES (22)*: Kisbiet mit-tagħlim 11, 12, 13 u 14 stabbiliti fis-sillabu jiffukaw fuq it-tagħlim tal-esperjenza letterarja fil-Malti. Dawn kollha jistgħu jintlaħqu tul studju ta' awtur bħal Grech (MATSEC, 2021). |

| | |
|---|---|
| L-Għanijiet | 1. L-istudenti se jidentifikaw xi fatti bijografiċi dwar Jesmond Grech.<br>2. L-istudenti se jaqraw għadd ta' ġeneri differenti u siltiet mix-xogħlijiet ta' Jesmond Grech.<br>3. L-istudenti se janalizzaw is-siltiet letterarji ta' J. Grech b'referenza għal spunti letterarji.<br>4. L-istudenti se jqabblu flimkien xi testi letterarji ta' J. Grech.<br>5. L-istudenti se jiddiskutu l-perspettiva ta' Jesmond Grech dwar temi partikolari tat-testi letterarji.<br>6. L-istudenti se jiddeterminaw xi tekniki ta' kitba u l-istil li J. Grech juża b'mod regolari f'kitbietu.<br>7. L-istudenti se jesprimu r-respons personali tagħhom għax-xogħlijiet ta' Jesmond Grech.<br>8. L-istudenti se jirrelataw l-esperjenzi personali tagħhom mal-esperjenzi u s-sitwazzjonijiet ippreżentati fil-kotba ta' J. Grech.<br>9. L-istudenti se jqabblu t-testi letterarji ta' J. Grech mal-ħajja personali tiegħu. |
| Ir-Riżorsi | Kull lezzjoni għandha varjetà ta' riżorsi, bħal:<br>1. Karti tat-taħriġ<br>2. Leħħiet<br>3. Filmati u rekordings minn YouTube jew Powtoon<br>4. Ċarts<br>5. Preżentazzjonijiet bil-PowerPoint u Prezi<br>6. Komiks bil-Pixton<br>7. Mindmaps bil-MindMeister<br>8. Padlet<br>u l-bqija. |
| Katalgu ta' Attivitajiet | Kull lezzjoni għandha firxa ta' attivitajiet, bħal:<br>1. Qari varjat<br>2. Mistoqsijiet dwar il-kontenut, ir-respons personali u dwar il-fehma mal-awtur<br>3. It-tqabbil ta' testi letterarji tal-istess awtur<br>4. L-applikazzjoni tal-karatteristiċi tal-ġeneru għall-qari<br>5. L-identifikazzjoni ta' termini letterarji<br>6. Il-mili ta' organizzaturi grafiċi dwar il-kontenut tal-qari<br>7. Il-kitba tar-respons personali<br>8. Il-laqgħa mal-awtur<br>u l-bqija. |

| | |
|---|---|
| Id-Differenzjar | Referenza għad-differenzjar issir fi tmiem kull lezzjoni. Il-bidliet jiffukaw fuq il-kontenut, ir-riżorsi, il-metodu tat-tagħlim jew l-assessjar u/jew l-evalwar. |
| L-Assessjar Formattiv | Fil-parti l-kbira tal-lezzjonijiet se jsir assessjar formattiv, bħal:<br>1. Peer Assessment<br>2. Spjegazzjoni u kitba tar-respons personali tal-istudenti<br>3. Ħolqien ta' ċart<br>4. L-applikazzjoni tal-karatteristiċi tal-ġeneru għall-qari<br>5. L-identifikazzjoni ta' termini letterarji |
| L-Evalwar Summattiv | Fl-aħħar lezzjoni se jsir test dwar l-għaxar lezzjonijiet li saru dwar ix-xogħlijiet ta' Jesmond Grech. |

## Lezzjoni 1: Aħjar ħabib fis-suq minn mitt skud fis-senduq!

**Is-Silta Letterarja**: Silta minn *Gideb u Mħabba* (pp. 14-19).

**L-Iskaluna**: 7.2.8 Jifformulaw xi notamenti marbuta mat-test letterarju magħżul.

**Il-Kisba mit-Tagħlim**: 13. Nikkummenta b'mod kritiku fuq testi letterarji.

**L-Għanijiet**: Sa tmiem din il-lezzjoni, l-istudenti se:

(a) isiru jafu tmien fatti bijografiċi dwar Jesmond Grech;

(b) iqabblu xena mill-ktieb *Gideb u Mħabba* mal-istess xena mis-serje televiżiva *Gideb u Mħabba*; u

(ċ) ibassru kif se tkompli l-istorja minn wara l-qari li jsir fil-klassi.

**Ir-Riżorsi**: il-bord interattiv; il-pen tal-bord interattiv; l-attività bl-ActivInspire 'Min hu Jesmond Grech?'; iż-żewġ leħħiet bis-sitwazzjonijiet differenti; il-karta bil-komik "Aħjar ħabib fis-suq minn mitt skud fis-senduq!"; il-karta tat-taħriġ "Aħjar ħabib fis-suq minn mitt skud fis-senduq!"; il-karta tax-xogħol għad-dar "Ir-Riċetta tal-Ħbiberija"; id-DVD tal-ewwel episodju tas-serje televiżiva *Gideb u Mħabba* (03:07-06:11).

**Il-Metodu tat-Tagħlim**: Tbassir tal-fatti bijografiċi u tqabbil tal-ktieb mas-serje.

**L-Iżvilupp tal-Lezzjoni**:

*Il-Ftuħ*: L-għalliema tuża l-bord interattiv biex tħaddem il-programm tal-ActivInspire, bl-attività li jisimha "Min hu Jesmond Grech?". L-istudenti se jintwerew żewġ veritajiet u gidba dwar il-ħajja tal-awtur u huma jridu jagħżlu l-istqarrijiet veri u l-gidba.

(bejn 5 u 6 minuti)

*L-Ewwel Pass*: F'kantuniera tal-klassi, l-għalliema twaħħal leħħa mal-ħajt li tgħid "Nippreferi ħabib li jgħidli dak li nkun irrid nisma', anki jekk ikun qed jigdeb". F'kantuniera oħra, l-għalliema twaħħal leħħa oħra bil-kliem "Nippreferi ħabib li jgħidli l-verità, anki jekk din tweġġa". L-istudenti jintalbu jimxu ħdejn dik li jaqblu magħha.

(bejn 2 u 3 minuti)

*It-Tieni Pass*: Uħud mill-istudenti jiġu mistoqsija kif waslu għal din l-għażla u għaliex. Wara, l-istudenti jerġgħu lura f'posthom.

(bejn 2 u 3 minuti)

*It-Tielet Pass*: L-għalliema tqassam il-karta tal-qari f'forma ta' komik u l-istudenti jintalbu jaqraw l-istorja.

(bejn 6 u 7 minuti)

*Ir-Raba' Pass*: L-għalliema tqassam karta tat-taħriġ li titlob lill-istudenti joħolqu lista ta' pariri li tagħti Marvic lil Grace f'Taħriġ A. B'hekk, l-istudenti għandhom jaħsbu dwar il-perspettiva ta' Jesmond Grech fuq il-ħbiberija u jwieġbu l-mistoqsijiet f'Taħriġ B.

(bejn 5 u 6 minuti)

*Il-Ħames Pass*: L-istudenti jintwerew ix-xena li qraw dwarha mid-DVD tas-serje televiżiva.

(bejn 3 u 4 minuti)

*Is-Sitt Pass*: L-istudenti jitqassmu f'ħames gruppi biex jiddiskutu x-xebħ u d-differenzi bejn il-filmat u l-qari tal-istess xena. Għandhom jiktbu l-punti billi jimlew Taħriġ Ċ tal-karta tat-taħriġ. L-istudenti jiddiskutu l-punti tat-tqabbil li kitbu fil-gruppi mal-għalliema.

(bejn 6 u 7 minuti)

*L-Għeluq*: L-għalliema tistaqsi lill-istudenti kif jaħsbu li tkompli l-istorja permezz ta' għadd ta' mistoqsijiet, bħal: Taħsbu li Grace se taffaċċja lil Claudio fuq it-tarbija li se jkollhom? Jekk iva, kif taħsbu li se jirreaġixxi Claudio għall-aħbar? Taħsbu li Grace se tgħid lil ommha u lil Paul li se jkollha tarbija? Jekk tgħidilhom, taħsbu li se jaċċettawha?

(bejn 3 u 4 minuti)

**Ix-Xogħol għad-Dar**: Il-kitba ta' riċetta ta' ħbiberija fuq il-karta tax-xogħol għad-dar.

**Id-Differenzjar**: Għal Taħriġ A u Ċ fuq il-karta tat-taħriġ jista' jingħata eżempju lest li jservi ta' gwida għall-istudenti. Waqt it-tqabbil tas-silta moqrija mas-serje, l-għalliema tista' ttella' fuq il-bord interattiv għadd ta' mistoqsijiet bħala għajnuna.

L-attività fuq l-ActivInspire għall-ftuħ tal-lezzjoni fuq il-fatti bijografiċi dwar Grech.



# Min hu Jesmond Grech?

Mit-tliet kaxxi b'informazzjoni bijografika t'hawn taħt, hemm tnejn minnhom li huma veri iżda hemm waħda li hija gidba. Mexxi l-informazzjoni taħt il-kolonna t-tajba.

1. Ilu jgħallem is-suġġett tal-Istorja fil-livell ta' skola sekondarja u llum hu Kap tad-Dipartiment tal-Istorja.

2. Twieled fl-14 ta' Settembru tal-1963 u trabba Raħal Ġdid.

3. Kien jagħmel programm tat-tisjir fuq it-televixin bejn l-2008 u l-2013.

| IL-VERITÀ | IL-GIDBA |
|---|---|
| | |

1



# Min hu Jesmond Grech?

Mit-tliet kaxxi b'informazzjoni bijografika t'hawn taħt, hemm tnejn minnhom li huma veri iżda hemm waħda li hija gidba. Mexxi l-informazzjoni taħt il-kolonna t-tajba.

1. Studja l-kitba kreattiva fil-kulleġġ ta' Frostburg, l-Istati Uniti.

2. Wara l-postsekondarja huwa ma kompliex jistudja fuq livell universitarju.

3. Segwa kors tal-kitba tan-novelli fl-Iskola tal-Ġurnaliżmu ta' Londra.

| IL-VERITÀ | IL-GIDBA |
|---|---|
| | |

2

KOTBA tal-QALB





# Min hu Jesmond Grech?

Mit-tliet kaxxi b'informazzjoni bijografika t'hawn taħt, hemm tnejn minnhom li huma veri iżda hemm waħda li hija gidba. Mexxi l-informazzjoni taħt il-kolonna t-tajba.

1. Magħruf għall-kotba ta' karattri bħal Fra Mudest u Kunċett u Marinton.

2. Ippubblika kotba għat-tfal, għaż-żgħażagħ kif ukoll għall-adulti.

3. Magħruf għas-sensiela *Kotba tal-Qalb* li tinkludi ħames kotba, li tnejn minnhom saru serje televiżiva wkoll.

| IL-VERITÀ | IL-GIDBA |
|---|---|









# Min hu Jesmond Grech?

Mit-tliet kaxxi b'informazzjoni bijografika t'hawn taħt, hemm tnejn minnhom li huma veri iżda hemm waħda li hija gidba. Mexxi l-informazzjoni taħt il-kolonna t-tajba.

1. Il-ktieb tiegħu *Bongi Wongi u l-Avventuri Tiegħu* (2000) intgħażel mill-ambaxxata Maltija fi Franza biex jirrappreżenta lil Malta f'wirja ta' kotba tal-istampi minn pajjiżi differenti fl-Unjoni Ewropea.

3. Rebaħ il-Premju Pulitzer għall-ktieb tiegħu *Ġenerazzjoni Paceville* fl-2001.

2. Kiteb għadd ta' kotba ta' ġeneri differenti bħall-poeżija, rumanzi, novelli, ħrejjef u reċti.

| IL-VERITÀ | IL-GIDBA |
|---|---|

Il-leħħiet b'żewġ sitwazzjonijiet li jintużaw fl-ewwel pass tal-lezzjoni.

NIPPREFERI ĦABIB LI JGĦIDLI DAK LI NKUN IRRID NISMA', ANKI JEKK IKUN QED JIGDEB

© Francesca Sacco 2022

NIPPREFERI ĦABIB LI JGĦIDLI L-VERITÀ, ANKI JEKK DIN TWEĠĠA'

© Francesca Sacco 2022

# AĦJAR ĦABIB FIS-SUQ MINN MITT SKUD FIS-SENDUQ!

**Aqra dan il-komik b'mod individwali.**




© Francesca Sacco 2022




© Francesca Sacco 2022




© Francesca Sacco 2022




**Adattament minn *Gideb u Mħabba* ta' Jesmond Grech (pp. 14-19).**

© Francesca Sacco 2022

L-Isem:______________________________ Id-Data:______________________________ Il-Klassi:_________________

# AĦJAR ĦABIB FIS-SUQ MINN MITT SKUD FIS-SENDUQ!

**Taħriġ A: Erġa' agħti titwila l-komik bis-silta meħuda minn *Gideb u Mħabba* ta' Jesmond Grech. Wara, niżżel erba' pariri li tagħti Marvic lil seħbitha Grace.**

1. 

2. 

3. 

4. 



**Taħriġ B: Wieġeb dawn il-mistoqsijiet.**

1. Taħseb li Marvic hija ħabiba tajba jew ħażina għax tgħid dawk l-affarijiet lil Grace?

_______________________________________________________________________________

_______________________________________________________________________________

2. X'inhi l-opinjoni ta' Jesmond Grech dwar il-ħbiberija?

_______________________________________________________________________________

_______________________________________________________________________________

**Taħriġ Ċ: Wara li rajt filmat meħud mis-serje televiżiva ta' *Gideb u Mħabba* tal-istess xena, niżżel tliet affarijiet li hemm l-istess u tlieta li huma differenti.**

| Aspetti SIMILI bejn il-qari u s-serje | Aspetti DIFFERENTI bejn il-qari u s-serje |
|---|---|
| 1. | 1. |
| 2. | 2. |
| 3. | 3. |

© Francesca Sacco 2022

L-Isem:____________________________ Id-Data:______________________ Il-Klassi:_________



# IR-RIĊETTA TAL-ĦBIBERIJA

**Ikteb riċetta ta' ħbiberija li tinkludi lista ta' ingredjenti u l-metodu.**



## L-INGREDJENTI

- ___________________________
- ___________________________
- ___________________________
- ___________________________
- ___________________________





## IL-METODU

1. _________________________________________
   _________________________________________
2. _________________________________________
   _________________________________________
3. _________________________________________
   _________________________________________
4. _________________________________________
   _________________________________________
5. _________________________________________
   _________________________________________
6. _________________________________________
   _________________________________________



Hawnhekk waħħal ritratt mal-ikbar ħabib tiegħek.

Hawnhekk waħħal ritratt mal-ikbar ħabib tiegħek.

© Francesca Sacco 2022

## Lezzjoni 2: X'kobba ta' emozzjonijiet!

**Is-Silta Letterarja**: Silta minn *Imħabba mill-Ġdid* (pp. 40-43).

**L-Iskaluna**: 7.2.6 Jirriflettu fuq il-viżjoni tal-ħajja kif interpretata mill-kittieb partikolari.

**Il-Kisba mit-Tagħlim**: 12. Napprezza l-funzjoni tat-tema/i f'testi letterarji.

**L-Għanijiet**: Sa tmiem din il-lezzjoni, l-istudenti se:

(a) janalizzaw l-emozzjonijiet li jesperjenzaw iż-żewġ karattri tas-silta meħuda minn *Imħabba mill-Ġdid* permezz ta' graff tal-emozzjonijiet;

(b) jorbtu ħames frażijiet mis-silta mal-emozzjonijiet li juru; u

(ċ) jesprimu l-esperjenzi emottivi mill-ħajja tagħhom bil-fomm fi grupp u bil-kitba bħala xogħol għad-dar.

**Ir-Riżorsi**: il-bord interattiv; il-leħħiet bl-emozzjonijiet differenti; il-karti tal-qari "X'kobba ta' emozzjonijiet!: Il-Qari", il-karti tat-taħriġ "X'kobba ta' emozzjonijiet!: It-Taħriġ fil-Klassi; il-karta "X'kobba ta' emozzjonijiet!: Ix-Xogħol għad-Dar"; is-sit elettroniku MindMeister: https://www.mindmeister.com/map/2504155607; erba' dadi; il-boardgame "Nesploraw l-emozzjonijiet tagħna...".

**Il-Metodu tat-Tagħlim**: Tħejjija ta' graff tal-emozzjonijiet.

**L-Iżvilupp tal-Lezzjoni**:

*Il-Ftuħ*: Żewġ studenti jintalbu mill-għalliema biex iqumu minn posthom u wieħed minnhom jintwera leħħa li fuqha se jkun hemm emozzjoni miktuba. Din il-persuna trid timmima l-emozzjoni lill-persuna l-oħra sakemm tipprova taqtagħha mingħajr kliem. Dan il-proċess jirrepeti ruħu b'leħħiet b'emozzjonijiet differenti. B'hekk l-istudenti jagħrfu li l-lezzjoni se tkun dwar l-emozzjonijiet.

(bejn 5 u 6 minuti)

*L-Ewwel Pass*: L-istudenti jingħataw karta b'silta mill-ktieb *Imħabba mill-Ġdid* ta' Jesmond Grech. L-għalliema titlob lil xi wħud mill-istudenti biex jaqraw paragrafu kull wieħed.

(bejn 6 u 7 minuti)

*It-Tieni Pass*: L-għalliema tistaqsi lill-istudenti biex joħorġu b'lista ta' azzjonijiet u wegħdiet li jagħmel Ronald lil Audrey u b'xi reazzjonijiet u ħsibijiet ta' Audrey għar-reat ta' Ronald. L-ideat jinkitbu mill-għalliema fuq mindmap fuq is-sit MindMeister.

(bejn 4 u 5 minuti)

*It-Tielet Pass*: L-għalliema tqassam karta tat-taħriġ lil kull student. Bl-għajnuna tal-għalliema, l-istudenti joħolqu graff ta' emozzjonijiet għal Ronald f'Taħriġ A.

(bejn 4 u 5 minuti)

*Ir-Raba' Pass*: L-għalliema tistaqsi lill-istudenti biex ipinġu graff ta' emozzjonijiet għal Audrey f'Taħriġ B tal-istess karta tat-taħriġ.

(bejn 4 u 5 minuti)

*Il-Ħames Pass*: L-istudenti jintalbu jaħdmu Taħriġ Ċ li jikkonsisti minn tifsir ta' kliem u idjomi marbuta mal-emozzjonijiet ippreżentati fis-silta. L-għalliema tistaqsihom ukoll biex jaħdmu t-tisliba f'Taħriġ D, li jitlob lill-istudenti jaħsbu f'sinonimi għal kliem li juru emozzjoni. Wara, l-istudenti u l-għalliema jiddiskutu t-taħriġiet.

(bejn 6 u 7 minuti)

*L-Għeluq*: L-istudenti jitqassmu f'erba' gruppi u l-għalliema tqassam boardgame u dada lil kull grupp. Il-logħba titlob lill-istudenti jwaddbu d-dada u skont in-numru ta' fuq id-dada, l-istudenti jridu jimxu kaxxi (li jirrappreżentaw emozzjoni differenti). L-istudenti jridu jirrakkuntaw ġrajja li fiha ħassew dik l-emozzjoni li jispiċċaw fuqha.

(bejn 6 u 7 minuti)

**Ix-Xogħol għad-Dar**: Il-kitba ta' rakkont ta' madwar 200 kelma dwar mument li fih l-istudenti esperjenzaw emozzjoni partikolari.

**Id-Differenzjar**: Il-karti tat-taħriġ jistgħu jiġu adattati skont l-istudenti. Il-graffs ta' Taħriġ A u B jistgħu jsiru t-tnejn mal-għalliema fil-każ ta' studenti batuti. Taħriġ Ċ u D jistgħu jinbidlu f'taħriġiet li fihom l-istudenti jkollhom jagħżlu t-tweġiba t-tajba jew jingħataw eżempju bħala gwida.

Il-leħħiet għal-logħba tal-mima fil-ftuħ tal-lezzjoni.






# X'kobba ta' emozzjonijiet!

## Il-Qari

Xi jġiegħel bniedem jitlaq kulma jkun ħadem għalih għal snin twal biex imbagħad jiggranfa ma' realtà oħra bħal xi ħadd qiegħed jegħreq? Kieku kont tistaqsi dik il-mistoqsija lil dak ir-raġel li kien dieħel ferħan fi flett f'Ta' Xbiex b'bukkett ward aħmar f'idu, kien jgħidlek mingħajr tlaqliq li l-imħabba ġġiegħlek tagħmel affarijiet kbar, affarijiet li, jekk toqgħod taħseb fuqhom, malajr tittimbrahom bħala azzjonijiet bla sens. Tassew li jgħidu li l-imħabba għamja, imma għamja mhux biss għaliex taħbilek id-difetti tal-persuna li tħobb. L-imħabba tagħma wkoll għaliex tpoġġi velu oħxon quddiem għajnejn il-bniedem li jħobb u ma ġġegħlux jara l-ħmerijiet u l-ġenn li jfettillu jagħmel f'isimha.

Dakinhar li kien inkorla ma' martu fuq it-telefon, Ronald kien baqa' sejjer dritt dritt s'għand il-maħbuba tiegħu determinat li jqatta' l-kumplament tas-serata u l-lejl għandha. Naturalment Audrey inħasdet b'dik iż-żjara mhux mistennija. Ma tagħtihiex tort. Ma kinitx taf li ġej. Imma minkejja dan kollu ferħet bih xorta waħda, daħlitu ġewwa, offrietlu drink u rringrazzjatu tal-fjuri.

Mill-aġir tiegħu, it-tfajla ma damitx ma ntebħet li kienet ġrat xi ħaġa mhux tas-soltu. Fuq wiċċu mbergħen rat il-fawra tat-tbaqbiqa li kien ħa ma' Suzanne ftit tal-ħin qabel. Ronald kien fuq ix-xwiek u donnu ma kellux kwiet f'ġismu qabbieżi.

"X'ġara?" staqsietu.

U, fi ftit kliem, spjegalha dak kollu li kien għadda bejnu u bejn martu.

"Allura għax iġġelidt mal-mara, ġejt hawn biex titfissed?" staqsietu b'ton inkejjuż.

Ronald tbissem. Audrey kellha l-ħabta tikkalmah. "Ġejt għandek għax int kollox għalija!" qalilha. "Mingħajrek inħossni li ma jien xejn!" Ma' dan il-kliem intelaq fi ħdanha u hi bdiet tgħannqu u tbusu bħal tifel żgħir. Imbagħad, f'dagħdigħa ta' emozzjoni u b'ħafna kliem ġentili Ronald qalilha, anzi ħalfilha, li ma setax jgħix iżjed mingħajrha u li kien se jħalli lil martu u lil uliedu darba għal dejjem biex ikun jista' jkun qrib il-mara li jħobb. Qalilha wkoll li ma kienx jimpurtah aktar minn dak li jgħidu n-nies jew sħabu fuq ix-xogħol u, jekk Audrey kienet tħallih jgħix magħha, kienet tagħmlu l-iżjed raġel kuntent fid-dinja.

Meta ratu daqstant serju u deċiż fl-intenzjonijiet tiegħu, it-tfajla ma kinitx taf x'se taqbad tgħid jew tagħmel u m'għamlet xejn għajr li nfexxet f'daħqa nervuża. Audrey kienet taf x'kien lest jagħmel Ronald għaliha, imma hi kienet lesta tħobbu b'qawwa daqstant kbira? Fil-fond ta' qalbha kienet taf li ma kinitx tista' tagħmel hekk u, ta' dan, kienet dispjaċuta.

"Qed nitolbok biex tkun tiegħi," semgħetu jgħidilha bit-ton innoċenti. "Titlaqnix issa li għandi l-aktar bżonnok!" raġa' karab. "Jien inħobbok… Lest nagħmel kollox għalik…"



© Francesca Sacco 2022

Fil-verità kollha Ronald ma kienx qiegħed jistenna li se tilqgħu għal dak il-lejl. Kien jaf li, għalkemm kienu ilhom ix-xhur sħaħ jaraw lil xulxin, Audrey dejjem kienet evitat li tinħoloq is-sitwazzjoni li issa t-tnejn kienu jinsabu fiha. Il-fatt li dik is-sitwazzjoni kienet inħolqot dakinhar, wara argument kważi kważi banali mal-mara, kien pjuttost irrelevanti. Dik id-deċiżjoni kellhom jeħduha xi darba u, bil-ġlieda tiegħu ma' Suzanne, l-affarijiet kienu donnhom qegħdin jiġru bil-ħeffa. Min-naħa tiegħu, id-deċiżjoni kien ħadha, imma issa kien hemm bżonn li Audrey tieħu tagħha wkoll. Xi ħaġa kellha ssir u ma ddumx.

"X'lesta tagħmel int għalija?" staqsieha. Qalbu kienet tħabbat sitta sitta filwaqt li ma qalax għajnejh minn fuq wiċċ il-maħbuba tiegħu.

Audrey ma kinitx taf x'se taqbad tgħid. Is-soltu kienet qabbieża u l-kliem jiġiha malajr, imma konfrontatha b'deċiżjoni bħal dik, ħabta u sabta, kienet waqgħet fil-muta.

"Miegħek irrid nerġa' nibda ngħix, Audrey," kien qiegħed ifesfsilha f'widnejha. Kien qiegħed idawwar bil-ħlewwa żewġ trufiet ta' xagħarha madwar il-ponot ta' subgħajh.

Qatt ħadd ma kien qalilha hekk. Hi kienet tfajla ħelwa, u minħabba sbuħitha, qatt ma kien diffiċli biex issib raġel u ġġennu. Sa minn mindu kellha ħmistax-il sena kienet ħarġet ma' ħafna ġuvintur tamparha u Ronald ma kienx l-ewwel raġel tagħha. Imma mal-ġuvintur l-oħra kienet tħossha tifla u mhux mara. Imbagħad, mill-esperjenza tagħha, kienet intebħet li ħafna kienu jixtiquha minħabba ġisimha biss. Ronald kien differenti. Kien bniedem ta' suċċess, avukat b'karriera tajba, familja stabbli u ma kien jonqsu xejn. Il-fatt li raġel bħalu kien waqa' għaliha u jixtieqha b'qalbu kollha, il-fatt li kien lest li jissagrifika kollox għaliha, kien jagħtiha ċertu kburija. Kienet il-kburija li tixbaħ lil dik ta' mara meta tara żewġt irġiel lesti li jitqatlu għaliha. Fil-każ tagħha, Ronald ma kienx se jeħodha kontra raġel ieħor biex jirbaħ imħabbitha, imma kien se jeħodha kontra dak kollu li kien tiegħu sa dak il-ħin; martu l-għażiża, uliedu, l-istima tal-kollegi tiegħu, ilsien in-nies, kulħadd…

Barra minn dan Audrey kienet taf li, ġaladarba kien se jitlaq hu mid-dar, il-liġi kienet kontrieh u tan-nuqqas kbir li kien ikkommetta, kien se jkollu jħallas ferm qares. Żgur li kien se jitlef kemxa flus ġmielha kif ukoll kien se jkollu jħallas għall-manteniment ta' Suzanne u t-tfal. Ronald kien avukat, ma kienx hemm għalfejn tfakkarhomlu hi dawn l-affarijiet. Kien jafhom sewwa. Imma (u dan kien li qiegħed jgħaġġibha!) minkejja li kien jaf bil-konsegwenzi diżastrużi li kien se jġib it-tluq tiegħu mid-dar, dak ir-raġel kien lest li jaffaċċja kollox minħabba fiha… […]

"Naraw kif immorru!" qaltlu bi tbissima u dawk is-sempliċi kelmiet kienu biżżejjed biex itellgħu fil-ġenna lir-raġel li kien mitfugħ għarkubbtejh quddiemha. Kienet aċċettatu u, fis-sew, issa li Audrey kienet tiegħu, kien qiegħed iħossu mimli kuraġġ biex jaffronta kull inkwiet jew gwaj li seta' jsib ruħu fi triqithom.

Fil-ġimgħat ta' wara s-separazzjoni Ronald kien qiegħed iħossu jgħix fis-seba' sema. Audrey kienet kollox għalih u ma' dik it-tfajla ta' sbuħija straordinarja, mimlija bl-entużjażmu, b'kilba kbira għall-ħajja, Ronald kien qisu qiegħed jerġa' jibda mill-ġdid.

Minn *Imħabba mill-Ġdid* ta' Jesmond Grech (pp. 40-43).



© Francesca Sacco 2022

Il-pjattaforma ta’ MindMeister qabel l-intervent tal-istudenti tul il-lezzjoni.




Il-pjattaforma ta’ MindMeister wara l-intervent tal-istudenti tul il-lezzjoni.



L-Isem: ____________________ Id-Data: ____________________ Il-Klassi: ______________

# X'kobba ta' emozzjonijiet!

## It-Taħriġ fil-Klassi



**<u>Taħriġ A</u>: Ippreżenta l-emozzjonijiet li jħoss Ronald fis-silta billi tpinġi graff ta' emozzjonijiet fit-tabella t'hawn taħt.**






**<u>Taħriġ B</u>: Ippreżenta l-emozzjonijiet li tħoss Audrey fis-silta billi tpinġi graff ta' emozzjonijiet fit-tabella t'hawn taħt.**






© Francesca Sacco 2022

L-Isem: ____________________ Id-Data: ____________________ Il-Klassi: ______________

**<u>Taħriġ Ċ</u>: Agħti t-tifsiriet ta' dawn il-frażijiet mis-silta u semmi l-emozzjoni li qed juru.**

"kien fuq ix-xwiek" (para. 3)

__________________________________

__________________________________

"Qalbu kienet tħabbat sitta sitta" (para. 11)

__________________________________

__________________________________

"waqgħet fil-muta" (para. 12)

__________________________________

__________________________________

"itellgħuh il-ġenna" (para. 16)

__________________________________

__________________________________

"iħossu jgħix fis-seba' sema" (para. 17)

__________________________________

__________________________________



**<u>Taħriġ D</u>: Imla t-tisliba b'sinonimi tal-kliem fuq ix-xellug.**

**Weqfin**

(1) ferħan
(4) sorpriż
(6) trankwill
(7) inkwetat
(8) imbeżża'

**Mimdudin**

(2) imdejjaq
(3) irrabjat
(5) imħawwad




© Francesca Sacco 2022

# Nesploraw l-emozzjonijiet tagħna...

IT-TMIEM

Biex tilgħab il-logħba trid twaddab id-dada u skont in-numru li jiġik, imxi numri ta' kaxxi. Irrakkonta ġrajja fil-qosor meta ħassejt l-emozzjoni fil-kaxxa li spiċċajt fuqha.




© Francesca Sacco 2022

L-Isem: ____________________ Id-Data: ____________________ Il-Klassi: ______________

# X'kobba ta' emozzjonijiet!

Ix-Xogħol għad-Dar



**Ikteb rakkont ta' madwar 200 kelma li fih tispjega x'ġara meta ħassejt emozzjoni partikolari.**





© Francesca Sacco 2022

## Lezzjoni 3: X'jiġri meta tinqabad fin-nassa tad-droga?

**Is-Silta Letterarja**: Għadd ta' siltiet minn *Imħabba bla Tmiem*.

**L-Iskaluna**: 7.2.8 Jifformulaw xi notamenti marbuta mat-test letterarju magħżul.

**Il-Kisba mit-Tagħlim**: 13. Nikkummenta b'mod kritiku fuq testi letterarji.

**L-Għanijiet**: Sa tmiem din il-lezzjoni, l-istudenti se:

(a) jiddiskutu l-iżvilupp tal-karattru ta' Tessie mill-ktieb *Imħabba bla Tmiem* ta' Jesmond Grech;

(b) jiddefinixxu protagonist u kif inhu differenti minn karattri sekondarji b'eżempji minn *Imħabba bla Tmiem*; u

(ċ) iqabblu l-karattri tondi mal-karattri ċatti b'eżempji mis-siltiet meħuda minn *Imħabba bla Tmiem.*

**Ir-Riżorsi**: il-bord interattiv; l-istampi ta' protagonisti ta' kotba, films u serje; il-preżentazzjoni "X'jiġri jekk tinqabad fin-nassa tad-droga?"; il-leħħiet bl-istorja ta' Tessie; il-karta bil-qari "L-istorja ta' Tessie..."; il-karta tat-taħriġ "X'jiġri jekk tinqabad fin-nassa tad-droga?"; il-karta tat-taħriġ "*Il-Kotba tal-Qalb* ta' Jesmond Grech"; il-bord; il-markers; foolscaps.

**Il-Metodu tat-Tagħlim**: Diskussjoni dwar il-karattri.

**L-Iżvilupp tal-Lezzjoni**:

*Il-Ftuħ*: L-istudenti jintwerew għadd ta' stampi ta' protagonisti ta' kotba, films jew serje televiżiva fuq il-preżentazzjoni u l-għalliema tistaqsi lill-istudenti x'għandhom komuni l-istampi (ara slajds 1 u 2). L-istudenti jintalbu jaħsbu f'karattru prinċipali ta' ktieb jew film favorit tagħhom u jiktbu xi karatteristiċi tiegħu u jekk dan jinbidilx tul il-ġrajja jew le.

(bejn 4 u 5 minuti)

*L-Ewwel Pass*: L-istudenti jinqasmu fi gruppi ta' erba' jew ħamsa u l-għalliema tqassam pakkett tal-istess leħħiet lil kull grupp. Fuq kull leħħa hemm silta mill-ktieb *Imħabba bla Tmiem*. Xogħol l-istudenti huwa li jaqraw is-siltiet u jippruvaw iqiegħduhom f'ordni kronoloġika.

(bejn 9 u 10 minuti)

*It-Tieni Pass*: L-għalliema tqassam leħħa bl-ordni korretta tal-leħħiet li minnha għandhom jiċċekkjaw l-ordni li jridu jqiegħdu l-leħħiet fiha, kif ukoll tqassam kopja tas-siltiet wara xulxin lil kull student. Hija turi wkoll il-punti saljenti f'ordni kronoloġika fuq l-istess preżentazzjoni għal idea aktar ċara (ara slajds 3-5).

(bejn 2 u 3 minuti)

*It-Tielet Pass*: L-istudenti jerġgħu lura lejn posthom individwalment u l-għalliema tqassmilhom l-ewwel karta tat-taħriġ. L-istudenti flimkien mal-għalliema għandhom iwieġbu l-mistoqsijiet fil-kaxxi biex janalizzaw il-bidla fil-karattru ta' Tessie fir-rumanz.

(bejn 7 u 8 minuti)

*Ir-Raba' Pass*: L-għalliema tistaqsi lill-istudenti għadd ta' mistoqsijiet dwar żvilupp alternattiv tal-istorja ta' Tessie, bħal: X'taħsbu li kien jiġri kieku Tessie ma ltaqgħetx ma' Tonio? X'kien jiġri kieku Peter ma mietx? Taħsbu li Tessie se żżomm kelmitha meta tgħid li mhix se terġa' tmiss drogi b'idejha?

(bejn 3 u 4 minuti)

*Il-Ħames Pass*: Permezz tal-istess preżentazzjoni, l-għalliema turi kif karattru bħal ta' Tessie jissejjaħ protagonist u kif dan huwa differenti minn karattri oħra sekondarji bħal Anna u Tonio. L-istudenti jsiru jafu wkoll id-differenza bejn karattru tond u karattru ċatt b'eżempji mis-siltiet li nqraw (ara slajds 6-9). L-istudenti jieħdu xi noti fuq karta.

(bejn 4 u 5 minuti)

*L-Għeluq*: Titqassam il-karta "*Il-Kotba tal-Qalb* ta' Jesmond Grech". L-istudenti jintalbu jimlew it-tabella b'informazzjoni dwar it-tliet *Kotba tal-Qalb* ta' Grech li ġew diskussi tul it-tliet lezzjonijiet. Wara, l-istudenti għandhom ipartu l-karta ma' sħabhom ta' ħdejhom biex jikkoreġu ta' xulxin, bl-għajnuna tal-għalliema. L-għalliema tistaqsi wkoll lill-istudenti biex josservaw ix-xebħ u xi differenzi bejn il-kotba.

(bejn 4 u 5 minuti)

**L-Assessjar**: Il-peer assessment li jsir waqt il-korrezzjoni tal-karta tat-taħriġ fl-għeluq.

**Id-Differenzjar**: Il-lezzjoni tista' ssir waħda doppja biex l-istudenti ta' livell iktar baxx jew li jippreferu jaħdmu aktar bil-mod ikollhom aktar ċans jaqraw u janalizzaw.

Il-preżentazzjoni li tintuża tul il-lezzjoni.









5. Tgħid lill-ħabiba tagħha Anna li kuntenta bid-deċiżjoni tagħha.



6. Tibda tieħu d-drogi.



7. Tikkanċella l-pjanijiet mat-tfal tagħha.



8. Tiltaqa' ma' Peter, ġuvni ferm iżgħar minnha u tibda relazzjoni miegħu.



9. Peter imut bid-droga f'bar li kienu attendew hu u Tessie.



10. Tiskuża ruħha ma' Anna li kienet ilha ma tkellimha.



11. Lesta li taqta' d-droga u terġa' tingħaqad ma' familtha.



12. Tessie u Matthew kuntenti flimkien.





# IL-PROTAGONIST



1. Il-**PROTAGONIST** huwa l-karattru ewlieni jew prinċipali f'rumanz, f'novella jew fi dramm u l-bqija.

2. Huwa l-karattru li fuqu tinxteħet l-iktar attenzjoni fit-test letterarju.

Pereżempju: Tessie.

# IL-KARATTRI SEKONDARJI

Il-**KARATTRI SEKONDARJI** huma l-bqija tal-karattri f'rumanz, f'novella, fi dramm, u l-bqija li mhumiex ċentrali fit-test letterarju.

Pereżempju: Matthew, Tonio u Anna.





# IL-KARATTRI ĊATTI



Il-**KARATTRI ĊATTI** huma dawk il-karattri f'rumanz, f'novella, fi dramm, u l-bqija li matul il-ġrajja ma jinbidlux, ma jgħaddux minn żviluppi jew bidliet fl-identità tagħhom.

Pereżempju: Anna u Matthew.



# IL-KARATTRI TONDI

Il-**KARATTRI TONDI** huma dawk il-personaġġi li tul il-ġrajja ta' rumanz, novella, dramm, u l-bqija jinbidlu u għalhekk jgħaddu minn żviluppi u bidliet fl-identità tagħhom.

Pereżempju: Tessie.



Il-leħħiet bil-qari li għandhom jitpoġġew wara xulxin fl-ewwel pass.

a.

Id-dwejjaq kollu li kellha ftit tal-ġimgħat qabel fuq il-bank faċċata tal-baħar, kien donnu għosfor imma, sa tmiem Jannar, is-swied il-qalb reġa' beda jaħkimha u, sa tmiem l-ewwel xahar ta' dik is-sena, ma kinitx taf x'se taqbad tgħid jew tagħmel. Imbagħad, bħall-Erbgħa fost il-ġimgħa, iltaqgħet mar-raġel li kellu jibdlilha ħajjitha ta' taħt fuq. Lejn tmiem Jannar iltaqgħet ma' Tonio.

© Francesca Sacco 2022

b.

Mill-bogħod lemħet lil Tessie bilqiegħda madwar mejda, b'ashtray fejn kien hemm filter ta' sigarett mgħaffeġ quddiemha. Anna skantat meta rat lil seħbitha bis-sigarett ġo ħalqha. Meta kienu għadhom l-università, Tessie kienet tpejjep imma mbagħad kienet qatgħet is-sigaretti għalkollox.

"Ilek hawn?" staqsietha wara li skużat ruħha.

"Le! Le... Forsi wasalt kwarta, għoxrin minuta ilu!"

Anna ħasbet li riedet tkellimha fuq xi ħaġa importanti u għalhekk kienet determinata li ma tantx titkellem hi. Riedet tħalli lil ħabibitha titħaddet, iżda minflok ma tkellmet kif stennietha li se tagħmel, Tessie baqgħet siekta, aktar moħħha fin-nies li f'dik l-għodwa mdawla t'April, kienu qegħdin jippassiġġaw minn quddiemhom milli fil-kliem li rari kien qiegħed joħroġ minn fommha.

"Kif qiegħda tħossok issa li tlaqt?" staqsiet Anna.

"Ferm aħjar milli kont..." Il-kliem kien mingħajr emozzjoni, qisha ma kinitx qiegħda tiddeskrivi dak li kienet qiegħda tħoss imma r-rapport tat-temp.

"Żgura?"

Tessie għamlet sinjal ta' "iva" b'tixjira b'rasha.

© Francesca Sacco 2022

ċ.

L-aħbar li Tessie telqet mid-dar biex tmur tgħix ma' raġel ieħor xi ftit jew wisq ixxukkjat lil dawk kollha li kienu jafuhom. Ħadd ma kien jobsor li Tessie kienet se tagħmel hekk għaliex ħadd qatt ma kien sema' li hi u żewġha kellhom xi jgħidu b'mod serju. Anna biss ma ħaditx dik l-aħbar bi kbira.

© Francesca Sacco 2022

d.

F'dak il-ħin sewwa ajruplan kien qiegħed jittajjar fis-sħab mil-lewn l-irmied u mtaqqal bix-xita u, għal mument, Tessie xtaqet li kienet qiegħda fuqu biex hi wkoll tkun 'il bogħod mir-ruxxmata ħsibijiet li kienu qegħdin itaqqluha. Kienet intasbet kwieta kwieta tixrob il-kafè u kemm kemm tniffset tant li Anna staqsietha għal darba darbtejn x'kien ġaralha.

"Xejn!"

Anna tatha ħarsa suspettuża li biha riedet tfisser li ma emmnithiex. "Tessie... jien lilek nafek sewwa. Inħares lejk qisni qed naqra ktieb!"

Wara ftit minuti silenzjużi, mingħajr ma għalfejn, ħalliet mistoqsija taħarbilha. "Int kif tarana? Lili u lil Matthew!"

Għall-ewwel Anna ma fehmitx il-mistoqsija sewwa u ma kinitx taf l-oħra x'riedet tfisser b'dawk il-kliem. "X'jiġifieri?" staqsiet hekk kif il-kikkra waqfet f'nofs triq bejn il-mejda u xofftejha. "Ma nistax nifhmek, tafx!"

"X'relazzjoni taħseb li għandna?" ippruvat tispjega ruħha mingħajr ma tħares dirett f'għajnejn ħabibitha.

"Narakom koppja kuntenta!" mingħajr tlaqliq. Imbagħad waqfet ħesrem. "Għaliex? Jaqaw m'intomx hekk fir-realtà?"

"Ma nafx!"

"Ma tafx? X'jiġifieri? Jew kuntenti jew m'intomx! Ħadd mhu qiegħed magħkom, f'nofskom. Intom tafu xi tħossu!"

"Dan l-aħħar ma nafx kif qiegħda nħossni," stqarret. "Qiegħda nħossni għajjiena u buruża ħafna. Minn dejjem kont inbati bil-burdati jien, imma dan l-aħħar ma nafx x'qiegħed jiġrili. Mument inkun kuntenta m'għola s-sema, mument ieħor inkun f'abbiss ta' dwejjaq kbar... Ma nafx għalfejn qiegħed jiġrili hekk!"

© Francesca Sacco 2022

e.

Malli semgħetu jagħmlilha dik l-istedina, Tessie ħadet qatgħa. Il-kuxjenza tagħha kienet qiegħda twissiha b'forza kbira biex tirrifjuta u tfittex titlaq minn ma' dak ir-raġel li kien qiegħed jipperikola ż-żwieġ tagħha. Iżda, waqt li vuċi kienet qiegħda tgħidilha biex taħrab, vuċi oħra kienet qiegħda tħeġġiġha biex tagħmel proprju bil-maqlub. U aktar kemm ir-raġuni kienet qiegħda turiha l-periklu tas-sitwazzjoni li setgħet tidħol fiha, aktar l-emozzjoni kienet qiegħda tħajjarha biex tmur ma' Tonio u tibda dik ir-relazzjoni miegħu.

"Inti ġejja s'għandi jew se ddum taħsibha s'għada?" staqsieha bid-daħqa. Mingħajr ma taf sabet ruħha fit-triq miegħu, mexjin fid-direzzjoni tal-appartament.

© Francesca Sacco 2022

f.

Kien fil-bidu ta' Settembru ta' dik is-sena li Tessie bdiet tieħu d-droga għall-ewwel darba. Tonio kellu ħafna ħbieb li fil-biċċa l-kbira tagħhom ma kienu jinżlulha xejn. Hi kienet tippreferi li jkunu waħidhom kemm jista' jkun imma, wara ġimgħa fil-kafetterija, ma kienx jixtieq joqgħod ġewwa u jaħli serata fil-kwiet quddiem it-televixin. Tonio kien xalatur.

© Francesca Sacco 2022

ġ.

Kienet qisha għaddiet eternità sħiħa mill-aħħar darba li ltaqgħu. Anna kienet mifxula, ma tafx x'se taqbad tgħid jew tagħmel. Il-persuna li kellha quddiemha kienet tidher xiħa, mikduda bis-swied il-qalb, għajjiena u mhux il-ħabiba fuq ruħha u ferriħija li kienet taf fiż-żgħożija. Fir-realtà Tessie kienet ilha biss 'il fuq minn sena nieqsa mid-dar imma kienu qishom għaddew mitt sena. Minkejja dan kollu però Anna kienet lesta tisma' dak li kienet għaddiet minnu, dak kollu li ħabibitha riedet tirrakkuntalha.

[...]

U issa kienu hemm, żewġt iħbieb antiki li ċ-ċirkustanzi tal-ħajja kienu firdu għal bosta xhur. Anna kienet ħafret kollox. Hekk kienet imdorrija tagħmel. Tessie kienet bdiet billi skużat ruħha għan-nuqqasijiet tagħha għax, fil-fond ta' qalbha, kienet taf li naqset. Kemm-il darba kellha ċċemplilha u ma ċemplitx! Kemm-il-darba, meta ċemplet Anna, lanqas biss wieġbet.

© Francesca Sacco 2022

ġ.

Matul il-ftit xhur li Pete għamel magħha, Tessie setgħet tirrealizza x'karattru sabiħ kellu. Kien daħal f'ħajjitha bħal ħolma, mhux ħolma kerha, le imma ħolma sabiħa, minn dawk li ma tkunx tixtieqha tispiċċa. Meta kien ikollu bżonn jistudja, ftit li xejn kienu joħorġu u, ħafna drabi, kienu jispiċċaw fil-flett tagħha, jieklu pizza, jixorbu tazza inbid, jaraw DVD; affarijiet sempliċi vera, imma fihom mitt gost meta jsiru flimkien.

© Francesca Sacco 2022

għ.

It-telefonata ta' Tessie kienet qasira wisq, donnha bilkemm riedet tkellmu. Kienet tinstema' rrabjata imma ma kien fl-ebda pożizzjoni li jkun jaf għalfejn kienet tinsab f'dak l-istat. Dakinhar kien imissha tiġbor lit-tfal u teħodhom xi mkien magħha iżda, fl-aħħar minuta, kienet ċemplitlu biex tagħtih l-aħbar li kienet se tħallihom lampa stampa.

© Francesca Sacco 2022

h.

"Spettur," qaltlu b'leħen kollu ħrara, "nitolbok temminni għax din il-verità. Jien ma kellix x'naqsam mal-mewt ta' Peter. Għidtlek diġà li rajtu jixtri d-droga mingħand xi ħadd li ltaqa' miegħu fid-diskoteka. Ma nafx għalfejn xtara l-ecstasy, ma nafx għalfejn... Imma pillola waħda kienet biżżejjed biex qatlitu..."

© Francesca Sacco 2022

ħ.

“Kemm jien kuntent!” qalilha. Hi tbissmet. Tellgħet idu ma’ wiċċha u bisithielu.

“Anke jien,” qaltlu bi tbissima. “Kont ili ma nkun kuntenta tassew bħalma jien illum. Qatt ma bsart li se nerġa’ nkun miegħek u li se terġa’ tilqagħni u taħfirli...”

Matthew sikkitha. “Il-passat għadda u nsieh Tess. Ma jistax ikun li noqogħdu naħsbu fuq dak li ġara. Le! Issa mhux fuq il-passat irridu naħsbu imma fuq il-futur, fuq il-futur tagħna t-tnejn u tal-familja tagħna...”

Telgħetilha għoqla fi griżmejha li ma ħallithiex titkellem sew imma ħasset li kellha tirringrazzjah. Kienet taf li ftit kienu l-irġiel li kienu jagħmlu bħalu. Għaddiet idha minn fuq wiċċha mxarrab bid-dmugħ.

“Int taf li jien ħfirt kollox,” qalilha kemm kemm jinstema’. “Imma issa jeħtieġ li int taħfer lilek innifsek. Int jeħtieġ li taħfer, tinsa u timxi ’l quddiem.”

“Għandek raġun,” qaltlu. “Għandek raġun...”

© Francesca Sacco 2022

i.

Kien hemm xi ħaġa importanti li kien jeħtieġ li ssir qabel ma Tessie terġa’ lura d-dar. Dan kienu jafuh kemm Matthew kif ukoll martu. Kien hemm persuna li kien hemm bżonn li tisparixxi minn ħajjithom darba għal dejjem. Kienu tkellmu fit-tul ħafna fuq din il-biċċa xogħol u qablu li, minkejja li kienet deċiżjoni iebsa, kellha ssir.

“Id-drogi jeħtieġ li jispiċċaw minn ħajtek,” kien qalilha b’determinazzjoni. “Iridu jispiċċaw darba għal dejjem. Ma jistax ikun ikolli moħħi mistrieħ minnek jekk tibqa’ teħodhom...”

Tessie kienet qablet miegħu. Kienet ilha tixtieq taqta’ l-vizzju tad-droga. Il-mewt ta’ Peter kienet kexkxitha [...]

© Francesca Sacco 2022

# IL-LEĦĦIET FL-ORDNI KRONOLOĠIKA

| | |
|---|---|
| **1.** | d. |
| **2.** | a. |
| **3.** | e. |
| **4.** | ċ. |
| **5.** | b. |
| **6.** | f. |

| | |
|---|---|
| **7.** | għ. |
| **8.** | g. |
| **9.** | h. |
| **10.** | ġ. |
| **11.** | i. |
| **12.** | ħ. |

© Francesca Sacco 2022

# L-ISTORJA TA' TESSIE...

F'dak il-ħin sewwa ajruplan kien qiegħed jittajjar fis-sħab mil-lewn l-irmied u mtaqqal bix-xita u, għal mument, Tessie xtaqet li kienet qiegħda fuqu biex hi wkoll tkun 'il bogħod mir-ruxxmata ħsibijiet li kienu qegħdin itaqqluha. Kienet intasbet kwieta kwieta tixrob il-kafè u kemm kemm tniffset tant li Anna staqsietha għal darba darbtejn x'kien ġaralha.

"Xejn!"

Anna tatha ħarsa suspettuża li biha riedet tfisser li ma emmnithiex. "Tessie... jien lilek nafek sewwa. Inħares lejk qisni qed naqra ktieb!"

Wara ftit minuti silenzjużi, mingħajr ma għalfejn, ħalliet mistoqsija taħarbilha. "Int kif tarana? Lili u lil Matthew!"

Għall-ewwel Anna ma fehmitx il-mistoqsija sewwa u ma kinitx taf l-oħra x'riedet tfisser b'dawk il-kliem. "X'jiġifieri?" staqsiet hekk kif il-kikkra waqfet f'nofs triq bejn il-mejda u xofftejha. "Ma nistax nifhmek, tafx!"

"X'relazzjoni taħseb li għandna?" ippruvat tispjega ruħha mingħajr ma tħares dirett f'għajnejn ħabibitha.

"Narakom koppja kuntenta!" mingħajr tlaqliq. Imbagħad waqfet ħesrem. "Għaliex? Jaqaw m'intomx hekk fir-realtà?"

"Ma nafx!"

"Ma tafx? X'jiġifieri? Jew kuntenti jew m'intomx! Ħadd mhu qiegħed magħkom, f'nofskom. Intom tafu xi tħossu!"

"Dan l-aħħar ma nafx kif qiegħda nħossni," stqarret. "Qiegħda nħossni għajjiena u buruża ħafna. Minn dejjem kont inbati bil-burdati jien, imma dan l-aħħar ma nafx x'qiegħed jiġrili. Mument inkun kuntenta m'għola s-sema, mument ieħor inkun f'abbiss ta' dwejjaq kbar... Ma nafx għalfejn qiegħed jiġrili hekk!"

(pp. 10-11)

Id-dwejjaq kollu li kellha ftit tal-ġimgħat qabel fuq il-bank faċċata tal-baħar, kien donnu għosfor imma, sa tmiem Jannar, is-swied il-qalb reġa' beda jaħkimha u, sa tmiem l-ewwel xahar ta' dik is-sena, ma kinitx taf x'se taqbad tgħid jew tagħmel. Imbagħad, bħall-Erbgħa fost il-ġimgħa, iltaqgħet mar-raġel li kellu jibdlilha ħajjitha ta' taħt fuq. Lejn tmiem Jannar iltaqgħet ma' Tonio.

(p. 22)

© Francesca Sacco 2022

Malli semgħetu jagħmlilha dik l-istedina, Tessie ħadet qatgħa. Il-kuxjenza tagħha kienet qiegħda twissiha b'forza kbira biex tirrifjuta u tfittex titlaq minn ma' dak ir-raġel li kien qiegħed jipperikola ż-żwieġ tagħha. Iżda, waqt li vuċi kienet qiegħda tgħidilha biex taħrab, vuċi oħra kienet qiegħda tħeġġiġha biex tagħmel proprju bil-maqlub. U aktar kemm ir-raġuni kienet qiegħda turiha l-periklu tas-sitwazzjoni li setgħet tidħol fiha, aktar l-emozzjoni kienet qiegħda tħajjarha biex tmur ma' Tonio u tibda dik ir-relazzjoni miegħu.

"Inti ġejja s'għandi jew se ddum taħsibha s'għada?" staqsieha bid-daħqa. Mingħajr ma taf sabet ruħha fit-triq miegħu, mexjin fid-direzzjoni tal-appartament.

(pp. 26-27)

L-aħbar li Tessie telqet mid-dar biex tmur tgħix ma' raġel ieħor xi ftit jew wisq ixxukkjat lil dawk kollha li kienu jafuhom. Ħadd ma kien jobsor li Tessie kienet se tagħmel hekk għaliex ħadd qatt ma kien sema' li hi u żewġha kellhom xi jgħidu b'mod serju. Anna biss ma ħaditx dik l-aħbar bi kbira.

(p. 35)

Mill-bogħod lemħet lil Tessie bilqiegħda madwar mejda, b'ashtray fejn kien hemm filter ta' sigarett mgħaffeġ quddiemha. Anna skantat meta rat lil seħbitha bis-sigarett ġo ħalqha. Meta kienu għadhom l-università, Tessie kienet tpejjep imma mbagħad kienet qatgħet is-sigaretti għalkollox.

"Ilek hawn?" staqsietha wara li skużat ruħha.

"Le! Le... Forsi wasalt kwarta, għoxrin minuta ilu!"

Anna ħasbet li riedet tkellimha fuq xi ħaġa importanti u għalhekk kienet determinata li ma tantx titkellem hi. Riedet tħalli lil ħabibitha titħaddet, iżda miflok ma tkellmet kif stennietha li se tagħmel, Tessie baqgħet siekta, aktar moħħha fin-nies li f'dik l-għodwa mdawla t'April, kienu qegħdin jippassiġġaw minn quddiemhom milli fil-kliem li rari kien qiegħed joħroġ minn fommha.

"Kif qiegħda tħossok issa li tlaqt?" staqsiet Anna.

"Ferm aħjar milli kont..." Il-kliem kien mingħajr emozzjoni, qisha ma kinitx qiegħda tiddeskrivi dak li kienet qiegħda tħoss imma r-rapport tat-temp.

"Żgura?"

Tessie għamlet sinjal ta' "iva" b'tixjira b'rasha.

(pp. 38-39)

© Francesca Sacco 2022

Kien fil-bidu ta' Settembru ta' dik is-sena li Tessie bdiet tieħu d-droga għall-ewwel darba. Tonio kellu ħafna ħbieb li fil-biċċa l-kbira tagħhom ma kienu jinżlulha xejn. Hi kienet tippreferi li jkunu waħidhom kemm jista' jkun imma, wara ġimgħa fil-kafetterija, ma kienx jixtieq joqgħod ġewwa u jaħli serata fil-kwiet quddiem it-televixin. Tonio kien xalatur.

(p. 62)

It-telefonata ta' Tessie kienet qasira wisq, donnha bilkemm riedet tkellmu. Kienet tinstema' rrabjata imma ma kien fl-ebda pożizzjoni li jkun jaf għalfejn kienet tinsab f'dak l-istat. Dakinhar kien imissha tiġbor lit-tfal u teħodhom xi mkien magħha iżda, fl-aħħar minuta, kienet ċemplitlu biex tagħtih l-aħbar li kienet se tħallihom lampa stampa.

(p. 97)

Matul il-ftit xhur li Pete għamel magħha, Tessie setgħet tirrealizza x'karattru sabiħ kellu. Kien daħal f'ħajjitha bħal ħolma, mhux ħolma kerha, le imma ħolma sabiħa, minn dawk li ma tkunx tixtieqha tispiċċa. Meta kien ikollu bżonn jistudja, ftit li xejn kienu joħorġu u, ħafna drabi, kienu jispiċċaw fil-flett tagħha, jieklu pizza, jixorbu tazza inbid, jaraw DVD; affarijiet sempliċi vera, imma fihom mitt gost meta jsiru flimkien.

(p. 139)

"Spettur," qaltlu b'leħen kollu ħrara, "nitolbok temminni għax din il-verità. Jien ma kellix x'naqsam mal-mewt ta' Peter. Għidtlek diġà li rajtu jixtri d-droga mingħand xi ħadd li ltaqa' miegħu fid-diskoteka. Ma nafx għalfejn xtara l-ecstasy, ma nafx għalfejn... Imma pillola waħda kienet biżżejjed biex qatlitu..."

(p. 154)

Kienet qisha għaddiet eternità sħiħa mill-aħħar darba li ltaqgħu. Anna kienet mifxula, ma tafx x'se taqbad tgħid jew tagħmel. Il-persuna li kellha quddiemha kienet tidher xiħa, mikduda bis-swied il-qalb, għajjiena u mhux il-ħabiba fuq ruħha u ferriħija li kienet taf fiż-żgħożija. Fir-realtà Tessie kienet ilha biss 'il fuq minn sena nieqsa mid-dar imma kienu qishom għaddew mitt sena. Minkejja dan kollu però Anna kienet lesta tisma' dak li kienet għaddiet minnu, dak kollu li ħabibitha riedet tirrakkuntalha. [...]

© Francesca Sacco 2022

U issa kienu hemm, żewġt iħbieb antiki li ċ-ċirkustanzi tal-ħajja kienu firdu għal bosta xhur. Anna kienet ħafret kollox. Hekk kienet imdorrija tagħmel. Tessie kienet bdiet billi skużat ruħha għan-nuqqasijiet tagħha għax, fil-fond ta' qalbha, kienet taf li naqset. Kemm-il darba kellha ċċemplilha u ma ċemplitx! Kemm-il-darba, meta ċemplet Anna, lanqas biss wieġbet.

(pp. 171-172)

Kien hemm xi ħaġa importanti li kien jeħtieġ li ssir qabel ma Tessie terġa' lura d-dar. Dan kienu jafuh kemm Matthew kif ukoll martu. Kien hemm persuna li kien hemm bżonn li tisparixxi minn ħajjithom darba għal dejjem. Kienu tkellmu fit-tul ħafna fuq din il-biċċa xogħol u qablu li, minkejja li kienet deċiżjoni iebsa, kellha ssir.

"Id-drogi jeħtieġ li jispiċċaw minn ħajtek," kien qalilha b'determinazzjoni. "Iridu jispiċċaw darba għal dejjem. Ma jistax ikun ikolli moħħi mistrieħ minnek jekk tibqa' teħodhom..."

Tessie kienet qablet miegħu. Kienet ilha tixtieq taqta' l-vizzju tad-droga. Il-mewt ta' Peter kienet kexkxitha [...]

(p. 182)

"Kemm jien kuntent!" qalilha. Hi tbissmet. Tellgħet idu ma' wiċċha u bisithielu.

"Anke jien," qaltlu bi tbissima. "Kont ili ma nkun kuntenta tassew bħalma jien illum. Qatt ma bsart li se nerġa' nkun miegħek u li se terġa' tilqagħni u taħfirli..."

Matthew sikkitha. "Il-passat għadda u nsieh Tess. Ma jistax ikun li noqogħdu naħsbu fuq dak li ġara. Le! Issa mhux fuq il-passat irridu naħsbu imma fuq il-futur, fuq il-futur tagħna t-tnejn u tal-familja tagħna..."

Telgħetilha għoqla fi griżmejha li ma ħallithiex titkellem sew imma ħasset li kellha tirringrazzjah. Kienet taf li ftit kienu l-irġiel li kienu jagħmlu bħalu. Għaddiet idha minn fuq wiċċha mxarrab bid-dmugħ.

"Int taf li jien ħfirt kollox," qalilha kemm kemm jinstema'. "Imma issa jeħtieġ li int taħfer lilek innifsek. Int jeħtieġ li taħfer, tinsa u timxi 'l quddiem."

"Għandek raġun," qaltlu. "Għandek raġun..."

(pp. 191-192)

**Minn *Imħabba bla Tmiem* ta' Jesmond Grech.**

© Francesca Sacco 2022

L-Isem:_________________________ Id-Data:_________________________ Il-Klassi:___________

# X'JIĠRI META TINQABAD FIN-NASSA TAD-DROGA?

**Wieġeb dawn il-mistoqsijiet billi tieħu xi notamenti mis-siltiet minn *Imħabba bla Tmiem* biex tanalizza l-iżvilupp tal-karattru ta' Tessie bir-reqqa.**

1. Kif tħossha Tessie fil-bidu tar-rumanz u għaliex?

2. Il-fatt li Tessie tkun dubjuża fil-bidu tar-rumanz, inkluż fuq Tonio, kif nistgħu niddeskrivuha?

3. Xi bdiet tagħmel Tessie malli bdiet toħroġ ma' Tonio? Taħseb li l-karattru ta' Tessie inbidel?

4. Semmi 2 sitwazzjonijiet li jindikaw li Tessie inbidlet.

5. Tessie ssir konxja ta' kemm ma baqgħitx l-istess persuna jew le? Jekk iva, x'inhi dik il-ħaġa li ġġiegħlha tirrealizza?

6. Tessie xtaqet terġa' tkun l-istess mara li kienet fil-bidu? Jekk iva, x'tagħmel biex dan iseħħ?

© Francesca Sacco 2022

L-Isem:__________________________ Id-Data:_________________________ Il-Klassi:___________

# Il-Kotba tal-Qalb
## ta' Jesmond Grech

**Taħriġ: Imla l-vojt fit-tabella bl-informazzjoni meħtieġa dwar il-karattri u l-ambjent tal-*Kotba tal-Qalb* diskussi fil-lezzjonijiet s'issa.**

| |   |   |   |
|---|---|---|---|
| **L-Iżvilupp tar-Rakkont** | Tfajla f'relazzjoni ma' raġel miżżewweġ li tinqabad tqila u ma tkunx ċerta jekk għandhiex iżżomm it-tarbija jew le | Avukat ta' suċċess jissepara minn mal-mara u jitlaq lit-tfal biex joħroġ ma' tfajla iżgħar minnu li jispiċċa jiddispjaċih | Mara miżżewġa bit-tfal titlaq mid-dar biex tmur tgħix ma' raġel ieħor li hu ta' influwenza ħażina għax jitfagħha fit-triq tad-drogi |
| **It-Tema Prinċipali** | L-imħabba | L-imħabba | L-imħabba |
| **It-Temi Sekondarji** | Il-gideb u l-ħabi | Is-separazzjoni tal-ġenituri | Il-vizzju tad-drogi |
| **Il-Protagonist/a** | | | |
| **Il-Karattri Sekondarji** | | | |
| **L-Ambjent** | | | |

© Francesca Sacco 2022

## Lezzjoni 4: Ġenerazzjoni Paceville

**Is-Silta Letterarja**: Silta minn *Ġenerazzjoni Paceville* (pp. 32-38).

**L-Iskaluna**: 7.2.3 Jorbtu l-esperjenza tagħhom mal-esperjenza tal-kittieba kif tixref mit-test.

**Il-Kisba mit-Tagħlim**: 12. Napprezza l-funzjoni tat-tema/i f'testi letterarji.

**L-Għanijiet**: Sa tmiem din il-lezzjoni, l-istudenti se:

(a) janalizzaw erba' elementi stilistiċi tas-silta f'ħidma fi gruppi;

(b) iqabblu l-esperjenza taż-żgħażagħ fis-silta letterarja mal-ħajja personali tagħhom bħala żgħażagħ; u

(ċ) jorbtu t-test letterarju mal-awtur li kitbu.

**Ir-Riżorsi**: il-bord interattiv; ir-rekording tas-silta tal-qari; il-karta tat-tombla "It-Tombla tal-Ġenn"; il-karti tal-qari "Ġenerazzjoni Paceville: Il-Qari"; il-karti tat-taħriġ bis-sottotitli "It-Tema", "Il-Karattri", "L-Ambjent", u "L-Użu tal-Lingwa"; il-karta tat-taħriġ forma ta' nota "Ġenerazzjoni Paceville: In-Nota"; il-karta tax-xogħol għad-dar "Ġenerazzjoni Paceville: Ix-Xogħol għad-Dar"; sticky notes.

**Il-Metodu tat-Tagħlim**: L-analiżi ta' elementi stilistiċi f'ħidma kollaborattiva.

**L-Iżvilupp tal-Lezzjoni**:

*Il-Ftuħ*: L-istudenti jingħataw karta tat-tombla. Wara, l-għalliema toħroġ minn borża frażi li l-istudenti għandhom fuq il-karta tat-tomba u malli jisimgħuha jridu jimmarkawha b'xi highlighter u fil-kaxxa jimmarkaw 'Iva' jew 'Le' b'ċirku. Il-proċess jiġi rrepetut għal xi drabi u min jgħaqqad linja bil-frażijiet li ssemmew, jirbaħ.

(bejn 4 u 5 minuti)

*L-Ewwel Pass*: L-għalliema tqassam il-karti tal-qari. Fl-istess ħin, hija tispjega lill-istudenti li se jisimgħu rekording tal-qari u huma għandhom isegwu minn fuq il-karti.

(bejn 7 u 8 minuti)

*It-Tieni Pass*: L-istudenti jiġu mistoqsija jekk għoġbithomx is-silta. L-għalliema tqassam sticky note lil kulħadd biex fuqha jiktbu aspett wieħed li qraw dwaru li jistgħu jirrelataw ma' ħajjithom. Wara, xi studenti jintalbu jesprimu dak li kitbu.

(bejn 6 u 7 minuti)

*It-Tielet Pass*: L-istudenti jinqasmu f'erba' gruppi. Kull grupp tingħatalu karta b'sottotitlu minn dawn: "L-Ambjent", "Il-Karattri", "It-Tema" jew "L-Użu tal-Lingwa". Kull grupp għandu jiddiskuti l-aspett letterarju u jwieġeb il-mistoqsijiet fuq il-karta permezz tal-karti tal-qari.

(bejn 7 u 8 minuti)

*Ir-Raba' Pass*: Kull grupp jintalab jaqsam ir-risposti tiegħu tal-karti tat-taħriġ mal-bqija tal-klassi.

(bejn 6 u 7 minuti)

*L-Għeluq*: L-għalliema tqassam in-nota f'forma ta' taħriġ li tinħadem b'mod individwali.

(bejn 4 u 5 minuti)

**Ix-Xogħol għad-Dar**: Il-kitba ta' silta ta' djarju ta' madwar 80 kelma dwar xi esperjenza li għaddew minnha fil-ħajja żagħżugħa tagħhom.

**L-Assessjar**: It-tqabbil tal-qari mal-ħajja personali tal-istudenti fit-tieni pass.

**Id-Differenzjar**: L-għalliema taqsam fi gruppi studenti b'abbiltajiet varji biex jitgħallmu minn xulxin. L-għalliema tista' tnaqqas jew iżżid l-għadd ta' mistoqsijiet fuq il-karti tat-taħriġ skont il-livell tal-istudenti.

L-Isem: ______________________ Id-Data: ______________________ Il-Klassi: ______________

# It-Tombla tal-Ġenn

**Immarka b'highlighter il-frażi li tgħid l-għalliema. Agħmel ukoll ċirku madwar 'Iva' jew 'Le' fl-istess kaxxa skont jekk tagħmilx l-azzjoni jew le. Jekk tgħaqqad linja bi frażijiet bil-highlighter, avża lill-għalliema.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Nara serje fuq Netflix**<br>Iva / Le | **Noħroġ ma' sħabi**<br>Iva / Le | **Inħoss li dawk li jieħdu ħsiebi ma jifhmunix**<br>Iva / Le | **Miġnun wara xi ġuvni jew tfajla**<br>Iva / Le |
| **Nilgħab Fortnite jew Minecraft**<br>Iva / Le | **Ma nkunx irrid nagħmel ix-xogħol għad-dar**<br>Iva / Le | **Nagħmel xi sport jew passatemp wara l-ħin tal-iskola**<br>Iva / Le | **Inqatta' ħafna ħin fuq il-midja soċjali**<br>Iva / Le |
| **Immur xi grupp taż-żgħażagħ wara l-iskola**<br>Iva / Le | **Għandi TikTok**<br>Iva / Le | **Nisma' d-diski minn fuq YouTube jew Spotify**<br>Iva / Le | **Nuża l-kelma 'bro' jew 'oħt' jew 'man'**<br>Iva / Le |
| **Inqatta' ħafna ħin niċċettja ma' sħabi**<br>Iva / Le | **Nilgħab FIFA fuq il-playstation**<br>Iva / Le | **Ġieli ħassejt li m'iniex aċċettat minn ta' madwari**<br>Iva / Le | **Nagħmel il-makeup**<br>Iva / Le |
| **Inkun ħerqan biex iddoqq il-qanpiena għall-break l-iskola**<br>Iva / Le | **Ta' spiss nieħu xi stessu ma' sħabi**<br>Iva / Le | **Xi kultant ma nħossnix kuntent b'kif nidher**<br>Iva / Le | **Fis-sajf ikolli ċans noħroġ aktar ma' sħabi**<br>Iva / Le |



© Francesca Sacco 2022

# ĠENERAZZJONI PACEVILLE

## IL-QARI

Il-ħin mistenni sa fl-aħħar kien wasal u mingħajr ma riedet Marlene ħasset tferfira ta' eċitament meta resqet lejn il-bieb ta' barra biex titlaq lejn il-Belt. "Evita l-periklu u tinsiex li nkunu rriduk ġewwa mal-ħdax..." wissietha l-mamà qabel ma ħarġet.

"Tinkwetax ma' dejjem fil-ħin niġi!" qalet it-tfajla. Issa lil ommha kienet dratha tajjeb u mill-banda l-oħra l-omm kienet tafda lil bintha b'għajnejha magħluqa.

Sentejn ilu, meta kienet għadha Form 3, sħabha kienu bdew joħorġu s-Sibtijiet filgħaxija u Marlene kienet tħajret li tibda tmur magħhom hi wkoll.

Għall-ewwel kemm il-mamà kif ukoll il-papà kienu inkwetati. Paceville ma tantx kellu reputazzjoni tajba. Inzerta li dik is-sena kien inqala' xi inkwiet u xi żgħażagħ kienu ttellgħu l-qorti wara ġlied u storbju. Għal ħafna ġenituri Paceville kien ifisser il-post fejn il-ħin kollu ż-żgħażagħ kienu jagħtu bl-imwies u jqassmu d-drogi.

Imma, b'xorti tajba, Ġużi kien bniedem prattiku u jaf id-dinja. It-tifla li, sa ftit snin ilu kienet tilgħab bil-pupi issa kibret u lesta biex tassumi ċerta responsabbiltà. Fejn qabel Marlene ma kinitx tiddejjaq toħroġ magħhom, minn xi snin 'l hawn kienet qiegħda tħossha skomda u stramba tidher magħhom fil-pubbliku.

"Ma nafx x'qiegħed jiġrilha t-tifla, Ġuż," kienet qalet imħassba l-mara.

Ġużi kien dar fuqha u qalilha. "Mhu qiegħed jiġrilha xejn, Rit. It-tifla m'għadhiex tifla iżjed. Trid toħroġ, trid il-kumpanija tal-ħbieb... Dawn affarijiet mill-aktar normali u jgħaddi minnhom kulħadd..."

"Allura x'se nagħmlu?" kienet reġgħet staqsietu mħassba.

"M'hemmx x'tagħmel! Aħna għamilna d-dover tagħna u rabbejnieha mill-aħjar li stajna, issa wasal iż-żmien biex naraw jekk it-tagħlim li tajnieha jħallix il-frott..."

Minn dakinhar Marlene setgħet toħroġ ma' sħabha basta ma jdumux ħafna u tgħidilhom fejn sejrin.

Min-naħa tagħha Marlene tgħidx kemm kienet ferħet meta rat li l-ġenituri tagħha fehmuha u kienu raġonevoli. Yolanda li kienet fil-klassi tagħha tgħidx kemm kellha diffikultajiet u kwistjonijiet fil-weekends. "Hawn dari u tagħmel li ngħidulek!" kien jgħidilha rrabjat missierha. Minħabba f'hekk Yolanda kienet iġġib l-iskuża li kienet tmur għand xi ħbieb mentri, fil-fatt kienet titla' lejn Paceville mal-oħrajn.

Marlene ma kinitx togħġobha din is-sitwazzjoni u ma xtaqitx li jkollha għalfejn tigdeb u tidħaq bil-ġenituri tagħha. Meta kienu qalulha li tista' toħroġ dejjem żammet il-ħin li fih missierha riedha tidħol. Madankollu, ta' kull darba li kienet tkun se toħroġ, ommha kienet dejjem tirrepetilha dawk it-twissijiet tas-soltu. "Evita l-periklu... Idħol fil-ħin għax inkella tinkwetana..."

© Francesca Sacco 2022

'Tgħid jien għad nagħmel hekk meta jkolli lil uliedi?' ħasbet Marlene waqt li għalqet il-bieb warajha. 'Min jaf?'

Il-karozzi tal-linja li kienu qegħdin jieqfu f'Paceville mill-Belt kienu ppakkjati biż-żgħażagħ mimlija enerġija u entużjażmu għas-serata li kellhom quddiemhom. Minn kull karozza kienu joħorġu qtajja' ta' ġuvintur u xebbiet li jfittxu jitqassmu fil-postijiet fejn riedu jmorru. Ilkoll kienu jiffurmaw id-dinja varjata u allegra li tiżvolġi fil-limiti ta' San Ġiljan.

Minn waħda mill-karozzi ħarġu Marlene u sħabha Rose, Antoinette u Grace ta' Ħaż-Żabbar, Berta, Yolanda, Maria u Jessica kif ukoll tfajliet oħra li kienu ssieħbu mal-ħbieb tas-soltu. Ftit qabel, minn karozza oħra kienu niżlu sħab Robert; Mark it-Toby, Joey Borg ta' Raħal Ġdid, Jerry, Simon, Michael, Fredrick Grima l-Iswed, u l-Bużu. Ilkoll kienu fi triqithom lejn il-Eurhythmics biex jaraw ma' min setgħu jiltaqgħu.

Li tfittex lil xi ħadd ġewwa l-iżjed diskoteka popolari ta' Malta kienet qisek qiegħed tagħraf nemla minn fost il-mijiet fil-bejta. Fil-Eurhythmics l-atmosfera kienet tal-ġenn; mużika popolari, dawl żeffieni u żgħażagħ joqomsu fid-dance floor. Kulħadd kuntent, kulħadd jieħu buzz!

"Mużika tal-ġenn!" għajtet Rose. Fil-pront bdiet diska favorita tagħhom. X'ma tħossokx ħerqana ħalli tinżel it-turġien żgħar li jagħtu għad-dance floor! Dak l-ispazju kien jidher ferm ċkejken bil-kwantità ta' żgħażagħ li kien hemm marsusin fih.

'Mur sibu,' kienet qiegħda tgħid Marlene hekk kif resqet bil-mod il-mod lejn fejn kien qiegħed isir iż-żfin. Ippruvat tifli d-diversi gruppi ta' żgħażagħ mxerrda fl-irkejjen u l-ispazji ffullati, jew mal-bars qalb dħaħen ta' sigaretti... Għalxejn! Lil Robert ma' setgħet tarah imkien!

Wara madwar siegħa tiżfen ma' sħabha għajjiet u waqfet ftit.

"Kemm jogħġobni hawn!" bdiet tgħid Yolanda.

"Mhux aħjar mill-iskola!" qal xi ħaddieħor.

"Mur ara lill-headmistress tiffrikja!" iċċajtat Grace u tgħidx kemm daħqu.

F'dak il-waqt Marlene dehrilha li setgħet tagħraf lill-kuġin ta' Rose jiżfen fid-dance floor. Ħarset lejh sew u għarfitu. Ratu qsajjar qsajjar, b'ras nokkli suwed, twil daqskemm hu oħxon jgħolli jdejh u jixxadinja ma' żewġ tfajliet li bilkemm kienu qegħdin jagħtu kasu. Kien Mark! Kollu kemm hu!

Id-dehra tat-Toby ma setgħetx ma tqanqlilhiex tbissima imma, kif lemħitu qalbha għamlet tikk! La kien hemm Mark, Robert għandu jkun fil-viċin imma, ħares minn hawn, iġġebbed minn hemm lil dak iż-żagħżugħ li tant ħasbet fuqu matul il-ġimgħa ma setgħet tarah imkien...

Marlene riedet tmur tiżfen fejn kien hemm it-Toby biex tara tilmaħx lil Robert fil-qrib, iżda sħabha ġibdu lejn rokna oħra.

"Għandkom aptit tiżfnu?" staqsiet lill-oħrajn bit-tama li titħajjar tersaq fil-qrib ta' Mark.

Rose ma dehritx interessata, sħabha wkoll. Donnu ħadd ma kellu aptit jiċċaqlaq.

Salvaha mis-sitwazzjoni ġuvnott qsajjar u rqiq li resaq fuqha u staqsieha biex jiżfnu. Marlene diġà kienet se ddawwar ħarsitha n-naħa l-oħra imma, f'dak il-ħin indunat li setgħet issib l-iskuża biex tinqata' minn mal-grupp u tersaq lejn in-naħa tat-Toby fejn, forsi, kienet tista' tara 'l Robert.

Wara ħafna rfis u mbuttar irnexxielha tersaq lejn Mark imma sieħbu, imkien! Mid-dehra jew ma kienx ġie jew, wisq agħar, kien qiegħed xi mkien ma' tfajla oħra. Kienet ċerta li Robert kien jaf li llum se tkun hemm għaliex Rose kienet qaltilha li tgħarrfet xi ħaġa lil Mark. Imma tgħid Mark qallu? Ħarset lejn it-Toby u f'dak il-ħin iddubitat kemm seta' wasal il-messaġġ sewwa. It-Toby seta' ħawwad kollox... F'dak il-ħin ħarset Mark waqgħet fuqha, għarafha u sellmilha b'tixjira b'rasu. Ħassitha mħawda wisq biex tieħu gost għalhekk malli dak li kien magħha staqsieha riditx tixrob qaltlu iva mal-ewwel u telgħu mid-dance floor.

Fid-dawl tal-bozoz safrana tal-bar, it-tfajla setgħet tara aħjar liż-żagħżugħ li kien magħha. Ma kienx ikrah kieku imma ma kellhiex grazzja miegħu għaliex kien ferm iqsar minnha. Kienet tħossha ferm stramba toħroġ ma' xi ħadd kemm kemm jidher ħdejha. Aċċettat li tieħu drink miegħu biex titlaq mid-dance floor u għal xejn aktar.

Ordnat coke filwaqt li l-ġuvnott ordna whisky doppju li niżżel f'salt wieħed. Ħareġ pakkett sigaretti u beda jpejjep wieħed. "Trid?"

Marlene rrifjutat imma hu aktar beda jinsisti. Beda jxejjer il-pakkett miftuħ kważi ma' wiċċha biex mingħalih jikkonvinċiha. "Mela ma jħallukx tpejjep ommok u missierek?" beda sejjer. "Ħu wieħed u ntelaq ftit. Hawn mhu se jarak ħadd tafx!"

[...]

Fil-pront jiġu erba' ġuvintur oħra li riedu juru lil kulħadd kemm jafu jagħmlu storbju bl-għajjat u d-dagħa. Xħin raw lil dak li kien magħha bdew itaptpulu fuq dahru u jinkuh. "Għabba t-Tikka!"

"X'waħd' għandu miegħu!"

"Issa ħudha dawra bil-karozza Tikka..." qallu xi ħaddieħor minnhom.

It-Tikka deher kuntent bil-kumpanija ta' sħabu imma Marlene m'għoġbuha xejn tant li kienet fuq ix-xwiek biex ifittxu jitilqu ħalli titlaq hi wkoll.

"Fejn sejra?" staqsieha bl-herra t-Tikka filwaqt li qabadha minn idha f'għafsa iebsa.

"Fejn irrid!" qaltlu waqt li ġibdet idha bis-saħħa.

"Tfajliet bħalek insib bir-radam jien! X'qed taħseb li int?" għajjat xħin kienet daharha lejh. Imbagħad beda jitkellem ħażin u jidgħi.

Marlene semgħetu imma rat li jkun aħjar li titlaq 'l hemm mingħajr ma twieġbu.

**Minn *Ġenerazzjoni Paceville* ta' Jesmond Grech (pp. 32-38).**

© Francesca Sacco 2022

L-Isem: ______________________ Id-Data: ______________________ Il-Klassi: ____________

# ĠENERAZZJONI PACEVILLE

**Kull kaxxa t'hawn taħt tirrappreżenta għadd ta' mistoqsijiet dwar it-temi li ltqajna magħhom fis-silta. Wieġeb il-mistoqsijiet permezz tas-silta.**

## IT-TEMI

### A. ID-DIVERTIMENT

**Fittex mis-silta u semmi xi kliem jew frażijiet li juru din it-tema.**

- ______________________
- ______________________
- ______________________
- ______________________
- ______________________





### B. IŻ-ŻGĦOŻIJA

**X'affarijiet iħobbu jagħmlu l-karattri f'dan iż-żmien?**

- ______________________
- ______________________
- ______________________

**Fuqiex tinkwieta omm Marlene u kif iweġibha missier Marlene?**

______________________

______________________

### Ċ. IL-VIZZJI

**Fittex u semmi tliet drawwiet ħżiena li jissemmew fis-silta.**

1. ______________________
2. ______________________
3. ______________________

**F'liema parti tal-istorja jissemmew dawn?**

______________________

______________________








### D. IL-PRESSJONI MILL-ĦBIEB

**Mis-silta sib u ikteb kif din tesperjenzaha waħda mill-karattri.**

______________________

______________________

______________________

______________________



© Francesca Sacco 2022

L-Isem: ____________________ Id-Data: ____________________ Il-Klassi: ____________

# ĠENERAZZJONI PACEVILLE

**Kull kaxxa t'hawn taħt tirrappreżenta għadd ta' mistoqsijiet dwar il-karattri li ltqajna magħhom fis-silta. Wieġeb il-mistoqsijiet permezz tas-silta.**

## IL-KARATTRI

**Min taħseb li huwa l-karattru prinċipali (protagonist) u għaliex?**

______________________________

______________________________

______________________________



**Fittex mis-silta u semmi xi karatteristiċi tal-protagonist/a.**

- ______________________
- ______________________
- ______________________

**Semmi xi karattri sekondarji mis-silta.**

______________________________

______________________________

**Immarka l-etajiet li taħseb li għandhom il-karattri fis-silta.**

0-10 snin | 11-20-il sena | 21-30 sena | 31-40 sena | 41-50 sena | 51-60 sena

**Sib xi evidenza mis-silta li juri dan.**

______________________________

______________________________

______________________________

**Minn paġna numru 2, sib l-ismijiet tal-karattri żgħażagħ u ikteb 4 minnhom.**

- ________________
- ________________
- ________________
- ________________



**Kif dawn l-ismijiet ivarjaw mill-ismijiet ta' omm u missier Marlene, Rita u Ġużi?**

______________________________

______________________________

______________________________



**Minn fejn taħseb li ġiet l-ispirazzjoni tal-awtur għal dawn il-karattri?**

______________________________

______________________________

______________________________

**Inti tħoss li tifhem lil dawn il-karattri u tixtieq tagħmel bħalhom?**

______________________________

______________________________

© Francesca Sacco 2022

L-Isem: ____________________ Id-Data: ____________________ Il-Klassi: ______________

# ĠENERAZZJONI PACEVILLE

**Kull kaxxa t'hawn taħt tirrappreżenta ambjent differenti li jissemma fis-silta permezz ta' għadd ta' mistoqsijiet. Wieġeb il-mistoqsijiet permezz tas-silta.**



## A. L-ISKOLA

**Liema karattri mis-silta jmorru l-iskola?**

______________________________

**Sib kwotazzjoni mis-silta li fiha jissemma dan il-kuntest.**

______________________________

______________________________

______________________________



## B. ID-DAR

**Fid-dar ta' min huwa ambjentat il-bidu tas-silta?**

______________________________

**Fid-dar tal-ġenituri tagħhom, kif iridu jġibu ruħhom il-karattri żgħażagħ?**

______________________________

______________________________

______________________________

## L-AMBJENT








## Ċ. PACEVILLE

**X'jaħsbu l-ġenituri dwar Paceville?**

______________________________

______________________________

**X'jaħsbu ż-żgħażagħ dwar dan il-post?**

______________________________

______________________________

**Paceville kellu reputazzjoni tajba jew ħażina dik is-sena? Għaliex?**

______________________________

______________________________

© Francesca Sacco 2022

L-Isem: ______________________ Id-Data: ______________________ Il-Klassi: ____________

# ĠENERAZZJONI PACEVILLE

Kull kaxxa t'hawn taħt tirrappreżenta aspett differenti li jikkontribwixxi għall-użu tal-lingwa tal-awtur permezz ta' għadd ta' mistoqsijiet. Wieġeb il-mistoqsijiet permezz tas-silta.

**L-UŻU TAL-LINGWA**

## A. IL-LINGWA MODERNA

**Min jgħid il-kliem "buzz", "dance floor", "jixxadinja" u "tiffrikja"?**

______________________________

______________________________



**Taħseb li dan il-kliem jużawh il-karattri adulti l-oħra fil-bqija tal-ktieb? Immarka.**

✔ ✘

**Għaliex?**

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

## B. ID-DESKRIZZJONIJIET

**L-awtur jiddeskrivi fid-dettall, speċjalment post jew persuna bl-emozzjonijiet tagħha. Sib u ikteb sentenza mis-silta li juri dan.**

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

## Ċ. IL-FIGURI TAT-TAĦDIT

**L-awtur juża wkoll għadd ta' figuri tat-taħdit biex jiddeskrivi. Sib eżempju ta':**

- **Similitudni:**

______________________________

______________________________

______________________________

- **Ripetizzjoni:**

______________________________

© Francesca Sacco 2022

L-Isem: ______________________________ Id-Data: ______________________________ Il-Klassi: ______________

# ĠENERAZZJONI PACEVILLE

## IN-NOTA



**Imla l-vojt bi frażi mit-tabella t'hawn taħt biex tifforma n-nota.**

protagonista, lingwa, soda, divertiment, ismijiet, għalliem, vizzji, progressiv, pressjoni mill-ħbieb, bar f'Paceville, karattri sekondarji, żgħożija, dar, iskola, ubbidjenti, *Ġenerazzjoni Paceville*, konservattiva, similitudni, tiffrikja, Paceville

**(1)** Is-silta hija meħuda mill-ktieb ______________________________, ktieb għaż-żgħażagħ ta' Jesmond Grech. L-istorja ddur madwar xi żgħażagħ tal-Form 5 (li llum tiġi l-11-il sena tas-sekondarja) li ftehmu biex imorru f'______________________________.

**(2)** Għalhekk, it-tema ċentrali ta' dan ir-rumanz hija dik taż-____________________ iżda hemm ukoll xi temi oħra li jiżvolġu f'dan ir-rakkont bħal dawk tad-__________________________, il-___________________u anki l-__________________________________.

**(3)** Il-_________________________ f'din is-silta u fil-bqija tal-ktieb hija Marlene. Hija żagħżugħa ________________________ li ma tħobbx tmur kontra l-kelma tal-ġenituri tagħha u nsiru nafu kemm hija ____________________, meta tirrifjuta l-istedina biex tpejjep jew tixrob xorb alkoħoliku mit-Tikka.

**(4)** Il-ktieb fih ukoll għadd ta' _________________________________ bħal omm u missier Marlene, Mark it-Toby u Rose. Nistgħu nosservaw li għalkemm omm u missier Marlene huma t-tnejn adulti, għandhom mentalità differenti. Filwaqt li Rita hija mara ____________________ għax għandha mentalità antika, Ġużi huwa raġel ____________________ bil-fehmiet moderni tiegħu.

**(5)** Il-karattri żgħażagħ huma mpinġija b'mod aktar realistiku permezz tal-___________________ tagħhom, bħal "buzz" u "__________________". L-____________________ tagħhom, bħal "Yolanda" u "Jerry", juru wkoll li huma għadhom żgħażagħ tal-lum.

**(6)** Tul is-silta nindunaw li l-awtur iħobb jiddeskrivi fid-dettall u xi drabi anki permezz ta' figuri tat-taħdit bħal _____________________.

**(7)** Is-silta hi ambjentata l-aktar fid-______________ ta' Marlene u ____________________ iżda tissemma wkoll l-_____________________. Id-dixxiplina li tinżamm id-dar u l-iskola tikkuntrasta mal-pjaċir u d-divertiment li ż-żgħażagħ jesperjenzaw f'Paceville.

**(8)** Jesmond Grech huwa kittieb tajjeb tal-kotba għaż-żgħażagħ għax bħala _________________, huwa ta' kuljum jagħmilha maż-żgħażagħ.

© Francesca Sacco 2022

L-Isem: ______________________ Id-Data: ______________________ Il-Klassi: ______________

# ĠENERAZZJONI PACEVILLE

## IX-XOGĦOL GĦAD-DAR

**F'madwar 80 kelma, ikteb silta minn djarju fuq xi esperjenza bħala żagħżugħ/a.**

© Francesca Sacco 2022

## Lezzjoni 5: Stress biss... Stress spiss

**Is-Silta Letterarja**: Żewġ siltiet minn *Ġenerazzjoni Paceville* (p. 19 u pp. 77-79).

**L-Iskaluna**: 7.2.3 Jorbtu l-esperjenza tagħhom mal-esperjenza tal-kittieba kif tixref mit-test.

**Il-Kisba mit-Tagħlim**: 13. Nikkummenta b'mod kritiku fuq testi letterarji.

**L-Għanijiet**: Sa tmiem din il-lezzjoni, l-istudenti se:

(a) jidentifikaw il-kawżi ta' stress fil-ħajja tal-istudenti f'silta minn *Ġenerazzjoni Paceville* (p. 19);

(b) joħorġu bi strateġiji ta' kif jista' jitnaqqas l-istress li jkollhom l-istudenti f'*Ġenerazzjoni Paceville*; u

(ċ) jiddiskutu jekk hemmx affarijiet oħra li huma daqs jew aktar importanti mill-eżamijiet u ċ-ċertifikati permezz ta' silta oħra minn *Ġenerazzjoni Paceville* (pp. 77-79).

**Ir-Riżorsi**: il-karta tat-taħriġ "Stress biss... Stress spiss"; il-karta tal-qari "Jgħidu li ż-żgħożija l-isbaħ perjodu tal-ħajja..."; il-karta tal-qari "L-eżamijiet u ċ-ċertifikati huma kollox fil-ħajja?"; filmat minn YouTube "Meditazzjoni bil-Malti biex Tirrilassa u Sserraħ Moħħok": https://www.youtube.com/watch?v=omanFy1hxd4&t=602s (04:22-08:35).

**Il-Metodu tat-Tagħlim**: Analoġija.

**L-Iżvilupp tal-Lezzjoni**:

*Il-Ftuħ*: L-għalliema tqassam karta tat-taħriġ lill-istudenti. Huma jintalbu jaħdmu Taħriġ A li fih l-istudenti għandhom jiktbu affarijiet ta' stress f'ħajjithom bħala studenti. Wara, xi studenti huma mħeġġa jesprimu dak li kitbu u l-għalliema tispjega l-analoġija tal-barmil tal-istress.

(bejn 4 u 5 minuti)

*L-Ewwel Pass*: Titqassam il-karta tal-qari bit-titlu "Jgħidu li ż-żgħożija l-isbaħ perjodu tal-ħajja..." Student partikolari jintalab biex jaqra l-ewwel silta meħuda minn *Ġenerazzjoni Paceville* (p. 19). Wara, l-istudenti jiddiskutu s-silta mal-għalliema.

(bejn 4 u 5 minuti)

*It-Tieni Pass*: Isiru xi mistoqsijiet lill-istudenti biex jirrelataw mas-silta moqrija, bħal: Kif tħossukom qabel xi eżami? Tħossukom stressjati bħall-karattri fis-silta? Jgħidulkom xi ħaġa min jieħu ħsiebkom? Taħsbu li mingħajr eżamijiet u ċertifikati tirnexxu xorta fil-ħajja ta' wara l-iskola? Taħsbu li l-ħajja tissarraf biss f'eżamijiet u ċertifikati?

(bejn 3 u 4 minuti)

*It-Tielet Pass*: Titqassam it-tieni karta tal-qari "L-eżamijiet u ċ-ċertifikati huma kollox fil-ħajja?" Student ieħor jintalab jaqra t-tieni silta minn *Ġenerazzjoni Paceville* (pp. 77-79).

(bejn 4 u 5 minuti)

*Ir-Raba' Pass*: L-istudenti flimkien mal-għalliema jiddiskutu s-silta, b'enfasi fuq il-karattri u l-kuntrasti ta' bejniethom. L-għalliema tistaqsi lill-istudenti jekk jaqblux ma' dak li jgħid missier Marlene. L-istudenti jintalbu jaħdmu Taħriġ B fuq il-karta tat-taħriġ li fih għandhom iwieġbu xi mistoqsijiet dwar it-tieni silta.

(bejn 7 u 8 minuti)

*Il-Ħames Pass*: L-istudenti jintalbu jaħdmu Taħriġ Ċ fuq il-karta tat-taħriġ li jitlob lill-istudenti jiktbu xi strateġiji tal-immaniġjar tal-istress għal studenti bħal Marlene. Xi studenti jiġu mistoqsija biex jaqsmu dak li kitbu.

(bejn 3 u 4 minuti)

*Is-Sitt Pass*: L-għalliema titlob lill-istudenti jaħdmu Taħriġ D fuq l-istess karta tat-taħriġ. L-istudenti jridu jiktbu xi affarijiet li huma importanti daqs jew aktar mill-eżamijiet u ċ-ċertifikati bħall-familja, il-ħbieb, il-fidi, l-imħabba, u l-bqija.

(bejn 4 u 5 minuti)

*L-Għeluq*: L-istudenti jisimgħu parti mill-filmat minn fuq YouTube li jinkludi sessjoni ta' meditazzjoni ggwidata bil-Malti bi sfond ta' mużika rilassanti.

(bejn 3 u 4 minuti)

**Id-Differenzjar**: Filwaqt li Taħriġ B fil-karta tat-taħriġ għandu jiġi ssimplifikat għal wieħed ta' 'agħżel it-tajba' jew 'veru jew falz' għal studenti ta' livell baxx, għal studenti ta' livell aktar għoli jistgħu jiżdiedu l-ammont ta' taħriġiet li fihom iridu jiktbu fit-tul, bħal dwar il-kuntrast bejn il-ġenituri ta' Marlene.

**Nota għall-Għalliema**: L-analoġija tal-barmil tal-istress ġiet introdotta minn Brabban u Turkington (2002) biex tgħin lit-tfal u l-kbar jidentifikaw l-affarijiet li jqabbduhom l-istress f'ħajjithom u jirriflettu fuq strateġiji ta' kif jistgħu jikkontrollaw dan l-istress. Il-barmil jimmetaforizza lilna l-bnedmin li bħalma barmil jimtela bl-ilma, aħna nimtlew bi stress. Sabiex il-barmil ma jfurx bl-ilma, jistgħu jittaqbu xi toqob jew jiżdiedu xi viti. L-istess aħna nistgħu nadottaw strateġiji sabiex innaqqsu l-istress minn ħajjitna.

L-Ewwel Silta

# Jgħidu li ż-żgħożija l-isbaħ perjodu tal-ħajja...



“Aħna kollha xorta,” “Jgħidu li ż-żgħożija l-isbaħ perjodu tal-ħajja imbagħad lanqas għandna ċans ingawduha... Taparsi jridu jistmawna ta’ adulti imma fil-verità ma jagħmlu xejn ħlief li jbellgħulna dak li trid is-soċjetà.”



“M’hemmx x’tagħmel!” “Jekk irridu mmorru l-Junior College hemm bżonn li ngħaddu mill-eżamijiet u nġibu ċ-ċertifikati.”

Iċ-ċertifikati! Kulħadd moħħu fiċ-ċertifikati! Donnha s-soċjetà ma kinitx tista’ tqisek nies jekk ma jkollokx iċ-ċertifikati! Mhux li kien id-dinja kienet ftit aktar sempliċi!



“U jekk ma ngħaddux?”



“Toqgħodx taħseb hekk Marlene!”

L-isbaħ xewqat u ħsibijiet tagħhom kienu mħassrin bid-dalma tal-inċertezza. Iż-żgħożija kienet qisha dar mibnija fuq it-tafal. B’ħalba xita seta’ jiġġarraf kollox!

**Adattament minn *Ġenerazzjoni Paceville* ta’ Jesmond Grech (p.19)**.

© Francesca Sacco 2022

It-Tieni Silta

# L-eżamijiet u ċ-ċertifikati huma kollox fil-ħajja?

Darba fost l-oħrajn Marlene tkun fil-kamra tagħha tistudja bir-radju kemm kemm miftuħ, kif kienet tħobb tagħmel hi. F'dak il-waqt tisma' taħbita mal-bieb. Kien il-papà li kien ġie jara jekk għandhiex bżonn xi ħaġa qabel ma jidħol jistrieħ hu wkoll. Mid-daħqa fuq wiċċu, Marlene indunat li kellu aptit ikellimha. Dejjem hekk kien jagħmel il-papà, meta kien irid jitkellem jew riedha tkellmu, kien joħloq skuża sabiex ikun ħdejha...

"Qiegħda tagħti l-aħħar irtokki?" staqsieha meta raha tistudja d-dramm ta' Shakespeare li kien fis-sillabu.

"Hekk hu!" wieġbet Marlene. "Wasalt fil-parti meta Macbeth jiġi attakkat mill-għedewwa tiegħu wara li jkun qatel lir-re Duncan..."

[...]

"Iva!" qal il-papà qisu mitluf fil-ħsieb waqt li reġa' ftakar fl-istorja li, meta kien għadu l-età ta' bintu, kienet tant impressjonatu. "L-ambizzjoni importanti fil-ħajja imma mbagħad l-iżjed ħaġa importanti mhix x'inti jew x'ilħaqt imma li tkun kuntenta..."

Marlene skantat b'dan il-kliem. Il-mamà ma kinitx tieqaf ittambrilha biex tistudja "ħalli ssir nies" imma l-papà kien jaħsibha xort'oħra. Spjegalha kif fuq ix-xogħol tiegħu kien jaf lil xi nies li, għalkemm kienu mirdumin bil-kwalifiki, xorta ma kinux jafu jgħixu fil-kuntentizza "Nies bħal dawn dejjem iridu..." kompla l-papà, "qatt mhuma kuntenti b'li għandhom. Ħajja bħal dik lanqas hi sewwa..."

Marlene kienet tammira ħafna lil missierha għaliex kien bniedem li kien għamilha ma' ħafna nies u kien jaf x'tagħti d-dinja. "Alla biss jaf kemm nixtieqek tgħaddi mill-eżamijiet il-ġimgħa d-dieħla," kompla jgħid, "imma nixtieq ngħidhielek ċar u tond li jekk, allaħares qatt, ma tgħaddix ma jkun ġara assolutament xejn gravi. Ċansijiet oħra jiġu fil-ħajja. Xejn mhu daqstant importanti li għandu jtellifiek il-kuntentizza tiegħek... Jien u l-mamà nibqgħu nħobbuk xorta!"

"Grazzi pa!" qaltlu filwaqt li għannqitu u tagħtu bewsa fuq moħħu. "Int l-aqwa papà tad-dinja..."

"Naf!" qal missierha b'tiċrita kbira fuq wiċċu.

Bil-kliem tal-papà Marlene ħassitha tant mimlija kuraġġ li lanqas ġiet affettwata xejn mill-biża' tal-eżamijiet u l-ħmistax li tant kienu qegħdin jimlewha tensjoni ġew u marru mingħajr l-ebda problemi. Barra minn hekk, it-tfajla tant kienet preparata tajjeb li ftit li xejn sabet xi jfixkilha. Ħassitha marret mill-aħjar u tgħidx kif straħet wara li temmet l-aħħar eżami.

**Minn *Ġenerazzjoni Paceville* ta' Jesmond Grech (pp. 77-79)**.

© Francesca Sacco 2022

L-Isem:_________________________ Id-Data:_________________________ Il-Klassi:____________

# Stress biss... Stress spiss...

**Taħriġ A: F'kull qatra tal-ilma li qiegħda timla l-barmil tal-istress, ikteb xi ħaġa li lilek tqabdek l-istress f'ħajtek bħala student żagħżugħ. Għalissa ħalli l-kaxxi ta' ħdejn il-barmil vojta.**

Ħafna affarijiet differenti f'ħajjitna jimlewna bl-istress bħalma qtar tal-ilma kapaċi jimlew barmil.



Bħalma barmil jista' jimtela bl-ilma u jfur, hekk ukoll aħna nistgħu nimtlew bl-istress. Għalhekk, biex il-barmil inneħħulu l-ilma nistgħu ntaqbulu xi toqob. Aħna wkoll nistgħu neħilsu mill-istress billi nagħmlu bosta attivitajiet.

© Francesca Sacco 2022

L-Isem:___________________________ Id-Data:___________________________ Il-Klassi:____________

**<u>Taħriġ B:</u> Wieġeb dawn il-mistoqsijiet fil-kaxxi t'hawn taħt.**

1. X'tgħid omm Marlene lil bintha dwar l-eżamijiet?

___________________________________________________________________________________

___________________________________________________________________________________

2. Kif nistgħu niddeskrivu l-karattru ta' omm Marlene mill-mod ta' kif taħseb?

___________________________________________________________________________________

___________________________________________________________________________________

3. X'jgħid missier Marlene lil bintu dwar l-eżamijiet?

___________________________________________________________________________________

___________________________________________________________________________________

4. Kif nistgħu niddeskrivu l-karattru ta' missier Marlene mill-mod ta' kif jaħseb?

___________________________________________________________________________________

___________________________________________________________________________________

5. X'inhi l-idea li qed jipprova jwassal l-awtur permezz tal-kuntrast fi ħsibijiet?

___________________________________________________________________________________

___________________________________________________________________________________

6. Kieku inti tippreferi li jkollok ġenitur bħal omm Marlene jew bħal missier Marlene? Spjega l-għażla tiegħek.

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________



© Francesca Sacco 2022

L-Isem:___________________________ Id-Data:___________________________ Il-Klassi:____________

**<u>Taħriġ Ċ</u>: Ħdejn l-istampa ta' barmil f'Taħriġ A hemm erba' kaxxi. Fihom ikteb erba' affarijiet li jistgħu jagħmlu studenti bħal Marlene biex jirrilassaw.**

**<u>Taħriġ D</u>: Fil-kaxxi kkuluriti t'hawn taħt, semmi xi affarijiet li għalik huma aktar importanti jew importanti daqs l-eżamijiet u ċ-ċertifikati. Eżempju: il-kuntentizza.**



© Francesca Sacco 2022

## Lezzjoni 6: Dmija u qerda... għalxejn!

**Is-Silta Letterarja**: Il-poeżiji 'Art il-Qirda' u 'Għabex Imċajpar' minn *L-Għaxra tal-Ħamsa* (pp. 44, 46).

**L-Iskaluna**: 7.2.6 Jirriflettu fuq il-viżjoni tal-ħajja kif interpretata mill-kittieb partikolari.

**Il-Kisba mit-Tagħlim**: 12. Napprezza l-funzjoni tat-tema/i f'testi letterarji.

**L-Għanijiet**: Sa tmiem din il-lezzjoni, l-istudenti se:

(a) janalizzaw il-poeżiji 'Art il-Qirda' u 'Għabex Imċajpar' ta' Grech;

(b) iqabblu l-poeżija 'Art il-Qirda' ma' 'Għabex Imċajpar' tal-istess awtur; u

(ċ) jiddiskutu l-perspettiva tal-kittieb dwar it-tema tal-gwerra.

**Ir-Riżorsi**: il-bord interattiv; il-bord; il-markers; il-karta bil-poeżija 'Art il-Qirda'; il-karta bil-poeżija 'Għabex Imċajpar'; il-karta tat-taħriġ "Dmija u qerda... għalxejn!"; foolscaps; il-Padlet: https://padlet.com/cescasacco/yqpt2t3xikwysjcb; il-filmat "Mill-Arkivji Tal-PBS – Malta fit-Tieni Gwerra Dinjija" meħud minn YouTube: https://www.youtube.com/watch?v=SbO6LrMXt6s&list=PLflycaBj2gSUkZ55nbftAwCNkUXvK7IDX&index=3 (00:30-02:35).

**Il-Metodu tat-Tagħlim**: Tqabbil ta' żewġ poeżiji b'Venn diagram.

**L-Iżvilupp tal-Lezzjoni**:

*Il-Ftuħ*: L-istudenti jintwerew biċċa minn filmat dwar Malta tul it-Tieni Gwerra Dinjija meħud minn YouTube. Huma għandhom jippruvaw jaqtgħu fejn hu l-post li jintwera u minn liema perjodu hu meħud il-filmat. L-għalliema għandha tistaqsihom xi jseħħ fi gwerra u biex joħorġu b'xi kliem marbut mat-tema tal-gwerra.

(bejn 4 u 5 minuti)

*L-Ewwel Pass*: L-għalliema tqassam il-karta bl-isem 'Art il-Qirda'. L-istudenti jingħataw ftit minuti biex jaqraw fis-skiet il-poeżija waħedhom.

(bejn 1 u 2 minuti)

*It-Tieni Pass*: L-istudenti jintalbu jiktbu xi ħsibijiet u xi affarijiet li laqtuhom mill-poeżija fuq foolscap. Biex tgħin lill-istudenti jaħsbu, l-għalliema tista' tistaqsi mistoqsijiet, bħal: Dwar xiex taħseb li hi l-poeżija? X'inhi l-aktar ħaġa li laqtitek minn din il-poeżija? Hemm xi ħaġa li m'għoġbitekx mill-poeżija? Kif iġġiegħlek tħossok il-poeżija, u għaliex?

(bejn 2 u 3 minuti)

*It-Tielet Pass*: L-għalliema taqra l-ewwel strofa tal-poeżija u fl-istess ħin titlob lill-istudenti jwieġbu flimkien magħha xi mistoqsijiet li qegħdin fil-kaxxi maġenb l-istrofa sabiex jgħinuhom jifhmu aktar il-poeżija. B'xi highlighter, l-istudenti għandhom jimmarkaw ukoll dawk il-kliem jew frażijiet li jidentifikaw it-tema tal-gwerra.

(bejn 3 u 4 minuti)

*Ir-Raba' Pass*: L-istess pass għandu jiġi rripetut għat-tieni u t-tielet strofa tal-poeżija.

(bejn 7 u 8 minuti)

*Il-Ħames Pass*: Titqassam il-karta bil-poeżija 'Għabex Imċajpar'. L-istudenti flimkien mal-għalliema jidentifikaw dwar xiex inhi l-poeżija, xi aspetti figurattivi u kliem li jsaħħu t-tema. L-istudenti jiktbu xi noti żgħar fuq il-karta.

(bejn 6 u 7 minuti)

*Is-Sitt Pass*: L-istudenti jitqassmu fi gruppi ta' mhux aktar minn erba' studenti. Huma għandhom iqabblu ż-żewġ poeżiji billi jimlew il-Venn diagram ippreżentata fuq il-karta tat-taħriġ li l-għalliema tkun qed tqassam. Wara, l-istudenti jesprimu dak li kitbu u mal-għalliema jiddiskutu x'inhi l-perspettiva tal-kittieb fuq din it-tema.

(bejn 6 u 7 minuti)

*L-Għeluq*: L-istudenti jintwerew sensiela ta' titli ta' artikli tal-aħbarijiet dwar il-gwerra bejn ir-Russja u l-Ukrajna meħuda minn siti elettroniċi preżentati fuq PowerPoint. L-għalliema tistaqsi lill-istudenti jekk jafux x'inhu jiġri bħalissa bejn dawn il-pajjiżi u x'impatt dan qed iħalli fuq Malta u forsi joħorġu b'xi ideat ta' kif jistgħu jgħinu.

(bejn 3 u 4 minuti)

**Ix-Xogħol għad-Dar**: L-istudenti għandhom ifittxu xi stampa, GIF, artiklu online, ħoss jew diska jew xi filmat relatat mat-tema tal-gwerra u jtellgħuh fuq il-Padlet maħluqa għal din il-lezzjoni.

**Id-Differenzjar**: Il-lezzjoni tista' ssir fuq medda ta' żewġ lezzjonijiet ma' studenti li huma ta' livell kemxejn batut biex ikollhom aktar ħin jifhmu l-poeżiji u tkun aktar faċli għalihom biex iqabbluhom. L-istudenti ta' livell akkademiku għoli jistgħu joħorġu b'aktar minn żewġ punti għal kull sezzjoni tal-Venn diagram.

L-Isem:________________________ Id-Data:________________________ Il-Klassi:______________

# ART IL-QIRDA

## TA' JESMOND GRECH

1. X'effett qed tħalli r-repetizzjoni tal-kelma "dmija"?

______________________

Suldati miġugħa
Bikjet it-trabi merfugħa mill-għekiesi
Dmija u ħerba
Dmija u qerda
kullimkien.

2. Min qiegħed jokrob u għaliex għandhom idejhom 'il fuq?

______________________

Il-krib mill-ħluq jintnu bil-għatx
faga lill-griżmejn
merfugħa lejn is-sema l-idejn
għalxejn.

3. Għaliex il-poeta qed isejħilha "art il-qirda"?

______________________

Intemmet l-għajta mill-<u>art il-qirda</u>
mistura fil-garigori ta' ruħ
imċarrta fi tnejn
jaħasra għalxejn.

4. Għaliex taħseb li l-awtur qed jirrepeti l-kelma "għalxejn"?

______________________

Mill-antoloġija *L-Għaxra tal-Ħamsa* (p. 44).



© Francesca Sacco 2022

L-Isem:________________________ Id-Data:________________________ Il-Klassi:________________

# GĦABEX IMĊAJPAR

## TA’ JESMOND GRECH

Imlibbes il-ħadid fuq żiemel - ħares
għaddej fiż-żiffa li tmelles xagħru
twil, safrani
fuq l-art mgħaddra f’għabex imċajpar
jew ġo tazza mdardra
mill-weraq tat-te.

Mix-xewk li jċarrat lil wiċċu
jqattru d-demm u l-ilma
li jġermduh
u jħalluh għajjien
u aktar għajjien.

Dgħajjef is-suldat
fil-ġlieda ġa mitlufa
kontra s-setgħat qawwija
tax-xejn.

Mill-antoloġija *L-Għaxra tal-Ħamsa* (p. 46).



© Francesca Sacco 2022

L-Isem:______________________________ Id-Data:______________________________ Il-Klassi:_________________

# DMIJA U QERDA... GĦALXEJN!

<u>Taħriġ fi Gruppi</u>: Erġa' aqra ż-żewġ poeżiji 'Art il-Qirda' u 'Għabex Imċajpar' ta' Jesmond Grech. Fiċ-ċrieki t'hawn taħt, ikteb żewġ karatteristiċi komuni fis-sezzjoni tan-nofs, żewġ punti partikolari fuq 'Art il-Qirda' fuq in-naħa tax-xellug u żewġ punti differenti fuq 'Għabex Imċajpar' fuq in-naħa tal-lemin.




**Allura... x'jaħseb Jesmond Grech fuq it-tema tal-gwerra?**

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

© Francesca Sacco 2022

L-artikli tal-aħbarijiet fuq il-PowerPoint għall-għeluq tal-lezzjoni.

**Dwar xiex taħseb li qegħdin jitkellmu dawn l-artikli li ġejjin?**

© Francesca Sacco 2022

1




Stampa meħuda mis-sit ta' *TVM News* nhar it-12 ta' Novembru 2022. L-artiklu jista' jiġi aċċessat mill-ħolqa: https://tvmnews.mt/news/ara-ir-russja-tibda-tharreg-lil-niesha-dwar-l-uzu-tal-armi/

2




Stampa meħuda mis-sit ta' *Newsbook* nhar id-29 ta' Ottubru 2022. L-artiklu jista' jiġi aċċessat mill-ħolqa: https://newsbook.com.mt/ifallu-t-tahditiet-bejn-ir-russja-u-l-ukrajna-dwar-waqfien-mill-glied/

3




Stampa meħuda mis-sit ta' *Illum* nhar id-29 ta' Ottubru 2022. L-artiklu jista' jiġi aċċessat mill-ħolqa: https://www.illum.com.mt/ahbarijiet/barranin/65362/ilgwerra_flukrajna_tidol_ffai_dida_irrussja_tniedi_attakk_qalil_fuq_irrejun_taddonbas#.Y11UT3ZBy5c

4




Stampa meħuda mis-sit ta' *One News* nhar it-12 ta' Novembru 2022. L-artiklu jista' jiġi aċċessat mill-ħolqa: https://one.com.mt/aktar-attakki-bil-missili-mir-russja-fuq-bliet-ukreni/

5




Stampa meħuda mis-sit ta' *Net News* nhar l-10 ta' Mejju 2023. L-artiklu jista' jiġi aċċessat mill-ħolqa: https://netnews.com.mt/2023/04/28/l-ukrajna-mewga-ohra-ta-attakki-mill-qawwiet-tal-ajru-tar-russja/

6

Il-pjattaforma ta' Padlet qabel l-intervent tal-istudenti fis-sitt lezzjoni.




Kampjun tal-pjattaforma ta' Padlet wara l-intervent tal-istudenti fis-sitt lezzjoni.



## Lezzjoni 7: Pandora u l-Kaxxa Maġika

**Is-Silta Letterarja**: Il-mit ta' 'Pandora u l-Kaxxa Maġika' minn *Ħrejjef mill-Greċja* (pp. 10-14).

**L-Iskaluna**: 7.2.5 Isiru midħla tal-isfond storiku u kulturali tat-test.

**Il-Kisba mit-Tagħlim**: 11. Nidentifika ġeneri differenti letterarji.

**L-Għanijiet**: Sa tmiem din il-lezzjoni, l-istudenti se:

(a) jaqraw il-mit 'Pandora u l-Kaxxa Maġika' ta' Jesmond Grech;

(b) jidentifikaw ħames karatteristiċi ta' mit; u

(ċ) jiddiskutu eżempji ta' mit minn 'Pandora u l-Kaxxa Maġika'.

**Ir-Riżorsi**: il-bord interattiv; il-bord; il-markers; kaxxa tal-kartun/tal-injam b'toqba fuq; il-PowerPoint bil-qari "Pandora u l-Kaxxa Maġika"; il-karti bil-qari "Pandora u l-Kaxxa Maġika"; il-karta tat-taħriġ "Il-Mit"; foolscaps; il-leħħiet bil-karatteristiċi ta' mit.

**Il-Metodu tat-Tagħlim**: Diskussjoni fil-klassi u ħidma kollaborattiva.

**L-Iżvilupp tal-Lezzjoni**:

*Il-Ftuħ*: L-istudenti jintalbu jaħsbu f'xi ħaġa waħda kerha jew ħażina fid-dinja b'mod ġenerali u jiktbuha fuq biċċa karta żgħira tal-foolscaps.

(bejn 2 u 3 minuti)

*L-Ewwel Pass*: Kull student jintalab jaqra dak li kiteb u l-għalliema tpoġġiha fil-kaxxa li żżomm fuq il-mejda. L-għalliema tispjega lill-istudenti li se jirrikorru għall-kaxxa ta' fuq il-mejda u l-affarijiet li kitbu aktar tard fil-lezzjoni.

(bejn 3 u 4 minuti)

*It-Tieni Pass*: L-għalliema ttella' l-preżentazzjoni bil-qari tal-mit fuq il-bord interattiv u tispjega lill-istudenti li se jaqraw mit li kienu jgħidu l-Griegi bejniethom. L-għalliema tistaqsi studenti differenti jaqraw l-islajds tal-preżentazzjoni bil-qari.

(bejn 9 u 10 minuti)

*It-Tielet Pass*: L-istudenti jintalbu jagħmlu rikapitulazzjoni ta' x'jiġri fil-mit Grieg. Wara, l-għalliema tgħid lill-istudenti li fil-bidu tal-lezzjoni huma stess b'kitbiethom iffurmaw kaxxa maġika bħal dik ta' Pandora.

(bejn 1 u 2 minuti)

*Ir-Raba' Pass*: L-għalliema tifrex tmien leħħiet bi frażi differenti fuq il-mejda. Xi studenti jintalbu jqumu minn posthom u bil-għajnuna ta' sħabhom tal-klassi u minn dak li qraw,

għandhom jidentifikaw il-ħames leħħiet bil-karatteristiċi ta' mit u jwaħħluhom fuq il-bord. L-għalliema tivverifika li huma tajbin.

(bejn 3 u 4 minuti)

*Il-Ħames Pass*: L-għalliema tqassam karta bil-mit Grieg u l-karta tat-taħriġ li se sservi ta' nota wkoll. Fi gruppi ta' erba' jew ħamsa, l-istudenti għandhom ifittxu u jiktbu eżempju mill-mit ta' 'Pandora u l-Kaxxa Maġika' għal kull karatteristika mniżżla fuq il-karta tat-taħriġ.

(bejn 7 u 8 minuti)

*Is-Sitt Pass*: Student minn kull grupp jgħid eżempju ta' karatteristika. Studenti oħra jingħataw permess jesprimu t-tweġibiet tagħhom jekk ikunu differenti.

(bejn 3 u 4 minuti)

*L-Għeluq*: L-għalliema tistaqsi lill-istudenti jsemmu xi karatteristiċi ta' mit oralment biex tivverifika li tgħallmu fiex jikkonsisti u titlobhom jaħsbu f'xi mit bil-Malti. L-istudenti jiġu mistoqsija wkoll x'relevanza l-mit jista' jkollu għal ħajjithom.

(bejn 4 u 5 minuti)

**L-Assessjar:** It-tiftix tal-eżempji tal-karatteristiċi ta' mit minn 'Pandora u l-Kaxxa Maġika' u jsemmu l-karatteristiċi ta' mit li tgħallmu fl-għeluq.

**Id-Differenzjar**: Sabiex l-għalliema tgħin lill-istudenti b'abbiltajiet ftit aktar batuti, fl-ewwel attività li fiha għandhom jaħsbu f'xi ħaġa ħażina, hija tista' tagħtihom eżempju/i filwaqt li l-istudenti ta' livell akkademiku għoli jistgħu jitħallew jiktbu aktar minn xi ħaġa waħda.

Il-preżentazzjoni bil-qari għas-seba’ lezzjoni.









Żews kien kbir u qawwi tant li kien jilgħab bis-sajjetti u bir-ragħad minn fuq il-muntanja Olimpu fejn kien joqgħod. Ħadd ma kien jista' għalih u kull kmand li jagħmel kellu jiġi obdut minnufih. Huwa kien magħruf għall-karattru stramb li kellu u mhux l-ewwel darba li kien lagħab xi ċajta fuq xi ħadd. Tgħid din kienet xi praspura oħra milli jħobb jagħmel?



Biex jogħġob lil sidu, Efajstos ħadem lejl u nhar sakemm l-istatwa kienet lesta.

Din l-istatwa tant kienet sabiħa li Żews iddeċieda li jagħtiha l-ħajja, messilha idha u f'daqqa waħda nbidlet f'mara tad-demm u l-laħam. L-allat inġabru lkoll madwarha u kull wieħed minnhom beda jitgħaxxaq b'dik il-kreatura filwaqt li bdew jagħtuha l-isbaħ doni li kellhom. Sa fl-aħħar l-istatwa ma kien jonqosha xejn u barra milli kienet sabiħa, kellha wkoll karattru li jiġbdek. Kien jonqosha biss isem sabiħ.

"Kemm hi sabiħa," beda jgħid kull min raha.

"Insibulha isem li jixirqilha," issuġġeriet waħda mill-allat.

"Tassew," qal xi ħaddieħor. "Din it-tfajla tajnieha l-isbaħ affarijiet li kellna. Xieraq għalhekk li nibdew insejħulha Pandora."

U l-idea intgħoġbot tant li kulħadd beda jsejħilha b'dak l-isem. Pandora bil-Grieg tfisser "mogħtija kollox".



Darba fost l-oħrajn Żews sejjaħ lil Pandora ħdejh, taha kaxxa kbira daqs senduq u qalilha, "Irridek tmur fid-dinja qalb il-bnedmin l-oħra. Ħu miegħek din il-kaxxa maġika u l-muftieħ tal-katnazz u agħtihom lir-raġel li tiżżewweġ. Dan huwa r-rigal tat-tieġ tiegħi għalik."




Pandora rringrazzjat lil Żews, ħadet il-kaxxa u niżlet mill-muntanja Olimpu fejn kienu jgħixu l-allat kollha. Mill-ewwel sabet ruħha fid-dinja u hemmhekk iltaqgħet ma' ġuvni sbejjaħ jismu Epimetews. Ħadu grazzja ma' xulxin u saru jinħabbu tant li żżewġu.



Issa Epimetews kellu ħuh jismu Promitews. Promitews kien bil-għaqal u kien jaf li Żews ma kienx iħobb jagħti rigali sbieħ lill-bnedmin għalxejn b'xejn. "Qis li żżomm dik il-kaxxa magħluqa," wissa lil Pandora. "Tiftaħha qatt għaliex ma nafx x'jista' jkun hemm fiha."

Għal ħafna xhur Pandora u żewġha Epimetews għexu ferħanin. Ta' kull filgħodu r-raġel kien jerħilha lejn l-għelieqi fejn iqatta' l-ġurnata kollha fil-ħidma tar-raba. Filgħaxija kien imur lura lejn id-dar fejn kienet tkun tistennieh bil-ħerqa martu. Il-kaxxa maġika kienet imsakkra bil-katnazz f'rokna mwarrba u l-mara qatt ma tat kasha.



Mela ġara li darba fost l-oħrajn, Pandora kienet qiegħda tfarfar u, fil-ħin għajnejha jmorru fuq il-kaxxa stramba. Għall-ewwel kienet se tkompli għaddejja bil-faċendi bħas-soltu imma mbagħad waqfet u qagħdet titħasseb.

"Min jaf x'hemm fiha?" bdiet tgħid bejnha u bejn ruħha filwaqt li ħarset lejha sew. "Tgħid niftaħha jew inħalliha magħluqa?"

Ftakret fi kliem Promitews u fit-twissija li kien għamlilha. Ħu r-raġel tagħha kien bniedem għaqli u magħruf mal-Greċja kollha għall-għerf u l-pariri tajba li kien jagħti.

"Tgħid għaliex qalli biex ma niftaħiex?" tħassbet il-mara. "Aħjar nobdi u ma nkunx kurżitajra," qalet. Imma filwaqt li qiegħda tgħid dawn l-istess kliem, il-kurżità għamlet tagħha. Inzerta li Epimetews ma kienx id-dar għalhekk resqet inkiss inkiss lejn il-kaxxa, daħħlet il-muftieħ fil-katnazz u għolliet l-għatu.



F'dak il-ħin bdew ħergin mill-kaxxa ħafna affarijiet qishom insetti li bdew iżanżnu mal-kamra kollha qabel ma joħorġu mit-tieqa. Xi wħud minnhom niggżu lil Pandora u minnufih bdiet tħossha muġugħa. "X'waħda din!" bdiet tixgħer. "X'biċċa għamilt b'idejja!" Għamlet ftit tal-kuraġġ u b'kemm kellha saħħa reġgħet sabbtet l-għatu fuq il-kaxxa u qagħdet fuqu biex dak li kien fadal ġo fiha ma joħroġx.



It-temp tbiddel f'daqqa waħda u minn ġurnata sabiħa u sħuna, is-sema sar minn lewn iċ-ċomb. Waranofsinhar wasal Epimetews, imħasseb ħafna minħabba t-taqlib fl-ajru. Malli daħal u ra lil Pandora fuq il-kaxxa baqa' mistagħġeb. "Hemm x'int tagħmel?" staqsieha.

Pandora qaltlu l-istorja kollha. Epimetews deher ħosbien.

"Issa x'se nagħmlu?" staqsietu mnikkta martu.

"Emminni ma nafx," stqarr filwaqt li beda jħokk rasu.



B'xorti tajba kien għaddej Promitews l-għaqli u meta qalulu b'kollox induna b'dak li kien ġara. "Jien għidtilkom biex ma tafdawx lil Żews," ċanfarhom. "Ara x'ġara issa! Żews qafel il-ħwejjeġ koroh kollha ġo dik il-kaxxa," kompla jispjegalhom. "Issa li ħarbu ma nistgħux nerġgħu naqfluhom..."

Għal dan il-kliem Epimetews u Pandora nfexxu jibku u jqattgħu xagħarhom. “Magħmula tagħna!” bdew jgħajtu. “Minn issa ’l quddiem fid-dinja mhu se jkun hawn xejn għajr niket u inkwiet u dan kollu minħabba fina!”

Fil-ħin semgħu leħen sbejjaħ ħiereġ mill-kaxxa. “Iftħuli jaħasra, iftħuli,” beda jgħajjat dak il-leħen.



“Aħjar ma niftħu xejn,” qalet Pandora. “Biżżejjed ġrawlna affarijiet koroh illum!”

“Oqgħod kwieta ħalli nara min hemm,” qal Promitews waqt li poġġa widintu mal-kaxxa u qagħad jissemma’.

“Iftħuli jaħasra. Jiena żgur se nġibilkom il-ġid,” kompla jitkarrab il-leħen minn ġol-kaxxa.



Wara ftit iddeċieda li jiftaħ il-kaxxa u minnha ħarġet saħħara ċkejkna u sabiħa. It-tlieta baqgħu ċċassati lejha.

“Jien it-Tama!” qaltilhom dik is-saħħara. “Intom ħarrabtu l-ħażen kollu tad-dinja. Minn issa ’l quddiem se jkun hemm il-mibgħeda, il-ġlied, il-mard u l-mewt. Imma jiena se nkun magħkom biex ngħinkom.”

Pandora ma setgħetx tifhem x’ġid setgħet tagħmlilhom it-Tama għalhekk is-saħħara kompliet tispjegalhom. “Żews mhux kattiv daqskemm ħsibtuh. Huwa ried li jiena noqgħod magħkom biex meta tkunu se taqtgħu qalbkom jiena, it-Tama, nagħtikom il-kuraġġ meħtieġ biex tkomplu.”

Minn dakinhar 'il quddiem il-bnedmin irnexxielhom jagħmlu progressi kbar għaliex kull meta ħassewhom qalbhom maqtugħa bil-problemi tagħhom, it-Tama mxiet magħhom u ferrħithom.



# IT-TMIEM



# Pandora u l-Kaxxa Maġika

Ħafna snin ilu, Żews, il-kap tal-allat, bagħat għal Efajstos u qallu, "Irridek tagħmel statwa ta' mara sabiħa biex nagħtiha bħala rigal lill-bnedmin."

Issa għandkom tkunu tafu li Efajstos kien arġentier u ħaddied mill-aqwa. Tgħidx kemm kien għamel affarijiet li saħħru ħafna nies warajhom! Kellu tassew ħila kbira f'dan ix-xogħol imma f'ħajtu qatt ma kien għamel statwa tat-tafal bħalma xtaq Żews. Kien għalhekk li Efajstos tħawwad meta sema' b'din l-ordni stramba imma obda mill-ewwel għax kien jaf li kulħadd kellu jagħmel dak li jrid Żews mingħajr tlaqliq.

Żews kien kbir u qawwi tant li kien jilgħab bis-sajjetti u bir-ragħad minn fuq il-muntanja Olimpu fejn kien joqgħod. Ħadd ma kien jista' għalih u kull kmand li jagħmel kellu jiġi obdut minnufih. Huwa kien magħruf għall-karattru stramb li kellu u mhux l-ewwel darba li kien lagħab xi ċajta fuq xi ħadd. Tgħid din kienet xi praspura oħra milli jħobb jagħmel?

Biex jogħġob lil sidu, Efajstos ħadem lejl u nhar sakemm l-istatwa kienet lesta.

Din l-istatwa tant kienet sabiħa li Żews iddeċieda li jagħtiha l-ħajja, messilha idha u f'daqqa waħda nbidlet f'mara tad-demm u l-laħam. L-allat inġabru lkoll madwarha u kull wieħed minnhom beda jitgħaxxaq b'dik il-kreatura filwaqt li bdew jagħtuha l-isbaħ doni li kellhom. Sa fl-aħħar l-istatwa ma kien jonqosha xejn u barra milli kienet sabiħa, kellha wkoll karattru li jiġbdek. Kien jonqosha biss isem sabiħ.

"Kemm hi sabiħa," beda jgħid kull min raha.

"Insibulha isem li jixirqilha," issuġġeriet waħda mill-allat.

"Tassew," qal xi ħaddieħor. "Din it-tfajla tajnieha l-isbaħ affarijiet li kellna. Xieraq għalhekk li nibdew insejħulha Pandora."

U l-idea intgħoġbot tant li kulħadd beda jsejħilha b'dak l-isem. Pandora bil-Grieg tfisser "mogħtija kollox".

Darba fost l-oħrajn Żews sejjaħ lil Pandora ħdejh, taha kaxxa kbira daqs senduq u qalilha, "Irridek tmur fid-dinja qalb il-bnedmin l-oħra. Ħu miegħek din il-kaxxa maġika u l-muftieħ tal-katnazz u agħtihom lir-raġel li tiżżewweġ. Dan huwa r-rigal tat-tieġ tiegħi għalik."



© Francesca Sacco 2022

Pandora rringrazzjat lil Żews, ħadet il-kaxxa u niżlet mill-muntanja Olimpus fejn kienu jgħixu l-allat kollha. Mill-ewwel sabet ruħha fid-dinja u hemmhekk iltaqgħet ma' ġuvni sbejjaħ jismu Epimetews. Ħadu grazzja ma' xulxin u saru jinħabbu tant li żżewġu.

Issa Epimetews kellu ħuh jismu Promitews. Promitews kien bil-għaqal u kien jaf li Żews ma kienx iħobb jagħti rigali sbieħ lill-bnedmin għalxejn b'xejn. "Qis li żżomm dik il-kaxxa magħluqa," wissa lil Pandora. "Tiftaħha qatt għaliex ma nafx x'jista' jkun hemm fiha."

Għal ħafna xhur Pandora u żewġha Epimetews għexu ferħanin. Ta' kull filgħodu r-raġel kien jerħilha lejn l-għelieqi fejn iqatta' l-ġurnata kollha fil-ħidma tar-raba. Filgħaxija kien imur lura lejn id-dar fejn kienet tkun tistennieh bil-ħerqa martu. Il-kaxxa maġika kienet imsakkra bil-katnazz f'rokna mwarrba u l-mara qatt ma tat kasha.

Mela ġara li darba fost l-oħrajn, Pandora kienet qiegħda tfarfar u, fil-ħin għajnejha jmorru fuq il-kaxxa stramba. Għall-ewwel kienet se tkompli għaddejja bil-faċendi bħas-soltu imma mbagħad waqfet u qagħdet titħasseb.

"Min jaf x'hemm fiha?" bdiet tgħid bejnha u bejn ruħha filwaqt li ħarset lejha sew. "Tgħid niftaħha jew inħalliha magħluqa?"

Ftakret fi kliem Promitews u fit-twissija li kien għamlilha. Ħu r-raġel tagħha kien bniedem għaqli u magħruf mal-Greċja kollha għall-għerf u l-pariri tajba li kien jagħti. "Tgħid għaliex qalli biex ma niftaħiex?" tħassbet il-mara. "Aħjar nobdi u ma nkunx kurżitajra," qalet. Imma filwaqt li qiegħda tgħid dan l-istess kliem, il-kurżità għamlet tagħha. Inzerta li Epimetews ma kienx id-dar għalhekk resqet inkiss inkiss lejn il-kaxxa, daħħlet il-muftieħ fil-katnazz u għolliet l-għatu.

F'dak il-ħin bdew ħergin mill-kaxxa ħafna affarijiet qishom insetti li bdew iżanżnu mal-kamra kollha qabel ma joħorġu mit-tieqa. Xi wħud minnhom niggżu lil Pandora u minnufih bdiet tħossha muġugħa. "X'waħda din!" bdiet tixgħer. "X'biċċa għamilt b'idejja!" Għamlet ftit tal-kuraġġ u b'kemm kellha saħħa reġgħet sabbtet l-għatu fuq il-kaxxa u qagħdet fuqu biex dak li kien fadal ġo fiha ma joħroġx.

It-temp tbiddel f'daqqa waħda u minn ġurnata sabiħa u sħuna, is-sema sar minn lewn iċ-ċomb. Waranofsinhar wasal Epimetews, imħasseb ħafna minħabba t-taqlib fl-ajru. Malli daħal u ra lil Pandora fuq il-kaxxa baqa' mistagħġeb. "Hemm x'int tagħmel?" staqsieha.



© Francesca Sacco 2022

Pandora qaltlu l-istorja kollha. Epimetews deher ħosbien.

"Issa x'se nagħmlu?" staqsietu mnikkta martu.

"Emminni ma nafx," stqarr filwaqt li beda jħokk rasu.

B'xorti tajba kien għaddej Promitews l-għaqli u meta qalulu b'kollox induna b'dak li kien ġara. "Jien għidtilkom biex ma tafdawx lil Żews," ċanfarhom. "Ara x'ġara issa! Żews qafel il-ħwejjeġ koroh kollha ġo dik il-kaxxa," kompla jispjegalhom. "Issa li ħarbu ma nistgħux nerġgħu naqfluhom..."

Għal dan il-kliem Epimetews u Pandora nfexxu jibku u jqattgħu xagħarhom. "Magħmula tagħna!" bdew jgħajtu. "Minn issa 'l quddiem fid-dinja mhu se jkun hawn xejn għajr niket u inkwiet u dan kollu minħabba fina!"

Fil-ħin semgħu leħen sbejjaħ ħiereġ mill-kaxxa. "Iftħuli jaħasra, iftħuli," beda jgħajjat dak il-leħen.

"Aħjar ma niftħu xejn," qalet Pandora. "Biżżejjed ġrawlna affarijiet koroh illum!"

"Oqgħod kwieta ħalli nara min hemm," qal Promitews waqt li poġġa widintu mal-kaxxa u qagħad jissemma'.

"Iftħuli jaħasra. Jiena żgur se nġibilkom il-ġid," kompla jitkarrab il-leħen minn ġol-kaxxa.

Wara ftit iddeċieda li jiftaħ il-kaxxa u minnha ħarġet saħħara ċkejkna u sabiħa. It-tlieta baqgħu ċċassati lejha.

"Jien it-Tama!" qaltilhom dik is-saħħara. "Intom ħarrabtu l-ħażen kollu tad-dinja. Minn issa 'l quddiem se jkun hemm il-mibgħeda, il-ġlied, il-mard u l-mewt. Imma jiena se nkun magħkom biex ngħinkom."

Pandora ma setgħetx tifhem x'ġid setgħet tagħmlilhom it-Tama għalhekk is-saħħara kompliet tispjegalhom. "Żews mhux kattiv daqskemm ħsibtuh. Huwa ried li jiena noqgħod magħkom biex meta tkunu se taqtgħu qalbkom jiena, it-Tama, nagħtikom il-kuraġġ meħtieġ biex tkomplu."

Minn dakinhar 'il quddiem il-bnedmin irnexxielhom jagħmlu progressi kbar għaliex kull meta ħassewhom qalbhom maqtugħa bil-problemi tagħhom, it-Tama mxiet magħhom u ferrħithom.

**Minn *Ħrejjef mill-Ġreċja* ta' Jesmond Grech (pp. 10-14)**



© Francesca Sacco 2022

Il-leħħiet bil-karatteristiċi ta’ mit u xi frażijiet oħra għar-raba’ pass.

it-tajjeb dejjem jirbaħ fuq il-ħażin

l-element ta' fantasija

il-metafora tal-vjaġġ

it-tagħlima

ħjiel li l-ġrajja mnebbħa mill-folklor

il-vers endekasillabu

storja li ġrat vera

tinkludi karattru wieħed biss

L-Isem: ___________________________ Id-Data: ___________________________ Il-Klassi: _______________

# Il-Mit

'Pandora u l-Kaxxa Maġika' minn *Ħrejjef mill-Ġreċja* (pp. 10-14)

**MIT huwa storja mistħajla mibnija fuq persuni u ġrajjiet sopranaturali jew erojċi li tiġbor fiha ideat ta' poplu dwar in-natura jew tal-istorja.**

Taħriġ fi Gruppi: Fittex eżempju/i għal kull karatteristika ta' mit imniżżla hawn taħt fil-kaxxi oranġjo minn 'Pandora u l-Kaxxa Maġika'.

**It-tajjeb dejjem jirbaħ fuq il-ħażin**

**L-element ta' fantasija**

**Il-metafora tal-vjaġġ**

**Ħjiel li l-ġrajja mnebbħa mill-folklor**

**It-tagħlima**

**Niżżel isem ta' mit bil-Malti.**

© Francesca Sacco 2022

## Lezzjoni 8: Stennewh

**Is-Silta Letterarja**: Il-poeżija 'Stennewh' minn *Demm fil-Korsija* (p. 10).

**L-Iskaluna**: 7.2.7 Jużaw it-terminoloġija bażika u adattata meta jiġu biex jesprimu ruħhom dwar it-testi letterarji.

**Il-Kisba mit-Tagħlim**: 14. Nanalizza l-elementi stilistiċi li jsawru testi letterarji.

**L-Għanijiet**: Sa tmiem din il-lezzjoni, l-istudenti se:

(a) jippruvaw ibassru l-ġrajja tal-poeżija 'Stennewh';

(b) jiddiskutu t-teknika tal-anafora b'relevanza mal-poeżija; u

(ċ) jidentifikaw eżempji ta' epiżewski mill-poeżija ta' Grech.

**Ir-Riżorsi**: il-bord interattiv; il-bord; il-markers; komiks murija permezz tal-programm ActivInspire; il-karta bil-poeżija 'Stennewh'; il-karta tat-taħriġ/nota "Stennewh"; il-karta bil-poeżija 'Art il-Qirda'; il-karta bil-poeżija 'Għabex Imċajpar'; il-leħħiet bl-istrofi tal-poeżija 'Stennewh'; il-leħħiet bi strofi minn poeżiji varji; rekording ta' ħoss ta' maltempata meħud minn YouTube: https://www.youtube.com/watch?v=mPZkdNFkNps.

**Il-Metodu tat-Tagħlim**: Osservazzjoni u tiftix fil-poeżiji.

**L-Iżvilupp tal-Lezzjoni:**

*Il-Ftuħ*: L-istudenti jintwerew l-ewwel paġna tal-programm ActivInspire bit-titlu tal-poeżija. L-għalliema tistaqsi għadd ta' mistoqsijiet lill-istudenti biex jaħsbu dwar x'jista' jfisser it-titlu. L-għalliema turi l-istudenti t-tieni slajd u wara xi mistoqsijiet u tweġibiet, turi t-tielet slajd sakemm jippruvaw jaqtgħu dwar xiex inhi l-poeżija.

(bejn 4 u 5 minuti)

*L-Ewwel Pass*: L-istudenti jinqasmu f'erba' gruppi u kull grupp jingħata sett ta' erba' leħħiet, kull waħda tinkludi strofa tal-poeżija 'Stennewh'. L-istudenti għandhom jaqraw il-leħħiet u jqiegħduhom wara xulxin. Wara, kull grupp għandu jispjega l-ordni u kif waslu għal din l-ordni partikolari.

(bejn 4 u 5 minuti)

*It-Tieni Pass*: Titqassam il-karta bil-poeżija 'Stennewh' lil kull student u l-għalliema taqra l-poeżija kif misjub fl-oriġinal bi sfond ta' ħoss ta' maltempata. Fl-istess ħin l-istudenti jivverifikaw jekk qatgħux x'jiġri fil-poeżija u jiddiskutu mal-għalliema tagħhom dwar l-intenzjoni tal-awtur.

(bejn 4 u 5 minuti)

*It-Tielet Pass*: Titqassam il-karta tat-taħriġ. L-għalliema tistaqsi lill-istudenti liema hi l-iktar kelma li hija rikorrenti fil-poeżija u kemm-il darba hi repetuta. Permezz tar-risposta tal-istudenti, l-għalliema tispjega x'inhi epiżewski u tagħti eżempju mill-poeżija permezz tal-PowerPoint. L-istudenti għandhom jimlew l-ewwel kaxxa tal-karta tat-taħriġ.

(bejn 4 u 5 minuti)

*Ir-Raba' Pass*: L-għalliema tispjega x'inhi anafora b'eżempju mill-poeżija. L-istudenti jintalbu jimlew it-tieni kaxxa tal-karta tat-taħriġ.

(bejn 2 u 3 minuti)

*Il-Ħames Pass*: Fl-istess grupp, l-istudenti jingħataw sitt leħħiet bi strofi differenti minn poeżiji differenti u fuqhom iridu jimmarkaw l-epiżewski jew l-anafori. L-istudenti jintalbu jiktbu eżempju ta' epiżewski u anafora li sabu mil-leħħiet fuq il-karta tat-taħriġ. L-għalliema ddur magħhom u tikkoreġihom dak il-ħin (punt nru. 3 f'taħriġ A u B).

(bejn 5 u 6 minuti)

*Is-Sitt Pass*: L-istudenti jqabblu l-metrika ta' din il-poeżija mal-poeżiji moderni l-oħra li saru fil-lezzjonijiet ta' qabel: 'Art il-Qirda' u 'Għabex Imċajpar'. L-istudenti għandhom jimlew it-tielet kaxxa tal-karta tat-taħriġ.

(bejn 3 u 4 minuti)

*L-Għeluq*: L-istudenti jridu jivvintaw mod kreattiv ta' kif tista' tkompli l-poeżija u l-istorja ta' Dimitri. Xħin l-istudenti jkunu lesti, kull grupp jaqsam il-ħsibijiet tiegħu mal-gruppi l-oħra sabiex jinnutaw kemm poeżija jista' jkollha interpretazzjonijiet varji.

(bejn 6 u 7 minuti)

**L-Assessjar**: It-taħriġ fi gruppi tal-identifikar u l-effetti tal-epiżewski u l-anafora fi strofi varji.

**Id-Differenzjar**: It-taħriġiet fuq il-karta tat-taħriġ/nota jistgħu jieħdu forma ta' taħriġ ta' 'veru jew falz' jew 'agħmel linja taħt it-tweġiba t-tajba' u l-qari tal-poeżija jsir mill-għalliema, mingħajr l-attività tat-tqegħid tal-istrofi wara xulxin.

L-istampi murija lill-istudenti fil-ftuħ tal-lezzjoni għat-tbassir tal-ġrajja tal-poeżija.






3



4



5



Il-leħħiet bl-istrofi tal-poeżija 'Stennewh' biex l-istudenti jippruvaw iqiegħduhom wara xulxin.

Stennewh lil Dimitri
stennewh, stennewh.
Stennewh lil Dimitri
stennewh.

Stennewh, avolja l-baħar aħrax
u r-ragħwa kesħet il-blat żonqri,
stennewh lil Dimitri s-sajjied.

U meta jiġi jkellmuna għajnejh
u jgħidulna l-ġrajja tal-biża'
ta' baħar qawwi bir-ragħwa
fuq fommu.

Iżda sakemm jiġi, jekk jiġi,
stennewh bil-ħrara
lil Dimitri s-sajjied.

# STENNEWH

ta' Jesmond Grech

Stennewh lil Dimitri
stennewh, stennewh.
Stennewh lil Dimitri
stennewh.

Stennewh, avolja l-baħar aħrax
u r-ragħwa kesħet il-blat żonqri,
stennewh lil Dimitri s-sajjied.

U meta jiġi jkellmuna għajnejh
u jgħidulna l-ġrajja tal-biża'
ta' baħar qawwi bir-ragħwa
fuq fommu.

Iżda sakemm jiġi, jekk jiġi,
stennewh bil-ħrara
lil Dimitri s-sajjied.

© Francesca Sacco 2022

**Minn *Demm fil-Korsija* (p. 10).**

L-Isem:_________________________ Id-Data:_________________________ Il-Klassi:____________

# STENNEWH

## ta' Jesmond Grech

Din il-poeżija hi dwar sajjied li jismu Dimitri li jmur fuq il-baħar waħdu u jiltaqa' ma' maltempata. Il-poeta jitlob biex in-nies ma jaqtgħux qalbhom milli jistennewh u jibqgħu jittamaw li se jirritorna.

Ir-repetizzjoni bl-**ANAFORI** u l-**EPIŻEWSKI** użati f'din il-poeżija jintensifikaw l-element ta' stennija tas-sajjied.

**Taħriġ A**: Kompli s-sentenzi t'hawn taħt dwar l-EPIŻEWSKI.

(1) L-epiżewski hija r-repetizzjoni ta' ____________________________________________

________________________________________________________________________.

(2) Eżempju ta' epiżewski f'din il-poeżija huwa: __________________________________

______________________________________ (v. ____ ).

(3) Eżempju ieħor ta' epiżewski huwa ________________________________________.

**Taħriġ B**: Kompli s-sentenzi t'hawn taħt dwar l-ANAFORA.

(1) L-anafora hija r-repetizzjoni ta' ______________________________________________

________________________________________________________________________.

(2) Eżempju ta' anafora fil-poeżija 'Stennewh' huwa:

______________________________________

______________________________________ (vv. ____ - ___ ).

(3) Eżempju ieħor ta' anafora huwa ___________________________________________

____________________________________________.

**Taħriġ Ċ**: Qabbel it-tliet poeżiji moderni ta' Jesmond Grech li saru s'issa. X'metrika nistgħu ngħidu li għandhom?

(1) Strofi - _________________________

(2) Versi - _________________________

(3) Rima - __________________________

© Francesca Sacco 2022

Il-preżentazzjoni bid-definizzjoni ta’ anafora u epiżewski b’xi eżempji.









Il-leħħiet bi strofi minn poeżiji varji li jinkludu eżempji ta' anafora u epiżewski.

Benninni, benninni,
Nessini kull diqa,
Benninni, bħal meta
Kont ċkejken fin-nieqa.
(vv. 13-16)

Misluta minn 'Lil Ommi' ta' Rużar Briffa.

Fuq għoljitek, Gelmus, irrid nitla',
Fejn inħosshom joqorbu s-smewwiet,
Fejn id-dinja, b'tilwimha, titbiegħed,
U tissaffa bis-sliema u s-skiet;
Fuq għoljitek, Gelmus, irrid nitla',
Fuq għoljitek naf ninsa kull hemm:
Kull ma ħażżen u ħażżem il-ħajja
Bid-dmugħ u bid-demm.
(vv. 1-8)

Misluta minn 'Gelmus' ta' George Zammit.

Sħaba gawwi sitta, sitta,
qiegħda tofroq is-smewwiet:
fuq id-dielja b'weraq niexef
tħalli ġmiel ta' dellijiet.
(vv. 1-4)

Misluta minn 'Sitta Sitta' ta' Marjanu Vella.

Inti li tfakkarni kemm Malta kienet
dari msemmija ma' kullimkien,
sakemm marbuta baqgħet ma' ġmielek,
sakemm ħassruha n-nies u ż-żmien.
(vv. 13-16)

Misluta minn 'Ilsien Pajjiżi' ta' Anastasju Cuschieri.

Xmejxa, xmejxa, tlift ix-xuxa,
Xitwa xxejjen kien min kien,
Tibda x-xita tbexxex traxxax,
Xita u ħxejjex ġol-widien.
(vv. 1-4)

Misluta minn 'Xita' ta' Mary Meylak.

Hawn tiġi r-ruħ biex tifhem,
hawn tiġi l-qalb tistrieħ,
hawn tiġi l-għajn biex tara,
hawn biss, x'inhu sabiħ.
(vv. 5-8)

Misluta minn 'Il-Bikja tal-Buskett' ta'
Oliver Friggieri.

## Lezzjoni 9: Viva San Nikola!

**Is-Silta Letterarja**: Silta minn *Nikola: Bniedem ta' Alla* (pp. 17-19).

**L-Iskaluna**: 7.2.5 Isiru midħla tal-isfond storiku u kulturali tat-test.

**Il-Kisba mit-Tagħlim**: 11. Nidentifika ġeneri differenti letterarji.

**L-Għanijiet**: Sa tmiem din il-lezzjoni, l-istudenti se:

(a) jiskopru disa' fatti dwar il-ħajja ta' San Nikola;

(b) jidentifikaw seba' karatteristiċi ta' poema; u

(ċ) jiddiskutu l-karatteristiċi ta' poema kkuntestwalizzati f'*Nikola: Bniedem t'Alla*.

**Ir-Riżorsi**: il-bord interattiv; il-bord; il-markers; il-karta bil-qari "Stennewh"; il-karta bil-qari "Il-Ħajja ta' Qdusija"; il-karta tat-taħriġ "Il-Poema: Nikola Bniedem t'Alla"; il-karta tax-xogħol għad-dar "Nikola Bniedem t'Alla: Ix-Xogħol għad-Dar"; il-Prezi "Min kien San Nikola?" mill-ħolqa: https://prezi.com/p/edit/hdfr9xyuxh8l/; il-filmat bis-sit Powtoon "Il-Poema" mill-ħolqa: https://www.powtoon.com/s/ftd9oNLt0Va/1/m/s.

**Il-Metodu tat-Tagħlim**: Reċtar tal-qari, wiri ta' filmat, u preżentazzjoni.

**L-Iżvilupp tal-Lezzjoni**:

*Il-Ftuħ*: L-istudenti jingħataw kopja ta' silta mill-poema *Nikola: Bniedem t'Alla* u l-għalliema tistaqsihom biex iqabbluha viżwalment mal-poeżija 'Stennewh' li jkunu għadhom kif iddiskutu fil-lezzjoni ta' qabel.

(bejn 4 u 5 minuti)

*L-Ewwel Pass*: L-istudenti jintwerew filmat qasir dwar il-ġeneru tal-poema u wara jiddiskutuh flimkien mal-għalliema b'referenza għas-silta letterarja.

(bejn 2 u 3 minuti)

*It-Tieni Pass*: L-għalliema tqassam il-karta tat-taħriġ u bl-għajnuna tal-wiri tal-filmat dwar il-poema, l-istudenti għandhom jimlew Taħriġ A li għandu jservi bħala nota.

(bejn 4 u 5 minuti)

*It-Tielet Pass*: L-għalliema tistaqsi lill-istudenti jekk jafux xi informazzjoni dwar San Nikola u l-ideat tajbin għandhom jinkitbu fuq il-bord. Hija tagħti ftit punti dwar ħajtu permezz tal-preżentazzjoni Prezi.

(bejn 3 u 4 minuti)

*Ir-Raba' Pass*: L-istudenti jintalbu jimlew Taħriġ B dwar xi tagħrif fuq San Nikola fuq l-istess karta tat-taħriġ permezz tal-Prezi.

(bejn 4 u 5 minuti)

*Il-Ħames Pass*: L-istudenti jintalbu jaqraw is-silta darba b'mod individwali. Wara, l-għalliema tistaqsi lil żewġ studenti jaqraw b'vuċi li tinstema' l-parti tal-ewwel u t-tielet xebba filwaqt li l-bqija tal-klassi taqra b'vuċi għolja l-partijiet tan-nies ta' Mira.

(bejn 4 u 5 minuti)

*Is-Sitt Pass*: L-istudenti flimkien mal-għalliema jiddiskutu dwar xiex inhi l-poema li jkunu għadhom kif qraw u għaliex tikkwalifika bħala poema. Id-diskussjoni tista' titmexxa permezz ta' xi mistoqsijiet mill-għalliema.

(bejn 4 u 5 minuti)

*L-Għeluq*: L-istudenti għandhom jagħmlu Taħriġ Ċ li fih mistennija japplikaw il-karatteristiċi ta' poema għas-silta li qraw fil-klassi.

(bejn 4 u 5 minuti)

**Ix-Xogħol għad-Dar**: Il-kitba ta' poeżija akrostika fuq il-karta tax-xogħol għad-dar.

**L-Assessjar**: It-taħriġ li jsir fl-għeluq, meta l-istudenti japplikaw dak li tgħallmu dwar il-poema għal *Nikola: Bniedem t'Alla*.

**Id-Differenzjar**: Minħabba li l-ġeneru tal-poema huwa kemxejn aktar avvanzat, din il-lezzjoni għandha ssir mal-istudenti tal-ogħla livell. Iżda, lezzjoni simili bil-poema *Nikola: Bniedem t'Alla* tista' xorta ssir ma' studenti ta' livell iktar baxx imma tiffoka fuq il-kwartina jew ma jingħatawx dettalji dwar il-poema, ħlief li hija poeżija twila.

# Il-Ħajja ta' Qdusija

1. BARKA FUQ IL-KOTRA

**NIES TA' MIRA**



Kbira l-barka li niżlet ġewwa qlubna
minn mindu t-twajjeb raħeb isqof sar.
Ġo Mira waqa' s-sliem li mela 'l djarna
U qatt ma rajn' għeġubijiet hekk kbar.

L-id t'Alla kemm-il darba waqfet magħna
u mill-inkwiet skansatna bla waqfien.
Alla setgħani sema' t-talb tagħna
u hena ħelwa nfirxet kullimkien.

Tat-tliet xebbiet kulħadd semagħha l-ġrajja,
kif l-Isqof magħhom mexa ta' ħabib
u flus familtu ma ddejjaqx iqassam
biex ġieħhom isalvalhom mit-tiġrib.

**XEBBA 1**

Min se jeħlisna mill-jiem koroh
li waqgħu fuqna tlett xebbiet
għax missierna b'xorti ħażina
safa mgħaddas f'baħar inkwiet.

[...]

© Francesca Sacco 2022

**XEBBA 3**

O Alla ieqaf magħna
minn qalbna nitolbuk.
Tħallix b'għajb kbir niċċappsu
Għax aħna inħobbuk.



**NIES TA' MIRA**

Niktet qalb Nikola din il-ġrajja
u tul il-lejl mit-twieqi tal-Palazz
beda jitfa' d-deheb biex b'hekk missierhom
seta' jkollu l-flus biex iżewwiġhom mingħajr ma
waqgħu fl-għajb jew fiż-żeblieh.

Darb' għamlu l-għassa biex ikunu jafu
min kien li wettaq l-opra tajba magħhom
u fis intebħu li kien l-Isqof tagħhom.

Imbierek kbir Nikola għax permezz tiegħek
l-imħabba t'Alla tinfirex fl-art kompliet.
Fik sab il-wens kull min l-għajnuna fittex;
sirt protettur tas-safa tax-xebbiet.

**Minn *Nikola: Bniedem t'Alla* (pp. 17-19).**






© Francesca Sacco 2022

Ritratti tal-filmat dwar il-poema maħluq permezz tas-sit elettroniku *Powtoon*.










3.
Il-versi
Il-vers imħaddem l-aktar għall-poema Maltija huwa l-**endekasillabu**, li huwa l-vers bi ħdax-il sillaba.
Xi drabi jintużaw ukoll il-versi ottonarji (ta' tmienja), novenarji (ta' disgħa) jew **versi mħalltin**.
CREATED USING POWTOON


4.
L-istrofi
Normalment, f'poema l-istrofi jkunu **kwartini** (strofi ta' erba' versi) jew **sestini** (strofi ta' sitt versi).
CREATED USING POWTOON


5. Xi tipi differenti ta' poema
• **poema epika**: imsejsa fuq miti u leġġendi
• **poema kavallereska**: dwar l-esperjenzi tal-Kavallieri
• **poema erojkomika**: tagħmel parodija mill-miti, leġġendi u l-istejjer tal-Kavallieri
CREATED USING POWTOON


6. Xi eżempji ta' poemi bil-Malti
1853 - Il-Ġifen Tork ta' Ġan Anton Vassallo
1938 - Il-Jien u lil Hinn Minnu ta' Dun Karm
1947 - Il-Għanja tas-Seba' Niċeċ ta' Ġorġ Zammit
1995 - Il-Bikja tal-Masġar ta' Oliver Friggieri
IL-ĠIFEN TORK
DUN KARM
IL-JIEN U LIL HINN MINNU
IL-GHANJA TAS SEBA' NIĊEĊ
CREATED USING POWTOON


It-tmiem
CREATED USING POWTOON

L-Isem:____________________________ Id-Data:____________________________ Il-Klassi:_____________

# Il-Poema
# Nikola: Bniedem t'Alla

**Taħriġ A**: Imla l-vojt ta' dawn is-sentenzi wara li smajt il-filmat dwar il-poema.

1. Il-poema hija __________________ minn poeżiji li mdorrijin naqraw.
2. Normalment, il-poema tirrakkonta ġrajja. Din hi poeżija ________________________.
3. L-aktar vers imħaddem għall-poema huwa l-_____________________________ iżda xi drabi jintużaw versi oħra jew versi _____________________.
4. F'poema, l-istrofi jkunu ________________________ jew sestini.
5. Eżempju ta' poema bil-Malti huwa: _______________________________________________________.



**Taħriġ B**: Imla l-vojt ta' dawn is-sentenzi permezz tal-preżentazzjoni dwar San Nikola.

1. San Nikola kien qassis Grieg u sar Isqof ta' ___________________ u ___________________.
2. Il-ġenerożità ta' San Nikola tidher meta darba ħalla xi boroż tad-deheb lil ________________________ xebbiet li kellhom missierhom fqir.
3. San Nikola huwa l-patrun tat-tfal u sar magħruf bħala dak li jġib ir-___________________.
4. Il-festa ta' San Nikola tiġi ċċelebrata fis-6 ta' Diċembru, speċjalment fir-raħal tas-___________________________ għax hu l-patrun tal-istess raħal.

**Taħriġ Ċ**: Imla l-vojt ta' dawn is-sentenzi dwar il-poema *Nikola: Bniedem t'Alla*.

1. Il-poema *Nikola: Bniedem t'Alla* hija twila tant li tieħu forma ta' ________________________.
2. Il-poema hija rakkont tal-_________________________ tal-qaddis San Nikola.
3. L-istrofi ta' din il-poema huma fil-maġġoranza ___________________________.
4. *Nikola: Bniedem t'Alla* għandha ___________________________ mħallta.
5. Ir-rima ta' din il-poema hija rima ____________________________ (ABĊB).

© Francesca Sacco 2022

Il-Prezi dwar San Nikola.









## Il-qalb kbira ta' San Nikola

Darba oħra San Nikola qajjem mill-mewt tliet subien li kienu nqatlu minn sid ta' post u ġew impoġġija fi bramel tal-ilma mielaħ.



Prezi

## San Nikola u l-baħar u l-baħħara

Hemm bosta stejjer dwar San Nikola fuq il-baħar. Meta kien żgħir San Nikola mar pellegrinaġġ lejn l-Art Imqaddsa u hu ġej lura, maltempata kienet se tkissrilhom ix-xini. Bit-talb tiegħu, it-temp ikkalma u waslu lura qawwijin u sħaħ. Għalhekk San Nikola huwa wkoll il-patrun tal-baħħara u l-vjaġġaturi.



Prezi

## San Nikola u t-tfal

San Nikola sar magħruf bħala l-patrun tat-tfal u sat-tlettax-il seklu kellu l-fama bħala dak li jġib ir-rigali. Huwa għalhekk li l-karattru ikoniku ta' Santa Klaws kif nafuh illum kien ispirat mill-qaddis San Nikola.





Prezi


Il-festa ta' San Nikola
Il-festa ta' San Nikola tiġi ċċelebrata nhar is-6 ta' Diċembru. F'Malta, din tiġi ċċelebrata l-aktar is-Siġġiewi, fejn it-tfal jagħmlu purċissjoni bl-istatwa ta' San Nikola. San Nikola huwa l-patrun tas-Siġġiewi stess.
Prezi

L-Isem:______________________________ Id-Data:______________________________ Il-Klassi:_____________

# Nikola: Bniedem t'Alla

## IX-XOGĦOL GĦAD-DAR

**Ikteb poeżija akrostika qasira lil San Nikola. Kull vers irid jibda bl-ittra li qiegħda fil-bidu tal-linja.**



N ______________________________________

I ______________________________________

K ______________________________________

O ______________________________________

L ______________________________________

A ______________________________________

© Francesca Sacco 2022

## Lezzjoni 10: "Fejn m'hemmx umiltà m'hemmx qdusija!"

**Is-Silta Letterarja**: Għadd ta' siltiet minn *Nar ġo Qalbna: Il-Ħajja ta' Eugenio Borg.*

**L-Iskaluna**: 7.2.7 Jużaw it-terminoloġija bażika u adattata meta jiġu biex jesprimu ruħhom dwar it-testi letterarji.

**Il-Kisba mit-Tagħlim**: 11. Nidentifika ġeneri differenti letterarji.

**L-Għanijiet**: Sa tmiem din il-lezzjoni, l-istudenti se:

(a) jagħrfu ħames elementi li jsawru l-ġeneru tar-rumanz bijografiku;

(b) jisimgħu u jaqraw dwar il-ħajja ta' Eugenio Borg; u

(ċ) isibu eżempji tal-karatteristiċi ta' rumanz bijografiku mis-siltiet mislutin mill-ktieb *Nar Ġo Qalbna: Il-Ġrajja ta' Eugenio Borg*.

**Ir-Riżorsi**: il-bord interattiv; il-bord; il-markers; il-PowerPoint "Ir-Rumanz Bijografiku"; foolscaps; il-karta tal-qari "Il-Bijografija ta' Eugenio Borg"; il-karta tat-taħriġ "Ir-Rumanz Bijografiku dwar Eugenio Borg"; ċart forma ta' profil ta' Instagram; stampi ta' Eugenio Borg u ħajtu kif ukoll stampi li mhumiex relatati; il-Google Sites mill-ħolqa: https://sites.google.com/d/155IX4-ZnpWoZTrzL1C9gtrhsgRGqC4w7/p/1mKaJ2xA1n_SOi1uOtpfYnuLpHLSQfBon/edit?pli=1; il-kwiżż mill-ħolqa: https://wordwall.net/resource/54842248; id-dokumentarju "Ewġenju Borg – Dokumentarju minn Robert D'Amato" minn YouTube: https://www.youtube.com/watch?v=R_Y0jRsCC3E&list=PLflycaBj2gSUkZ55nbftAwCNkUXvK7IDX&index=1 (00:00-04:10)

**Il-Metodu tat-Tagħlim**: Diskussjoni fil-klassi u ħidma kollaborattiva.

**L-Iżvilupp tal-Lezzjoni**:

*Il-Ftuħ*: L-istudenti jipparteċipaw fi kwiżż, li fih huma mitluba jaqraw l-informazzjoni bijografika pprovduta fuq għadd ta' personaġġi magħrufa, inkluż Maltin, u jqabbluhom mal-personaġġ it-tajjeb.

(bejn 3 u 4 minuti)

*L-Ewwel Pass*: L-għalliema flimkien mal-istudenti tiddiskuti xi karatteristiċi li jagħmlu l-ġeneru tar-rumanz bijografiku bl-għajnuna tal-PowerPoint.

(bejn 4 u 5 minuti)

*It-Tieni Pass*: L-istudenti jaraw silta qasira minn dokumentarju dwar il-ħajja ta' Eugenio Borg u fl-istess ħin l-istudenti għandhom jiktbu minn tal-inqas tliet punti dwar dak li semgħu. Dawn jiġu diskussi wara l-wiri tal-filmat.

(bejn 4 u 5 minuti)

*It-Tielet Pass*: L-għalliema tqassam il-karta tal-qari lil kull student u hi taqra paragrafu u wara tqabbad student jaqra paragrafu ieħor. Hija titlob lill-istudenti biex jimmarkaw xi frażijiet bil-lapes li juru aspetti bijografiċi.

(bejn 7 u 8 minuti)

*Ir-Raba' Pass*: Fuq l-istess foolscap li kienu qegħdin jiktbu x'semgħu mill-filmat, l-istudenti issa għandhom jiktbu minn tal-inqas tliet affarijiet li fehmu mill-qari u jiddiskutu xi wħud minnhom.

(bejn 3 u 4 minuti)

*Il-Ħames Pass*: L-għalliema tqassam il-karta tat-taħriġ lil kull student. Hija taqsam il-klassi f'erba' gruppi u kull grupp għandu jaħdem il-karta tat-taħriġ flimkien, li fiha għandhom isibu eżempju mill-bijografija ta' Eugenio Borg li titqabbel mal-karatteristiċi ta' rumanz bijografiku.

(bejn 6 u 7 minuti)

*L-Għeluq*: Kull grupp jingħata ċart f'forma ta' profil ta' Instagram u għażla ta' stampi. Fil-kaxxi u l-linji ta' fuq iċ-ċart l-istudenti għandhom jiktbu xi tagħrif li tgħallmu tul il-lezzjoni u jistgħu jwaħħlu xi stampi fuq iċ-ċart ipprovduti mill-għalliema. Huma jridu joqogħdu attenti li jwaħħlu dawk li huma marbuta mal-ħajja ta' Borg.

(bejn 5 u 6 minuti)

**Ix-Xogħol għad-Dar**: L-istudenti jfittxu xi informazzjoni jew riżorsa (bħal stampa, filmat, artiklu f'gazzetta, u l-bqija) dwar Eugenio Borg u jtellgħu l-materjal fuq is-sit elettroniku maħluq permezz tal-Google Sites, li jista' jiġi aċċessat mill-istudenti kollha.

**L-Assessjar**: L-għeluq tal-lezzjoni li fih għandhom jiffurmaw ċart bi profil ta' Instagram għal Eugenio Borg fi gruppi.

**Id-Differenzjar**: Għal studenti ta' livell għoli, il-qari għandu jsir kollu minnhom filwaqt li jekk il-lezzjoni se ssir ma' studenti ta' livell kemxejn batut, il-qari jsir mill-għalliema jew bl-għajnuna tal-għalliema.

**Nota għall-Għalliema**: Għal aktar tagħrif dwar Eugenio Borg, jista' jiġi kkonsultat il-ktieb *Ewġenju Borg: 1886-1967* ta' Ġorġ Borg.

Il-kwiżż bil-Wordwall dwar il-bijografiji ta’ personaġġi famużi għall-ftuħ tal-għaxar lezzjoni.






0:43 ✓ 2

Attriċi Amerikana li twieldet fil-11 ta' Frar fl-1969. Hija magħrufa l-aktar għall-parti tagħha ta' Rachel Green fis-serje televiżiva 'Friends', li biha rebħet numru ta' premijiet fosthom 'Golden Globe'. Hija ħadet sehem ukoll f'numru ta' films bħal 'Marley & Me' u 'Murder Mystery'. Dan l-aħħar bdiet tipproduċi xi films hi stess.

A  Jennifer Lopez

B  Meryl Streep

C  Jennifer Aniston

3 of 4

1:49 ✓ 3

Kantanta Maltija li twieldet fid-29 ta' Awwissu fl-2002. Hija rebħet il-Junior Eurovision Song Contest tal-2015 bid-diska 'Not my Soul'. Ħadet sehem ukoll fi 'Britain's Got Talent' u rrappreżentat lil Malta fil-'Eurovision Song Contest' tal-2021 bid-diska 'Je Me Casse', li kisbet is-seba' post. Hija kowċ fuq 'The Voice Kids Malta'.

A  Ira Losco

B  Destiny Chukunyere

C  Rachel Micallef

4 of 4

Il-preżentazzjoni dwar ir-rumanz bijografiku għall-ewwel pass tal-lezzjoni.









## Xi Karatteristiċi ta' Rumanz Bijografiku

3. Normalment, rumanz bijografiku jinkludi dettalji speċifiċi dwar il-ħajja ta' persuna, bħal:





   a. data u post tat-twelid
   b. informazzjoni dwar il-familja u t-tfulija
   ċ. suċċessi li nkisbu tul il-ħajja
   d. l-avvenimenti ewlenin fil-ħajja tal-persuna
   e. l-impatt li ħalla fuq is-soċjetà jew fl-istorja



## Xi Karatteristiċi ta' Rumanz Bijografiku

4. Rumanz bijografiku jista' jinkludi wkoll xi kwotazzjonijiet tal-persuna li ħajjitha qed tiġi rrakkuntata.



5. Għalkemm rumanz bijografiku jirrakkonta l-istorja vera ta' persuna partikolari, din hi mżewqa b'xi ftit kummenti tan-narratur stess.



6. Dawn huma xi eżempji ta' rumanzi bijografiċi bil-Malti:

- *Nar Ġo Qalbna: Il-Ġrajja ta' Eugenio Borg*, miktub minn Jesmond Grech
- *Dun Karm*, miktub minn Oliver Friggieri

# Il-Bijografija ta' Eugenio Borg

**Aqra dawn is-siltiet meħuda mill-ktieb *Nar Ġo Qalba: Il-Ġrajja ta' Eugenio Borg* ta' Jesmond Grech.**

Is-Sibt 24 ta' Lulju 1886. Ġurnata ta' sħana, bħal ħafna mill-ġranet ta' dak ix-xahar. Għal Salvatore u martu Carmela dik il-ġurnata ma kellhiex tkun bħall-oħrajn. Kienu qegħdin jistennew bil-ħerqa il-miġja ta' tarbija ġdida. Tarbija ġdida, tama ġdida, ħajja oħra... Salvatore u Carmela diġà kellhom tlett itfal oħra u t-tarbija ta' dakinhar kellha tkun ir-raba' wild. Min jaf x'kellha tkun? Tifel? Tifla?

[...]

"Ġibt it-tifel biex ngħammdu Reverendu," qal il-missier. "Għadu kemm twieled ftit sigħat ilu."

"Sewwa għamiltu Salv, sewwa għamiltu!" serraħlu moħħu l-qassis. "X'se ssemuh?"

Wiċċ Salv xegħel. "Eugenio, Reverendu!"

(pp.7-11)

L-għalqa ta' Luċtu kienet faċċata tal-knisja parrokkjali tal-Ħamrun. Min jaf kemm-il darba t-tfajjel Ġeġè ġera, lagħab u ddeverta f'dik l-għalqa! Forsi kien lejn dawk l-inħawi li għamel ħbieb mal-aħwa Bertu u Carmela Preca, ħut Dun Ġorġ, li kienu joqogħdu fl-istess triq.

Iż-żmien jgħaddi u ma jistenna 'l ħadd. It-tfajjel Ġeġè kiber u sar ġuvnott fuq tiegħu, żvelt u intelliġenti, għalkemm it-triq li għażel ma kinitx waħda akkademika.

Fil-ġranet sajfija Ġeġè kien jiġġennen għall-baħar u mhux l-ewwel darba li kien jerħilha lejn Sa Maison, Tal-Pietà u jgħaddi sigħat sħaħ jgħum f'baħar imkennen mis-swar. Dak il-post kien ifakkru fl-Isla, il-belt fejn twieled u qatta' l-ewwel snin torja ta' ħajtu.

(p.19)

Fit-8 ta' Mejju 1902, meta kellu sittax-il sena, Ġeġè daħal apprendist fl-iskola tat-Tarzna. Fi żmien meta ma kienx hawn skejjel tas-snajja', it-Tarzna kienet tipprovdi l-uniku mezz ta' avvanz għal dawk li kellhom il-ħila jħaddmu moħħhom flimkien ma' jdejhom.

[...]

Il-jum li fih Ġeġè daħal għall-ewwel darba mill-bieb tat-Tarzna baqa' stampat f'moħħu għal għomru. Issa ma kienx għadu tifel u l-esperjenza tax-xogħol kienet se tkompli timmaturah. Dak iż-żmien Ġeġè kien żagħżugħ twil, xagħru mimxut u mustaċċi kemm kemm jidhru.

(p.20)

© Francesca Sacco 2023

Jum fost l-oħrajn Eugenio kien ma' sħabu fl-għalqa ta' Luċtu meta lemħu ġuvnott liebes suttana riesaq lejhom b'pass kemxejn meqjus.

[...]

Kellhom raġun sħab Ġeġè li ma jagħrfuhx minnufih. [Dun] Ġorġ Preca kien bniedem pjuttost riservat. Kien mogħti għall-istudju u r-riflessjoni u ma tantx kien jitħallat kif ġieb u laħaq mal-oħrajn.

[...]

Minn dik il-laqgħa 'l quddiem, laqgħa li ġrat bejn wieħed u ieħor fl-1906, il-ħajja ta' Eugenio Borg, u dawk iż-żgħażagħ l-oħra kellha tinbidel. Mhux għax Eugenio kien bniedem ħażin, niftiehmu. Kellha tinbidel għax fis-Soċjetà li kien qiegħed ifassal [Dun] Ġorġ Preca, dawk iż-żgħażagħ kellhom jagħrfu l-vera vokazzjoni tagħhom.

U waqt li kien qiegħed iżomm is-sigarett li kien talabhom, id-djaknu beda jkellimhom u jgħallimhom.

[...]

Ġeġè kien jitgħaxxaq b'dawn il-laqgħat. Lil [Dun] Ġorġ Preca kien jafu tajjeb għax kienu ġirien, imma qatt ma kien kellmu qabel. Forsi għaliex id-djaknu, sitt snin ikbar minnu, kien pjuttost serju u riservat. Issa però, permezz ta' dawn il-laqgħat Ġeġè kellu opportunità jduq ftit mit-tagħlim li aktar tard kellu jwassal hu stess lil ħaddieħor.

(pp.28-33)

Ġeġè kien bniedem umli ħafna; għalhekk nistgħu naħsbu kif ħa l-aħbar mingħand Dun Ġorġ meta l-Fundatur qallu li kien se jaħtru Superjur Ġenerali tas-Soċjetà tal-Papidi (kif kienet tissejjaħ is-Soċjetà Museumina fil-bidu tagħha).

"Nixtieqek tkun is-Superjur Ġenerali," qallu Dun Ġorġ. "X'jidhirlek?"

Ġeġè tħawwad. Ma setax jagħti risposta minnufih. Minn banda kien kuntent u onorat bil-fiduċja li kien wera fih il-Fundatur. Mill-banda l-oħra ma xtaqx li jkun f'dik il-pożizzjoni minħabba l-virtù tal-umiltà. X'kien se jagħmel? Fl-aħħar qatagħha li jmur jieħu parir mingħand il-konfessur tiegħu.

"Li jgħidli nagħmel," kien stqarr Ġeġè. Kien jaf li Alla kien se jinqeda b'dak li se jgħidlu l-konfessur tiegħu.

"Agħmel dak li jgħidlek Dun Ġorġ Preca," qallu l-konfessur. U Eugenio aċċetta li jkun l-ewwel Superjur Ġenerali tas-Soċjetà.

Insibu ħafna nies li jgħidulna bl-umiltà kbira li kellu Ġeġè. Wieħed minn dawn huwa Maurice Mifsud li għal xi żmien kellu lil Ġeġè bħala parrinu tiegħu. Dun Ġorġ kien xtaq li kull soċju jagħżel soċju ieħor biex jiggwidah fil-ħajja spiritwali Museumina. Dan jissejjaħ "il-parrinu".

© Francesca Sacco 2023

Mifsud kien jafu sew lil Ġeġè għax is-Superjur Ġenerali kien ilu ħdax-il sena parrinu tiegħu. Huwa qal: "Kien bniedem tassew spiritwali u jien nammirah minħabba f'hekk. Qatt ma kien jiddandan. Kien jinsisti fuq il-virtuwijiet tal-umiltà, kastità, fidi u perseveranza. Kien iħobb jgħid ta' spiss: 'Fejn m'hemmx umiltà m'hemmx qdusija'".

(p.52)

Huma bosta xhieda tal-ħajja qaddisa ta' Ġeġè fit-Tarzna. Hemmhekk kulħadd kellu suġġizzjoni minnu u kien magħruf bħala s-sur Ewġen jew bħala "il-qaddis". Il-workshop fejn kien jaħdem kienu jsibuh bħala tal-qaddis. Dan għaliex is-Superjur kellu madwaru ċertu awra ta' qdusija. Ħafna li kienu jafuh personalment ma jafux kif jaqbdu jispjegawha sewwa.

Huwa kien jgħin lil kulħadd (tal-Museum jew mhux) bil-pariri siewja tiegħu. Meta darba Ċikku Schembri tas-Siġġiewi ried ikellmu mar sad-dar tas-Soċji Interni f'Ħaż-Żebbuġ u staqsa għalih hemm. Wara ftit is-Superjur Ġenerali ħareġ jilqgħu bil-boilersuit b'kollox. Jiġifieri immedjatament neħħa minn idejh ix-xogħol ta' mastrudaxxa li kien qiegħed jagħmel u mar jara x'kellu bżonn dak is-soċju.

Dan l-istess soċju jiftakar uħud mill-pariri sbieħ li kien jagħti Ġeġè, fosthom kif kien inissel 'l min jisimgħu x-xewqa li jisma' l-quddies kollu li jkun qiegħed isir mad-dinja kollha. Fil-ħerqa tiegħu għall-imħabba t'Alla, Ġeġè kien jixtieq li jkun preżenti fil-quddies kollu li jsir. L-imħabba kbira li kellu għall-quddies u għat-tqarbin kienet iġġagħlu jixtieq l-impossibbli. U għal Alla xejn mhu impossibbli...

Minn kittieba oħra bħal Ġorġ Borġ nafu b'episodji oħra li juru l-qalb tajba tas-Superjur. Darba kien hemm ħaddiem, sieħbu fuq ix-xogħol, li kellu bżonn jieħu l-injezzjonijiet kuljum. Peress li dawn kienu se jiġuh spiża kbira Ġeġè offra biex ta' kuljum, wara x-xogħol, imur id-dar ta' dan it-tali u jagħtih l-injezzjonijiet hu. Hu ma kienx iqis l-intrigu jew l-iskomdu li kien se jkollu, basta jgħin il-proxxmu.

[...]

Ġeġè kien għaraf ukoll joħloq dak iċ-ċertu distakk li kien importanti biex ma jaqax fin-nasbiet li x-xitan jaf joħloq permezz tal-politka. Minkejja li huwa, bħal kull Malti ieħor, għex f'perjodi jaħarqu ta' antiklerikaliżmu fi żmien Manuel Dimech, Gerald Strickland u Dom Mintoff, qatt ma nstema' li Ġeġè jew Dun Ġorġ għaddew xi kumment li bih weġġgħu lil xi ħadd. Dan żied ħafna r-rispett li kellhom in-nies lejn dawn iż-żewġ personaġġi kbar. "ĠID LIL KULĦADD U DENI LIL ĦADD": din l-eżortazzjoni ta' Dun Ġorġ, miktuba fil-bronż fuq il-ħajt fil-ġenb tal-kappella tal-Madonna tal-Midalja Mirakoluża fil-Blata l-Bajda, kienet ħaġa li dawn iż-żewġ mexxejja kbar għexu fil-prattika.

Spiċċat il-gwerra, iż-żminijiet inbidlu imma t-tagħlim fid-djar tal-Museum kompla dejjem jiżdied.

(pp.77-79)

© Francesca Sacco 2023

L-Isem:____________________________ Id-Data:____________________________ Il-Klassi:_____________

# Ir-Rumanz Bijografiku dwar Eugenio Borg

**Taħriġ A: Għal kull karatteristika ta' rumanz bijografiku mniżżla hawn taħt, fittex eżempju wieħed mis-siltiet meħuda minn *Nar Ġo Qalbna: Il-Ġrajja ta' Eugenio Borg*.**

1. Ġrajja rrakkuntata fit-tielet persuna

2. Żewġ ġrajjiet f'ordni kronoloġika

3. Kwotazzjoni vera

4. Sinjal tal-vuċi tal-awtur

5. Dettall speċifiku dwar il-persuna (data tat-twelid, l-avvenimenti ewlenin u l-impatt fuq is-soċjetà, u l-bqija)

© Francesca Sacco 2023

Instagram



**Ġeġè Borg**

Editja l-Profil



© Francesca Sacco 2022

L-istampi għat-tħejjija taċ-ċart dwar Eugenio Borg fl-għeluq tal-lezzjoni.























Il-Google Sites qabel l-intervent tal-istudenti.




Kampjun tal-Google Sites wara l-intervent tal-istudenti.






## Lezzjoni 11: Niltaqgħu ma' Jesmond Grech

**L-Iskaluna**: 7.2.2 Jaraw rabta bejn ħajjet il-kittieba u l-produzzjoni letterarja tagħhom.

**L-Għanijiet**: Sa tmiem din il-lezzjoni, l-istudenti se:

(a) isiru jafu aktar dwar Jesmond Grech u x'wasslu biex jikteb it-testi letterarji tiegħu;

(b) jiktbu xi ħaġa ġdida li tgħallmu mid-diskors ta' Jesmond Grech u bit-tagħrif jiffurmaw puzzle; u

(ċ) jistaqsu lill-awtur mistoqsija dwar it-testi letterarji tiegħu.

**Ir-Riżorsi**: xi kotba ta' Jesmond Grech; xi xogħlijiet tal-istudenti; il-karta tat-taħriġ "Il-Laqgħa ma' Jesmond Grech"; iċ-ċart f'forma ta' puzzle "Il-Laqgħa ma' Jesmond Grech"; il-leħħiet forma ta' biċċiet ta' puzzle.

**Il-Metodu tat-Tagħlim**: Il-laqgħa mal-awtur.

**It-Tħejjija minn Qabel**: L-istudenti se jkunu mħeġġa jġibu magħhom xi kotba ta' Jesmond Grech jew xi xogħlijiet li għamlu f'dan l-istudju ta' awtur. Se jkunu ntalbu jaħsbu f'mistoqsija li jixtiequ jistaqsu lill-awtur dwar it-testi letterarji li saru fil-klassi. L-awtur se jiġi infurmat minn qabel bl-għaxar testi letterarji li ġew diskussi fil-klassi.

**L-Iżvilupp tal-Lezzjoni**:

*Il-Ftuħ*: Jesmond Grech jidħol fil-klassi. Fil-klassi se jkun hemm ukoll il-kotba tiegħu miġbura. L-għalliema tqassam leħħa forma ta' biċċa ta' puzzle lil kull student.

(bejn 2 u 3 minuti)

*L-Ewwel Pass*: Jesmond Grech jagħti kelmtejn fuq ħajtu u fuq it-testi letterarji li jkunu ddiskutew l-istudenti fil-lezzjonijiet ta' qabel. Huwa jitkellem ukoll fuq l-ispirazzjoni u d-deċiżjonijiet li ħa biex wasslu għall-kitba tagħhom. L-istudenti jintalbu jiktbu xi ħaġa waħda ġdida li tgħallmu dwar Grech u kitbietu fuq il-leħħa.

(bejn 9 u 10 minuti)

*It-Tieni Pass*: L-awtur jaqra l-aktar silta li togħġbu minn ktieb li l-istudenti qraw u analizzaw xi siltiet minnu.

(bejn 3 u 4 minuti)

*It-Tielet Pass*: L-għalliema tqassam karta tat-taħriġ żgħira lill-istudenti. Xi studenti differenti jintgħażlu biex jistaqsu lill-awtur xi mistoqsijiet li ħejjew minn qabel dwar it-testi letterarji li ddiskutew tul l-istudju ta' awtur. L-istudenti jniżżlu l-mistoqsija u t-tweġiba tagħhom fl-ispazju.

(bejn 9 u 10 minuti)

*Ir-Raba' Pass*: Jesmond Grech jiffirma xi kotba li l-istudenti jkunu xtraw minn qabel u ġabu magħhom għal-lezzjoni. L-awtur jista' wkoll jiffirma xi xogħlijiet li saru fil-klassi mill-istudenti.

(bejn 7 u 8 minuti)

*L-Għeluq*: L-għalliema tpoġġi ċart mal-art f'post ċentrali tal-klassi, bi stampa ta' Grech fin-nofs u l-burdura tal-puzzle li l-istudenti għandhom jiffurmaw bil-leħħiet li għandhom. L-istudenti jintalbu jaqraw dak li kitbu fuq il-leħħiet tagħhom u jwaħħluhom fil-post it-tajjeb biex fl-aħħar jagħqdu puzzle sħiħa b'dak li tgħallmu ġdid mil-laqgħa.

(bejn 4 u 5 minuti)

**L-Assessjar**: Il-kitba ta' xi ħaġa ġdida li tgħallmu l-istudenti mil-laqgħa mal-awtur.

**Id-Differenzjar**: L-istruttura u l-kontenut f'din il-lezzjoni għandhom jimmiraw għal studenti b'abbiltajiet differenti. L-għalliema għandha tgħin lill-istudenti li huma ta' livell ftit aktar baxx minn tal-oħrajn meta dawn jiġu biex iħejju mistoqsija li jixtiequ jistaqsu lill-awtur.

Il-karta tat-taħriġ żgħira li fuqha l-istudenti jiktbu l-mistoqsija u t-tweġiba fit-tielet pass.




Il-leħħiet mogħtija lill-istudenti biex fuqhom jiktbu x'tgħallmu mid-diskors tal-awtur.



IL-LAQGĦA MA'

# JESMOND GRECH



© Francesca Sacco 2023

## Lezzjoni 12: L-evalwazzjoni ta' x'tgħallmu l-istudenti tul l-istudju ta' awtur

**L-Għan**: Sa tmiem din il-lezzjoni, l-istudenti se jaħdmu karta ta' test fuq dak li tgħallmu fl-istudju ta' awtur dwar Jesmond Grech.

**Ir-Riżorsi**: il-karta tat-test "Insiru Nafu lil Jesmond Grech" u l-karta tat-taħriġ "L-Esperjenza Tiegħi Nsir Naf lil Jesmond Grech".

**It-Tħejjija minn Qabel**: L-istudenti għandhom jerġgħu jaqraw is-siltiet u jirrevedu dak li sar fil-klassi, l-aktar in-noti sabiex ikunu mħejjija għat-test.

**L-Iżvilupp tal-Lezzjoni:**

*Il-Ftuħ*: L-istudenti jidħlu fil-klassi u l-għalliema titlobhom biex joħorġu dak li għandhom bżonn għal waqt it-test minn ġol-basket. Noti u kotba u materjal ieħor relatat ma' dak li sar fil-klassi għandu jitħalla fil-basket. Xħin l-istudenti jkunu lesti, għandhom ipoġġu l-basket fuq quddiem tal-klassi u huma jpoġġu bilqiegħda.

(bejn 1 u 2 minuti)

*L-Ewwel Pass*: L-għalliema tqassam il-karta tat-test lill-istudenti. Hija titlob lill-istudenti jiktbu d-data, isimhom u kunjomhom u l-klassi fejn hu meħtieġ fuq l-ewwel paġna tal-karta.

(bejn 2 u 3 minuti)

*It-Tieni Pass*: L-għalliema tgħid lill-istudenti biex iwieġbu l-mistoqsijiet kollha f'ħamsa u għoxrin minuta. Hija tgħid lill-istudenti li jistgħu jibdew it-test.

(bejn 1 u 2 minuti)

*It-Tielet Pass*: L-istudenti jaħdmu t-test b'mod individwali.

(bejn 24 u 25 minuti)

*Ir-Raba' Pass*: L-għalliema tiġbor il-karti tat-test.

(bejn 1 u 2 minuti)

*L-Għeluq*: L-għalliema tqassam il-karta "L-Esperjenza Tiegħi Nsir Naf lil Jesmond Grech". L-istudenti jirriflettu fuq l-esperjenza tagħhom tul l-istudju ta' awtur u jwieġbu l-mistoqsijiet fuq il-karta tat-taħriġ.

(bejn 5 u 6 minuti)

**Id-Differenzjar**: It-tip ta' taħriġiet fil-karta tat-test jistgħu jiġu ssimplifikati għal dawk bħal ta' 'veru jew falz' u 'imla l-vojt' minflok Taħriġ B u Ċ għal studenti ta' livell iktar baxx. L-għadd ta' kliem mistennija li jiktbu l-istudenti f'Taħriġ D għandu jogħla jew jonqos skont il-livell tal-istudenti.

Il-Kulleġġ San Pankrazju

L-Iskola Sekondarja Ħal Muxi

Il-Karta tat-Test

# INSIRU NAFU LIL JESMOND GRECH

Is-Sena: Id-Disa' Sena tas-Sekondarja

Is-Suġġett: Il-Malti

Il-Qasam tal-Lingwa: L-Esperjenza Letterarja

**It-Tul tat-Test: 25 minuta**

L-Isem:_______________________________________________

Id-Data:______________________________________________

Il-Klassi:________________

**Għall-istudent/a:**

1. Din il-karta tat-test hi maqsuma f'erba' eżerċizzji.
2. Wieġeb il-mistoqsijiet kollha kif mitlub/a.

**Għall-għalliema:**

| Taħriġ | Taħriġ A | Taħriġ B | Taħriġ Ċ | Taħriġ D | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|
| Marka | 12 | 18 | 15 | 15 | 60 |
| Marka tal-Istudent/a | | | | | |

Kummenti:

_____________________________________________________________________________________

_____________________________________________________________________________________

© Francesca Sacco 2022

**Taħriġ A: Agħmel <u>linja</u> taħt it-tweġiba t-tajba.**

(żewġ marki għal kull mistoqsija)

1. Jesmond Grech huwa:
   a. il-Kap tad-Dipartiment tal-Malti.
   b. il-Kap tad-Dipartiment tal-Istorja.
   ċ. student tal-Maġisteru fil-Malti l-Università ta' Malta.

2. F'silta partikolari minn *Ġenerazzjoni Paceville*, missier Marlene jgħid lil bintu li:
   a. għandha tistudja għax bla ċertifikati ma ssibx xogħol.
   b. bilfors trid tgħaddi mill-eżamijiet għax jekk le, ma toħroġx ma' sħabha.
   ċ. għalkemm tajjeb li tistudja, l-aktar ħaġa importanti hi li tkun kuntenta.

3. Fir-rumanz *Imħabba mill-Ġdid*, Ronald jistqarr imħabbtu lil Audrey iżda Audrey:
   a. tħoss li hi ma tħobbux daqskemm iħobbha hu.
   b. tħobbu aktar milli hu jħobb lilha.
   ċ. tgħidlu biex ma jitlaqx lil martu Suzanne għax hi ma tħobbux.

4. Eugenio Borg kien l-ewwel:
   a. Isqof Malti.
   b. Superjur Ġenerali tal-MUSEUM.
   ċ. Arċipriet Malti.

5. L-użu ta' kemm-il darba tal-kelma "stennewh" fil-poeżija 'Stennewh' hija eżempju ta':
   a. metafora.
   b. similitudni.
   ċ. anafora.

6. Il-poeżiji 'Għabex Imċajpar' u 'Art il-Qirda' għandhom tema:
   a. tal-ħbiberija.
   b. tal-gwerra.
   ċ. tal-imħabba.

______

12-il marka

© Francesca Sacco 2022

**Taħriġ B: Wieġeb dawn il-mistoqsijiet.** (tliet marki għal kull mistoqsija)

1. Semmi karatteristika ta' mit u spjega kif din tidher f'"Pandora u l-Kaxxa Maġika'.

______________________________________________

______________________________________________

2. Mir-rumanz *Gideb u Mħabba*, semmi żewġ pariri li tagħti Marvic lil seħbitha Grace.

______________________________________________

______________________________________________

3. X'inhi 'poema'?

______________________________________________

______________________________________________

4. Semmi karattru tond mill-kotba ta' Grech u spjega għaliex għażilt dan il-karattru.

______________________________________________

______________________________________________

5. Fejn huma ambjentati l-parti l-kbira tal-kotba ta' Jesmond Grech? Agħti eżempju biex issaħħaħ l-argument tiegħek.

______________________________________________

______________________________________________

6. Semmi att ta' ġenerożità li għamel San Nikola li baqa' magħruf għalih.

______________________________________________

______________________________________________

______ 18-il marka

© Francesca Sacco 2022

**Taħriġ Ċ: Wieġeb dawn il-mistoqsijiet f'aktar dettall.**
(ħames marki għal kull mistoqsija)

1. B'referenza għal ħajjet Jesmond Grech, għaliex taħseb li hu awtur tajjeb għaż-żgħażagħ? Agħti eżempju biex issaħħaħ it-tweġiba tiegħek.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

2. Liema karattru ta' Jesmond Grech għoġbok l-aktar? Agħti raġuni għat-tweġiba tiegħek.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

3. Mil-lezzjonijiet kollha li saru, f'mhux aktar minn 40 kelma, ikteb dwar l-istil ta' kitba ta' Jesmond Grech.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

_________
15-il marka

© Francesca Sacco 2022

**Taħriġ D: Ikteb fit-tul.** (ħmistax-il marka għall-mistoqsija)

1. Agħżel silta letterarja jew test letterarju ta' Jesmond Grech li għoġbok u f'madwar 80 kelma, spjega għaliex għoġbok. Saħħaħ l-argument tiegħek b'evidenza.

____________________________________________________________________________

____________________________________________________________________________

____________________________________________________________________________

____________________________________________________________________________

____________________________________________________________________________

____________________________________________________________________________

____________________________________________________________________________

____________________________________________________________________________

____________________________________________________________________________

____________________________________________________________________________

____________________________________________________________________________

____________________________________________________________________________

____________________________________________________________________________

____________________________________________________________________________

____________________________________________________________________________

____________________________________________________________________________

____________________________________________________________________________

____________________________________________________________________________

____________________________________________________________________________

_____ 15-il marka

**TMIEM**

© Francesca Sacco 2022

Il-Kulleġġ San Pankrazju

L-Iskola Sekondarja Ħal Muxi

Il-Karta tat-Tweġibiet

# INSIRU NAFU LIL JESMOND GRECH

Is-Sena: Id-Disa' Sena tas-Sekondarja

Is-Suġġett: Il-Malti

Il-Qasam tal-Lingwa: L-Esperjenza Letterarja

## Il-Karta tat-Tweġibiet u l-Iskema tal-Marki

| **Taħriġ A** | | |
|---|---|---|
| 1. | b. Il-Kap tad-Dipartiment tal-Istorja. | 2 marki |
| 2. | ċ. għalkemm tajjeb li tistudja, l-aktar ħaġa importanti hi li tkun kuntenta. | 2 marki |
| 3. | a. tħoss li ma tħobbux daqskemm iħobbha hu. | 2 marki |
| 4. | b. Superjur Ġenerali tal-MUSEUM. | 2 marki |
| 5. | ċ. anafora. | 2 marki |
| 6. | b. tal-gwerra. | 2 marki |

© Francesca Sacco 2022

| Taħriġ B | | |
|---|---|---|
| 1. | It-tweġiba għandha tinkludi wieħed minn dawn il-punti:<br>a. F'mit, it-tajjeb dejjem jirbaħ fuq il-ħażin bħalma l-figura tat-tama fil-mit ta' 'Pandora u l-Kaxxa Maġika' dejjem se tkun qiegħda hemm avolja mill-kaxxa maġika ħareġ il-ħażen kollu tad-dinja.<br>b. Mit ikun fih element ta' fantasija għax il-mit jinkludi kaxxa maġika li mhix reali u jissemmew karattri li għandhom ċerti poteri bħal Żews.<br>ċ. Il-metafora tal-vjaġġ hija karatteristika ta' mit bħal kif f' 'Pandora u l-Kaxxa Maġika', Pandora tivvjaġġa mid-dinja tal-allat Griegi għad-dinja tal-bniedem.<br>d. Mit jinkludi ħjiel li l-ġrajja hi mnebbħa mill-folklor minħabba l-fatt li l-karattri jagħmlu parti mill-mitoloġija Griega.<br>e. Mit jinkludi tagħlima u minn 'Pandora u l-Kaxxa l-Maġika' nistgħu nitgħallmu li għalkemm hemm il-ħażen fid-dinja xorta għandna nittamaw għal ħajja aħjar. | 3 marki |
| 2. | It-tweġiba għandha tinkludi tnejn minn dawn il-punti:<br>a. Marvic tgħid lil Grace biex tavża lil Claudio bit-tqala tagħha.<br>b. Marvic tissuġġerixxi li Grace tgħid lil Claudio biex jitlaq lil martu u jieħu ħsiebha kif suppost.<br>ċ. Marvic tissuġġerixxi li Grace m'għandhiex tibqa' tkellem lil Paul sakemm tgħid lil Claudio bit-tqala. | 3 marki |
| 3. | Poema hija poeżija twila u li ħafna drabi hija ppubblikata f'forma ta' ktieb. | 3 marki |
| 4. | Eżempju ta' karattru tond mill-kotba ta' Jesmond Grech huwa dak ta' Tessie, li fil-bidu tar-rumanz tkun passiva u mdejqa waqt li tkun qed tieħu d-drogi u toħroġ ma' Tonio iżda terġa' ssib il-kuntentizza meta tirritorna lejn darha u tingħaqad ma' żewġha. | 3 marki |
| 5. | Il-parti l-kbira tal-kotba ta' Jesmond Grech huma ambjentati f'Malta għax insibu referenza għal postijiet Maltin bħal Paceville fil-ktieb *Ġenerazzjoni Paceville*. | 3 marki |
| 6. | Darba San Nikola kien ħalla xi boroż tad-deheb lil tliet xebbiet li kellhom missierhom fqir. | 3 marki |

© Francesca Sacco 2022

| Taħriġ Ċ | | |
|---|---|---|
| 1. | It-tweġiba għandha tinkludi punt minn dawn:<br>a. Jesmond Grech jikteb dwar esperjenzi li jgħaddu minnhom iż-żgħażagħ bħall-karattri f'*Ġenerazzjoni Paceville*, li għadhom l-iskola, iħobbu jiddevertu u xi kultant ikollhom xi jgħidu mal-ġenituri tagħhom.<br>b. Fil-kitbiet ta' Jesmond Grech wieħed jista' jsib għadd ta' valuri u tagħlimiet għall-ħajja li jistgħu jgħinu fl-iżvilupp taż-żgħażagħ bħal kif il-mit ta' 'Pandora u l-Kaxxa Maġika' tgħallimna li għandna dejjem nittamaw għal futur aħjar fost il-ħażen kollu fid-dinja.<br>ċ. Il-fatt li Jesmond Grech għallem għal għadd ta' snin u jinsab bħala kap tad-dipartiment fis-sekondarja jfisser li jagħmilha maż-żgħażagħ ta' kuljum hu konxju ta' kif inhi ħajjithom.<br>Jew ideat simili. | 5 marki |
| 2. | It-tweġiba tista' tkun waħda minn dawn:<br>a. Nista' nirrelata ma' Marlene minn *Ġenerazzjoni Paceville* għax jiena wkoll għadni mmur l-iskola u nagħmel l-eżamijiet u bħalha jien inħobb noħroġ ma' sħabi u xi kultant il-ġenituri tiegħi jkollhom ħsibijiet u mentalità differenti miż-żgħażagħ.<br>b. Inħoss li nista' nirrelata ma' Grace minn *Gideb u Mħabba* għax bħalha xi kultant nibża' ngħid il-verità u nżomm sigrieti għalija biss, kif ukoll għax għandi ħbieb tajbin li jagħtuni pariri tajbin.<br>ċ. Nista' nirrelata ma' Tessie minn *Imħabba bla Tmiem* minħabba l-fatt li bħalha, jien qabel kont kwieta, passiva u ma kontx kuntenta imma issa nħoss li sirt aktar fuq tiegħi u naf nagħmel deċiżjoni.<br>Jew ideat simili. | 5 marki |
| 3. | It-tweġiba għandha tinkludi dawn it-tliet punti:<br>a. Il-poeżiji ta' Grech huma ta' stil modern bħal 'Art il-Qirda', 'Għabex Imċajpar' u 'Stennewh', ħlief għall-poema.<br>b. Fil-parti l-kbira tar-rumanzi ta' Grech, il-protagonista tkun mara, bħal Grace, Tessie, Marlene.<br>ċ. Ir-rumanzi ta' Grech huma fil-parti l-kbira ambjentati f'Malta għax insibu referenzi għal Paceville fost l-oħrajn.<br>Jew ideat simili. | 5 marki |

**Taħriġ D**: Il-marki għandhom jingħataw jekk jissemma test letterarju ta' Grech u skont kemm l-istudent jispjega l-preferenza tiegħu b'eżempji tajbin.

© Francesca Sacco 2022

L-Isem:_______________________ Id-Data:_______________________ Il-Klassi:___________

# L-ESPERJENZA TIEGĦI
# NSIR NAF LIL JESMOND GRECH

Wieġeb dawn il-mistoqsijiet.



1. **X'għoġbok l-aktar mil-lezzjonijiet dwar Jesmond Grech u kitbietu?**

___________________________________________________

___________________________________________________

___________________________________________________

2. **X'kienet l-inqas ħaġa li għoġbitek?**

___________________________________________________

___________________________________________________

___________________________________________________





3. **Ħassejt li tgħallimt aktar dwar il-letteratura Maltija minn dawn il-lezzjonijiet?**

___________________________________________________

___________________________________________________

___________________________________________________

© Francesca Sacco 2022